Il-missjoni ġenerali tal-EIT hi li jagħti spinta lil tkabbir ekonomiku u kompetittività Ewropej sostenibbli billi jsaħħaħ il-kapaċità tal-innovazzjoni tal-Istati Membri u tal-Unjoni. B'mod partikolari, l-EIT isaħħaħ il-kapaċità tal-innovazzjoni tal-Unjoni u jindirizza l-isfidi tas-soċjetà bl-integrazzjoni tat-triangolu tal-għarfien tal-edukazzjoni ogħla, ir-riċerka u l-innovazzjoni. L-EIT jopera permezz tal-KICs tiegħu: sħubijiet Ewropej fuq skala kbira li jindirizzaw sfidi speċifiċi tas-soċjetà billi jlaqqgħu flimkien l-organizzazzjonijiet tal-edukazzjoni, tar-riċerka u tan-negozju. L-EIT jipprovdi għotjiet lill-KICs, jissorvelja l-attivitajiet tagħhom, jappoġġa l-kollaborazzjoni bejn il-KICs u jxerred ir-riżultati u l-prassi tajba.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

| | | |
|---|---|---|
| EFTA-ŻEE | 9 490 690 | 6 6 0 0 |
| Pajjiżi Oħra | 57 637 197 | 6 0 1 0 |

**Partita 01 02 04 01** — Twessigħ tal-parteċipazzjoni u tixrid tal-eċċellenza

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 379 744 528 | 241 934 541 | 379 744 528 | 241 934 541 | 379 744 528 | 249 434 541 | 379 744 528 | 241 934 541 | 379 744 528 | 241 934 541 |

## Kummenti:

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tnaqqas l-ispariġġi u d-distakk eżistenti fil-prestazzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni permezz tal-kondiviżjoni tal-għarfien u l-kompetenza esperta madwar l-Unjoni billi tgħin biex il-pajjiżi u r-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni jikbru biex jiksbu pożizzjoni kompetittiva fil-ktajjen tal-valur globali u biex l-Unjoni tibbenefika bis-sħiħ mill-potenzjal tar-R&I tal-Istati Membri kollha. Għaldaqstant hija meħtieġa azzjoni ulterjuri, pereżempju permezz tal-promozzjoni ta' trasparenza u diversità tal-konsorzji ta' proġetti, sabiex tiġi miġġielda t-tendenza ta' kollaborazzjonijiet esklużivi, li jistgħu jeskludu għadd kbir ta' istituzzjonijiet u individwi promettenti, inkluż dawk ġodda, u sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-pula ta' talent tal-Unjoni billi jiġu massimizzati u kondiviżi l-benefiċċji tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-Unjoni kollha.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

| | | |
|---|---|---|
| EFTA-ŻEE | 9 379 690 | 6 6 0 0 |
| Pajjiżi Oħra | 56 961 679 | 6 0 1 0 |

**Partita 01 02 04 02** — Riforma u titjib tas-sistema Ewropea tar-R&I

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 83 177 114 | 91 764 076 | 77 177 114 | 89 764 076 | 83 177 114 | 91 764 076 | 83 177 114 | 91 764 076 | 83 177 114 | 91 764 076 |

## Kummenti:

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex issaħħaħ u tikkomplementa reċiprokament riformi ta' politika fil-livell nazzjonali permezz tal-iżvilupp ta' inizjattivi ta' politika fil-livell tal-Unjoni, riċerka, networking, partenarjati, koordinazzjoni, ġbir ta' *data* u monitoraġġ u evalwazzjoni.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE 2 054 475 6 6 0 0

Pajjiżi Oħra 12 476 567 6 0 1 0

**Artikolu 01 02 05** — Attivitajiet operazzjonali orizzontali

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 161 663 030 | 147 117 092 | 158 663 030 | 146 117 092 | 161 663 030 | 147 117 092 | 161 663 030 | 147 117 092 | 161 663 030 | 147 117 092 |

# Kummenti:

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri azzjonijiet ta' natura orizzontali, li jappoġġaw il-preparazzjoni, il-monitoraġġ, il-kontroll, l-awditjar, l-evalwazzjoni u attivitajiet u nefqiet oħra neċessarji għall-ġestjoni u l-implimentazzjoni ta' Orizzont Ewropa kif ukoll l-evalwazzjoni tal-kisba tal-objettivi tiegħu. Tista' tkopri wkoll attivitajiet marbuta mat-teknoloġija tal-informazzjoni, inkluż għodod tat-teknoloġija tal-informazzjoni, komunikazzjoni u disseminazzjoni korporattivi, kif ukoll tagħmel użu mir-riżultati biex tappoġġa l-innovazzjoni u l-kompetittività, u appoġġ għal esperti indipendenti li jevalwaw proposti għal proġetti. Dan jista' jinkludi wkoll attivitajiet trażversali li jinvolvu diversi prijoritajiet ta' Orizzont Ewropa.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE 3 993 077 6 6 0 0

Pajjiżi Oħra 24 249 454 6 0 1 0

**Artikolu 01 03 01** — Riċerka u żvilupp tal-fużjoni

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 106 793 598 | 101 623 000 | 104 793 598 | 101 023 000 | 106 793 598 | 101 623 000 | 106 793 598 | 101 623 000 | 106 793 598 | 101 623 000 |

**Artikolu 01 03 02** — Fizzjoni nukleari, sikurezza u protezzjoni mir-radjazzjoni (azzjonijiet indiretti)

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 48 775 972 | 52 140 300 | 47 775 972 | 51 840 300 | 48 775 972 | 52 140 300 | 48 775 972 | 52 140 300 | 48 775 972 | 52 140 300 |

**Artikolu 01 20 01** — Proġetti pilota

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 4 332 168 | p.m. | 4 332 168 | 7 803 500 | 8 237 918 | p.m. | 4 332 168 | 8 794 000 | 6 530 668 |

**Artikolu 01 20 02** — Azzjonijiet preparatorji

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 7 882 891 | p.m. | 7 882 891 | 8 025 000 | 11 895 391 | p.m. | 7 882 891 | 8 025 000 | 9 889 141 |

**Artikolu 02 01 10** — Nefqa ta' appoġġ għall-Programm InvestEU

| Abbozz tal-baġit 2022 | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | Konċiljazzjoni 2022 |
|---|---|---|---|---|
| 1 000 000 | 500 000 | 1 000 000 | 1 000 000 | 1 000 000 |

**Kapitolu 02 02** — Fond InvestEU

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 1 195 627 000 | 1 031 432 172 | 1 150 627 000 | 1 016 432 172 | 1 195 627 000 | 1 031 432 172 | 1 195 627 000 | 1 031 432 172 | 1 195 627 000 | 1 031 432 172 |

# Kummenti:

Approprjazzjonijiet fil-qafas ta' dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru l-kostijiet ta' garanzija tal-Unjoni mogħtija fil-qafas tal-Fond InvestEU għal operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment imwettqa

insostenn tal-politiki interni tal-Unjoni. Huma koperti wkoll il-kostijiet għal mekkaniżmu ta' appoġġ konsultattiv biex jappoġġa l-iżvilupp ta' proġetti investibbli u l-aċċess għall-finanzjament u biex jipprovdi bini ta' kapaċità relatat ("iċ-Ċentru ta' Konsulenza tal-InvestEU"). Fl-aħħar nett, huma koperti wkoll il-kostijiet għal bażi ta' *data* li tagħti viżibbiltà lill-proġetti li l-promoturi tal-proġetti jkunu qed ifittxu finanzjament għalihom u li tipprovdi lill-investituri b'informazzjoni dwar opportunitajiet ta' investiment ("il-Portal tal-InvestEU").

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul ieħor assenjat, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

Barra minn hekk, u skont ir-Regolament (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020, id-dħul assenjat estern li jirriżulta mir-rikavat tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru imdaħħal fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet għal dan il-programm taħt dan it-titolu għal ammont totali ta' EUR 6 074 000 000 f'impenji fi prezzijiet attwali. L-ammonti indikati fir-rimarki tal-baġit tal-linji baġitarji rilevanti taħt dan it-titolu jipprovdu informazzjoni dwar l-ammont mistenni ta' impenji legali fl-2021.

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 23).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433, I, 22.12.2020, p. 11)

Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30).

Ir-Regolament (UE) Nru 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi Orizzont Ewropa — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).

**Artikolu 02 02 02** — Garanzija tal-UE — mill-Fond InvestEU — Proviżjonament tal-fond ta' proviżjonament komuni

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 1 163 727 000 | 50 000 000 | 1 133 727 000 | 40 000 000 | 1 163 727 000 | 50 000 000 | 1 163 727 000 | 50 000 000 | 1 163 727 000 | 50 000 000 |

## Kummenti:

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-proviżjonament tal-garanzija tal-UE u kostijiet oħrajn relatati mal-implimentazzjoni tal-garanzija tal-UE mill-Fond InvestEU.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

| | | |
|---|---|---|
| Rikavati mill-EURI | 1 765 000 000 | 5 0 4 0 |
| Dħul assenjat ieħor | 25 000 000 | 6 0 2 0 |

**Artikolu 02 02 03** — Ċentru ta' Konsulenza InvestEU, Portal ta' InvestEU u miżuri ta' akkumpanjament

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 31 900 000 | 21 760 000 | 16 900 000 | 16 760 000 | 31 900 000 | 21 760 000 | 31 900 000 | 21 760 000 | 31 900 000 | 21 760 000 |

## Kummenti:

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri pagamenti lil sħab konsultattivi (inkluż il-Bank Ewropew tal-Investiment kif ukoll banek promozzjonali nazzjonali u istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali) għall-implimentazzjoni tal-inizjattivi konsultattivi differenti taħt iċ-Ċentru tal-Konsulenza tal-InvestEU kif ukoll il-kostijiet tal-attivitajiet relatati mat-twaqqif, l-iżvilupp u t-tmexxija tal-Portal InvestEU, inkluż it-tim tal-iskrinjar tal-proġetti, l-attivitajiet ta' komunikazzjoni u l-attivitajiet ta' żvilupp u manutenzjoni tal-IT. Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-kostijiet relatati mal-funzjonament u r-remunerazzjoni tal-Kumitat tal-Investiment InvestEU.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Rikavati mill-EURI 52 500 000 5 0 4 0

**Kapitolu 02 03** — Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE)

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 2 823 656 950 | 2 714 523 035 | 2 819 656 950 | 2 713 223 035 | 3 030 946 443 | 2 818 167 782 | 2 821 856 950 | 2 712 723 035 | 2 821 856 950 | 2 712 723 035 |

## Kummenti:

L-approprjazzjonijiet f'dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru azzjonijiet li jiffokaw fuq l-iżvilupp u l-modernizzazzjoni tan-networks trans-Ewropej fl-oqsma diġitali, tat-trasport u tal-enerġija u biex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli, filwaqt li jitqiesu l-impenji ta' dekarbonizzazzjoni fit-tul u b'enfasi fuq sinerġiji fost is-setturi.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul ieħor assenjat, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 (ĠU L 249, 14.7.2021, p. 38).

**Artikolu 02 03 01** — Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) — Trasport

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 1 750 762 023 | 860 500 000 | 1 750 762 023 | 860 500 000 | 1 850 762 023 | 910 500 000 | 1 748 962 023 | 858 700 000 | 1 748 962 023 | 858 700 000 |

**Artikolu 02 03 02** — Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) — Enerġija

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 795 674 488 | 245 580 000 | 795 674 488 | 245 580 000 | 875 241 937 | 285 363 725 | 795 674 488 | 245 580 000 | 795 674 488 | 245 580 000 |

## Kummenti:

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri l-kostijiet ta' proġetti ta' interess komuni marbuta mal-integrazzjoni ulterjuri ta' suq intern tal-enerġija effiċjenti u kompetittiv, mal-interoperabbiltà tan-networks b'mod transfruntier u transsettorjali, mal-faċilitazzjoni tad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija, mal-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika u l-iżgurar tas-sigurtà tal-provvista, u ma' proġetti li jimmiraw li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni transfruntiera fil-qasam tal-enerġija, inkluża l-enerġija rinnovabbli.

**Partita 02 03 03 01** — Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) — Diġitali

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 277 220 439 | 164 183 100 | 273 220 439 | 162 883 100 | 304 942 483 | 178 044 122 | 277 220 439 | 164 183 100 | 277 220 439 | 164 183 100 |

**Partita 02 04 01 10** — Ċibersigurtà

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 120 000 000 | 115 772 894 | 120 000 000 | 115 772 894 | 144 000 000 | 127 772 894 | 120 000 000 | 110 772 894 | 120 000 000 | 110 772 894 |

## Kummenti:

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri azzjonijiet li jiżguraw li l-kapaċitajiet essenzjali meħtieġa biex jiġu żgurati l-ekonomija diġitali, is-soċjetà u d-demokrazija tal-Unjoni jkunu preżenti u aċċessibbli għas-settur pubbliku u għan-negozji tal-Unjoni, u biex itejbu l-kompetittività tal-industrija taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni. Hi tinkludi l-investimenti meħtieġa għall-Infrastruttura ta' Komunikazzjoni Quantum.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

| | | |
|---|---|---|
| EFTA-ŻEE | 3 012 000 | 6 6 0 0 |

**Partita 02 04 01 11** — Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 151 311 791 | 151 192 982 | 151 311 791 | 151 192 982 | 151 311 791 | 151 192 982 | 151 311 791 | 33 192 982 | 151 311 791 | 17 192 982 |

## Kummenti:

Iċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-parti taċ-ċibersigurtà tal-programm Ewropa Diġitali u ta' Orizzont Ewropa. L-objettiv taċ-Ċentru huwa li jtejjeb il-kapaċitajiet, l-għarfien u l-infrastrutturi taċ-ċibersigurtà għas-servizz tal-industriji, tas-settur pubbliku u tal-komunitajiet ta' riċerka.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

| | | |
|---|---|---|
| EFTA-ŻEE | 3 797 926 | 6 6 0 0 |

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament (UE) 2021/887 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi ċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà u n-Network ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni (ĠU L 202, 8.6.2021, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi Orizzont Ewropa — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).

**Artikolu 02 04 03** — Intelliġenza artifiċjali

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 332 511 489 | 294 811 860 | 315 511 489 | 289 211 860 | 365 762 637 | 311 437 434 | 332 511 489 | 245 811 860 | 332 511 489 | 214 811 860 |

## Kummenti:

*Ex Partita PP 09 21 01*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri azzjonijiet għall-iżvilupp tal-kapaċità tal-intelliġenza artifiċjali (IA) fl-Ewropa skont il-Pakkett tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali. Għal dan il-għan, l-azzjonijiet se jiffukaw fuq il-bini u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet ċentrali tal-IA, b'attenzjoni partikolari mogħtija lir-riżorsi tad-*data* u lill-infrastruttura tal-clouds federati, billi jkunu magħmula aċċessibbli għan-negozji u għall-amministrazzjonijiet pubbliċi kollha. L-azzjonijiet se jsaħħu u jrawmu wkoll rabtiet bejn faċilitajiet eżistenti tal-ittestjar u tal-esperimentazzjoni bl-IA fl-Istati Membri u se jappoġġaw l-istabbiliment ta' libreriji ta' algoritmi tal-IA.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE 8 346 038 6 6 0 0

**Artikolu 02 04 04** — Ħiliet

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 92 948 068 | 57 000 000 | 81 948 068 | 53 400 000 | 106 890 278 | 63 971 105 | 92 948 068 | 52 000 000 | 92 948 068 | 49 000 000 |

## Kummenti:

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri azzjonijiet biex jiġi żgurat li l-forza tax-xogħol attwali u futura tkun tista' faċilment tikseb ħiliet diġitali avvanzati, speċjalment fil-computing ta' prestazzjoni għolja, fl-intelliġenza artifiċjali u fiċ-ċibersigurtà, billi l-istudenti, il-gradwati u l-ħaddiema eżistenti jiġu offruti l-mezzi biex jiksbu u jiżviluppaw dawn il-ħiliet, irrispettivament minn fejn ikunu jinsabu.

Il-programm Ewropa Diġitali għandu jiżgura il-promozzjoni effettiva tal-opportunitajiet indaqs għall-kulħadd, u l-implimentazzjoni tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-azzjonijiet tiegħu.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE 2 332 997 6 6 0 0

**Partita 02 04 05 01** — Introduzzjoni

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 143 241 850 | 163 973 807 | 131 241 850 | 159 973 807 | 143 241 850 | 163 973 807 | 143 241 850 | 124 973 807 | 143 241 850 | 124 973 807 |

## Kummenti:

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri azzjonijiet li jespandu l-aħjar użu tal-kapaċitajiet diġitali, speċjalment il-computing ta' prestazzjoni għolja, l-intelliġenza artifiċjali u ċ-ċibersigurtà, fl-ekonomija kollha f'oqsma ta' interess pubbliku u fis-soċjetà, inkluż l-introduzzjoni ta' soluzzjonijiet interoperabbli f'oqsma ta' interess pubbliku, u biex jiġi faċilitat l-aċċess għat-teknoloġija u l-għarfien espert għan-negozji kollha, speċjalment l-SMEs.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE 3 595 370 6 6 0 0

**Partita 02 04 05 02** — Introduzzjoni / Interoperabbiltà

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 29 619 225 | 19 757 200 | 19 619 225 | 16 457 200 | 29 619 225 | 19 757 200 | 29 619 225 | 19 757 200 | 29 619 225 | 19 757 200 |

## Kummenti:

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-blokka tal-interoperabbiltà tal-programm Ewropa Diġitali li huwa s-suċċessur tal-programm ISA² li ntemm f'Diċembru 2020.

L-interoperabbiltà tas-servizzi pubbliċi Ewropej tikkonċerna l-livelli kollha tal-amministrazzjoni: Unjoni, nazzjonali, reġjonali u lokali. L-għan tal-blokka tal-interoperabbiltà tal-programm Ewropa Diġitali huwa li telimina l-frammentazzjoni tas-servizzi Ewropej, u li timplimenta approċċ transsettorjali u transfruntier olistiku għall-interoperabbiltà. Se tiffaċilita u tappoġġa t-tfassil, l-iżvilupp, l-aġġornament, l-użu u l-introduzzjoni ta' soluzzjonijiet u oqfsa interoperabbli mill-amministrazzjonijiet pubbliċi, min-negozji u miċ-ċittadini Ewropej. Se toffri wkoll lill-amministrazzjonijiet pubbliċi aċċess għall-ittestjar u l-pilotaġġ tat-teknoloġiji diġitali, inkluż l-użu transfruntier tagħhom.

Il-blokka tal-interoperabbiltà se tiġi implimentata f'kooperazzjoni u koordinazzjoni mill-qrib fil-kuntest tal-programm Ewropa Diġitali ma' DĠ CNECT, mal-Istati Membri u mas-servizzi tal-Kummissjoni kkonċernati permezz ta' proġetti u miżuri ta' akkumpanjament (sensibilizzazzjoni, promozzjoni, bini ta' komunitajiet, eċċ.).

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

| | |
|---|---|
| EFTA-ŻEE | 743 443 6 6 0 0 |

**Kapitolu 02 10** — Aġenziji deċentralizzati

| | Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 02 10 | 190 237 250 | 190 237 250 | 189 487 250 | 189 487 250 | 195 372 477 | 195 372 477 | 190 237 250 | 190 237 250 | 192 724 250 | 192 724 250 |
| Riżerva | 687 000 | 687 000 | 687 000 | 687 000 | 687 000 | 687 000 | 2 487 000 | 2 487 000 | 2 487 000 | 2 487 000 |
| Total | 190 924 250 | 190 924 250 | 190 174 250 | 190 174 250 | 196 059 477 | 196 059 477 | 192 724 250 | 192 724 250 | 195 211 250 | 195 211 250 |

## Kummenti:

Approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru l-persunal u n-nefqa amministrattiva tal-aġenziji deċentralizzati (it-Titoli 1 u 2) u fejn applikabbli, in-nefqa operazzjonali relatata mal-programm ta' ħidma (it-Titolu 3).

It-pjanijiet ta' stabbiliment tal-aġenziji jinsabu fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsima.

L-aġenziji għandhom jinformaw lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, l-ammonti mħallsa lura f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1) u kwalunkwe dħul assenjat ieħor, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

**Artikolu 02 10 01** — Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA)

| | Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 02 10 01 | 37 325 380 | 37 325 380 | 37 325 380 | 37 325 380 | 37 325 380 | 37 325 380 | 37 325 380 | 37 325 380 | 39 125 380 | 39 125 380 |
| Riżerva | | | | | | | 1 800 000 | 1 800 000 | 1 800 000 | 1 800 000 |
| Total | 37 325 380 | 37 325 380 | 37 325 380 | 37 325 380 | 37 325 380 | 37 325 380 | 39 125 380 | 39 125 380 | 40 925 380 | 40 925 380 |

## Kummenti:

L-EASA hija l-aġenzija tas-sikurezza tal-avjazzjoni tal-Unjoni. Il-missjoni tagħha hija li tiżgura l-ogħla livell komuni ta' protezzjoni tas-sikurezza għaċ-ċittadini tal-UE, tiżgura l-ogħla livell komuni ta' protezzjoni ambjentali, tistabbilixxi proċess regolatorju u ta' ċertifikazzjoni uniku fost l-Istati Membri, tiffaċilita s-suq intern tal-avjazzjoni u joħloq kundizzjonijiet ekwi, u taħdem ma' organizzazzjonijiet u regolaturi tal-avjazzjoni internazzjonali oħrajn.

L-attivitajiet ewlenin tal-organizzazzjoni jinkludu l-ġbir u l-analiżi tal-intelligence dwar is-sikurezza u d-data dwar il-prestazzjoni biex jinkisbu pjanijiet ta' azzjoni strateġiċi, iċ-ċertifikazzjoni ta' prodotti tal-avjazzjoni u l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet fl-oqsma kollha tal-avjazzjoni (id-disinn, il-produzzjoni, il-manutenzjoni, it-taħriġ, il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru, eċċ.) it-tħejjija ta' materjal regolatorju li jistabbilixxi standards komuni għall-avjazzjoni fl-Ewropa, u l-monitoraġġ u l-ispezzjonijiet tal-implimentazzjoni effettiva ta' tali standards fl-Istati Membri u fl-Istati ġirien tal-UE li ffirmaw ftehimiet tal-avjazzjoni tal-UE.

Il-kompiti mwettqa mill-EASA jkopru l-ispettru sħiħ tar-regoli tas-sikurezza tal-avjazzjoni tal-UE, u għandhom komponent internazzjonali importanti billi l-Aġenzija għandha mandat legali biex tikkoopera mal-atturi internazzjonali sabiex tikseb l-ogħla livell ta' sikurezza għaċ-ċittadini tal-UE globalment (pereż. il-lista tas-sikurezza tal-UE, l-awtorizzazzjonijiet tal-Operaturi ta' Pajjiżi Terzi, u l-implimentazzjoni tal-ipprogrammar tal-assistenza teknika lejn pajjiżi terzi). Stabbilita fl-2002, l-EASA hija magħmula minn aktar minn 800 espert tal-avjazzjoni u amministratur u għandha 31 Stat Membru (27 UE + l-Iżvizzera, l-Iżlanda, in-Norveġja u l-Liechtenstein). Hija għandha erba' uffiċċji internazzjonali f'Montreal, Washington, Beijing u Singapor. Tipikament il-baġit tagħha jikkonsisti prinċipalment minn tariffi u imposti (64 %), is-sussidju tal-UE (23 %), fondi assenjati (11 %) u kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi (2 %).

| | |
|---|---|
| Kontribuzzjoni totali mill-Unjoni | 41 478 000 |
| *li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (l-artikolu tad-dħul 6 6 2)* | 2 352 620 |
| L-ammont imdaħħal fil-baġit | 39 125 380 |

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

| | |
|---|---|
| EFTA-ŻEE | 936 867 6 6 0 0 |

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 (ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1).

## Atti ta' referenza:

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 tat-3 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-ekwipaġġi tal-ajruplani tal-avjazzjoni ċivili skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 311, 25.11.2011, p. 1).

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 646/2012 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar multi u ħlasijiet perjodiċi ta' penali (ĠU L 187, 17.7.2012, p. 29 ).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012 tat-3 ta' Awwissu 2012 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni tal-ajrunavigabbiltà u ambjentali ta' inġenji tal-ajru u ta' prodotti, partijiet u tagħmir relatati, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni (ĠU L 224, 21.8.2012, p. 1).

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 923/2012 li jistabbilixxi regoli komuni tal-ajru u dispożizzjonijiet operattivi dwar is-servizzi u l-proċeduri fin-navigazzjoni bl-ajru (ĠU L 281, 13.10.2012, p.1).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 296, 25.10.2012, p. 1)

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1079/2012, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1207/2011, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1206/2011, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 73/2010, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 262/2009, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 29/2009, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 633/2007, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1033/2006, u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1032/2006 dwar il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u l-interoperabbiltà tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru.

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 628/2013 tat- 28 ta' Ġunju 2013 dwar metodi ta' operat tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għat-twettiq ta' spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni u għal-monitoraġġ tal-applikazzjoni tar-regoli fir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 736/2006 (ĠU L 179, 29.6.2013, p. 46).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 139/2014 li jistabbilixxi rekwiżiti u proċeduri amministrattivi b'rabta mal-ajrudromi (ĠU L 44, 14.2.2014, p. 1 ).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 452/2014 tad-29 ta' April 2014 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru ta' operaturi minn pajjiżi terzi (ĠU L 133, 6.5.2014, p. 12).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014 tas-26 ta' Novembru 2014 dwar il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiċi, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol (ĠU L 362, 17.12.2014, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/340 tal-20 ta' Frar 2015 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati ma' liċenzji u ċertifikati tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru (ĠU L 63, 6.3.2015, p. 1).

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru (UE) 2017/373 li jistabbilixxi rekwiżiti komuni għall-forrnituri ta' servizzi fil-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru / tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u funzjonijiet oħra tan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-sorveljanza tagħhom (ĠU L 62, 8.3.2017, p. 1) .

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1048 li jistipula rekwiżiti dwar l-użu tal-ispazju tal-ajru u l-proċeduri operattivi dwar navigazzjoni bbażata fuq il-prestazzjoni (ĠU L 189, 26.7.2018, p. 3).

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew (ĠU L 56, 25.2.2019, p. 1).

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/945 tat-12 ta' Marzu 2019 dwar sistemi ta' inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord u dwar operaturi ta' sistemi tal-ajru mingħajr bdot abbord minn pajjiżi terzi (ĠU L 152, 11.6.2019, p. 1).

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/947 tal-24 ta' Mejju 2019 dwar ir-regoli u l-proċeduri għall-operazzjoni ta' inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord (ĠU L 152, 11.6.2019, p. 45).

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2153 dwar it-tariffi u l-imposti imposti mill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 36).

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ippreżentata mill-Kummissjoni fl-14 ta' Lulju 2021, dwar l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ugwali għal trasport bl-ajru sostebibbli (COM(2021) 561 final).

**Artikolu 02 10 02** — Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA)

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 82 696 601 | 82 696 601 | 81 946 601 | 81 946 601 | 82 696 601 | 82 696 601 | 82 696 601 | 82 696 601 | 82 696 601 | 82 696 601 |

## Kummenti:

L-EMSA hija l-aġenzija tas-Sikurezza Marittima tal-Unjoni. Hija tinsab fil-qalba tan-network tas-sikurezza marittima tal-Unjoni u tirrikonoxxi bis-sħiħ l-importanza ta' kollaborazzjoni effettiva b'ħafna interessi differenti u, b'mod partikolari, bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u internazzjonali, l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri u l-industrija marittima.

L-attivitajiet tal-EMSA jinkludu: l-għoti ta' assistenza teknika u xjentifika lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni kif suppost tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sikurezza marittima, is-sigurtà, il-prevenzjoni tat-tniġġis mill-bastimenti u s-simplifikazzjoni amministrattiva tat-trasport marittimu; monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni permezz ta' żjarat u spezzjonijiet; titjib tal-kooperazzjoni mal-Istati Membri u bejniethom; il-bini tal-kapaċità tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti; l-għoti ta' assistenza operazzjonali, inkluż l-iżvilupp, il-ġestjoni u l-manteniment ta' servizzi marittimi integrati b'rabta mal-bastimenti, mal-monitoraġġ tal-bastimenti u mal-infurzar; twettiq ta' kompiti ta' tħejjija operazzjonali, detezzjoni u rispons fir-rigward tat-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti u tniġġis tal-baħar minħabba installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass; u, fuq talba tal-Kummissjoni, l-għoti ta' assistenza teknika u operazzjonali lil pajjiżi terzi.

| | |
|---|---|
| Kontribuzzjoni totali mill-Unjoni | 84 272 400 |
| *Li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus*<br>*(l-Artikolu tad-dħul 6 6 2)* | 1 575 799 |
| L-ammont imdaħħal fil-baġit | 82 696 601 |

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

| | | |
|---|---|---|
| EFTA-ŻEE | 2 075 685 | 6 6 0 0 |

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 911/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar finanzjament pluriennali għall-azzjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn vapuri u minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 115).

Ir-Regolament (UE) 2016/1625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (ĠU L 251, 16.9.2016, p. 77).

**Artikolu 02 10 03** — L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA)

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 26 164 199 | 26 164 199 | 26 164 199 | 26 164 199 | 31 299 426 | 31 299 426 | 26 164 199 | 26 164 199 | 26 164 199 | 26 164 199 |

## Kummenti:

L-ERA tikkontribwixxi għall-iżvilupp ulterjuri u l-funzjonament effettiv ta' żona ferrovjarja unika Ewropea mingħajr fruntieri, billi tiggarantixxi livell għoli ta' sikurezza u interoperabbiltà ferrovjarja, filwaqt li ttejjeb il-pożizzjoni kompetittiva tas-settur ferrovjarju. B'mod partikolari, l-ERA tikkontribwixxi, fir-rigward ta' kwistjonijiet tekniċi, għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni billi tiżviluppa approċċ komuni għas-sikurezza fis-sistema ferrovjarja tal-Unjoni u billi ttejjeb il-livell ta' interoperabbiltà fis-sistema ferrovjarja tal-Unjoni. Objettivi oħra tal-ERA huma li jiġi segwit it-tnaqqis tar-regoli ferrovjarji nazzjonali sabiex tiġi appoġġata l-prestazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali li jaġixxu fl-oqsma tas-sikurezza u l-interoperabbiltà ferrovjarja, li tiġi promossa l-ottimizzazzjoni tal-proċeduri, li jiġu mmonitorjati l-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza u l-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità, li jiġu ġestiti u jinżammu aġġornati għadd ta' reġistri vitali għat-tħaddim bla xkiel taż-żona ferrovjarja Ewropea.

Bid-dħul fis-seħħ tal-pilastru tekniku tar-Raba' Pakkett Ferrovjarju, ir-rwol tal-ERA hu estiż sostanzjalment. Mis-16 ta' Ġunju 2019, l-ERA saret l-awtorità tal-Unjoni responsabbli mill-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid ta' vetturi ferrovjarji fis-suq, miċ-ċertifikati tas-sikurezza uniċi għal impriżi ferrovjarji u mill-approvazzjonijiet tas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju maġenb il-binarji.

| | |
|---|---|
| Kontribuzzjoni totali mill-Unjoni | 26 278 423 |
| *Li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (l-Artikolu tad-dħul 6 6 2)* | 114 224 |
| L-ammont imdaħħal fil-baġit | 26 164 199 |

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

| | |
|---|---|
| EFTA-ŻEE | 656 721 6 6 0 0 |

## Bażi ġuridika:

Id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' sewwieqa tal-ferroviji li joperaw lokomotivi u ferroviji fuq is-sistema ferrovjarja tal-Komunità (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 51).

Ir-Regolament (UE) 2016/796 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 881/2004 (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 1).

Id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 44).

Id-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar is-sikurezza ferrovjarja (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 102).

**Artikolu 02 10 04** — L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA)

| | Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 02 10 04 | 22 283 440 | 22 283 440 | 22 283 440 | 22 283 440 | 22 283 440 | 22 283 440 | 22 283 440 | 22 283 440 | 22 893 440 | 22 893 440 |
| Riżerva | 610 000 | 610 000 | 610 000 | 610 000 | 610 000 | 610 000 | 610 000 | 610 000 | 610 000 | 610 000 |
| Total | 22 893 440 | 22 893 440 | 22 893 440 | 22 893 440 | 22 893 440 | 22 893 440 | 22 893 440 | 22 893 440 | 23 503 440 | 23 503 440 |

## Kummenti:

L-ENISA ġiet stabbilita sabiex ittejjeb il-kapaċità tal-Unjoni, tal-Istati Membri u, bħala konsegwenza, tal-komunità tan-negozju sabiex tevita, tindirizza u twieġeb problemi dwar is-sigurtà tan-networks u tal-informazzjoni. Sabiex jintlaħaq dan il-għan, l-ENISA se tiżviluppa livell għoli ta' esperjenza u se tippromwovi kooperazzjoni wiesgħa bejn l-atturi mis-settur pubbliku u minn dak privat.

L-għan tal-ENISA huwa li tipprovdi assistenza sabiex tagħti parir lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri dwar kwistjonijiet relatati mas-sigurtà tan-networks u tal-informazzjoni li jaqgħu fil-kompetenzi tagħhom u li, meta tintalab, tassisti lill-Kummissjoni fix-xogħol preparatorju tekniku għall-aġġornament u l-iżvilupp tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-sigurtà tan-netwerk u tal-informazzjoni.

| | |
|---|---|
| Kontribuzzjoni totali mill-Unjoni | 23 633 000 |
| *Li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (l-Artikolu tad-dħul 6 6 2)* | 739 560 |
| L-ammont imdaħħal fil-baġit | 22 893 440 |

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE 574 625 6 6 0 0

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà) u dwar iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 526/2013 (l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà) (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 15).

**Artikolu 02 10 06** — Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER)

| | Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 02 10 06 | 14 429 947 | 14 429 947 | 14 429 947 | 14 429 947 | 14 429 947 | 14 429 947 | 14 429 947 | 14 429 947 | 14 506 947 | 14 506 947 |
| Riżerva | 77 000 | 77 000 | 77 000 | 77 000 | 77 000 | 77 000 | 77 000 | 77 000 | 77 000 | 77 000 |
| Total | 14 506 947 | 14 506 947 | 14 506 947 | 14 506 947 | 14 506 947 | 14 506 947 | 14 506 947 | 14 506 947 | 14 583 947 | 14 583 947 |

## Kummenti:

L-ACER hija korp indipendenti u arbitru newtrali dwar kwistjonijiet regolatorji, li tista' tieħu deċiżjoni vinkolanti meħtieġa għall-integrazzjoni tas-Suq Intern Ewropew tal-Enerġija (IEM), kemm għall-elettriku kif ukoll għall-gass naturali, u b'hekk tappoġġa l-Patt Ekoloġiku Ewropew u tibni Ewropa aktar reżiljenti. L-ACER hija fdata wkoll bis-superviżjoni tas-swieq bl-ingrossa tal-elettriku u tal-gass sabiex tipprevjeni, tidentifika u tinvestiga l-manipulazzjonijiet tas-suq.

F'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-enerġija (national regulatory authorities, NRAs), l-ACER tiżgura li l-integrazzjoni tas-suq u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE jinkisbu skont l-objettivi tal-politika tal-enerġija u l-qafas regolatorju tal-Unjoni.

| | |
|---|---|
| Kontribuzzjoni totali mill-Unjoni | 14 800 050 |
| *Li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (l-Artikolu tad-dħul 6 6 2)* | 293 103 |
| L-ammont imdaħħal fil-baġit | 14 506 947 |

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE 364 124 6 6 0 0

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa (ĠU L 326, 8.12.2011, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2019/942 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 22).

**Artikolu 02 20 01** — Proġetti pilota

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 15 012 173 | p.m. | 15 012 173 | 3 962 000 | 16 993 173 | p.m. | 15 012 173 | 3 962 000 | 16 002 673 |

**Artikolu 02 20 02** — Azzjonijiet preparatorji

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 9 384 876 | p.m. | 9 384 876 | 2 900 000 | 10 834 876 | p.m. | 9 384 876 | 2 900 000 | 10 109 876 |

**Kapitolu 03 02** — Programm għas-Suq Uniku

| | Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 03 02 | 555 002 000 | 551 435 000 | 551 002 000 | 550 135 000 | 584 913 500 | 565 390 750 | 555 002 000 | 551 435 000 | 585 002 000 | 551 435 000 |
| Riżerva | | | | | 2 000 000 | 2 000 000 | | | | |
| Total | 555 002 000 | 551 435 000 | 551 002 000 | 550 135 000 | 586 913 500 | 567 390 750 | 555 002 000 | 551 435 000 | 585 002 000 | 551 435 000 |

## Kummenti:

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex jikkontribwixxu għall-funzjonament tajjeb tas-suq uniku għall-oġġetti u s-servizzi, inkluż is-servizzi finanzjarji, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-moviment liberu tal-kapital, u biex jipprovdu statistika Ewropea ta' kwalità għolja dwar il-politiki kollha tal-Unjoni, skont l-iskop tal-Programm għas-suq uniku, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u għall-istatistika Ewropea (il-"Programm għas-Suq Uniku"). B'mod partikolari, il-programm se jappoġġa t-tfassil, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tirfed il-funzjonament tajjeb tas-suq uniku għall-oġġetti u s-servizzi, inkluż is-servizzi finanzjarji, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-moviment liberu tal-kapital, kif ukoll il-bini ta' kapaċità, il-koordinazzjoni ta' azzjonijiet konġunti bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, u d-dimensjoni internazzjonali tas-suq intern. Se jappoġġa l-parteċipazzjoni tan-nisa u jikkontribwixxi wkoll għall-abilitazzjoni tal-atturi kollha tas-suq uniku: lin-negozji, liċ-ċittadini inkluż il-konsumaturi, lis-soċjetà ċivili u lill-awtoritajiet pubbliċi. Il-Programm għas-Suq Uniku jiġbor flimkien sitt programmi minn qabel minn oqsma ta' politika differenti, partikolarment il-parti tal-għotjiet u l-kuntratti tal-Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (COSME), programmi dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, li jtejbu l-parteċipazzjoni tal-konsumaturi u utenti finali oħrajn fit-tfassil tal-politika tas-servizzi finanzjarji, fl-iżvilupp ta' standards internazzjonali finanzjarji, ta' awditjar u ta' rapportar korporattiv, miżuri li jikkontribwixxu għal livell għoli ta' saħħa għall-bnedmin, għall-annimali u għall-pjanti tul il-katina alimentari u f'oqsma relatati u fl-istatistika Ewropea. Barra minn hekk, il-programm jinkludi diversi linji baġitarji oħra li jikkonċernaw, partikolarment is-sorveljanza tas-suq, id-dritt soċjetarju, id-dritt kuntrattwali u extra kuntrattwali, l-istandardizzazzjoni u l-appoġġ għall-politika tal-kompetizzjoni, id-dwana u t-tassazzjoni. Il-valutazzjoni tal-impatt uriet li programm uniku wieħed se joħloq sinerġiji li jikkontribwixxu għal infiq baġitarju aktar aġli u effiċjenti.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul assenjat ieħor, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament (UE) 2021/690 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi programm għas-suq intern, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, għall-qasam tal-pjanti, l-annimali, l-ikel u l-għalf, u għall-istatistika Ewropea (Programm tas-Suq Uniku) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 99/2013, (UE) Nru 1287/2013, (UE) Nru 254/2014 u (UE) Nru 652/2014 (ĠU L 153, 3.5.2021, p. 1).

**Artikolu 03 02 02** — Titjib tal-kompetittività tal-intrapriżi, partikolarment SMEs, u jiġu appoġġati fl-aċċess għas-swieq

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 121 450 000 | 67 600 000 | 120 450 000 | 67 300 000 | 145 740 000 | 79 745 000 | 121 450 000 | 67 600 000 | 151 450 000 | 67 600 000 |

## Kummenti:

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tappoġġa l-kompetittività tal-intrapriżi, partikolarment dik tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), u biex tappoġġa t-tkabbir tagħhom.

Il-miżuri implimentati se jkunu, b'mod speċifiku:

– networks u clusters li jlaqqgħu flimkien varjetà ta' partijiet konċernati u appoġġ biex l-ekosistemi jiġu konnessi strateġikament,

– diversi forom ta' appoġġ għall-SMEs, inkluż għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali biex jitrawwem l-aċċess għas-swieq u l-katini ta' valur mondjali, l-intraprenditorija, il-modernizzazzjoni tal-industrija u l-kompetittività tas-setturi,

– diversi forom ta' appoġġ għall-SMEs, inkluż għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali, biex iħeġġuhom jinvestu fis-sostenibbiltà ekoloġika u soċjali li tkun ta' benefiċċju għall-ekosistema ekonomika lokali u reġjonali,

– il-qsim informazzjoni, disseminazzjoni, sensibilizzazzjoni u servizzi konsultattivi biex tiżdied il-kompetittività tal-SMEs u jiġu megħjuna jipparteċipaw fis-suq uniku u lil hinn minnu.

Il-proġetti se jfittxu li jtejbu l-kundizzjonijiet għall-SMEs u jikkontribwixxu għal ambjent kummerċjali favorevoli inkluż permezz ta' bini tal-kapaċità, appoġġ għall-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs, it-trasformazzjoni industrijali, l-iżvilupp tal-ħiliet, u l-kollaborazzjoni tal-katina ta' valur, u jgħinu biex tiżdied il-kompetittività u s-sostenibbiltà tagħhom. Se jiddependu fuq is-servizzi pprovduti minn clusters, intraprenditorija u networks ta' appoġġ għan-negozji.

Barra minn hekk, se jsiru proġetti biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-SMEs għal Ewropa sostenibbli u diġitali u l-Istrateġija Industrijali l-ġdida għall-Ewropa; kif ukoll il-prijoritajiet attwali tal-Kummissjoni, inkluż il-Patt Ekoloġiku Ewropew u r-Regolamentazzjoni Aħjar.

L-azzjonijiet ta' appoġġ, marbuta direttament mal-kisba tal-objettivi speċifiċi tal-programm, huma wkoll ikkunsidrati għall-finanzjament: laqgħat (inkluż workshops), studji, informazzjoni u pubblikazzjonijiet u parteċipazzjoni fi gruppi ta' studju.

L-attivitajiet ewlenin li taw prova ta' għarfien espert u ta' suċċess fl-ilħuq u fl-appoġġ tal-SMEs se jibqgħu ċentrali.

In-Network Enterprise Europe (EEN) se jiġi msaħħaħ u appoġġat aktar, u se jintuża l-għarfien espert tiegħu biex l-SMEs ikunu jistgħu jtejbu l-kompetittività tagħhom u jiżviluppaw in-negozju tagħhom fis-suq uniku u lil hinn minnu. Is-servizzi tal-EEN se jiġu adattati u estiżi aktar, biex ikunu jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-SMEs fir-rigward ta' prijoritajiet ta' politika ġodda bħad-diġitalizzazzjoni, l-internazzjonalizzazzjoni, l-ekonomija ċirkolari u l-ħiliet. L-EEN se jgħin lill-SMEs u lil dawk li qed jespandu jifhmu l-kwistjonijiet tas-

sostenibbiltà, u jimplimentaw strateġiji u pjanijiet ta' direzzjoni tan-negozju biex jadattaw u jikkompetu b'suċċess.

L-Inizjattivi ta' Raggruppamenti Konġunti se jintużaw bħala għodda strateġika għall-appoġġ tal-kompetittività, it-tkabbir tal-SMEs, appoġġati mill-Pjattaforma Ewropea għall-Kollaborazzjoni bejn ir-Raggruppamenti u ċ-Ċentru Ewropew tal-Għarfien tal-Effiċjenza fir-Riżorsi (EREK). Permezz tal-konnessjoni ta' ekosistemi speċjalizzati, ir-raggruppamenti joħolqu opportunitajiet tan-negozju ġodda għall-SMEs u jintegrawhom aħjar fil-ktajjen ta' valur strateġiċi Ewropej u dinjija. Se jingħata appoġġ għall-iżvilupp ta' strateġiji ta' sħubija transnazzjonali u l-implimentazzjoni ta' attivitajiet konġunti, inkluż biex l-appoġġ dirett jiġi indirizzat lill-SMEs għall-inkoraġġiment tal-użu ta' teknoloġiji avvanzati, soluzzjonijiet b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, u t-titjib tal-ħiliet.

L-iskema tal-mobbiltà "Erasmus għal Imprendituri Żgħażagħ" tippermetti imprendituri ġodda jew aspiranti jiksbu esperjenza ta' negozju billi jaqbdu ma' imprenditur tal-esperjenza minn pajjiż ieħor u b'hekk jippermettu t-tisħiħ tat-talenti imprenditorjali. Dan jgħin biex jiġi indirizzat il-qgħad u jippermetti lill-SMEs eżistenti joħolqu impjiegi u jżidu l-fatturat tagħhom billi jespandu u jinternazzjonalizzaw in-negozju tagħhom.

It-turiżmu sostenibbli se jingħata attenzjoni speċjali permezz ta' azzjonijiet ta' appoġġ settorjali. L-Unjoni se tappoġġa, *inter alia*,

– azzjonijiet biex tinbena l-kapaċità tan-negozji tat-turiżmu, partikolarment SMEs, f'oqsma bħalma huma s-sostenibbiltà, id-diġitalizzazzjoni u l-innovazzjoni,

– azzjonijiet li jippromwovu l-kooperazzjoni transfruntiera u t-tagħlim bejn il-pari fost partijiet konċernati fit-turiżmu u l-awtoritajiet pubbliċi responsabbli mit-turiżmu,

– previżjoni u analiżi soċjoekonomika dwar, inter alia, il-kompetittività fit-tul tas-settur tat-turiżmu u l-promozzjoni tan-negozji tat-turiżmu tal-Unjoni.

Il-Programm għandu jiżgura l-promozzjoni effettiva tal-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, u l-implimentazzjoni tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-azzjonijiet tiegħu.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE 3 048 395 6 6 0 0

**Partita 03 02 03 02** — Standards internazzjonali dwar ir-rapportar finanzjarju u nonfinanzjarju, u dwar l-awditjar

| | Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 03 02 03 02 | 8 450 000 | 9 018 000 | 8 450 000 | 9 018 000 | 6 450 000 | 7 018 000 | 8 450 000 | 9 018 000 | 8 450 000 | 9 018 000 |
| Riżerva | | | | | 2 000 000 | 2 000 000 | | | | |
| Total | 8 450 000 | 9 018 000 | 8 450 000 | 9 018 000 | 8 450 000 | 9 018 000 | 8 450 000 | 9 018 000 | 8 450 000 | 9 018 000 |

## Kummenti:

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa biex jintlaħaq l-objettiv speċifiku li jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' standards ta' kwalità għolja dwar ir-rapportar finanzjarju u nonfinanzjarju u dwar l-awditjar globalment u madwar l-UE, tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tagħhom fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u jiġu promossi l-innovazzjoni u l-iżvilupp tal-aħjar prattiki fir-rapportar korporattiv. Il-finanzjament tal-Unjoni għal dawn l-attivitajiet huwa vitali biex jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-Istandards Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju (IFRS) li jqisu l-interessi tal-Unjoni u li jkunu konsistenti mal-qafas ġuridiku tas-suq intern, biex jippromwovu l-aħjar prattiki fir-rapportar korporattiv usa' u biex jappoġġaw is-sorveljanza pubblika għall-iżvilupp trasparenti tal-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar (ISA). Il-finanzjament tal-Unjoni huwa wkoll vitali biex jappoġġa l-iżvilupp ta' standards ta' rapportar ta' sostenibbiltà Ewropej li jibnu fuq tali standards fil-livell globali u jikkontribwixxu għall-iżvilupp tagħhom.

L-approprjazzjonijiet jistgħu jintużaw għal azzjonijiet li jappoġġaw l-iżvilupp, l-applikazzjoni, il-valutazzjoni u l-monitoraġġ ta’ standards tar-rappurtar korporattiv u tal-awditjar, u b’hekk jikkontribwixxu għat-trasparenza tas-swieq kapitali tal-Unjoni u jtejbu l-protezzjoni tal-investituri, l-istabbiltà finanzjarja u l-finanzi sostenibbli.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE 212 095 6 6 0 0

**Partita 03 02 04 01** — L-iżgurar ta’ livell għoli ta’ protezzjoni tal-konsumaturi u ta’ sikurezza tal-prodotti

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 23 500 000 | 17 459 000 | 23 500 000 | 17 459 000 | 25 027 500 | 18 222 750 | 23 500 000 | 17 459 000 | 23 500 000 | 17 459 000 |

## Kummenti:

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa biex jintlaħaq l-objettiv speċifiku tal-promozzjoni tal-interessi tal-konsumaturi u l-iżgurar ta’ livell għoli ta’ protezzjoni tal-konsumatur u s-sikurezza tal-prodotti billi:

– tirresponsabbilizza, tassisti u teduka lill-konsumaturi, in-negozji u s-soċjetà ċivili partikolarment fir-rigward tad-drittijiet tal-konsumatur skont id-dritt tal-Unjoni,

– tiżgura livell għoli ta’ protezzjoni tal-konsumatur, konsum sostenibbli u sigurtà tal-prodotti partikolarment għall-aktar konsumaturi vulnerabbli sabiex jissaħħu l-korrettezza, it-trasparenza u l-fiduċja fis-suq uniku,

– tiżgura li l-interessi tal-konsumaturi fid-dinja diġitali jiġu meqjusa kif dovut,

– tappoġġa l-awtoritajiet kompetenti ta’ infurzar u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-konsumaturi u l-azzjonijiet li jsaħħu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti b’enfasi partikolari fuq kwistjonijiet imqajma minn teknoloġiji eżistenti u emerġenti,

– tikkontribwixxi għat-titjib tal-kwalità u d-disponibbiltà tal-istandards madwar l-Unjoni,

– tindirizza effiċjentement prattiki kummerċjali żleali,

– tiżgura li l-konsumaturi kollha jkollhom aċċess għal mekkaniżmi effiċjenti ta’ rimedju u li jiġu pprovduti b’informazzjoni adegwata dwar is-swieq u d-drittijiet tal-konsumaturi, u jippromwovi l-konsum sostenibbli, partikolarment permezz tas-sensibilizzazzjoni dwar il-karatteristiċi speċifiċi u l-impatt ambjentali tal-merkanzija u s-servizzi.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE 589 850 6 6 0 0

**Artikolu 03 03 01** — Il-prevenzjoni tal-frodi u l-ġlieda kontriha, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 15 425 034 | 12 700 000 | 15 425 034 | 12 700 000 | 16 967 537 | 13 471 252 | 15 425 034 | 12 700 000 | 15 425 034 | 12 700 000 |

**Kapitolu 03 04** — Kooperazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni (Fiscalis)

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 36 639 861 | 35 588 504 | 36 639 861 | 35 588 504 | 40 303 847 | 37 420 497 | 36 639 861 | 35 588 504 | 36 639 861 | 35 588 504 |

## Kummenti:

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru n-nefqa għall-appoġġ tal-politika tat-tassazzjoni, il-kooperazzjoni fit-tassazzjoni u l-bini tal-kapaċità amministrattiva, inkluż il-kompetenza umana, u l-iżvilupp u l-operat tas-sistemi elettroniċi Ewropej.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul assenjat ieħor, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament (UE) 2021/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi l-programm "Fiscalis" għall-kooperazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1286/2013 (ĠU L 188, 28.5.2021, p. 1).

**Artikolu 03 04 01** — Kooperazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni (Fiscalis)

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 36 639 861 | 27 387 974 | 36 639 861 | 27 387 974 | 40 303 847 | 29 219 967 | 36 639 861 | 27 387 974 | 36 639 861 | 27 387 974 |

## Kummenti:

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri laqgħat u avvenimenti *ad hoc* simili; kollaborazzjoni strutturata bbażata fuq il-proġetti; azzjonijiet ta' bini tal-kapaċitajiet fl-IT, (partikolarment l-iżvilupp u l-operat tas-sistemi elettroniċi Ewropej); azzjonijiet ta' bini ta' kompetenzi u kapaċitajiet umani; appoġġ u azzjonijiet oħra, inkluż:

– tħejjija, monitoraġġ, kontroll, awditjar, evalwazzjoni u attivitajiet oħra għall-ġestjoni tal-programm Fiscalis u evalwazzjoni tal-kisba tal-objettivi tiegħu,

– studji,

– laqgħat tal-esperti,

– azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni,

– attivitajiet ta' innovazzjoni, partikolarment l-inizjattivi ta' provi tal-kunċett, proġetti pilota u prototipi,

– azzjonijiet ta' komunikazzjoni żviluppati b'mod konġunt,

– spejjeż marbuta ma' networks tat-teknoloġija tal-informazzjoni li jiffukaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju ta' informazzjoni, inkluż għodod tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattivi u assistenza teknika u amministrattiva oħra meħtieġa b'rabta mal-ġestjoni tal-programm Fiscalis,

– kwalunkwe azzjoni oħra meħtieġa biex jinkisbu, jew biex jiġu appoġġati, l-objettivi tal-programm Fiscalis.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

| | |
|---|---|
| Il-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent | 455 000 6 0 3 2 |
| Pajjiżi oħra | 430 000 6 0 3 2 |
| Dħul assenjat ieħor | 438 000 6 0 3 2 |

**Kapitolu 03 05** — Kooperazzjoni fil-qasam tad-dwana (Dwana)

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 130 144 000 | 114 370 328 | 130 144 000 | 114 370 328 | 130 144 000 | 114 370 328 | 130 144 000 | 114 370 328 | 130 144 000 | 114 370 328 |

## Kummenti:

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru nefqa b'appoġġ lill-unjoni doganali u lill-awtoritajiet doganali biex jipproteġu l-interessi finanzjarji u ekonomiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, biex jiġu żgurati s-sigurtà u s-sikurezza fl-Unjoni u l-Unjoni tiġi protetta minn kummerċ inġust u illegali, filwaqt li tiġi ffaċilitata attività kummerċjali leġittima.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul assenjat ieħor, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament (UE) 2021/444 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-programm "Dwana" għal kooperazzjoni fil-qasam tad-dwana u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1294/2013 ( ĠU L 87, 15.3.2021, p. 1).

**Artikolu 03 10 02** — L-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA)

| | Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 03 10 02 | 18 335 976 | 18 335 976 | 18 335 976 | 18 335 976 | 16 502 439 | 16 502 439 | 18 335 976 | 18 335 976 | 18 335 976 | 18 335 976 |
| Riżerva | | | | | 1 833 537 | 1 833 537 | | | | |
| Total | 18 335 976 | 18 335 976 | 18 335 976 | 18 335 976 | 18 335 976 | 18 335 976 | 18 335 976 | 18 335 976 | 18 335 976 | 18 335 976 |

## Kummenti:

B'kunsiderazzjoni tat-TFUE, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu, kif ukoll tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) hija parti minn Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji (SESF). L-objettiv ewlieni tas-SESF huwa li tiżgura li r-regoli applikabbli għas-settur finanzjarju jiġu implimentati b'mod adegwat biex tiġi ppreservata l-istabbiltà finanzjarja u li tiżgura l-fiduċja fis-sistema finanzjarja kollha kemm hi u biżżejjed protezzjoni għall-klijenti tas-servizzi finanzjarji.

| | |
|---|---|
| Kontribuzzjoni totali mill-Unjoni | 18 685 999 |
| *li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (Artikolu għad-dħul 6 6 2)* | 350 023 |
| Ammont imdaħħal fil-baġit | 18 335 976 |

Apparti l-kontribuzzjoni tal-Unjoni, id-dħul tal-EBA jinkludi wkoll kontribuzzjonijiet mill-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali tal-Istati Membri kompetenti għas-superviżjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji u l-kontribuzzjonijiet mill-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali tal-EFTA, kif ukoll minn tariffi potenzjali.

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

## Atti ta' referenza:

Proposta mressqa mill-Kummissjoni fl-24 ta' Settembru 2020, għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Swieq fil-Kriptoassi, u li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 (COM(2020) 593 finali).

Proposta mressqa mill-Kummissjoni fl-24 ta' Settembru 2020, għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014 u (UE) Nru 909/2014 (COM(2020) 595 finali).

**Artikolu 03 10 04** — L-Awtorità Ewropea dwar it-Titoli u s-Swieq (ESMA)

| | Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 03 10 04 | 16 231 953 | 16 231 953 | 16 231 953 | 16 231 953 | 16 231 953 | 16 231 953 | 16 231 953 | 16 231 953 | 16 300 953 | 16 300 953 |
| Riżerva | 69 000 | 69 000 | 69 000 | 69 000 | 69 000 | 69 000 | 69 000 | 69 000 | 69 000 | 69 000 |
| Total | 16 300 953 | 16 300 953 | 16 300 953 | 16 300 953 | 16 300 953 | 16 300 953 | 16 300 953 | 16 300 953 | 16 369 953 | 16 369 953 |

## Kummenti:

B'kunsiderazzjoni tat-TFUE, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu, kif ukoll tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) hija parti minn Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji (SESF). L-objettiv ewlieni tas-SESF huwa li tiżgura li r-regoli applikabbli għas-settur finanzjarju jiġu implimentati b'mod adegwat biex tiġi ppreservata l-istabbiltà finanzjarja u li tiżgura l-fiduċja fis-sistema finanzjarja kollha kemm hi u biżżejjed protezzjoni għall-klijenti tas-servizzi finanzjarji.

| | |
|---|---|
| Kontribuzzjoni totali mill-Unjoni | 17 599 233 |
| *li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus*<br>*(Artikolu għad-dħul 6 6 2)* | 1 298 280 |
| Ammont imdaħħal fil-baġit | 16 300 953 |

Apparti l-kontribuzzjoni tal-Unjoni, id-dħul tal-ESMA jinkludi wkoll kontribuzzjonijiet mill-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali tal-Istati Membri kompetenti għas-superviżjoni tal-parteċipant fis-swieq finanzjarji u l-kontribuzzjonijiet mill-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali tal-EFTA, kif ukoll minn tariffi.

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

## Atti ta' referenza:

Proposta mressqa mill-Kummissjoni fl-24 ta' Settembru 2020, għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Swieq fil-Kriptoassi, u li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 (COM(2020) 593 finali).

Proposta mressqa mill-Kummissjoni fl-24 ta' Settembru 2020, għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar reġim pilota għall-infrastrutturi tas-suq ibbażati fuq it-teknoloġija ta' reġistru distribwit (COM(2020) 594 finali).

Proposta mressqa mill-Kummissjoni fl-24 ta' Settembru 2020, għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014 u (UE) Nru 909/2014 (COM(2020) 595 finali).

**Artikolu 03 20 01** — Proġetti pilota

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 4 271 292 | p.m. | 4 271 292 | 3 156 500 | 5 849 542 | p.m. | 4 271 292 | 3 156 500 | 5 060 417 |

**Artikolu 03 20 02** — Azzjonijiet preparatorji

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 4 702 512 | p.m. | 4 702 512 | 14 100 000 | 11 752 512 | p.m. | 4 702 512 | 14 100 000 | 8 227 512 |

**Partita 03 20 03 01** — Proċeduri għall-aġġudikazzjoni u r-riklamar ta' kuntratti pubbliċi ta' provvista, xogħlijiet u servizzi

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 10 300 000 | 9 000 000 | 9 300 000 | 8 850 000 | 10 300 000 | 9 000 000 | 10 300 000 | 9 000 000 | 10 300 000 | 9 000 000 |

**Artikolu 04 20 01** — Proġetti pilota

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | | | | |

## Kummenti:

L-approprjazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma maħsuba biex jiffinanzjaw l-implimentazzjoni ta' proġetti pilota ta' natura esperimentali mfassla biex jittestjaw il-fattibbiltà ta' azzjonijiet u l-utilità tagħhom.

Il-lista tal-proġetti pilota hija stabbilita fl-Anness "Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji" ta' din it-Taqsima, fil-Kapitolu PP 04.

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1), u b'mod partikolari il-punt (a) tal-Artikolu 58(2) tiegħu.

**Partita 05 01 01 01** — Nefqa ta' appoġġ għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali

| Abbozz tal-baġit 2022 | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | Konċiljazzjoni 2022 |
|---|---|---|---|---|
| 3 653 000 | 3 653 000 | 3 653 000 | 3 653 000 | 3 653 000 |

## Kummenti:

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri assistenza teknika ffinanzjata mill-FEŻR prevista fl-Artikolu 35 tal-proposta għal Regolament (UE) 2021/1060 final (RDK).

B'mod partikolari, tista' tintuża biex tkopri:

– nefqa ta' appoġġ (spejjeż tar-rappreżentanza, taħriġ, laqgħat, missjonijiet u traduzzjonijiet);
– nefqa fuq persunal estern fil-kwartieri ġenerali (persunal kuntrattwali, esperti nazzjonali sekondati jew persunal mill-aġenziji) inklużi missjonijiet marbutin mal-persunal estern iffinanzjat minn din l-approprjazzjoni.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

| | | |
|---|---|---|
| Rikavati minn EURI | 2 871 294 | 5 0 4 0 |

*Atti ta' referenza*

Ara l-Kapitolu 05 02

**Partita 05 01 01 76** — Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u l-Aġenzija Eżekuttiva għall-SMEs — Kontribuzzjoni mill-investimenti interreġjonali fl-innovazzjoni

| Abbozz tal-baġit 2022 | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | Konċiljazzjoni 2022 |
|---|---|---|---|---|
| 1 047 000 | 1 047 000 | 1 047 000 | 1 047 000 | 1 047 000 |

## Kummenti:

Din l-approprjazzjoni tikkostitwixxi l-kontribuzzjoni li tkopri n-nefqa amministrattiva fuq il-persunal u n-nefqa operatorja mill-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u l-Aġenzija Eżekuttiva għall-SMEs, minħabba l-parteċipazzjoni tagħha fil-ġestjoni tal-investimenti interreġjonali fl-innovazzjoni.

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta’ Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b’ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/173 tat-12 ta’ Frar 2021 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u d-Diġitali, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka, il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-SMEs, l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka, u l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u l-Kultura u li tħassar id-Deċiżjonijiet ta’ Implimentazzjoni 2013/801/UE, 2013/771/UE, 2013/778/UE, 2013/779/UE, 2013/776/UE u 2013/770/UE (ĠU L 50, 15.2.2021, p. 9).

Ir-Regolament (UE) 2021/1059 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Ġunju 2021 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) appoġġata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-istrumenti ta’ finanzjament estern (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 94).

Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta’ Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

## Atti ta’ referenza:

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2021) 949 tat-12 ta’ Frar 2021 li tiddelega s-setgħat lill-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u l-Aġenzija Eżekuttiva tal-SMEs bil-ħsieb li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni fil-qasam tal-Ewropa Innovattiva, is-Suq Uniku u l-Investimenti Interreġjonali fl-Innovazzjoni, li jinkludu, b’mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

**Artikolu 05 01 02** — Nefqa ta’ appoġġ għall-Fond ta’ Koeżjoni

| Abbozz tal-baġit 2022 | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | Konċiljazzjoni 2022 |
|---|---|---|---|---|
| 8 054 000 | 8 054 000 | 8 054 000 | 8 054 000 | 8 054 000 |

## Kummenti:

L-approprjazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma maħsuba biex jkopru assistenza teknika ffinanzjata mill-FK prevista fl-Artikolu 35 tal-proposta għal Regolament (UE) 2021/1060 (RDK).

B’mod partikolari, huma jistgħu jintużaw biex jkopru:

– nefqa ta' appoġġ (spejjeż tar-rappreżentanza, taħriġ, laqgħat, missjonijiet u traduzzjonijiet);

– nefqa fuq persunal estern fil-kwartieri ġenerali (persunal kuntrattwali, esperti nazzjonali sekondati jew persunal mill-aġenziji) inklużi missjonijiet marbutin mal-persunal estern iffinanzjat minn din l-approprjazzjoni

*Atti ta' referenza*

Ara l-Kapitolu 05 03

**Kapitolu 05 02** — Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 30 169 131 991 | 29 592 776 589 | 30 169 131 991 | 29 592 776 589 | 30 169 131 991 | 29 592 776 589 | 30 169 131 991 | 29 592 776 589 | 30 169 131 991 | 29 592 776 589 |

## Kummenti:

L-appoġġ tal-FEŻR taħt il-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir u l-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027 u fil-perjodi ta' programmazzjoni preċedenti.

Din se tkopri t-tliet kategoriji ta' reġjuni li ġejjin:

– reġjuni anqas żviluppati, li l-PDG minn ras għal ras huwa anqas minn 75 % tal-medja tal-PDG tal-Unjoni,

– reġjuni ta' tranżizzjoni, li l-PDG minn ras għal ras huwa bejn 75 % u 100 % tal-medja tal-PDG tal-Unjoni,

– reġjuni aktar żviluppati, li l-PDG minn ras għal ras huwa ogħla minn 100 % tal-medja tal-PDG tal-Unjoni.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul ieħor assenjat, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-oġġett jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

Barra minn hekk, u f'konformità mar-Regolament (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020, id-dħul assenjat estern li jirriżulta mir-rikavati tal-Istrument Irkupru imdaħħal fid-dikjarazzjoni tad-dħul jagħti lok għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet għall-programmi permezz ta' REACH-EU fit-Titoli 05 u 07 għal ammont totali ta' EUR 50 620 000 000 f'impenji. L-ammonti indikati fir-rimarki tal-baġit tal-linji baġitarji rilevanti f'dan it-Titolu jipprovdu informazzjoni dwar l-ammont mistenni ta' impenji legali fl-2022.

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 23).

Regolament (UE) 2020/2221 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward ta' riżorsi addizzjonali u arranġamenti ta' implimentazzjoni biex jipprovdi assistenza għat-trawwim ta' miżuri li jsewwu d-dannu kkawżat mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi soċjali tagħha u għat-tħejjija ta' rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tal-ekonomija (REACT-EU) (ĠU L 437, 28.12.2020, p. 30).

Ir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 60).

Ir-Regolament (UE) 2021/1059 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) appoġġata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-istrumenti ta' finanzjament estern (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 94).

Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

## Atti ta' referenza:

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fid-29 ta' Mejju 2018, dwar mekkaniżmu sabiex jiġu solvuti ostakli legali u amministrattivi f'kuntest transfruntier (COM(2018)373).

**Artikolu 05 02 02 —** FEŻR — Assistenza teknika operazzjonali

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 96 922 412 | 43 900 000 | 96 922 412 | 43 900 000 | 96 922 412 | 43 900 000 | 96 922 412 | 43 900 000 | 96 922 412 | 43 900 000 |

## Kummenti:

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri assistenza teknika ffinanzjata mill-FEŻR prevista fl-Artikolu 35 tal-proposta għal Regolament (UE) 2021/1060 final (RDK).

L-assistenza teknika tista' ssostni l-azzjonijiet ta' tħejjija, ta' kontroll tal-monitoraġġ, ta' awditjar, ta' evalwazzjoni, ta' komunikazzjoni, inkluża dik istituzzjonali dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, ta' viżibilità u l-azzjonijiet kollha amministrattivi u ta' assistenza teknika meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni dwar il-fondi tal-Unjoni, u fejn xieraq ma' pajjiżi terzi.

B'mod partikolari, tista' tintuża biex tkopri:

– Nefqa relatata mal-IT, inkluża l-IT korporattiva,

– nefqa ta' komunikazzjoni, inkluża l-komunikazzjoni korporattiva,

– nefqa marbuta mal-istudji u l-evalwazzjonijiet.

**Artikolu 05 02 03 —** Inizjattiva Urbana Ewropea

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 61 853 266 | 49 482 613 | 61 853 266 | 49 482 613 | 61 853 266 | 49 482 613 | 61 853 266 | 49 482 613 | 61 853 266 | 49 482 613 |

## Kummenti:

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tappoġġa l-Inizjattiva Urbana Ewropea prevista fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2021/1058 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni.

Hija għandha l-għan li ssaħħaħ l-approċċi integrati u parteċipatorji għall-iżvilupp urban sostenibbli u tipprovdi rabta aktar b'saħħitha mal-politiki rilevanti tal-Unjoni, u b'mod partikolari, l-investimenti tal-politika ta' koeżjoni. Se tagħmel dan billi tiffaċilita u tappoġġja l-kooperazzjoni u l-bini tal-kapaċità ta' atturi urbani, azzjonijiet innovattivi, għarfien, żvilupp ta' politika u komunikazzjoni fil-qasam tal-iżvilupp urban sostenibbli.

**Artikolu 05 02 06** — Fond InvestEU — Kontribuzzjoni mill-FEŻR

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | | | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

## Kummenti:

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkomplementa ir-riżorsi tal-InvestEU b'segwitu ta' talba tal-Istat(i) Membru/i fil-Ftehim ta' Sħubija jew f'talba għal emenda ta' programm biex ikun trasferit sa massimu ta' 5 % tal-allokazzjoni nazzjonali inizjali tal-FEŻR għall-InvestEU skont l-Artikolu 14 tar-RDK. Riżorsi trasferiti se jkunu implimentati skont ir-regoli ta' InvestEU u għandhom jintużaw għall-proviżjonament tal-parti tal-garanzija tal-UE taħt il-parti dedikata għall-Istat Membru jew għaċ-Ċentru ta' Konsulenza InvestEU mal-konklużjoni tal-ftehim ta' kontribuzzjoni f'konformità mal-Artikolu 10(3) tar-Regolament InvestEU.

**Artikolu 05 02 07** — Strument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi (BMVI) — Kontribuzzjoni mill-FEŻR

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | | | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

## Kummenti:

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkomplementa ir-riżorsi tal-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi (BMVI) b'segwitu ta' talba tal-Istat(i) Membru/i fil-Ftehim ta' Sħubija jew f'talba għal emenda ta' programm biex ikun trasferit sa massimu ta' 5 % tal-allokazzjoni nazzjonali inizjali tal-FEŻR għall-BMVI skont l-Artikolu 26 tar-RDK. Riżorsi trasferiti se jkunu implimentati skont ir-regoli tal-BMVI u għall-benefiċċju tal-Istat(i) Membru/i kkonċernat(i).

**Artikolu 05 02 08** — FEMSA — Kontribuzzjoni mill-FEŻR

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | | | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

## Kummenti:

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkomplementa r-riżorsi tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA) wara talba mill-Istat(i) Membru/i fil-Ftehim ta' Sħubija jew f'talba għal emenda ta' programm biex jiġu trasferiti sa 5 % tal-allokazzjoni nazzjonali inizjali tal-FEŻR għall-FMSA skont l-Artikolu 26 tar-RDK Ir-riżorsi trasferiti se jiġu implimentati skont ir-regoli tal-FEMSA u għall-benefiċċju tal-Istat(i) Membru/i kkonċernat(i).

**Artikolu 05 02 09** — Orizzont Ewropa — Kontribuzzjoni mill-FEŻR

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | | | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

## Kummenti:

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkumplimenta r-riżorsi ta’ Orizzont Ewropa wara t-talba tal-Istat (i) Membru/i fil-Ftehim ta’ Sħubija jew f’talba għal emenda ta’ programm għat-trasferiment sa 5 % tal-allokazzjoni nazzjonali inizjali tal-FEŻR għal Orizzont Ewropa skont l-Artikolu 26 tar-RDK. Ir-riżorsi trasferiti se jiġu implimentati skont ir-regoli ta’ Orizzont Ewropa u għall-benefiċċju tal-Istat(i) Membru/i kkonċernat(i).

**Artikolu 05 02 10** — Ewropa Diġitali— Kontribuzzjoni mill-FEŻR

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | | | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

## Kummenti:

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkumplimenta r-riżorsi tal-Ewropa Diġitali wara t-talba tal-Istat (i) Membru/i fil-Ftehim ta’ Sħubija jew f’talba għal emenda ta’ programm għat-trasferiment sa 5 % tal-allokazzjoni nazzjonali inizjali tal-FEŻR għal Ewropa Diġitali skont l-Artikolu 26 tar-RDK. Ir-riżorsi trasferiti se jiġu implimentati skont ir-regoli tal-Ewropa Diġitali u għall-benefiċċju tal-Istat(i) Membru/i kkonċernat(i).

**Kapitolu 05 03** — Fond ta’ Koeżjoni (FK)

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 6 350 730 518 | 13 005 758 538 | 6 350 730 518 | 13 005 758 538 | 6 350 730 518 | 13 005 758 538 | 6 350 730 518 | 13 005 758 538 | 6 350 730 518 | 13 005 758 538 |

## Kummenti:

L-appoġġ tal-Fond ta’ Koeżjoni (FK) taħt il-mira tal-Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi fil-perjodi ta’ programmazzjoni 2021-2027 u dawk preċedenti. Il-FK se jsostni lil dawk l-Istati Membri li l-ING l-per capita tagħhom, imkejjel fi Standards tal-Kapaċità tal-Akkwist (PPS) u kkalkolat abbażi taċ-ċifri tal-Unjoni għall-perjodu 2014-2016, ikun inqas minn 90 % tal-medja tal-ING minn ras għal ras tal-UE-27 għall-istess perjodu ta’ referenza. Din l-approprjazzjoni, waqt li tiżgura bilanċ xieraq u li jaqbel mal-ħtiġijiet tal-investiment u l-infrastruttura speċifiċi għal kull Stat Membru, hija maħsuba biex tappoġġa:

– investimenti fl-ambjent, inklużi oqsma marbuta mal-iżvilupp u l-enerġija sostenibbli li jippreżentaw benefiċċji ambjentali,

– il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE)

F’konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul ieħor assenjat, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta’ approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-Kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-oġġett jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p.1).

Ir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 60).

Ir-Regolament (UE) 2021/1059 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) appoġġata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-istrumenti ta' finanzjament estern (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 94).

Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

Ir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 (ĠU L 249, 14.7.2021, p. 38).

## Atti ta' referenza:

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fid-29 ta' Mejju 2018, dwar mekkaniżmu sabiex jiġu solvuti ostakli legali u amministrattivi f'kuntest transfruntier (COM(2018)373).

**Artikolu 05 03 02** — Fond ta' Koeżjoni (FK) — Assistenza teknika operazzjonali

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 15 428 938 | 8 270 000 | 15 428 938 | 8 270 000 | 15 428 938 | 8 270 000 | 15 428 938 | 8 270 000 | 15 428 938 | 8 270 000 |

## Kummenti:

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri assistenza teknika ffinanzjata mill-FK prevista fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2021/1060 (RDK).

L-assistenza teknika tista' ssostni l-azzjonijiet ta' tħejjija, ta' kontroll tal-monitoraġġ, ta' awditjar, ta' evalwazzjoni, ta' komunikazzjoni, inkluża dik istituzzjonali dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, ta' viżibilità u l-azzjonijiet kollha amministrattivi u ta' assistenza teknika meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-fondi tal-Unjoni, u fejn xieraq ma' pajjiżi terzi.

B'mod partikolari, tista' tintuża biex tkopri:

– nefqa relatata mal-IT, inkluża l-IT korporattiva,

– nefqa ta' komunikazzjoni, inkluża l-komunikazzjoni korporattiva,

– nefqa marbuta mal-istudji u l-evalwazzjonijiet.

**Artikolu 05 03 03** — Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) — Trasport — allokazzjoni tal-Fond ta' Koeżjoni (FK)

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 1 487 773 834 | 841 200 000 | 1 487 773 834 | 841 200 000 | 1 487 773 834 | 841 200 000 | 1 487 773 834 | 841 200 000 | 1 487 773 834 | 841 200 000 |

## Kummenti:

Ammont trasferit mill-FK għandu jintefaq esklużivament fl-Istati Membri eliġibbli għall-finanzjament mill-FK.

L-objettiv se jkun implimentat prinċipalment permezz ta’ sejħiet għal proposti skont programmi ta’ ħidma pluriennali, li se jikkostitwixxu deċiżjonijiet ta’ finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju.

Se jappoġġja azzjonijiet li jqisu l-impenji ta’ dekarbonizzazzjoni fit-tul tal-Unjoni. L-implimentazzjoni se tieħu l-forma ta’ studji, xogħlijiet u kwalunkwe miżura oħra ta’ akkumpanjament meħtieġa għall-ġestjoni u t-twassil tal-programm, f’konformità mal-linji gwida speċifiċi għas-settur, jiġifieri l-Linji Gwida tat-TEN-T.

L-azzjonijiet eliġibbli se jirrigwardaw prinċipalment l-iżvilupp ta’ netwerks effiċjenti, interkonnessi u multimodali fil-ferroviji, fil-passaġġi fuq l-ilma interni, fil-portijiet marittimi u fl-infrastruttura tat-toroq tul in-netwerk ewlieni tat-TEN-T u għall-konnessjonijiet transfruntiera, il-portijiet marittimi u l-portijiet interni li jinsabu fin-netwerk komprensiv tat-TEN-T.

F’konformità mal-punt (4) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2021/1153 li jistabbilixxi il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, sa 1 % tal-pakkett finanzjarju kumplessiv tal-FNE se jkopri l-ispejjeż marbuta ma’ azzjonijiet ta’ appoġġ għall-programmi u kwalunkwe miżura oħra ta’ akkumpanjament li tappoġġa t-tħejjija ta’ proġetti u tipprovdi pariri lill-promoturi tal-proġetti.

F’konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE)2021/1153 li jistabbilixxi il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, riżorsi finanzjarji allokati għall-Programm għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiki tal-Unjoni, l-azzjonijiet tal-Programm u r-riżultati tiegħu.

**Artikolu 05 03 04** — Fond InvestEU — Kontribuzzjoni mill-FK

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | | | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

## Kummenti:

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkomplementa ir-riżorsi tal-InvestEU b’segwitu ta’ talba tal-Istat(i) Membru/i fil-Ftehim ta' Sħubija jew f’talba għal emenda ta’ programm biex ikun trasferit sa massimu ta’ 5 % tal-allokazzjoni nazzjonali inizjali tal-Fond ta’ Koeżjoni għall-InvestEU skont l-Artikolu 14 tar-RDK. Riżorsi trasferiti se jkunu implimentati skont ir-regoli ta’ InvestEU u għandhom jintużaw għall-proviżjonament tal-parti tal-garanzija tal-UE taħt il-parti dedikata għall-Istat Membru jew għaċ-Ċentru ta’ Konsulenza InvestEU mal-konklużjoni tal-ftehim ta’ kontribuzzjoni f’konformità mal-Artikolu 10(3) tar-Regolament InvestEU.

**Artikolu 05 03 05** — Strument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi (BMVI) — Kontribuzzjoni mill-FK

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | | | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

## Kummenti:

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkomplementa ir-riżorsi tal-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi (BMVI) b’segwitu ta’ talba tal-Istat(i) Membru/i fil-Ftehim ta' Sħubija jew f’talba għal emenda ta’ programm biex ikun trasferit sa massimu ta’ 5 % tal-allokazzjoni nazzjonali inizjali tal-Fond ta’ Koeżjoni għall-BMVI skont l-Artikolu 26 tar-RDK. Riżorsi trasferiti se jkunu implimentati skont ir-regoli tal-BMVI u għall-benefiċċju tal-Istat(i) Membru/i kkonċernat(i).

**Artikolu 05 03 06** — FEMSA — Kontribuzzjoni mill-FK

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | | | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

## Kummenti:

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkumplimenta r-riżorsi tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA) wara talba mill-Istat (i) Membru/i fil-Ftehim ta' Sħubija jew f'talba għal emenda ta' programm biex jiġu trasferiti sa 5 % tal-allokazzjoni nazzjonali inizjali tal-Fond ta' Koeżjoni għall-FEMSA skont l-Artikolu 26 tar-RDK. Ir-riżorsi trasferiti se jiġu implimentati skont ir-regoli tal-FEMSA u għall-benefiċċju tal-Istat(i) Membru/i kkonċernat(i).

**Artikolu 05 03 07** — Orizzont Ewropa — Kontribuzzjoni mill-FK

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | | | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

## Kummenti:

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkumplimenta r-riżorsi ta' Orizzont Ewropa wara t-talba tal-Istat (i) Membru/i fil-Ftehim ta' Sħubija jew f'talba għal emenda ta' programm għat-trasferiment sa 5 % tal-allokazzjoni nazzjonali inizjali tal-Fond ta' Koeżjoni għal Orizzont Ewropa skont l-Artikolu 26 tar-RDK. Ir-riżorsi trasferiti se jiġu implimentati skont ir-regoli ta' Orizzont Ewropa u għall-benefiċċju tal-Istat(i) Membru/i kkonċernat(i).

**Artikolu 05 03 08** — Ewropa Diġitali— Kontribuzzjoni mill-FK

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | | | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

## Kummenti:

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkumplimenta r-riżorsi tal-Ewropa Diġitali wara talba mill-Istat (i) Membru/i fil-Ftehim ta' Sħubija jew f'talba għal emenda ta' programm għat-trasferiment sa 5 % tal-allokazzjoni nazzjonali inizjali tal-Fond ta' Koeżjoni għal Ewropa Diġitali skont l-Artikolu 26 tar-RDK. Ir-riżorsi trasferiti se jiġu implimentati skont ir-regoli tal-Ewropa Diġitali u għall-benefiċċju tal-Istat(i) Membru/i kkonċernat(i).

**Artikolu 05 04 01** — L-għajnuna finanzjarja biex tinkoraġġixxi l-iżvilupp ekonomiku tal-Komunità Ċiprijotta Torka

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 31 402 525 | 5 000 000 | 31 402 525 | 5 000 000 | 33 402 525 | 6 000 000 | 31 402 525 | 5 000 000 | 32 402 525 | 5 000 000 |

**Artikolu 05 20 02** — Azzjonijiet preparatorji

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 455 560 | p.m. | 455 560 | p.m. | 455 560 | p.m. | 455 560 | p.m. | 455 560 |

## Kummenti:

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet preparatorji fil-qasam tal-applikazzjonijiet tat-TFUE u tat-Trattat Euratom, imfassla biex jippreparaw proposti bil-ħsieb li jiġu adottati azzjonijiet futuri.

Il-lista ta' azzjonijiet preparatorji hija stabbilita fl-Anness "Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji" ta' din it-taqsima, taħt il-Kapitolu PA 05.

## Bażi ġuridika:

## Atti ta' referenza:

Il-punt (b) tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

**Kapitolu 06 03** — Protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 850 169 | 917 426 | 850 169 | 917 426 | 850 169 | 917 426 | 850 169 | 917 426 | 850 169 | 917 426 |

## Kummenti:

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru l-finanzjament tal-azzjonijiet eliġibbli taħt il-programm Pericles IV bil-għan li jiġu protetti l-karti tal-flus u l-muniti tal-euro kontra l-iffalsifikar u l-frodi relatata, billi jiġu appoġġati u ssupplimentati l-miżuri meħuda minn Stati Membri u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u tal-Unjoni fl-isforzi tagħhom biex jiżviluppaw bejniethom u mal-Kummissjoni kooperazzjoni mill-qrib u regolari u skambju tal-aħjar prattiki, inklużi, fejn xieraq, pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament (UE) 2021/840 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar għall-perjodu 2021-2027 (il-programm "Pericles IV"), u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 331/2014 (ĠU L 186, 27.5.2021, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1696 tal-21 ta' Settembru 2021 li jestendi għall-Istati Membri mhux parteċipanti l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/840 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar għall-perjodu 2021-2027 (il-programm "Pericles IV") (ĠU L 336, 23.9.2021, p. 1).

**Artikolu 06 04 01** — Strument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea (EURI) – Il-ħlas ta' kupun perjodiku u l-fidi meta jagħlaq

| Abbozz tal-baġit 2022 | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | Konċiljazzjoni 2022 |
|---|---|---|---|---|
| 384 706 000 | 84 706 000 | 384 706 000 | 384 706 000 | 140 000 000 |

**Kapitolu 06 05** — Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (rescEU)

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 95 254 030 | 180 866 480 | 93 254 030 | 180 866 480 | 105 254 030 | 185 866 480 | 95 254 030 | 180 866 480 | 101 254 030 | 186 866 480 |

## Kummenti:

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba li jkopru n-nefqa ta' appoġġ għal azzjonijiet fil-qafas tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (rescEU).

B'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul ieħor assenjat, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-Kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-oġġett jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

Barra minn hekk, u skont ir-Regolament (UE) 2020/2094, id-dħul assenjat estern li jirriżulta mir-rikavati tan-Next Generation EU / l-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru imdaħħal fid-dikjarazzjoni tad-dħul jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet għal dan il-programm taħt dan it-titolu għal ammont totali ta' EUR 2 056 480 000 f'impenji. L-ammonti indikati fir-rimarki tal-baġit tal-linji baġitarji rilevanti taħt dan it-titolu jipprovdu informazzjoni dwar l-ammont mistenni ta' impenji legali fl-2021.

## Bażi ġuridika:

Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 23).

Ir-Regolament (UE) 2021/836 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jemenda d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 185, 26.5.2021, p. 1).

**Artikolu 06 05 01** — Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (rescEU)

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 95 254 030 | 94 547 220 | 93 254 030 | 94 547 220 | 105 254 030 | 99 547 220 | 95 254 030 | 94 547 220 | 101 254 030 | 100 547 220 |

## Kummenti:

Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (rescEU) jintervjeni fil-fażijiet kollha taċ-ċiklu tal-ġestjoni tad-diżastri: il-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons, u l-ambitu ġeografiku tiegħu kemm ġewwa l-Unjoni kif ukoll lil hinn.

Fir-rigward tal-prevenzjoni, l-għan partikolari tal-mekkaniżmu huwa li titrawwem kultura kondiviża ta' prevenzjoni b'attivitajiet li jappoġġaw u jippromwovu l-isforzi ta' valutazzjoni tar-riskju u ta' tnaqqis tar-riskju tal-Istati Membri, bħall-kondiviżjoni ta' prattika tajba, il-kumpilazzjoni u d-disseminazzjoni ta' informazzjoni mill-Istati Membri dwar attivitajiet ta' ġestjoni tar-riskju fosthom permezz ta' proġetti transfruntiera, rieżami bejn il-pari u missjonijiet konsultattivi. Il-mekkaniżmu jipprovdi wkoll finanzjament għall-espansjoni tal-istrateġiji ta' ġestjoni tar-riskju ta' diżastri tal-Istati Membri u għall-appoġġ tal-iżvilupp ta' proġetti li jiġġeneraw investimenti fil-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri.

L-isforzi ta' tħejjija huma appoġġati b'mod partikolari permezz tal-akkomunament tal-kapaċitajiet tal-protezzjoni ċivili fis-sura tar-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili (ECCP - European Civil Protection Pool), kif ukoll tal-iżvilupp ta' kapaċitajiet addizzjonali fil-livell tal-Unjoni li jikkumplementaw l-isforzi nazzjonali (ir-riżerva ta' RescEU u fażi tranżitorja ta' rescEU). It-tħejjija tittejjeb ukoll permezz tat-taħriġ, l-eżerċizzji, l-iskambju tal-aħjar prattiki u l-esperti, kollha fil-qafas tan-Netwerk tal-Għarfien tal-Protezzjoni

tal-Unjoni Ċivili. Il-mekkaniżmu jappoġġa wkoll l-istudju u l-iżvilupp ta' sistemi ta' individwazzjoni u ta' twissija bikrija tad-diżastri, u jippromwovi l-analiżi xjentifika u l-appoġġ espert.

Fir-rigward tad-dimensjoni internazzjonali, il-mekkaniżmu jiffaċilita l-kooperazzjoni mal-pajjiżi tat-tkabbir u pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat fil-qasam tal-ġestjoni tad-diżastri, permezz tal-finanzjament ta' proġetti, taħriġ u djalogi pubbliċi.

B'rabta ma' dan ir-rispons, il-mekkaniżmu jagħti kontribut permezz taċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza (ERCC - Emergency Response Coordination Centre) għall-iskjerament rapidu u effiċjenti tal-kapaċitajiet nazzjonali, tal-moduli tal-ECPP u/jew tal-kapaċitajiet tar-rescEU, kif ukoll ta' esperti mħarrġa u tat-Timijiet tal-EUCP għal operazzjonijiet fl-Istati Membri jew fl-istati parteċipanti, u fi kwalunkwe pajjiż terz. L-appoġġ tal-mekkaniżmu huwa finanzjarju, operazzjonali u li jiffaċilita l-koordinazzjoni.

Dan l-artikolu jkopri wkoll firxa wiesgħa ta' attivitajiet orizzontali li jappoġġaw il-funzjonament xieraq tal-mekkaniżmu. Dawn jinkludu, fost l-oħrajn, attivitajiet ta' komunikazzjoni, appoġġ għall-proġetti u għall-IT għall-operazzjonijiet, u attivitajiet oħrajn li jappoġġaw l-iżvilupp tal-politika, bħal workshops, seminars, proġetti, studji, sħarriġ, mudellar, bini ta' xenarji u ppjanar ta' kontinġenza u kif ukoll l-awditjar u l-evalwazzjonijiet.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

| | | |
|---|---|---|
| Rikavati mill-EURI | 675 793 652 | 5 0 4 0 |
| EFTA-ŻEE | 19 044 878 | 6 6 0 0 |
| Il-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent | 600 000 | 6 4 2 0 |

**Artikolu 06 06 01 —** Programm l-UE għas-Saħħa

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 764 213 775 | 310 800 000 | 694 213 775,00 | 287 466 666,67 | 844 213 775 | 350 800 000 | 764 213 775 | 310 800 000 | 815 213 775 | 310 800 000 |

## Kummenti:

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa operazzjonali fil-kuntest tal-Programm l-UE għas-Saħħa. L-għan tagħha huwa l-protezzjoni tan-nies fl-Unjoni minn theddid transfruntier serju transkonfinali għas-saħħa; li ttejjeb id-disponibbiltà, l-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà, fl-Unjoni, ta' mediċini, apparat mediku u prodotti rilevanti għall-kriżijiet, u tappoġġa l-innovazzjoni fir-rigward ta' tali prodotti; u biex issaħħaħ is-sistemi tas-saħħa u tal-forza tax-xogħol fil-qasam tal-kura tas-saħħa, inkluż permezz ta' trasformazzjoni diġitali u permezz ta' xogħol iktar integrat u koordinat fost l-Istati Membri, implimentazzjoni sostnuta tal-aħjar prattiki u l-kondiviżjoni tad-data; u sabiex jogħla l-livell ġenerali tas-saħħa pubblika.

II-Programm l-UE għas-Saħħa għandu jaħseb għal qafas legali u finanzjarju sod għall-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għall-kriżijiet tas-saħħa fl-Unjoni. Dan il-linja għandha ssaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni għall-ippjanar ta' kontinġenza li jippermetti lill-Istati Membri biex flimkien jiffaċċaw theddid komuni tas-saħħa, b'mod partikolari mat-theddid transfruntier, fejn l-intervent tal-Unjoni jista' jżid valur tanġibbli. Il-programm jikkomplementa l-politiki tas-saħħa tal-Istati Membri u jappoġġa approċċ ta' "Saħħa Waħda", fejn applikabbli, fit-titjib tal-eżiti tas-saħħa permezz ta' sistemi tas-saħħa reżiljenti, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u inklużivi madwar l-Istati Membri, permezz ta' prevenzjoni u sorveljanza aħjar tal-mard, il-promozzjoni tas-saħħa, l-aċċess, id-dijanjożi u t-trattament, inkluża l-ġlieda kontra l-kanċer kif ukoll kollaborazzjoni transfruntiera fis-saħħa. Dan il-programm il-ġdid għandu jindirizza wkoll il-mard li ma jittieħidx, li wera li kien determinat qawwi tal-mortalità mill-COVID-19.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

| | | |
|---|---|---|
| EFTA-ŻEE | 18 876 080 | 6 6 0 0 |

**Artikolu 06 07 01** — Appoġġ ta' Emerġenza fi ħdan l-Unjoni

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 8 100 000 | p.m. | 8 100 000 | p.m. | 8 100 000 | p.m. | 8 100 000 | p.m. | 8 100 000 |

## Kummenti:

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-finanzjament ta' operazzjonijiet ta' appoġġ ta' emerġenza bħala rispons għall-ħtiġijiet urġenti u eċċezzjonali fi Stati Membri minħabba diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem, fil-każ li l-Kunsill jattivah skont ir-Regolament (UE) 2016/369.

L-appoġġ ta' emerġenza għandu jipprovdi rispons ta' emerġenza abbażi tal-ħtiġijiet, li jikkumplimentaw ir-rispons tal-Istati Membri affettwati, immirat lejn il-preservazzjoni tal-ħajja, il-prevenzjoni u t-tnaqqis tas-sofferenza umana u ż-żamma tad-dinjità umana. Ir-rispons ta' emerġenza jista jinkludi assistenza, għajnuna u, fejn meħtieġ, operazzjonijiet ta' protezzjoni biex tiġi salvata u ppreżervata l-ħajja f'diżastri jew immedjatament warajhom.

Wara l-attivazzjoni permezz tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/521 tal-appoġġ ta' emerġenza biex tiġi indirizzata t-tifqigħa tal-COVID-19 f'April 2020, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiżgura rispons xieraq tal-Unjoni fl-indirizzar tal-kriżi tas-saħħa relatata.

L-appoġġ ta' emerġenza huwa li l-Unjoni tiġi mgħammra b'sett ta' għodod wiesa' proporzjonat għall-iskala kbira tal-pandemija attwali tal-COVID-19. L-appoġġ ta' emerġenza bbażat fuq il-ħtiġijiet jippermetti lill-Unjoni tuża miżuri mmirati li jindirizzaw b'mod strateġiku l-ħtiġijiet relatati mal-kriżi tal-COVID-19 fejn l-iskala, il-veloċità jew in-natura transfruntiera tas-soluzzjonijiet meħtieġa jiġu indirizzati l-aħjar permezz ta' intervent koordinat tal-Unjoni. Tali appoġġ ta' emerġenza jikkomplementa l-isforzi u l-assistenza tal-Istati Membri pprovduti permezz ta' strumenti oħra tal-Unjoni.

Azzjoni koordinata fil-livell tal-Unjoni qed tippermetti li tiġi indirizzata l-kriżi attwali, fost l-oħrajn, permezz ta':

– Finanzjament ta' Ftehimiet ta' Xiri bil-Quddiem mal-iżviluppaturi/manifatturi tat-tilqim kontra l-COVID-19.

– L-akkwist u d-distribuzzjoni lill-Istati Membri ta' prodotti essenzjali relatati mas-saħħa, inkluż tagħmir protettiv għall-persunal tal-isptar, ittestjar tal-provvisti, terapiji, dijanjostika u taħriġ.

– Trasport ta' merkanzija medika essenzjali (inkluż tagħmir personali protettiv, ittestjar u tagħmir mediku li jsalva l-ħajja, ventilaturi, maskri, mediċini, eċċ.).

– Il-kooperazzjoni transfruntiera biex tittaffa l-pressjoni fuq is-sistemi tas-saħħa fir-reġjuni l-aktar affettwati tal-Unjoni, inkluż permezz tat-trasport ta' pazjenti fil-bżonn lejn sptarijiet transfruntiera li jistgħu joffru kapaċità libera kif ukoll jipprovdu appoġġ għat-trasport ta' timijiet mediċi u persunal inklużi l-ispejjeż operattivi.

– Il-finanzjament tal-provi kliniċi għall-ġenerazzjoni ta' evidenza klinika biex it-trattamenti eżistenti jingħataw skop ġdid għall-kura ta' pazjenti bil-COVID-19, kif ukoll il-ġbir tal-plażma ta' konvalexxenza tal-COVID-19 biex tiżdied id-disponibbiltà tagħha bħala kura diretta għall-pazjenti bil-COVID-19.

– Iż-żieda fil-faċilitajiet u l-kapaċità tal-ittestjar fl-Istati Membri u t-taħriġ ta' persunal addizzjonali biex iwettaq kampjunar u analiżi.

– It-tisħiħ tal-kapaċitajiet mediċi u l-iskjerament ta' faċilitajiet tal-kura tas-saħħa temporanji u l-estensjoni temporanja tal-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa eżistenti biex tittaffa l-pressjoni fuq l-istrutturi eżistenti u tiżdied il-kapaċità ġenerali tal-kura tas-saħħa.

– L-akkwist u d-donazzjoni ta' robots li jiddiżinfettaw bir-raġġi ultravjola (UV) lill-isptarijiet madwar l-Unjoni.

– Il-kontribut għat-tisħiħ tat-traċċar tal-kuntatti transfruntiera permezz ta’ pjattaforma diġitali tal-UE li tgħaqqad apps nazzjonali għat-traċċar tal-kuntatti u t-twissija, kif ukoll pjattaforma ta’ skambju tal-UE li tgħaqqad is-sistemi nazzjonali tal-Formola tal-Lokalizzazzjoni tal-Passiġġieri.

– Jappoġġaw il-ħruġ u l-verifika ta’ ċertifikati interoperabbli tat-tilqim, ir-riżultati tat-testijiet u l-irkupru mill-COVID-19 biex jiffaċilitaw il-moviment liberu.

– Il-kontribut għat-tisħiħ tat-traċċar tal-kuntatti permezz tal-istabbiliment ta’ sistema ta’ monitoraġġ tal-ilma mormi tal-UE.

Din l-approprjazzjoni tista’ tkopri kwalunkwe azzjoni ta’ għajnuna umanitarja eliġibbli għal finanzjament tal-Unjoni, u konsegwentement tista’ jinkludi assistenza, sokkors u, fejn meħtieġ, operazzjonijiet ta’ protezzjoni biex tiġi salvata u ppreżervata l-ħajja f’diżastri jew immedjatament warajhom.

Din l-approprjazzjoni tista’ tintuża wkoll biex tiffinanzja kwalunkwe nefqa oħra relatata direttament mal-implimentazzjoni tal-appoġġ ta’ emerġenza skont ir-Regolament (UE) 2020/521.

**Artikolu 06 10 01** — Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 80 528 522 | 80 528 522 | 80 528 522 | 80 528 522 | 80 528 522 | 80 528 522 | 90 528 522 | 90 528 522 | 90 528 522 | 90 528 522 |

## Kummenti:

Skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 851/2004 li jiddefinixxi l-missjoni u l-kompiti taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll (ECDC):

il-missjoni attwali tal-ECDC jenħtieġ li tikkonċentra fuq il-mard li jittieħed (u tifqigħat ta’ oriġini mhux magħrufa),

l-ECDC jenħtieġ li jkun ċentru ta’ eċċellenza proattiv fir-rigward tal-informazzjoni u l-għarfien xjentifiku dwar l-aspetti kollha tal-mard li jittieħed li jikkonċerna l-identifikazzjoni, il-prevenzjoni u l-kontroll tiegħu,

li l-ECDC jenħtieġ li tkun aġent tal-bidla billi tappoġġa b’mod attiv is-sistema sħiħa tal-Unjoni u l-Istati Membri fl-isforzi tagħhom li jsaħħu l-kapaċità tagħhom biex jittejbu l-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard komunikabbli.

Fil-kamp tal-missjoni tiegħu, l-ECDC għandu:

– ifittex għal, jiġbor, jeżamina u jqabbel, jivvaluta u jxerred *data* xjentifika u teknika relevanti,

– jipprovdi opinjonijiet xjentifiċi u għajnuna xjentifika u teknika inkluż it-taħriġ,

– jipprovdi informazzjoni fil-ħin lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, lill-aġenziji tal-Unjoni u lill-organizzazzjonijiet internazzjonali attivi fi ħdan il-qasam tas-saħħa pubblika,

– jikkordina n-netwerk Ewropew ta' organiżmi li jaħdmu fl-oqsma fi ħdan il-missjoni tal-ECDC, inkluż netwerks li jinħolqu mill-attivitajiet tas-saħħa pubblika appoġġati mill-Kummissjoni u li jħaddmu n-netwerks tas-sorveljanza ddedikati,

– jiskambja informazzjoni, ħila u l-aħjar prattiki, u jiffaċilita l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet konġunti.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa operatorja marbuta ma’ dawn l-oqsma fil-mira li ġejjin:

– tisħiħ fis-sorveljanza tal-mardiet komunikabbli ġewwa l-Istati Membri,

– tisħiħ tas-sostenn xjentifiku mogħti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni,

– tisħiħ tal-istat ta’ preparatezza tal-Unjoni kontra r-riskji emerġenti mill-mard komunikabbli speċjalment tal-Epatite B, inklużi riskji relatati mar-rilaxx intenzjonat tal-aġenti bioloġiċi, mard ta’ oriġini mhux magħrufa, u l-koordinazzjoni tar-rispons,

– it-tisħiħ tal-kapaċità rilevanti fl-Istati Membri permezz tat-taħriġ,

– komunikazzjoni ta’ informazzjoni u bini ta’ sħubijiet.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-manutenzjoni tal-faċilità ta’ emerġenza (Ċentru ta’ Operazzjonijiet ta’ Emerġenza) li torbot onlajn lill-ECDC ma’ ċentri nazzjonali tal-mard li jittieħed u laboratorji ta’ referenza fl-Istati Membri fil-każ ta’ tifqigħat ewlenin ta’ mard komunikabbli jew mard ieħor ta’ oriġini mhux magħrufa.

| | |
|---|---|
| Kontribuzzjoni totali tal-Unjoni | 93 600 000 |
| *li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus*<br>*(l-Artikolu 6 6 2 għad-dħul)* | 3 071 478 |
| L-ammont imdaħħal fil-baġit | 90 528 522 |

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul):

EFTA-ŻEE 2 021 266 6 6 0 0

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament (KE) Nru 851/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta’ April 2004 li jistabbilixxi ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard (ĠU L 142, 30.4.2004, p. 1).

## Atti ta’ referenza:

Id-dokument ta’ ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni - Dokument li jakkumpanja l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill - Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni tal-Mard u l-attivitajiet ta’ Kontroll dwar mard li jittieħed: ir-riżultati pożittivi minn meta twaqqaf iċ-Ċentru, l-attivitajiet ippjanati għall-futur u l-ħtiġijiet tar-riżorsi (COM(2008)0741/SEC(2008) 2792).

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ippreżentata mill-Kummissjoni fil-11 ta’ Novembru 2020, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 851/2004 li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard (COM (2020) 726 final finali).

**Artikolu 06 10 02** — L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 145 860 649 | 131 155 342 | 145 860 649 | 131 155 342 | 145 860 649 | 131 155 342 | 145 860 649 | 131 155 342 | 145 860 649 | 131 155 342 |

## Kummenti:

L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (l-EFSA) hija l-element ċentrali tas-sistema tal-Unjoni għall-valutazzjoni tar-riskju dwar is-Sigurtà fl-Ikel u l-għalf. Il-pariri xjentifiċi tagħha dwar ir-riskji eżistenti u emerġenti jirfdu l-politiki u d-deċiżjonijiet tal-maniġers tar-riskju fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni u fl-Istati Membri bil-għan tal-protezzjoni tas-saħħa tal-konsumatur. L-aktar impenn kritiku tal-Awtorità huwa li tipprovdi pariri oġġettivi, trasparenti u indipendenti u komunikazzjoni ċara msejsa fl-aktar metodoloġiji, informazzjoni u *data* xjentifiċi aġġornati disponibbli. L-Awtorità hija impenjata favur l-istandards ewlenin tal-eċċellenza xjentifika, il-ftuħ, it-trasparenza, l-indipendenza u ta’ rispons.

Il-pjan ta’ stabbiliment tal-Awtorità, billi hija l-President tan-Netwerk tal-Aġenziji li se jispiċċa, jinkludi pożizzjoni waħda għall-ħolqien tal-Kap tal-Uffiċċju ta’ Appoġġ Komuni fi Brussell. Dan huwa bil-għan tal-promozzjoni ta’ kisbiet u sinerġiji fl-effiċjenza bejn l-aġenziji u mal-istituzzjonijiet, sabiex l-aġenziji individwali jkunu jistgħu jiffokaw ir-riżorsi tagħhom fuq il-kompiti ewlenin. Il-finanzjament tal-pożizzjoni ta’ Kap tal-Uffiċċju ta’ Appoġġ Komuni se jinqasam bejn l-aġenziji, li jfisser li ma jenħtieġ ebda finanzjament addizzjonali min-naħa tal-Awtorità f’dan ir-rigward.

| | |
|---|---|
| Kontribuzzjoni totali tal-Unjoni | 146 212 000 |
| *li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus*<br>*(l-artikolu 6 6 2 għad-dħul)* | 351 351 |
| L-ammont imdaħħal fil-baġit | 145 860 649 |

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul):

EFTA-ŻEE 3 602 758 6 6 0 0

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2019/1381 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar it-trasparenza u s-sostenibbiltà tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE fil-katina alimentari u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 1829/2003, (KE) Nru 1831/2003, (KE) Nru 2065/2003, (KE) Nru 1935/2004, (KE) Nru 1331/2008, (KE) Nru 1107/2009, (UE) 2015/2283 u d-Direttiva 2001/18/KE (ĠU L 231, 6.9.2019, p. 1).

**Partita 06 10 03 01** — Il-kontribuzzjoni tal-UE għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 26 181 680 | 26 181 680 | 26 181 680 | 26 181 680 | 26 181 680 | 26 181 680 | 40 181 680 | 40 181 680 | 40 181 680 | 40 181 680 |

## Kummenti:

Sabiex tkun promossa l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u l-annimali u tal-konsumaturi ta' prodotti mediċinali fl-Unjoni kollha, u sabiex tkun promossa l-kompletar tas-suq intern permezz tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet uniformi regolatorji bbażati fuq kriterji xjentifiċi li jikkonċernaw it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prodotti mediċinali, l-objettivi tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għandhom ikunu li tipprovdi lill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Komunità bl-aħjar pariri possibbli dwar kull kwistjoni li għandha x'taqsam mal-valutazzjoni tal-kwalità, tas-sigurtà, u tal-effikaċja ta' prodotti mediċinali għall-użu tal-bniedem jew veterinarju, skont id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li għandha x'taqsam ma' prodotti mediċinali.

| | |
|---|---|
| Kontribuzzjoni totali tal-Unjoni | 44 550 001 |
| *li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus*<br>*(dħul assenjat 6 6 2)* | 4 368 321 |
| L-ammont imdaħħal fil-baġit | 40 181 680 |

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul):

EFTA-ŻEE 657 160 6 6 0 0

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 297/95 tal-10 ta' Frar 1995 dwar il-miżati li għandhom jitħallsu lill-Aġenzija Ewropea għall-Evalwazzjoni tal-Prodotti Mediċinali (ĠU L 35, 15.2.1995, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 141/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1999 dwar il-prodotti mediċinali orfni (ĠU L 18, 22.1.2000, p. 1).

Id-Direttiva 2001/83/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem(ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu

mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1) (li jissostitwixxi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2309/93).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2049/2005 tal-15 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, regoli għall-intrapriżi żgħar u medji dwar ħlasijiet lil u jirċievu assistenza amministrattiva mill-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini (ĠU L 329, 16.12.2005, p. 4).

Ir-Regolament (KE) Nru 1901/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar prodotti mediċinali għall-użu pedjatriku u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1768/92, id-Direttiva 2001/20/KE, id-Direttiva 2001/83/KE u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1394/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar prodotti mediċinali ta' terapija avvanzata u li jemenda d-Direttiva 2001/83/KE u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 (ĠU L 324, 10.12.2007, p. 121).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1234/2008 tal-24 ta' Novembru 2008 li jikkonċerna l-eżami ta' varjazzjonijiet fit-termini tal-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u tal-prodotti mediċinali veterinarji (ĠU L 334, 12.12.2008, p. 7).

Ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-istabbiliment ta' limiti ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 u li jemenda d-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 152, 16.6.2009, p. 11).

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 668/2009 tal- 24 ta' Lulju 2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1394/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-evalwazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni ta' *data* tal-kwalità u dik mhux klinika marbuta ma' prodotti mediċinali ta' terapija avvanzata żviluppati minn intrapriżi mikro, żgħar u medji (ĠU L 194, 25.7.2009, p. 7).

Ir-Regolament (UE) Nru 1235/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2010 li jemenda, fir-rigward tal-farmakoviġilanza tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, u r-Regolament (KE) Nru 1394/2007 dwar prodotti mediċinali ta' terapija avvanzata (ĠU L 348, 31.12.2010, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 536/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar il-provi kliniċi fuq prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, u li jħassar id-Direttiva 2001/20/KE (ĠU L 158, 27.5.2014, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 658/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar tariffi pagabbli lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għat-twettiq ta' attivitajiet ta' farmakoviġilanza fir-rigward ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 112).

Ir-Regolament (UE) 2017/745 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2017 dwar apparati mediċi, li jemenda d-Direttiva 2001/83/KE, ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 u r-Regolament (KE) Nru 1223/2009 u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 90/385/KEE u 93/42/KEE (ĠU L 117, 5.5.2017, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2017/746 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2017 dwar apparati mediċi dijanjostiċi in vitro u li jħassar id-Direttiva 98/79/KE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/227/UE (ĠU L 117, 5.5.2017, p. 176).

Ir-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar prodotti mediċinali veterinarji u li jħassar id-Direttiva 2001/82/KE (ĠU L 4, 7.1.2019, p. 43).

## Atti ta’ referenza:

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ippreżentata mill-Kummissjoni fil-11 ta’ Novembru 2020, dwar rwol imsaħħaħ għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini fit-tħejjija u l-ġestjoni għall-kriżijiet għall-prodotti mediċinali u l-apparat mediku (COM (2020) 725 final).

**Partita 06 20 04 01** — Koordinazzjoni u sorveljanza tal-unjoni ekonomika u monetarja inkluż il-euro, u komunikazzjoni dwarha

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 12 000 000 | 10 600 000 | 11 000 000,00 | 10 266 666,67 | 12 000 000 | 10 600 000 | 12 000 000 | 10 600 000 | 12 000 000 | 10 600 000 |

**Partita 07 01 01 01** — Nefqa ta’ appoġġ għall-FSE+ — ġestjoni kondiviża

| Abbozz tal-baġit 2022 | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | Konċiljazzjoni 2022 |
|---|---|---|---|---|
| 7 170 000 | 7 170 000 | 7 170 000 | 7 170 000 | 7 170 000 |

## Kummenti:

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-miżuri ta’ assistenza teknika ffinanzjati mill-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) previsti fl-Artikoli 58 u 118 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, l-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 223/2014 u l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2021/1060.

Din l-approprjazzjoni tista', partikolarment, tintuża biex tkopri:

- in-nefqa ta’ appoġġ (spejjeż ta’ rappreżentazzjoni, taħriġ, laqgħat, missjonijiet u traduzzjonijiet),
- in-nefqa fuq persunal estern fil-kwartieri ġenerali (persunal kuntrattwali, esperti nazzjonali ssekondati jew persunal tal-aġenzija) sa EUR 5 000 000, inkluż missjonijiet marbuta mal-persunal estern ffinanzjati taħt din il-linja.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati, u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

| | | |
|---|---|---|
| Rikavat minn EURI | 1 230 555 | 5 0 4 0 |

**Partita 07 01 02 01** — Nefqa ta’ appoġġ għal Erasmus+

| Abbozz tal-baġit 2022 | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | Konċiljazzjoni 2022 |
|---|---|---|---|---|
| 23 533 315 | 16 155 315 | 23 533 315 | 23 533 315 | 23 533 315 |

**Partita 07 01 04 01** — Nefqa ta’ Appoġġ għal Ewropa Kreattiva

| Abbozz tal-baġit 2022 | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | Konċiljazzjoni 2022 |
|---|---|---|---|---|
| 5 560 000 | 3 060 000 | 5 560 000 | 5 560 000 | 5 560 000 |

**Partita 07 01 05 01** — Nefqa ta’ appoġġ għal Ċittadini, Ugwaljanza, Drittijiet u Valuri

| Abbozz tal-baġit 2022 | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | Konċiljazzjoni 2022 |
|---|---|---|---|---|
| 2 000 000 | 2 000 000 | 2 000 000 | 2 000 000 | 2 000 000 |

## Kummenti:

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri bħal attivitajiet preparatorji, ta’ monitoraġġ, ta’ kontroll, ta’ awditjar u ta’ evalwazzjoni, inkluż sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni.

**Kapitolu 07 02** — Il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+)

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 13 268 820 498 | 13 814 385 000 | 13 268 820 498 | 13 814 385 000 | 13 976 320 498 | 14 168 135 000 | 13 268 820 498 | 13 814 385 000 | 13 270 820 498 | 13 814 385 000 |

## Kummenti:

L-approprjazzjonijiet ta' dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru n-nefqa li tappoġġa lill-Istati Membri biex jiksbu livelli għoljin fl-impjiegi, protezzjoni soċjali ġusta u forza tax-xogħol kwalifika u reżiljenti li tkun lesta għad-dinja tax-xogħol futura, kif ukoll in-nefqa li tappoġġa, tikkumplimenta u żżid il-valur tal-politiki tal-Istati Membri ħalli jkunu żgurati opportunitajiet indaqs, aċċess għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, protezzjoni u inklużjoni soċjali, u livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul ieħor assenjat, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

Barra minn hekk, u f'konformità mar-Regolament 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020, id-dħul assenjat estern li jirriżulta mir-rikavati tal-Istrument Irkupru tal-Unjoni Ewropea imdaħħal fid-dikjarazzjoni tad-dħul jagħti lok għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet għall-programmi permezz ta' REACH-EU fit-Titoli 05 u 07 għal ammont totali ta' EUR 50 620 000 000 f'impenji. L-ammonti indikati fir-rimarki tal-baġit tal-linji baġitarji rilevanti f'dan it-titolu jipprovdu informazzjoni dwar l-ammont mistenni ta' impenji legali fl-2021.

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropeagħall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 23).

Regolament (UE) 2020/2221 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward ta' riżorsi addizzjonali u arranġamenti ta' implimentazzjoni biex jipprovdi assistenza għat-trawwim ta' miżuri li jsewwu d-dannu kkawżat mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi soċjali tagħha u għat-tħejjija ta' rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tal-ekonomija (REACT-EU) (ĠU L 437, 28.12.2020, p. 30).

Ir-Regolament (UE) 2021/177 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 223/2014 fir-rigward tal-introduzzjoni ta' miżuri speċifiċi għall-indirizzar tal-kriżi assoċjata mat-tifqigħa tal-COVID-19 (ĠU L 53, 16.2.2021, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21).

Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-

Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

**Artikolu 07 02 02** — Il-fergħa tal-FSE+ b'ġestjoni kondiviża — Assistenza teknika operazzjonali

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 23 880 000 | 18 000 000 | 23 880 000 | 18 000 000 | 23 880 000 | 18 000 000 | 23 880 000 | 18 000 000 | 23 880 000 | 18 000 000 |

## Kummenti:

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-miżuri ta' assistenza teknika ffinanzjati mill-FSE+ previsti fl-Artikoli 35 tar-Regolament (UE) 2021/1060 (RDK).

L-assistenza teknika tista' tappoġġa miżuri preparatorji, monitoraġġ, kontroll, awditjar, evalwazzjoni, komunikazzjoni, inkluż il-komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, viżibbiltà u kull azzjoni amministrattiva u ta' assistenza teknika meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-fondi tal-Unjoni.

B'mod partikolari, tista' tintuża biex tkopri:

– in-nefqa relatata mal-IT, inkluż l-IT korporattiva, u servizzi relatati,

– in-nefqa tal-komunikazzjoni, tad-disseminazzjoni u tas-sensibilizzazzjoni, inkluż il-komunikazzjoni korporattiva u l-avvenimenti,

– in-nefqa marbuta mal-istudji, l-awditjar u l-evalwazzjonijiet,

– l-attivitajiet tal-bini tal-kapaċitajiet.

**Artikolu 07 02 04** — L-FSE+ — il-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 102 482 000 | 50 800 000 | 102 482 000 | 50 800 000 | 109 982 000 | 54 550 000 | 102 482 000 | 50 800 000 | 104 482 000 | 50 800 000 |

## Kummenti:

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-implimentazzjoni tal-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI) tal-programm FSE+. L-objettiv ġenerali tal-EaSI huwa li tippromwovi l-impjiegi, l-aċċess ugwali għas-suq tax-xogħol, l-edukazzjoni u t-taħriġ, u l-inklużjoni soċjali billi tipprovdi appoġġ finanzjarju għall-objettivi tal-Unjoni.

Biex jintlaħqu l-objettivi ġenerali għall-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjiegi, il-garanzija ta' protezzjoni soċjali adegwata, il-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u l-faqar, it-titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-protezzjoni tas-sikurezza u s-saħħa tal-ħaddiema, il-fergħa tal-EaSI għandha partikolarment:

– tiżviluppa u tiddissemina għarfien analitiku komparattiv ta' kwalità għolja biex tiżgura li l-politiki u l-leġiżlazzjoni relatati jkunu bbażati fuq evidenza soda u jkunu rilevanti għall-bżonnijiet, l-isfidi u l-kundizzjonijiet lokali,

– tiffaċilita l-kondiviżjoni effettiva u inklużiva tal-informazzjoni, it-tagħlim reċiproku, ir-reviżjonijiet bejn il-pari u d-djalogu dwar politiki relatati fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali u internazzjonali biex tassisti fit-tfassil ta' miżuri ta' politika xierqa,

– tappoġġa l-esperimentazzjonijiet soċjali fl-oqsma relatati u tibni l-kapaċità tal-partijiet konċernati fil-livelli nazzjonali u lokali biex iħejju, ifasslu u jimplimentaw, jittrasferixxu jew iżidu l-innovazzjonijiet ittestjati tal-politika soċjali, partikolarment fir-rigward tal-iżvilupp ta' proġetti żviluppati minn partijiet konċernati lokali fil-qasam tal-integrazzjoni soċjoekonomika ta' ċittadini minn pajjiżi terzi,

– tiffaċilita l-mobbiltà ġeografika volontarja tal-ħaddiema u żżid l-opportunitajiet tal-impjieg bl-iżvilupp u l-għoti ta' servizzi ta' appoġġ speċifiċi lill-impjegaturi u lill-persuni li qed ifittxu impjieg biex jiġu żviluppati swieq tax-xogħol Ewropej integrati, li jvarjaw mit-tħejjija ta' qabel ir-reklutaġġ sal-assistenza għal wara l-kollokament f'impjieg biex jimtlew postijiet battala f'ċerti setturi, professjonijiet, pajjiżi, reġjuni tal-fruntiera jew għal gruppi partikolari (bħal persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli),

– tappoġġa l-iżvilupp tal-ekosistema tas-suq relatata mal-provvista ta' mikrofinanzjament għall-mikrointrapriżi fil-fażijiet tal-bidu u tal-iżvilupp tagħhom, partikolarment lil dawk li nħolqu minn persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli jew dawk li jħaddmuhom,

– tiżviluppa networking fil-livell tal-UE u d-djalogu mal-partijiet konċernati rilevanti u bejniethom fl-oqsma ta' politika relatati u tikkontribwixxi għall-bini tal-kapaċità istituzzjonali tal-partijiet konċernati involuti, inkluż is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, l-istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u tal-assigurazzjoni tas-saħħa, l-istituzzjonijiet tal-mikrofinanzjament u l-istituzzjonijiet li jipprovdu finanzjament lill-intrapriżi soċjali u l-ekonomija soċjali,

– tappoġġa l-iżvilupp ta' intrapriżi soċjali u l-formazzjoni ta' suq tal-investiment soċjali, filwaqt li tiffaċilita l-interazzjonijiet pubbliċi u privati u l-parteċipazzjoni tal-fondazzjonijiet u tal-atturi filantropiċi f'dak is-suq,

– tipprovdi gwida għall-iżvilupp ta' infrastruttura soċjali meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali,

– tappoġġa l-kooperazzjoni transnazzjonali biex tħaffef it-trasferiment ta' soluzzjonijiet innovattivi, u tiffaċilita l-iskalar tagħhom, partikolarment għall-oqsma ta' politika relatati,

– tappoġġa l-implimentazzjoni ta' standards soċjali u okkupazzjonali internazzjonali rilevanti fil-kuntest tal-isfruttar għaqli tal-globalizzazzjoni u d-dimensjoni esterna tal-politiki tal-Unjoni fl-oqsma ta' politika relatati.

Se jingħata appoġġ lil azzjonijiet eliġibbli relatati mal-implimentazzjoni tal-fergħa tal-EaSI, bħal attivitajiet analitiċi, implimentazzjoni tal-politika, bini ta' kapaċitajiet, disseminazzjoni tar-riżultati u komunikazzjoni. Ir-Regolament relevanti jiddeskrivi t-tipi ta' azzjonijiet li jistgħu jiġu ffinanzjati.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati, u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE 2 531 305 6 6 0 0

**Partita 07 02 05 01** — L-FSE — Nefqa operazzjonali — Finanzjament permezz ta' REACT-EU

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

## Kummenti:

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-appoġġ tal-FSE skont il-mira tal-Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi biex tappoġġa operazzjonijiet għat-trawwim ta' miżuri li jsewwu d-dannu kkawżat mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 fir-reġjuni li l-ekonomija u l-impjiegi tagħhom intlaqtu agħar minn postijiet oħra, u li qed iħejju rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tal-ekonomiji tagħhom.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati, u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Rikavat minn EURI 3 234 700 387 5 0 4 0

**Partita 07 02 06 01** — Il-FGħEB — Nefqa operazzjonali — Finanzjament permezz ta' REACT-EU

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

## Kummenti:

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri approprjazzjonijiet implimentati wara ż-żieda volontarja tal-allokazzjoni għall-programmi appoġġati mill-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FGħEB) mill-pakkett REACT-EU.

**Artikolu 07 02 08 —** Kontribuzzjoni mill-ESF+

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 700 000 000 | 350 000 000 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

## Kummenti:

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkomplementa r-riżorsi tal-Invest EU wara t-talba tal-Istat Membru/Istati Membri fil-Ftehim ta' Sħubija jew f'talba għal emenda ta' programm għat-trasferiment sa massimu ta' 5 % tal-allokazzjoni nazzjonali inizjali tal-FSE+ lil InvestEU skont l-Artikolu 14 tar-RDK. Ir-riżorsi trasferiti se jiġu implimentati f'konformità mar-regoli ta' Invest EU u għandhom jintużaw għall-proviżjonament tal-parti tal-garanzija tal-UE taħt il-kompartiment tal-Istat Membru u għaċ-Ċentru ta' Konsulenza tal-InvestEU wara l-konklużjoni tal-ftehim ta' kontribuzzjoni f'konformità mal-Artikolu 10(3) tar-Regolament InvestEU.

**Artikolu 07 02 09 —** Strument tal-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi (BMVI) — Kontribuzzjoni mill-FSE+

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | | | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

## Kummenti:

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkomplementa r-riżorsi tal-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi (BMVI) wara talba mill-Istat Membru/Istati Membri fil-Ftehim ta' Sħubija jew f'talba għal emenda ta' programm għat-trasferiment sa 5 % tal-allokazzjoni nazzjonali inizjali tal-FSE+ għall-BMVI skont l-Artikolu 26 tar-RDK. Ir-riżorsi trasferiti se jiġu implimentati f'konformità mar-regoli tal-BMVI u għall-benefiċċju tal-Istat Membru/Istati Membri kkonċernat(i).

**Artikolu 07 02 10 —** Kontribuzzjoni mill-FSE+

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | | | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

## Kummenti:

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkomplementa r-riżorsi tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA) wara talba mill-Istat Membru/Istati Membri fil-Ftehim ta' Sħubija jew f'talba għal emenda ta' programm għat-trasferiment sa 5 % tal-allokazzjoni nazzjonali inizjali tal-FSE+ għall-FEMSA skont l-Artikolu 26 tar-RDK. Ir-riżorsi trasferiti se jiġu implimentati f'konformità mar-regoli tal-FEMSA u għall-benefiċċju tal-Istat Membru/Istati Membri kkonċernat(i).

**Artikolu 07 02 11** — Kontribuzzjoni mill-FSE+

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | | | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

## Kummenti:

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkomplementa r-riżorsi ta' Orizzont Ewropa wara talba tal-Istat Membru/Istati Membri fil-Ftehim ta' Sħubija jew f'talba għal emenda ta' programm għat-trasferiment sa 5 % tal-allokazzjoni nazzjonali inizjali tal-FSE+ għal Orizzont Ewropa skont l-Artikolu 26 tar-RDK. Ir-riżorsi trasferiti se jiġu implimentati f'konformità mar-regoli ta' Orizzont Ewropa u għall-benefiċċju tal-Istat Membru/Istati Membri kkonċernat(i).

**Artikolu 07 02 12** — Kontribuzzjoni mill-FSE+

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | | | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

## Kummenti:

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkomplementa r-riżorsi tal-Ewropa Diġitali wara talba tal-Istat Membru/Istati Membri fil-Ftehim ta' Sħubija jew f'talba għal emenda ta' programm għat-trasferiment sa 5 % tal-allokazzjoni nazzjonali inizjali tal-FSE+ lil Ewropa Diġitali skont l-Artikolu 26 tar-RDK. Ir-riżorsi trasferiti se jiġu implimentati f'konformità mar-regoli tal-Ewropa Diġitali u għall-benefiċċju tal-Istat Membru/Istati Membri kkonċernat(i).

**Artikolu 07 02 13** — Kontribuzzjoni mill-FSE+

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | | | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

## Kummenti:

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkomplementa r-riżorsi ta' Erasmmus+ wara talba tal-Istat Membru/Istati Membri fil-Ftehim ta' Sħubija jew f'talba għal emenda ta' programm għat-trasferiment sa 5 % tal-allokazzjoni nazzjonali inizjali tal-FSE+ lil Erasmus+ skont l-Artikolu 26 tar-RDK. Ir-riżorsi trasferiti se jiġu implimentati f'konformità mar-regoli ta' Erasmus+ u għall-benefiċċju tal-Istat Membru/Istati Membri kkonċernat(i).

**Kapitolu 07 03** — Erasmus+

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 3 316 367 154 | 3 223 383 002 | 3 316 367 154 | 3 223 383 002 | 3 453 503 154 | 3 326 235 002 | 3 316 367 154 | 3 223 383 002 | 3 351 367 154 | 3 250 383 002 |

## Kummenti:

L-approprjazzjonijiet f'dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru l-Erasmus+: il-Programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport. L-objettivi tiegħu huma li jappoġġa l-iżvilupp edukattiv, professjonali u personali tal-persuni fl-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport, fl-Ewropa u lil hinn, u b'hekk jikkontribwixxi għal tkabbir sostenibbli, impjiegi u koeżjoni soċjali u jsaħħaħ l-identità Ewropea.

Minnu nnifsu, il-programm Erasmus+ għandu jkun strument ewlieni għall-ħolqien ta' Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, li tappoġġa l-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni strateġika Ewropea fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ, bl-aġendi settorjali sottostanti tagħha, li javvanzaw il-kooperazzjoni tal-politika taż-żgħażagħ skont l-Istrateġija taż-Żgħażagħ tal-Unjoni 2019-2027 u l-iżvilupp tad-dimensjoni Ewropea fl-isport.

Il-programm Erasmus+ għandu l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

– jippromwovi l-mobbilità għat-tagħlim tal-individwi, kif ukoll il-kooperazzjoni, l-inklużjoni, l-eċċellenza, il-kreattività u l-innovazzjoni fil-livell ta' organizzazzjonijiet u politiki fil-qasam tal-edukazzjoni u tat-taħriġ,
– jippromwovi l-mobbiltà għat-tagħlim mhux formali u l-parteċipazzjoni attiva fost iż-żgħażagħ, kif ukoll il-kooperazzjoni, l-inklużjoni, il-kreattività u l-innovazzjoni fil-livell ta' organizzazzjonijiet u politiki fil-qasam taż-żgħażagħ,
– jippromwovi l-mobbiltà edukattiva tal-kowċis u tal-persunal sportiv, kif ukoll il-kooperazzjoni, l-inklużjoni, il-kreattività u l-innovazzjoni fil-livell tal-organizzazzjonijiet sportivi u l-politiki tal-isport,
– iħejji u jwettaq attivitajiet f'konformità mas-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ 2022.

L-objettivi tal-Programm għandhom jiġu segwiti bit-tliet azzjonijiet ewlenin li ġejjin:

– il-mobbiltà għat-tagħlim ("azzjoni ewlenija 1"),
– il-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet ("azzjoni ewlenija 2"),
– l-appoġġ għall-iżvilupp tal-politika u l-kooperazzjoni ("azzjoni ewlenija 3").

L-objettivi għandhom jiġu segwiti wkoll bl-azzjonijiet Jean Monnet.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul assenjat ieħor, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

## Bażi ġuridika:

Regolament (UE) 2021/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi Erasmus+: il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 (ĠU L 189, 28.5.2021, p. 1).

**Partita 07 03 01 01** — Il-promozzjoni tal-mobbilità għat-tagħlim tal-individwi, kif ukoll il-kooperazzjoni, l-inklużjoni, l-eċċellenza, il-kreattività u l-innovazzjoni fil-livell ta' organizzazzjonijiet u politiki fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ — Ġestjoni indiretta

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 2 331 521 972 | 2 220 525 000 | 2 331 521 972 | 2 220 525 000 | 2 448 097 972 | 2 307 957 000 | 2 331 521 972 | 2 220 525 000 | 2 361 274 626 | 2 243 477 048 |

**Artikolu 07 03 02** — Il-promozzjoni tal-mobbiltà għat-tagħlim mhux formali u l-parteċipazzjoni attiva fost iż-żgħażagħ, kif ukoll il-kooperazzjoni, l-inklużjoni, il-kreattività u l-innovazzjoni fil-livell ta' organizzazzjonijiet u politiki fil-qasam taż-żgħażagħ

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 346 973 114 | 310 000 000 | 346 973 114 | 310 000 000 | 364 322 114 | 323 011 750 | 346 973 114 | 310 000 000 | 351 400 945 | 313 415 755 |

**Artikolu 07 03 03** — Il-promozzjoni tal-mobbiltà għat-tagħlim tal-kowċis u tal-persunal sportiv, kif ukoll il-kooperazzjoni, l-inklużjoni, il-kreattività u l-innovazzjoni fil-livell tal-organizzazzjonijiet sportivi u l-politiki tal-isport

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 64 216 157 | 55 000 000 | 64 216 157 | 55 000 000 | 67 427 157 | 57 408 250 | 64 216 157 | 55 000 000 | 65 035 672 | 55 632 197 |

**Kapitolu 07 04** — Il-Korp Ewropew ta’ Solidarjetà

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 131 710 226 | 109 218 236 | 128 710 226 | 108 218 236 | 136 710 226 | 111 718 236 | 131 710 226 | 109 218 236 | 134 710 226 | 109 218 236 |

## Kummenti:

L-approprjazzjonijiet f’dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru l-attivitajiet tal-Korp Ewropew ta’ Solidarjetà.

L-objettiv ġenerali tal-Korp Ewropew ta’ Solidarjetà huwa li jissaħħaħ l-involviment taż-żgħażagħ u tal-organizzazzjonijiet f’attivitajiet ta’ solidarjetà aċċessibbli u ta’ kwalità għolja bħala mezz li jikkontribwixxi biex jissaħħu l-koeżjoni, s-solidarjetà u d-demokrazija fl-Unjoni u lil hinn, filwaqt li jiġu indirizzati sfidi tas-soċjetà u umanitarji fil-prattika, bi sforz partikolari għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali.

L-objettiv speċifiku huwa li ż-żgħażagħ, inkluż dawk b’inqas opportunitajiet, jingħataw opportunitajiet aċċessibbli faċilment għal involviment f’attivitajiet ta’ solidarjetà fl-Ewropa u lil hinn minnha, filwaqt li jitjiebu u jiġu validati kif xieraq il-kompetenzi tagħhom, u jiġu ffaċilitati l-impjegabbiltà u t-tranżizzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol kif ukoll jitħejjew u jitwettqu attivitajiet f’konformità mas-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ 2022.

L-objettivi tal-Korp Ewropew ta’ Solidarjetà għandhom jiġu implimentati biż-żewġ fergħat ta’ azzjoni li ġejjin: (a) il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ f’attivitajiet ta’ solidarjetà li jindirizzaw l-isfidi tas-soċjetà; (b) il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ f’attivitajiet ta’ solidarjetà relatati mal-għajnuna umanitarja (il-Korp Volontarju Ewropew ta’ Għajnuna Umanitarja).

F’konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul assenjat ieħor, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta’ approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-Kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament (UE) 2021/888 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Mejju 2021 li jistabbilixxi l-Programm tal-Korp Ewropew ta’ Solidarjetà u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2018/1475 u (UE) Nru 375/2014 (ĠU L 202, 8.6.2021, p. 32).

**Artikolu 07 04 01** — Il-Korp Ewropew ta’ Solidarjetà

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 131 710 226 | 93 000 000 | 128 710 226 | 92 000 000 | 136 710 226 | 95 500 000 | 131 710 226 | 93 000 000 | 134 710 226 | 93 000 000 |

**Artikolu 07 05 01** — Kultura

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 125 597 589 | 125 000 000 | 125 597 589 | 125 000 000 | 135 597 589 | 130 000 000 | 125 597 589 | 125 000 000 | 131 097 589 | 125 000 000 |

## Kummenti:

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-setturi kulturali u kreattivi – għajr is-settur awdjoviżiv – fi ħdan il-programm Ewropa Kreattiva. F'konformità mal-objettivi msemmija fl-Artikolu 3, il-fergħa "Kultura" għandu jkollha l-prijoritajiet li ġejjin: (a) it-tisħiħ tad-dimensjoni transfruntiera u taċ-ċirkolazzjoni ta' operaturi u xogħlijiet kulturali u kreattivi Ewropej; (b) iż-żieda tal-parteċipazzjoni kulturali madwar l-Ewropa kollha; (c) il-promozzjoni tar-reżiljenza tas-soċjetà u l-inklużjoni soċjali permezz tal-kultura u tal-wirt kulturali; (d) it-tisħiħ tal-kapaċità tas-setturi kulturali u kreattivi Ewropej bl-għan li dawn jirnexxu, u biex jinħolqu l-impjiegi u t-tkabbir; (e) it-tisħiħ tal-identità u tal-valuri Ewropej permezz ta' kuxjenza kulturali, edukazzjoni artistika u kreattività bbażata fuq il-kultura fl-edukazzjoni; (f) il-promozzjoni tal-bini ta' kapaċitajiet tas-setturi kulturali u kreattivi Ewropej biex ikunu attivi fil-livell internazzjonali; (g) l-għoti ta' kontribut għall-istrateġija globali tal-Unjoni għal relazzjonijiet internazzjonali permezz ta' diplomazija kulturali.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati, u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

| | |
|---|---|
| EFTA-ŻEE | 3 152 499 6 6 0 0 |

**Artikolu 07 05 02** — Media

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 220 518 209 | 158 239 044 | 220 518 209 | 158 239 044 | 220 518 209 | 158 239 044 | 220 518 209 | 158 239 044 | 220 518 209 | 158 239 044 |

## Kummenti:

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri miżuri li:

– irawmu t-talenti, il-kompetenza, u l-ħiliet u jistimulaw il-kooperazzjoni transfruntiera, il-mobbiltà, u l-innovazzjoni fil-ħolqien u l-produzzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej li jinkoraġġixxu l-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri b'kapaċitajiet awdjoviżivi differenti,

– itejbu ċ-ċirkolazzjoni, il-promozzjoni, id-distribuzzjoni online u teatrali tax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej fl-Unjoni u internazzjonalment fl-ambjent diġitali l-ġdid; inkluż permezz ta' mudelli ta' negozju innovattivi,

– jippromwovu xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, inkluż xogħlijiet ta' wirt kulturali, u jappoġġaw l-involviment u l-iżvilupp ta' udjenzi ta' kull età, partikolarment udjenzi żgħażagħ, madwar l-Ewropa u lil hinn.

Dawn il-prijoritajiet għandhom jiġu indirizzati b'appoġġ għall-iżvilupp, il-produzzjoni, il-promozzjoni, d-disseminazzjoni u l-aċċess għal xogħlijiet Ewropej bl-objettiv li jintlaħqu udjenzi varjati fl-Ewropa u lil hinn, u b'hekk jadattaw għal żviluppi ġodda tas-suq u jakkumpanjaw l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) (ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1).

Il-prijoritajiet tal-fergħa "Media" għandhom iqisu d-differenzi bejn il-pajjiżi rigward il-produzzjoni, id-distribuzzjoni, u l-aċċess għall-kontenut awdjoviżiv, kif ukoll id-daqs u l-ispeċifiċitajiet tas-swieq rispettivi.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati, u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

| | |
|---|---|
| EFTA-ŻEE | 5 535 007 6 6 0 0 |

**Artikolu 07 05 03** — Il-fergħat transsettorjali

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 34 037 298 | 23 130 332 | 34 037 298 | 23 130 332 | 34 037 298 | 23 130 332 | 34 037 298 | 23 130 332 | 34 037 298 | 23 130 332 |

## Kummenti:

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-attivitajiet fis-setturi kulturali u kreattivi kollha fi ħdan il-Programm Ewropa Kreattiva. F'konformità mal-objettivi imsemmija fl-Artikolu 3, "il-fergħa Transsettorjali" għandu jkollha l-prijoritajiet li ġejjin: (a) l-appoġġ għal kooperazzjoni politika transnazzjonali u transsettorjali, inkluż fir-rigward tar-rwol tal-kultura għal inklużjoni soċjali, u l-promozzjoni tal-għarfien tal-programm u l-appoġġ għat-trasferibbiltà tar-riżultati; (b) il-promozzjoni ta' approċċi innovattivi għall-ħolqien, l-aċċess, id-distribuzzjoni u l-promozzjoni tal-kontenut fost setturi kulturali u kreattivi differenti; (c) il-promozzjoni ta' attivitajiet trasversali li jkopru bosta setturi bil-għan li jsir aġġustament għall-bidliet strutturali affaċċjati mis-settur tal-media, inkluż it-tisħiħ ta' ambjent medjatiku ħieles, diversifikat u pluralistiku, il-ġurnaliżmu ta' kwalità u l-litteriżmu medjatiku; (d) it-twaqqif u l-għoti ta' appoġġ lil desks tal-programm għal promozzjoni tal-programm Ewropa Kreattiva f'pajjiżhom, u biex titħeġġeġ kooperazzjoni transfruntiera fis-setturi kulturali u kreattivi.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati, u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

| | |
|---|---|
| EFTA-ŻEE | 854 336 6 6 0 0 |

**Kapitolu 07 06** — Ċittadini, Ugwaljanza, Drittijiet u Valuri

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 200 901 193 | 161 825 357 | 200 901 193 | 161 825 357 | 216 716 463 | 169 732 993 | 200 901 193 | 161 825 357 | 206 401 193 | 161 825 357 |

## Kummenti:

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba li jikkontribwixxu għall-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet u l-valuri kif imnaqqxa fit-Trattati, fil-Karta u fil-konvenzjonijiet internazzjonali applikabbli dwar id-drittijiet tal-bniedem, partikolarment billi jappoġġa l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati oħra attivi fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u transnazzjonali, u billi jħeġġeġ il-parteċipazzjoni ċivika u demokratika, sabiex jiġu sostnuti u jkomplu jiżviluppaw soċjetajiet miftuħa, ibbażati fuq id-drittijiet, demokratiċi, ugwali u inklużivi li huma bbażati fuq l-istat tad-dritt.

Fl-objettiv ġenerali, il-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri għandu l-objettivi speċifiċi li ġejjin, li jikkorrispondu għal erba' fergħat: li jipproteġi u jippromwovi l-valuri tal-Unjoni (il-fergħa tal-valuri tal-Unjoni); li jippromwovi d-drittijiet, in-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza, inkluż l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u javvanza l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u tan-nondiskriminazzjoni (il-fergħa tal-ugwaljanza, id-drittijiet u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri); li jippromwovi l-involviment u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika tal-Unjoni u l-iskambji bejn iċ-ċittadini ta' Stati Membri differenti u li jqajjem kuxjenza dwar l-istorja komuni Ewropea (il-fergħa tal-involviment u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini); li jiġġieled kontra l-vjolenza, inkluża l-vjolenza abbażi tal-ġeneru (il-fergħa Daphne).

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul ieħor assenjat, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament (UE) 2021/692 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 390/2014 (ĠU L 156, 5.5.2021, p. 1).

**Artikolu 07 06 01** — Il-promozzjoni tal-ugwaljanza u d-drittijiet

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 39 860 945 | 33 800 229 | 39 860 945 | 33 800 229 | 43 951 906 | 35 845 710 | 39 860 945 | 33 800 229 | 39 860 945 | 33 800 229 |

## Kummenti:

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi: għall-promozzjoni tal-ugwaljanza u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-inugwaljanzi u d-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, u l-osservanza tal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni fuq il-bażi provduta fl-Artikolu 21 tal-Karta; għall-appoġġ, l-avvanzar u l-implimentazzjoni ta' politiki komprensivi; għall-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-Unjoni u d-dritt tal-protezzjoni tad-*data* personali.

Dawn l-objettivi msemmija hawn fuq se jiġu segwiti partikolarment b'appoġġ għall-attivitajiet li ġejjin: sensibilizzazzjoni, tagħlim reċiproku, attivitajiet analitiċi u ta' monitoraġġ, taħriġ, żvilupp u manutenzjoni ta' għodod tal-ICT.

Din l-approprjazzjoni se tappoġġa wkoll lin-Network tal-UE għall-Korpi tal-Ugwaljanza – EQUINET.

**Artikolu 07 06 02** — Il-promozzjoni tal-involviment u tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika tal-Unjoni

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 39 671 295 | 22 387 480 | 39 671 295 | 22 387 480 | 42 671 295 | 23 887 480 | 39 671 295 | 22 387 480 | 40 671 295 | 22 387 480 |

## Kummenti:

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi:

– għall-appoġġ għal proġetti mmirati għall-kommemorazzjoni ta' mumenti li sawru l-istorja Ewropea moderna, inkluż il-kawżi u l-konsegwenzi tar-reġimi awtoritarji u totalitarji, u għas-sensibilizzazzjoni fost iċ-ċittadini Ewropej, tal-istorja, il-kultura, il-wirt kulturali u l-valuri komuni tagħhom, u b'hekk jittejjeb il-fehim tagħhom dwar l-Unjoni, tal-oriġini tagħha, l-għan, id-diversità u l-kisbiet tagħha u tal-importanza tal-komprensjoni reċiproka u t-tolleranza,

– għall-promozzjoni tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u tal-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi, u l-kontribut tagħhom għall-ħajja demokratika u ċivika tal-Unjoni billi li jsemmgħu u jaqsmu pubblikament fehmiethom fl-oqsma kollha tal-azzjoni tal-Unjoni,

– għall-promozzjoni ta' skambji bejn ċittadini ta' pajjiżi differenti, partikolarment permezz ta' ġemellaġġi u networks ta' bliet, sabiex jingħataw l-opportunità ta' esperjenza prattika tal-ġid u d-diversità tal-wirt komuni tal-Unjoni u biex isiru konxji kemm dawn jikkostitwixxu pedament sod għal futur komuni.

L-objettivi speċifiċi msemmija hawn fuq se jiġu segwiti partikolarment b'appoġġ għall-attivitajiet li ġejjin: attivitajiet ta' ġemellaġġi bejn il-bliet, networks tal-bliet u proġetti ta' kommemorazzjoni, sensibilizzazzjoni, tagħlim reċiproku, attivitajiet analitiċi u ta' monitoraġġ, taħriġ, żvilupp u manutenzjoni ta' għodod tal-ICT, appoġġ lil organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Din l-approprjazzjoni se tikkontribwixxi wkoll għall-appoġġ tekniku u organizzazzjonali tal-inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej.

**Artikolu 07 06 03** — Daphne

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 29 581 401 | 14 515 044 | 29 581 401 | 14 515 044 | 33 805 710 | 16 627 199 | 29 581 401 | 14 515 044 | 33 581 401 | 14 515 044 |

## Kummenti:

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi:

– għall-prevenzjoni u l-ġlieda f'kull livell kontra kull forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru kontra n-nisa u l-bniet u kontra l-vjolenza domestika, anki permezz tal-promozzjoni tal-istandards stipulati fil-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul); u

– għall-prevenzjoni u l-ġlieda ta' kull forma ta' vjolenza kontra t-tfal, iż-żgħażagħ, kif ukoll il-vjolenza kontra gruppi oħra fir-riskju, bħal persuni LGBTQI u persuni b'diżabilitajiet;

– għall-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi diretti u indiretti kollha ta' tali vjolenza, bħal vjolenza domestika mwettqa fil-familja jew vjolenza f'relazzjonijiet intimi, inkluż tfal orfnati minn krimini domestiċi, u għall-appoġġ u l-iżgurar tal-istess livell ta' protezzjoni madwar l-Unjoni għall-vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru.

Dawk l-objettivi speċifiċi msemmija hawn fuq se jiġu segwiti partikolarment b'appoġġ għall-attivitajiet li ġejjin: sensibilizzazzjoni, tagħlim reċiproku, attivitajiet analitiċi u ta' monitoraġġ, taħriġ, żvilupp u manutenzjoni ta' għodod tal-ICT.

**Artikolu 07 06 04** — Protezzjoni u promozzjoni tal-valuri tal-Unjoni

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 91 787 552 | 60 970 543 | 91 787 552 | 60 970 543 | 96 287 552 | 63 220 543 | 91 787 552 | 60 970 543 | 92 287 552 | 60 970 543 |

## Kummenti:

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffoka fuq il-protezzjoni, il-promozzjoni u s-sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet billi tipprovdi appoġġ finanzjarju lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili attivi fil-livell lokali, reġjonali u transnazzjonali fil-promozzjoni u l-kultivazzjoni ta' dawn id-drittijiet, u b'hekk fuq it-tisħiħ ukoll tal-protezzjoni u l-promozzjoni tal-valuri tal-Unjoni u r-rispett għall-istat tad-dritt u l-kontribut għall-bini ta' Unjoni aktar demokratika, djalogu demokratiku, trasparenza u governanza tajba.

L-objettivi speċifiċi t'hawn fuq se jiġu segwiti partikolarment permezz tal-appoġġ lil organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u partijiet konċernati mingħajr skop ta' profitt fl-oqsma tal-Programm biex tiżdied il-kapaċità tagħhom biex jirreaġixxu, biex iwettqu l-attivitajiet ta' advokatezza biex jiġu promossi d-drittijiet, u jiżguraw aċċess adegwat għaċ-ċittadini kollha għas-servizzi, konsulenza u attiviajiet ta' appoġġ tagħhom.

**Artikolu 07 07 03** — Il-promozzjoni ta' aċċess effettiv għall-ġustizzja

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 14 477 200 | 14 165 859 | 14 477 200 | 14 165 859 | 14 527 200 | 14 190 859 | 14 477 200 | 14 165 859 | 14 477 200 | 14 165 859 |

**Artikolu 07 10 01** — Il-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol (Eurofound)

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 21 777 810 | 21 777 810 | 21 777 810 | 21 777 810 | 21 777 810 | 21 777 810 | 21 777 810 | 21 777 810 | 21 777 810 | 21 777 810 |

## Kummenti:

Il-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol (Eurofound) tipprovdi u xxerred għarfien importanti dwar kwistjonijiet soċjali u relatati max-xogħol u biex tikkontribwixxi għal politiki sodi u bbażati fuq l-elementi konkreti f'dawk l-oqsma. L-attività ewlenija tagħha tirrigwarda r-riċerka fl-oqsma tal-impjiegi, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, ir-relazzjonijiet industrijali u l-kwalità tal-ħajja. L-attivitajiet tal-Eurofound jikkontribwixxu għall-prijoritajiet li ġejjin: aktar parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-ġlieda kontra l-qgħad bil-ħolqien ta' impjiegi, titjib tal-funzjonament tas-suq tax-xogħol u promozzjoni tal-integrazzjoni u tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri; it-titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u li x-xogħol isir sostenibbli tul il-ħajja kollha, l-iżvilupp ta' relazzjonijiet industrijali li jiżguraw soluzzjonijiet ekwi u produttivi f'kuntest ta' politiki li qed jinbidel, it-titjib tal-istandards tal-għajxien u l-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali fid-dawl tad-disparitajiet ekonomiċi u l-inugwaljanzi soċjali, pereżempju d-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi u d-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba għal studji dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u r-relazzjonijiet industrijali sabiex jiġu appoġġati il-politiki li jiżguraw aktar impjiegi u impjiegi aħjar, li x-xogħol isir aktar sostenibbli u li jsaħħu d-djalogu soċjali fl-Ewropa.

Parti oħra ta' din l-approprjazzjoni hija maħsuba għal studji u riċerka progressiva dwar is-swieq tax-xogħol, u speċifikament l-monitoraġġ u l-antiċipazzjoni tal-bidla strutturali, l-impatt tagħha fuq l-impjiegi u l-ġestjoni tal-konsegwenzi.

L-approprjazzjoni se tkopri wkoll ir-riċerka u l-ġbir ta' għarfien dwar il-kundizzjonijiet tal-għajxien u l-kwalità tal-ħajja, b'enfasi partikolari fuq il-politiki soċjali u fuq ir-rwol tas-servizzi pubbliċi biex titjieb il-kwalità tal-ħajja. Ir-riċerka dwar ir-rikonċiljazzjoni bejn il-ħajja professjonali u dik privata u dwar l-impjiegi prekarji, inkluż it-tqassim skont il-ġeneru, ukoll għandhom ikunu koperti minn din l-approprjazzjoni.

Fl-aħħar nett, din l-approprjazzjoni se tintuża għall-analiżi tal-impatt tad-diġitalizzazzjoni fuq l-oqsma kollha li ġew deskritti hawn fuq kif ukoll għal studji li jikkontribwixxu għal politiki mmirati lejn konverġenza 'l fuq fl-Unjoni.

| | |
|---|---|
| Kontribuzzjoni totali tal-Unjoni | 22 051 381 |
| *li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (l-artikolu 6 6 2 għad-dħul)* | 273 571 |
| Ammont imdaħħal fil-baġit | 21 777 810 |

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament (UE) 2019/127 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi l-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol (Eurofound), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 (ĠU L 30, 31.1.2019, p. 74).

**Artikolu 07 10 02** — Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA)

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 15 659 825 | 15 659 825 | 15 659 825 | 15 659 825 | 15 682 825 | 15 682 825 | 15 659 825 | 15 659 825 | 15 659 825 | 15 659 825 |

## Kummenti:

L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) impenjata biex l-Ewropa ssir żona tax-xogħol aktar sikura, aktar f'saħħitha u aktar produttiva. L-EU-OSHA tidentifika u tivvaluta riskji ġodda u emerġenti fuq il-post tax-xogħol, u tintegra s-sigurtà u s-saħħa okkupazzjonali f'oqsma oħra ta' politika bħall-edukazzjoni, is-saħħa pubblika u r-riċerka. L-EU-OSHA tqajjem kuxjenza u tiddissemina informazzjoni dwar l-importanza tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema għall-gvernijiet, l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi u tal-ħaddiema, il-korpi u n-networks tal-Unjoni, u l-kumpaniji privati.

L-objettiv tal-EU-OSHA huwa li tipprovdi lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, lill-Istati Membri u lill-partijiet interessati b'informazzjoni teknika, xjentifika u ekonomika rilevanti għall-użu fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol. Se tingħata attenzjoni speċjali lill-aspetti tal-ġeneru fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-miżuri meħtieġa biex jitwettqu l-kompiti tal-EU-OSHA kif definiti fir-Regolament (UE) 2019/126, u partikolarment:

– il-miżuri għall-konsolidament tas-sensibilizzazzjoni u l-antiċipazzjoni tar-riskji, b'enfasi speċjali fuq l-SMEs,

– l-operat tal-Osservatorju Ewropew tar-Riskju bbażat fuq eżempji ta' prattika tajba miġbura mill-kumpaniji jew fergħat speċifiċi tal-attività,

– it-tħejjija u l-forniment ta' għodod rilevanti għal kumpaniji iżgħar biex jamministraw is-saħħa u s-sikurezza fuq ix-xogħol,

– l-operat tan-network li jinkludi l-elementi ewlenin tal-komponent tan-networks tal-informazzjoni nazzjonali, inkluż l-organizzazzjonijiet nazzjonali tal-imsieħba soċjali, f'konformità mal-liġi jew il-prattika nazzjonali, kif ukoll il-punti fokali nazzjonali,

– l-organizzazzjoni ta' skambji ta' esperjenza, informazzjoni u prattiki tajba, inkluż f'kollaborazzjoni mal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra,

– jintegraw il-pajjiżi kandidati f'dawn in-networks ta' informazzjoni u l-ħolqien ta' għodod operatorji mfassla għas-sitwazzjoni speċifiċi tagħhom,

– jorganizzaw u jmexxu l-Kampanja Ewropea dwar Postijiet tax-Xogħol Ħielsa mill-Periklu kif ukoll il-Ġimgħa Ewropea dwar is-Saħħa u s-Sikurezza, li tiffoka fuq riskji u ħtiġijiet speċifiċi tal-utenti u l-benefiċjarji finali.

| | |
|---|---|
| Kontribuzzjoni totali tal-Unjoni | 15 912 000 |
| *li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus*<br>*(l-artikolu 6 6 2 għad-dħul)* | 252 175 |
| Ammont imdaħħal fil-baġit | 15 659 825 |

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul):

EFTA-ŻEE 393 062 6 6 0 0

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament (UE) 2019/126 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94 (ĠU L 30, 31.1.2019, p. 58).

**Artikolu 07 10 03 —** Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop)

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 18 232 999 | 18 232 999 | 18 196 999 | 18 196 999 | 18 232 999 | 18 232 999 | 18 232 999 | 18 232 999 | 18 232 999 | 18 232 999 |

## Kummenti:

Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta’ Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) jappoġġa l-promozzjoni, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta’ politiki tal-Unjoni fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali kif ukoll politiki dwar il-ħiliet u l-kwalifiki billi jaħdem flimkien mal-Kummissjoni, mal-Istati Membri u mas-sħab soċjali. Għal dak il-għan is-Cedefop għandu jsaħħaħ u jiddissemina l-għarfien, jipprovdi evidenza u servizzi għat-tfassil tal-politika, inkluż konklużjonijiet ibbażati fuq ir-riċerka, u għandu jiffaċilita l-kondiviżjoni tal-għarfien fost u bejn l-Unjoni u l-atturi nazzjonali.

| | |
|---|---|
| Kontribuzzjoni totali tal-Unjoni | 18 360 000 |
| *li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (l-artikolu 6 6 2 għad-dħul)* | 127 001 |
| Ammont imdaħħal fil-baġit | 18 232 999 |

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament (UE) 2019/128 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Jannar 2019 li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75 (ĠU L 30, 31.1.2019, p. 90).

**Artikolu 07 10 04** — L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 23 634 390 | 23 634 390 | 23 634 390 | 23 634 390 | 24 005 390 | 24 005 390 | 23 634 390 | 23 634 390 | 23 634 390 | 23 634 390 |

## Kummenti:

L-objettiv tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) huwa li tipprovdi assistenza u għarfien espert fil-qasam tad-drittijiet fundamentali lill-istituzzjonijiet, lill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni u lill-awtoritajiet tal-Istati Membri, meta jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni. Billi tipprovdi dawn l-assistenza u l-għarfien espert, l-FRA tappoġġjahom biex jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali meta jieħdu miżuri jew jifformulaw korsijiet ta’ azzjoni fl-isferi ta’ kompetenza rispettivi tagħhom.

| | |
|---|---|
| Kontribuzzjoni totali tal-Unjoni | 23 748 170 |
| *li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (l-artikolu 6 6 2 għad-dħul)* | 113 780 |
| Ammont imdaħħal fil-baġit | 23 634 390 |

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta’ Frar 2007 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, (ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2269 tas-7 ta' Diċembru 2017 li tistabbilixxi Qafas Pluriennali għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għall-2018–2022 (ĠU L 326, 9.12.2017, p. 1).

**Artikolu 07 10 07** — L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust)

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 45 423 578 | 45 226 899 | 44 898 578 | 44 701 899 | 46 609 078 | 46 412 399 | 45 423 578 | 45 226 899 | 45 803 578 | 45 606 899 |

## Kummenti:

L-għan tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) huwa li tappoġġa u ssaħħaħ il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-investigazzjoni u tal-prosekuzzjoni fir-rigward ta’ kriminalità serja li taffettwa żewġ Stati Membri jew aktar. Taġixxi meta tintalab mill-awtoritajiet tal-Istati Membri, u tappoġġjahom billi tħaffef it-talbiet għal assistenza legali

reċiproka, organizzazzjoni ta' approċċi koordinati għal azzjonijiet operazzjonali, u l-għoti ta' appoġġ operazzjonali u finanzjarju lit-timijiet ta' investigazzjoni konġunta.

| | |
|---|---|
| Kontribuzzjoni totali tal-Unjoni | 45 603 522 |
| *li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (l-artikolu 6 6 2 għad-dħul)* | 179 944 |
| Ammont imdaħħal fil-baġit | 45 423 578 |

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 138).

**Artikolu 07 10 08** — L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 45 851 846 | 45 851 846 | 45 851 846 | 45 851 846 | 65 636 286 | 65 636 286 | 53 351 846 | 53 351 846 | 57 101 846 | 57 101 846 |

## Kummenti:

L-UPPE inħoloq permezz tar-Regolament (UE) 2017/1939.

L-UPPE huwa responsabbli għall-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u t-tressiq għall-ġustizzja fir-rigward ta' awturi u kompliċi ta' reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni li huma previsti fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29) u determinati bir-Regolament (UE) 2017/1939. F'dan ir-rigward l-UPPE jwettaq investigazzjonijiet u atti ta' prosekuzzjoni, u jeżerċita l-funzjonijiet ta' prosekutur fil-qrati kompetenti tal-Istati Membri, sakemm il-każ ikun finalment konkluż.

Fl-2021, din l-approprjazzjoni hija maħsuba l-aktar biex tkopri n-nefqa tal-UPPE għal: nefqa relatata mar-reklutaġġ u l-persunal, il-binjiet (inkluż is-sigurtà tal-binjiet), l-infrastruttura, is-servizzi ta' protezzjoni mill-qrib lill-persunal anzjan tal-UPPE u nefqiet għat-teknoloġija tal-informazzjoni (it-Titoli 1 u 2). Fit-Titolu 3, tinkludi wkoll in-nefqa operazzjonali marbuta mas-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet tal-UPPE, il-pjattaforma tal-iskambju tal-IT bejn l-Uffiċċju Ċentrali tal-UPPE, il-Prosekuturi Delegati Ewropej u awtoritajiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi oħra fl-Istati Membri, li huwa element ewlieni għall-istabbiliment u l-funzjonament tajjeb tal-UPPE. Barra minn hekk, it-Titolu 3 jinkludi dispożizzjonijiet għall-ħolqien taċ-ċentru tad-data tal-UPPE, il-pagament tal-Prosekuturi Delegati Ewropej u l-kostijiet sostanzjali tat-traduzzjoni għall-ħtiġijiet operazzjonali tal-UPPE.

| | |
|---|---|
| Kontribuzzjoni totali tal-Unjoni | 53 351 846 |
| *Li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (l-artikolu 6 6 2 għad-dħul)* | |
| Ammont imdaħħal fil-baġit | 53 351 846 |

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

**Artikolu 07 20 01** — Proġetti pilota

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 10 933 921 | p.m. | 10 933 921 | 17 193 500 | 19 534 671 | p.m. | 10 133 921 | 15 303 000 | 13 959 671 |

**Partita 07 20 04 01** — Azzjonijiet ta’ Multimedia

| | Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 07 20 04 01 | 20 384 213 | 18 747 358 | 20 384 213 | 18 747 358 | 22 584 213 | 19 847 358 | 20 384 213 | 18 747 358 | 20 384 213 | 18 747 358 |
| Riżerva | | | | | 5 000 000 | 5 000 000 | | | | |
| Total | 20 384 213 | 18 747 358 | 20 384 213 | 18 747 358 | 27 584 213 | 24 847 358 | 20 384 213 | 18 747 358 | 20 384 213 | 18 747 358 |

## Kummenti:

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex iżżid id-disponibbiltà ta’ informazzjoni ġenerali mogħtija liċ-ċittadini dwar suġġetti li jikkonċernaw lill-Ewropa u lill-Unjoni, biex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jużaw bis-sħiħ id-dritt tagħhom li jkunu infurmati dwar il-politiki Ewropej u involuti fihom, u biex iżżid il-viżibbiltà tal-ħidma tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, id-deċiżjonijiet meħuda u l-istadji fit-tiswir tal-Ewropa. Essenzjalment din tikkonċerna l-finanzjament jew il-kofinanzjament tal-produzzjoni u/jew id-disseminazzjoni ta’ multimedja (fuq ir-radju, it-televiżjoni, l-internet, eċċ.), prodotti tal-informazzjoni, inkluż bil-midja u n-networks pan-Ewropej magħmulin minn midja lokali u nazzjonali li jwasslu aħbarijiet dwar materji Ewropej, kif ukoll l-għodod meħtieġa biex tiġi żviluppata politika bħal din.

Din l-approprjazzjoni se tkopri wkoll nefqa ta' appoġġ bħal studji, laqgħat, kontrolli *ex post*, assistenza teknika u amministrattiva esperta li ma tinvolvix kompiti ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni taħt kuntratti ta' servizz ad hoc, evalwazzjoni u awditu dwar attivitajiet preżenti jew futuri, studji ta' fattibbiltà, pubblikazzjonijiet, u l-pagament lura tal-ivvjaġġar u spejjeż relatati tal-esperti.

Fejn ikun xieraq, il-proċeduri ta’ akkwist u ta’ għotja jistgħu jinkludu l-konklużjoni ta’ sħubijiet qafas, bil-ħsieb li jiġi promoss qafas ta’ finanzjament stabbli għall-mezzi tax-xandir pan-Ewropej iffinanzjati taħt din l-approprjazzjoni.

**Partita 07 20 04 02** — Servizzi eżekuttivi u ta’ komunikazzjoni korporattiva

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 47 506 000 | 45 004 000 | 44 506 000 | 44 004 000 | 47 506 000 | 45 004 000 | 47 506 000 | 45 004 000 | 47 506 000 | 45 004 000 |

**Partita 07 20 04 03** — Rappreżentanzi tal-Kummissjoni

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 27 589 000 | 23 059 000 | 26 589 000,00 | 22 725 667,00 | 27 589 000 | 23 059 000 | 27 589 000 | 23 059 000 | 27 589 000 | 23 059 000 |

**Partita 07 20 04 04** — Servizzi tal-komunikazzjoni għaċ-ċittadini

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 32 504 000 | 29 790 000 | 31 504 000,00 | 29 456 667,00 | 32 504 000 | 29 790 000 | 32 504 000 | 29 790 000 | 32 504 000 | 29 790 000 |

**Partita 07 20 04 06** — Kompetenzi speċifiċi fil-qasam tal-politika soċjali, inkluż id-djalogu soċjali

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 23 020 900 | 21 080 000 | 23 020 900 | 21 080 000 | 28 020 900 | 23 580 000 | 23 020 900 | 21 080 000 | 25 520 900 | 21 080 000 |

## Kummenti:

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għall-promozzjoni tad-djalogu soċjali Ewropew fi tliet oqsma ewlenin, kif ukoll il-kost għal-laqgħat preliminari ta’ konsultazzjoni mar-rappreżentanti tat-trade unions.

Rigward il-promozzjoni tad-djalogu soċjali Ewropew, hemm bżonn sħab soċjali sodi u rappreżentattivi biex jitjieb il-proċess ta' titjib tal-funzjonament tad-djalogu soċjali, kif ukoll titjib tal-kompetittività, ir-reżiljenza u l-ġustizzja fl-ekonomija tas-suq soċjali. Jenħtieġ li l-miżuri jgħinu lill-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema u tal-impjegaturi biex jindirizzaw l-isfidi kumplessivi li qed tiffaċċja l-politika Ewropea tal-impjiegi u dik soċjali, kif stabbilit fil-Pjan ta' Azzjoni biex jiġi implimentat il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-kuntest tal-inizjattivi tal-Unjoni biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID-19, jiġu appoġġati l-irkupru u t-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi.

Rigward l-azzjonijiet dwar il-laqgħat preliminari tal-konsultazzjoni bejn ir-rappreżentanti tat-trade unions Ewropej, l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet bil-ħsieb li tgħinhom jiffurmaw l-opinjonijiet tagħhom u jarmonizzaw il-pożizzjonijiet tagħhom fejn jidħol l-iżvilupp tal-politiki tal-Unjoni. Il-kostijiet huma maħsuba biex ikopru partikolarment studji, sessjonijiet ta' ħidma, konferenzi, analiżijiet, evalwazzjonijiet, pubblikazzjonijiet, assistenza teknika, ix-xiri u l-manutenzjoni ta' databażijiet u software, u l-finanzjament parzjali u l-appoġġ għal miżuri marbuta mal-monitoraġġ ekonomiku, l-analiżi tal-kombinament ta' miżuri u l-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa marbuta mal-promozzjoni tad-djalogu soċjali Ewropew u miżuri relatati, partikolarment għall-attivitajiet li ġejjin:

– studji, konsultazzjonijiet, laqgħat ta' esperti, negozjati, pubblikazzjonijiet u azzjonijiet oħrajn marbuta direttament mal-kisba tal-objettivi tal-intestatura baġitarja u kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti tal-awtorità pubblika li jkunu ġew esternalizzati mill-Kummissjoni permezz ta' kuntratti ta' servizz *ad hoc*,

– azzjonijiet meħuda mis-sħab soċjali biex jippromwovu d-djalogu soċjali (inkluż il-bini tal-kapaċitajiet tas-sħab soċjali fl-Istati Membri u fil-pajjiżi kandidati) fil-livell transindustrijali, settorjali u tal-kumpaniji, inklużi azzjonijiet meħuda biex tippromwovi l-parteċipazzjoni ugwali tan-nisa u tal-irġiel fil-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tat-trade unions u anki tal-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi,

– azzjonijiet li jtejbu l-għarfien u l-għarfien espert dwar ir-relazzjonijiet industrijali madwar l-Unjoni u li jiskambjaw u jiddisseminaw informazzjoni rilevanti,

– azzjonijiet li jtejbu l-grad u l-kwalità tal-involviment tar-rappreżentanti tal-ħaddiema u tal-impjegaturi fit-tfassil ta' politiki u ta' liġijiet Ewropej,

– azzjonijiet dwar il-laqgħat preliminari ta' konsultazzjoni bejn ir-rappreżentanti tat-trade unions Ewropej, b'mod partikolari biex ikopru l-kostijiet bil-għan li jiġu megħjuna jiffurmaw l-opinjonijiet tagħhom u jarmonizzaw il-pożizzjonijiet tagħhom fejn jidħol l-iżvilupp tal-politiki tal-Unjoni, b'mod partikolari wara l-kriżi tal-COVID-19.

L-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-kostijiet relatati mal-promozzjoni tal-informazzjoni, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni ta' rappreżentanti ta' impriżi, partikolari għall-attivitajiet li ġejjin:

– miżuri maħsuba biex jiżviluppaw l-involviment tal-impjegati f'impriżi – jiġifieri kwalunkwe mekkaniżmu, inkluż l-informazzjoni, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni, li permezz tagħhom ir-rappreżentanti tal-impjegati jistgħu jeżerċitaw influwenza fuq id-deċiżjonijiet li jridu jittieħdu fil-kumpanija – partikolarment billi jqajmu kuxjenza u jikkontribwixxu għall-applikazzjoni tal-liġijiet u tal-politiki tal-Unjoni f'dan il-qasam u l-adozzjoni u l-iżvilupp tal-Kunsilli Ewropej tax-Xogħlijiet,

– inizjattivi li jsaħħu l-kooperazzjoni transnazzjonali bejn ir-rappreżentanti tal-ħaddiema u tal-impjegaturi fir-rigward tal-informazzjoni, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-impjegati f'kumpaniji li joperaw f'aktar minn Stat Membru wieħed u azzjonijiet ta' taħriġ qasir lin-negozjaturi u lir-rappreżentanti f'korpi transnazzjonali tal-informazzjoni, tal-konsultazzjoni u tal-parteċipazzjoni li jistgħu jinvolvu wkoll lil sħab soċjali minn pajjiżi kandidati,

– miżuri li jippermettu lis-sħab soċjali jeżerċitaw id-drittijiet u d-dmirijiet tagħhom fir-rigward tal-involviment tal-impjegati, speċjalment fil-qafas tal-Kunsilli Ewropej tax-Xogħlijiet, biex isiru midħla

tal-ftehimiet tal-kumpaniji transnazzjonali u jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom fir-rigward tal-liġi tal-Unjoni dwar l-involviment tal-impjegati,

– proġetti u azzjonijiet innovattivi b'appoġġ għall-involviment tal-impjegati, bil-għan li jiġu identifikati, antiċipati u indirizzati sfidi li jirriżultaw mill-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi u l-bidliet soċjali u ekonomiċi tagħha fid-dinja tax-xogħol — eż. ristrutturar, demissjonijiet, esternalizzazzjoni jew subkuntrattar, diġitalizzazzjoni jew awtomatizzazzjoni jew intelliġenza artifiċjali, u forom ġodda tax-xogħol, jew il-ħtieġa għal tranżizzjoni lejn ekonomija inklużiva, sostenibbli u baxxa fil-karbonju.

*Atti ta' referenza*

Il-kompiti li jirriżultaw minn setgħat speċifiċi mogħtija direttament lill-Kummissjoni mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikoli 154, 155, 159 u 161 tiegħu.

**Partita 08 02 03 04** — Skemi tal-iskejjel

| Abbozz tal-baġit 2022 | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | Konċiljazzjoni 2022 |
|---|---|---|---|---|
| 185 000 000 | 185 000 000 | 205 000 000 | 185 000 000 | 185 000 000 |

**Partita 08 02 03 08** — Apikultura

| Abbozz tal-baġit 2022 | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | Konċiljazzjoni 2022 |
|---|---|---|---|---|
| 59 000 000 | 59 000 000 | 60 000 000 | 59 000 000 | 59 000 000 |

**Partita 08 02 05 02** — Skema ta' pagament uniku skont l-erja (SPUE)

| Abbozz tal-baġit 2022 | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | Konċiljazzjoni 2022 |
|---|---|---|---|---|
| 4 433 000 000 | 4 433 000 000 | 4 433 000 000 | 4 392 000 000 | 4 392 000 000 |

**Partita 08 02 05 03** — Pagament ridistributtiv

| Abbozz tal-baġit 2022 | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | Konċiljazzjoni 2022 |
|---|---|---|---|---|
| 1 612 000 000 | 1 612 000 000 | 1 612 000 000 | 1 615 000 000 | 1 615 000 000 |

**Partita 08 02 05 04** — Skema ta' pagament bażiku (BPS)

| Abbozz tal-baġit 2022 | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | Konċiljazzjoni 2022 |
|---|---|---|---|---|
| 14 174 000 000 | 14 174 000 000 | 14 174 000 000 | 14 260 000 000 | 14 260 000 000 |

**Partita 08 02 05 05** — Pagament għal prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent

| Abbozz tal-baġit 2022 | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | Konċiljazzjoni 2022 |
|---|---|---|---|---|
| 10 780 000 000 | 10 780 000 000 | 10 780 000 000 | 10 776 000 000 | 10 776 000 000 |

**Partita 08 02 05 07** — Pagament lill-bdiewa żgħażagħ

| Abbozz tal-baġit 2022 | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | Konċiljazzjoni 2022 |
|---|---|---|---|---|
| 569 000 000 | 569 000 000 | 575 000 000 | 530 000 000 | 530 000 000 |

**Partita 08 02 05 09** — Skema għal appoġġ akkoppjat volontarju

| Abbozz tal-baġit 2022 | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | Konċiljazzjoni 2022 |
|---|---|---|---|---|
| 4 006 000 000 | 4 006 000 000 | 4 006 000 000 | 4 011 000 000 | 4 011 000 000 |

**Partita 08 02 05 10** — Skema ta' bdiewa żgħar

| Abbozz tal-baġit 2022 | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | Konċiljazzjoni 2022 |
|---|---|---|---|---|
| 621 000 000 | 621 000 000 | 621 000 000 | 681 000 000 | 681 000 000 |

**Kapitolu 08 04** — Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA)

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 964 063 750 | 724 603 246 | 964 063 750 | 724 603 246 | 964 063 750 | 724 603 246 | 964 063 750 | 724 603 246 | 964 063 750 | 724 603 246 |

## Kummenti:

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru n-nefqa relatata mal-implimentazzjoni tal-politika komuni tas-Sajd u l-politika marittima:

– biex jitrawwem sajd sostenibbli, u għar-restawr u l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi akkwatiċi,

– biex jitrawmu attivitajiet sostenibbli tal-akkwakultura, u l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u l-akkwakultura, li jikkontribwixxu għas-sigurtà alimentari fl-Unjoni,

– għal faċilitazzjoni ta' ekonomija blu sostenibbli fiż-żoni kostali, fil-gżejjer u fiż-żoni interni, u biex jitrawwem l-iżvilupp ta' komunitajiet tas-sajd u l-akkwakultura,

– biex tissaħħaħ tal-governanza internazzjonali tal-oċeani u biex jippermetti ibħra u oċeani sikuri, siguri, indaf u ġestiti b'mod sostenibbli.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni u kwalunkwe dħul ieħor assenjat imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

Ir-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1004 (ĠU L 247, 13.7.2021, p. 1).

**Artikolu 08 04 04** — Fond InvestEU — Kontribuzzjoni mill-FEMSA

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | | | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

## Kummenti:

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkomplementa ir-riżorsi tal-InvestEU b'segwitu ta' talba tal-Istat(i) Membru/i fil-Ftehim ta' Sħubija jew f'talba għal emenda ta' programm biex ikun trasferit sa massimu ta' 5 % tal-allokazzjoni nazzjonali inizjali tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA) għall-InvestEU skont l-Artikolu 14 tar-RDK. Riżorsi trasferiti se jkunu implimentati skont ir-regoli ta' InvestEU u għandhom jintużaw għall-proviżjonament tal-parti tal-garanzija tal-UE taħt il-parti dedikata għall-Istat Membru jew għaċ-Ċentru ta' Konsulenza InvestEU mal-konklużjoni tal-ftehim ta' kontribuzzjoni f'konformità mal-Artikolu 10(3) tar-Regolament InvestEU.

**Artikolu 08 04 05** — Strument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi (BMVI) — Kontribuzzjoni mill-FEMSA

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | | | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

## Kummenti:

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkomplementa ir-riżorsi tal-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi (BMVI) b'segwitu ta' talba tal-Istat(i) Membru/i fil-Ftehim ta' Sħubija jew f'talba għal emenda ta' programm biex ikun trasferit sa massimu ta' 5 % tal-allokazzjoni nazzjonali inizjali tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA) għall-BMVI skont l-Artikolu 26 tar-RDK. Riżorsi trasferiti se jkunu implimentati skont ir-regoli tal-BMVI u għall-benefiċċju tal-Istat(i) Membru/i kkonċernat(i).

**Artikolu 08 05 01** — Stabbiliment ta' qafas ta' governanza għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni f'ilmijiet ta' pajjiżi terzi

| | Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 08 05 01 | 84 343 754 | 84 015 754 | 84 343 754 | 84 015 754 | 84 343 754 | 84 015 754 | 149 268 754 | 156 440 754 | 153 518 754 | 160 690 754 |
| Riżerva | 58 250 000 | 55 250 000 | 58 250 000 | 55 250 000 | 58 250 000 | 55 250 000 | 4 250 000 | 4 250 000 | 4 250 000 | 4 250 000 |
| Total | 142 593 754 | 139 265 754 | 142 593 754 | 139 265 754 | 142 593 754 | 139 265 754 | 153 518 754 | 160 690 754 | 157 768 754 | 164 940 754 |

## Kummenti:

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa li tirriżulta mill-ftehimiet dwar is-sajd li l-Unjoni nnegozjat jew beħsiebha ġġedded jew tinnegozja mill-ġdid ma' pajjiżi terzi.

Barra minn hekk, l-Unjoni tista' tinnegozja ftehimiet ta' sħubija ġodda fil-qasam tas-sajd li jkun jeħtieġ li jiġu ffinanzjati minn dan l-artikolu.

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22), u b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu.

Ir-Regolamenti u d-Deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni ta' ftehimiet u protokolli adottati fir-rigward ta' sajd bejn l-Unjoni u l-gvernijiet tal-pajjiżi li ġejjin:

| Status (minn Mejju 2021) | Pajjiż | Bażi ġuridika | Data | Il-Ġurnal Uffiċjali | Durata |
|---|---|---|---|---|---|
| Ftehimiet u/jew Protokolli applikati provviżorjament jew li huma fis-seħħ (u kumpens finanzjarju dovut fl-2021 imdaħħal fl- | Cabo Verde | Id-Deċiżjoni (UE) 2019/951 | Is-17 ta' Mejju 2019 | L 154, 12.6.2019 | 20.5.2019 sa 19.5.2024 |
| | Il-Gżejjer Cook | Id-Deċiżjoni (UE) 2021/XXX | XX XXX 2021 | L XXX, xx.xx.2021 | xx.xx.2021 sa xx.xx.2024 |
| | Il-Kosta tal-Avorju | Id-Deċiżjoni (UE) | L-4 ta' Marzu 2019 | L 70, 12.3.2019 | 1.8.2018 sa 31.12.2024 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Artikolu 08 05 01) | | 2019/385 | | | |
| | Il-Gabon | Id-Deċiżjoni (UE) 2021/1116 | It-Tnejn, 28 ta' Ġunju 2021 | L 242, 8.7.2021 | 29.6.2021 sa 28.6.2026 |
| | Il-Gambja | Id-Deċiżjoni (UE) 2020/392 | Il-5 ta' Marzu 2020 | L 75, 11.3.2020 | 31.7.2019 sa 30.7.2025 |
| | Greenland | Id-Deċiżjoni (UE) 2021/793 | Is-26 ta' Marzu 2021 | L 175, 18.5.2021 | 22.4.2021 sa 22.4.2024 |
| | Il-Guinea-Bissau | Id-Deċiżjoni (UE) 2019/1088 | Is-6 ta' Ġunju 2019 | L 173, 27.6.2019 | 15.6.2019 sa 14.6.2024 |
| | Il-Mauritania | Id-Deċiżjoni (UE) 2021/XXX | XX XXX 2021 | L XXX, xx.xx.2021 | xx.xx.2021 sa xx.xx.2026 |
| | Il-Marokk | Id-Deċiżjoni (UE) 2019/441 | L-4 ta' Marzu 2019 | L 77, 20.3.2019 | 18.7.2019 sa 17.7.2023 |
| | São Tomé u Príncipe | Id-Deċiżjoni (UE) 2019/2218 | L-24 ta' Ottubru 2019 | L 333, 27.12.2019 | 19.12.2019 sa 18.12.2024 |
| | Is-Senegal | Id-Deċiżjoni (UE) 2019/1925 | L-14 ta' Novembru 2019 | L 299, 20.11.2019 | 18.11.2019 sa 17.11.2024 |
| | Is-Seychelles | Id-Deċiżjoni (UE) 2020/272 | L-20 ta' Frar 2020 | L 60, 28.2.2020 | 24.02.2020 sa 23.02.2026 |
| Ftehimiet u-Protokolli li jridu jiġu negozjati mill-ġdid, li diġà qed jiġu negozjati jew li għaddejjin bi proċedura leġiżlattiva (kumpens finanzjarju mdaħħal fl-artikolu 30 02 02) | Kiribati | Id-Deċiżjoni 2014/60/UE | It-28 ta' Jannar 2014 | L 38, 7.2.2014 | Skadiet |
| | Il-Liberja | Id-Deċiżjoni (UE) 2016/1062 | L-24 ta' Mejju 2016 | L 177, 1.7.2016 | Skadiet |
| | Il-Madagascar | Id-Deċiżjoni (UE) 2015/1893 | Il-5 ta' Ottubru 2015 | L 277, 22.10.2015 | Skadiet |
| | Mauritius | Id-Deċiżjoni (UE) 2018/754<br>COM(2021) 456 | L-14 ta' Mejju 2018<br>Id-29 ta' Lulju 2021 | L 128, 24.5.2018 | 08.12.2017 sa 07.12.2021<br>Ftuħ tan-negozjati |

**Artikolu 08 20 01** — Proġetti pilota

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | p.m. | 2 799 572 | 1 490 500 | 3 548 822 | p.m. | 2 799 572 | 1 490 500 | 3 172 197 |

**Artikolu 08 20 02** — Azzjonijiet preparatorji

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 2 977 766 | p.m. | 2 977 766 | p.m. | 2 977 766 | p.m. | 2 977 766 | p.m. | 2 977 766 |

## Kummenti:

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet preparatorji fil-qasam tal-applikazzjonijiet tat-TFUE u tat-Trattat Euratom, imfassla biex jippreparaw proposti bil-ħsieb li jiġu adottati azzjonijiet futuri.

Il-lista tal-azzjonijiet preparatorji hija stabbilita fl-Anness "Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji" ta' din it-Taqsima, taħt il-Kapitolu PA 08.

## Bażi ġuridika:

L-Artikolu 58(2)(b) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

**Kapitolu 09 02** — Il-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE)

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 684 515 892 | 505 003 984 | 659 515 892 | 496 673 984 | 855 644 866 | 590 568 470 | 684 515 892 | 505 003 984 | 732 015 892 | 505 003 984 |

## Kummenti:

L-approprjazzjonijiet f'dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru azzjonijiet li jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni lejn ekonomija nadifa, ċirkolari, effiċjenti fl-enerġija, b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima, inkluż permezz tat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, lejn protezzjoni u titjib tal-kwalità tal-ambjent u lejn waqfien u restawr tat-telf tal-bijodiversità, u għalhekk jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli.

Il-Programm LIFE jista' jipprovdi finanzjament fi kwalunkwe waħda mill-forom stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju, b'mod partikolari għotjiet, premjijiet u akkwist. Jista' jipprovdi wkoll finanzjament fil-forma ta' strumenti finanzjarji f'operazzjonijiet ta' taħlit, li għandhom jiġu implimentati skont ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm InvestEU.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul ieħor assenjat, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2021/783 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni dwar il-Klima (LIFE), u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 (ĠU L 172, 17.5.2021, p. 53).

## Atti ta' referenza:

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM(2019)0640).

**Artikolu 09 02 01** — Natura u bijodiversità

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 265 601 888 | 79 910 000 | 255 601 888 | 76 580 000 | 332 002 360 | 113 110 236 | 265 601 888 | 79 910 000 | 284 032 563 | 79 910 000 |

**Artikolu 09 02 02** — Ekonomija ċirkolari u kwalità tal-ħajja

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 169 866 127 | 54 900 500 | 163 866 127 | 52 900 500 | 212 332 659 | 76 133 766 | 169 866 127 | 54 900 500 | 181 653 495 | 54 900 500 |

**Artikolu 09 02 03** — Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u adattament għalih

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 120 050 994 | 40 803 484 | 116 050 994 | 39 403 484 | 150 063 743 | 55 809 858 | 120 050 994 | 40 803 484 | 128 381 585 | 40 803 484 |

**Artikolu 09 02 04** — Tranżizzjoni lejn enerġija nadifa

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 128 996 883 | 32 890 000 | 123 996 883 | 31 290 000 | 161 246 104 | 49 014 610 | 128 996 883 | 32 890 000 | 137 948 249 | 32 890 000 |

**Kapitolu 09 03** — Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JFT)

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 1 159 748 744 | 1 315 000 | 1 159 748 744 | 1 315 000 | 1 159 748 744 | 1 315 000 | 1 159 748 744 | 1 315 000 | 1 159 748 744 | 1 315 000 |

## Kummenti:

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex jkopru l-appoġġ mill-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF) għat-territorji li qed iġarrbu sfidi soċjoekonomiċi serji minħabba l-proċess ta' tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima tal-Unjoni sal-2050.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul ieħor assenjat, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

Barra minn hekk, u b'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020, id-dħul assenjat estern li jirriżulta mir-rikavati tan-Next Generation EU/Strument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea (EURI) imdaħħla fid-dikjarazzjoni tad-dħul jiġġenera l-għoti ta' approprjazzjonijiet għal dan il-programm fil-kuntest ta' dan it-titolu għal ammont ta' EUR 10 868 467 855 f'impenji. L-ammonti indikati fil-kummenti baġitarju tal-linji baġitarji rilevanti fil-kuntest ta' dan it-titolu jipprovdu informazzjoni dwar l-ammont mistenni tal-impenji legali fl-2022.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 23).

Ir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 1).

**Artikolu 09 03 01** — Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF) — Nefqa operazzjonali

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 1 155 689 623 | p.m. | 1 155 689 623 | p.m. | 1 155 689 623 | p.m. | 1 155 689 623 | p.m. | 1 155 689 623 | p.m. |

## Kummenti:

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-appoġġ mill-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF) għat-territorji li qed iġarrbu sfidi soċjoekonomiċi serji minħabba l-proċess ta' tranżizzjoni lejn ekonomija

newtrali għall-klima tal-Unjoni sal-2050 skont ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Rikavati minn EURI 4 307 820 215 5 0 4 0

**Artikolu 09 10 02** — L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 49 447 574 | 49 447 574 | 49 447 574 | 49 447 574 | 54 457 574 | 54 457 574 | 49 447 574 | 49 447 574 | 49 447 574 | 49 447 574 |

## Kummenti:

Il-missjoni tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent hija li tipprovdi lill-Unjoni u lill-Istati Membri b'informazzjoni oġġettiva, affidabbli u paragunabbli fuq l-ambjent f'livell tal-Unjoni, u b'hekk dawn ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri meħtieġa għall-protezzjoni tal-ambjent, jivvalutaw ir-riżultati ta' dawn il-miżuri u jinfurmaw lill-pubbliku.

| | |
|---|---|
| Kontribuzzjoni totali tal-Unjoni | 49 682 736 |
| *li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus*<br>*(dħul, l-artikolu 6 6 2)* | 235 162 |
| Ammont imdaħħal fil-baġit | 49 447 574 |

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul):

EFTA-ŻEE 1 241 134 6 6 0 0

Il-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent 3 127 000 6 6 2

Dħul assenjat ieħor 1 840 093 6 6 2

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent (ĠU L 126, 21.5.2009, p. 13).

Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, 1).

## Atti ta' referenza:

Il-Proposta mressqa mill-Kummissjoni fl-14 ta' Ottubru 2020, għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030 (COM(2020) 652 finali).

**Kapitolu 10 02** — Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 1 096 455 000 | 1 273 766 000 | 1 096 455 000 | 1 273 766 000 | 1 181 986 750 | 1 316 531 875 | 1 096 455 000 | 1 273 766 000 | 1 116 455 000 | 1 288 766 000 |

## Kummenti:

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru azzjonijiet li jikkontribwixxu għal ġestjoni effiċjenti tal-flussi migratorji skont l-acquis rilevanti tal-Unjoni u f'konformità mal-impenji tal-Unjoni dwar id-drittijiet fundamentali.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-

programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul ieħor assenjat, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-oġġett jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

Ir-Regolament (UE) 2021/1147 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (ĠU L 251, 15.7.2021, p. 1).

## Atti ta' referenza:

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill (KE) 2003/109 u r-Regolament propost (UE) XXX/XXX [Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil] Brussell (COM(2020) 610 final).

Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi proċedura komuni għal protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li tħassar id-Direttiva 2013/32/UE, COM(2020) 611 final.

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' *force majeure* fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil (COM(2020) 613 final).

Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' data bijometrika għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] u tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar ir-Risistemazzjoni], għall-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida b'soġġorn illegali u dwar talbiet għat-tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/818 – COM(2020) 614 final.

**Artikolu 10 02 01** — Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 1 096 455 000 | 661 766 000 | 1 096 455 000 | 661 766 000 | 1 181 986 750 | 704 531 875 | 1 096 455 000 | 661 766 000 | 1 116 455 000 | 676 766 000 |

**Artikolu 10 10 01** — Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO)

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 153 281 205 | 153 281 205 | 153 281 205 | 153 281 205 | 156 281 205 | 156 281 205 | 153 281 205 | 153 281 205 | 153 661 205 | 153 661 205 |

## Kummenti:

L-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil (EASO) jaġixxi bħala ċentru ta' għarfien espert dwar l-asil u jikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil billi jiffaċilita, jikkoordina u jsaħħaħ il-kooperazzjoni prattika fost l-Istati Membri dwar il-ħafna aspetti tal-asil. L-EASO jgħin ukoll lill-Istati Membri jwettqu l-obbligi Ewropej u internazzjonali tagħhom biex jagħtu protezzjoni lil persuni fil-bżonn, huwa jipprovdi appoġġ operazzjonali lil Stati Membri bi ħtiġijiet speċifiċi u lill-Istati Membri li s-sistemi ta' ażil u akkoljenza tagħhom jinsabu taħt pressjoni partikolari. Barra minn hekk, l-EASO jipprovdi

input ibbażat fuq l-evidenza għat-tfassil tal-politika u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fl-oqsma kollha li għandhom impatt dirett jew indirett fuq l-asil.

| | |
|---|---|
| Kontribuzzjoni totali mill-Unjoni | 171 400 000 |
| *Li l-ammont tagħha ġej mill-irkupru tas-surplus (dħul mill-artikolu 6 6 2)* | 18 118 795 |
| L-ammont imdaħħal fil-baġit | 153 281 205 |

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament (UE) Nru 439/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (ĠU L 132, 29.5.2010, p. 11).

## Atti ta' referenza:

Proposta għar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ippreżentata mill-Kummissjoni fl-4 ta' Mejju 2016, dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 439/2010 (COM(2016)0271).

Proposta Emendata għar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 439/2010 (COM(2018)0633).

**Kapitolu 11 02** — Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (IBMF) — Strument għall-appoġġ finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 644 117 589 | 488 891 340 | 644 117 589 | 488 891 340 | 661 817 589 | 497 741 340 | 644 117 589 | 488 891 340 | 669 117 589 | 508 891 340 |

## Kummenti:

L-approprjazzjonijiet f'dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru l-azzjonijiet li jiżguraw ġestjoni integrata Ewropea soda u effettiva tal-fruntieri, filwaqt li jissalvagwardjaw il-moviment liberu tal-persuni fi ħdanhom, f'konformità sħiħa mal-impenji tal-Unjoni dwar id-drittijiet fundamentali, biex b'hekk jikkontribwixxu għall-garanzija ta' livell għoli ta' sigurtà fl-Unjoni.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni u kwalunkwe dħul ieħor assenjat imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati, kif ukoll l-oġġett jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul, huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

Ir-Regolament (UE) 2021/1134 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (KE) Nru 810/2009, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1860, (UE) 2018/1861, (UE) 2019/817 u (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI, għall-fini tar-riforma tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (ĠU L 248, 13.7.2021, p. 11).

Ir-Regolament (UE) 2021/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 251, 15.7.2021, p. 48).

## Atti ta' referenza:

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jintroduċi skrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2017/2226 u (UE) 2018/1240 tat-23.09.2020 — (COM(2020) 612 final).

**Artikolu 11 02 01** — Strument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u għall-viżi

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 644 117 589 | 191 891 340 | 644 117 589 | 191 891 340 | 661 817 589 | 200 741 340 | 644 117 589 | 191 891 340 | 669 117 589 | 211 891 340 |

**Kapitolu 11 03** — Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (IBMF) — Strument ta' appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 138 111 000 | 136 176 561 | 138 111 000 | 136 176 561 | 138 111 000 | 136 176 561 | 138 111 000 | 136 176 561 | 138 111 000 | 136 176 561 |

## Kummenti:

Approprjazzjonijiet fil-kapitolu huma maħsuba biex ikopru l-appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali (l-istrument) biex jappoġġaw lill-Unjoni Doganali u lill-awtoritajiet doganali sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji u ekonomiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, sabiex jiġu żgurati s-sigurtà u s-sikurezza fl-Unjoni u sabiex l-Unjoni tiġi protetta mill-kummerċ illegali u inġust filwaqt li jiġu ffaċilitati l-attivitajiet kummerċjali leġittimi. L-Istrument ta' appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali jikkontribwixxi biex ikun hemm kontrolli doganali adegwati u ekwivalenti permezz tax-xiri, tal-manutenzjoni u tal-aġġornament ta' tagħmir ta' kontroll doganali li jkun rilevanti, modern u affidabbli.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni u kwalunkwe dħul ieħor assenjat imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-oġġett jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament (UE) 2021/1077 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali (ĠU L 234, 2.7.2021, p. 1).

**Artikolu 11 10 01** — Aġenzija tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex)

| | Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 11 10 01 | 757 793 708 | 757 793 708 | 667 793 708 | 667 793 708 | 667 793 708 | 667 793 708 | 757 793 708 | 757 793 708 | 692 793 708 | 692 793 708 |
| Riżerva | | | 45 000 000 | 45 000 000 | 90 000 000 | 90 000 000 | | | | |
| Total | 757 793 708 | 757 793 708 | 712 793 708 | 712 793 708 | 757 793 708 | 757 793 708 | 757 793 708 | 757 793 708 | 692 793 708 | 692 793 708 |

## Kummenti:

L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) tippromwovi, tikkoordina u tiżviluppa l-ġestjoni Ewropea tal-fruntieri f’konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-kunċett ta’ ġestjoni integrata tal-fruntieri. Il-kompiti ewlenin tal-Frontex huma li tikkoordina l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni, tassisti lill-Istati Membri fit-taħriġ tal-gwardji tal-fruntiera nazzjonali, twettaq analiżi tar-riskju u ssegwi r-riċerka rilevanti għall-kontroll u s-sorveljanza tal-fruntieri esterni. Barra minn hekk, Frontex tgħin lill-Istati Membri jitolbu assistenza teknika u operazzjonali fuq il-fruntieri esterni u tipprovdi lill-Istati Membri bl-appoġġ meħtieġ biex jorganizzaw operazzjonijiet konġunti ta’ ritorn.

| | |
|---|---|
| Kontribuzzjoni totali mill-Unjoni | 769 703 142 |
| *Li l-ammont tagħha ġej mill-irkupru tas-surplus* | 11 909 434 |
| L-ammont imdaħħal fil-baġit | 757 793 708 |

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 694/2003 tal-14 ta’ April 2003 dwar il-format uniformi tad-Dokumenti dwar it-Tranżitu Faċilitat (FTD) u tad-Dokumenti dwar it-Tranżitu Faċilitat bil-Ferrovija (FRTD) previsti fir-Regolament (KE) Nru 693/2003 (ĠU L 99, 17.4.2003, p. 15).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2252/2004 tat-13 ta' Diċembru 2004 dwar l-istandards għall-karatteristiċi u bijometriċi ta' sigurtà fil-passaporti u dokumenti ta' l-ivvjaġġar maħruġa mill-Istati Membri (ĠU L 385, 29.12.2004, p. 1–6, OJ L 153M , 7.6.2006, p. 375).

Il-Protokoll Nru 19 dwar l-*acquis* ta’ Schengen integrat fil-qafas tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 326, 26.10.2012, p. 290).

Ir-Regolament (UE) Nru 656/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Mejju 2014 li jistabbilixxi regoli dwar is-sorveljanza tal-fruntieri esterni tal-baħar fil-kuntest tal-kooperazzjoni operazzjonali kkoordinata mill-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta’ Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 93).

Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta’ persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen) (ĠU L 77, 23.3.2016, p.1).

Ir-Regolament (UE) 2017/1370 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta’ Lulju 2017 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1683/95 li jippreskrivi format uniformi għall-viżi (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 24).

Ir-Regolament (UE) 2017/1954 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2017 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1030/2002 li jippreskrivi format uniformi għall-permessi ta’ residenza għaċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi (ĠU L 286, 1.11.2017, p. 9).

Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Settembru 2018 li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta’ Informazzjoni u ta’ Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 (ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam ta' fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27).

Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-

kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816 (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85).

Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2020/493 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Marzu 2020 dwar is-sistema tad-Dokumenti Foloz u Awtentiċi Online (FADO) u li jħassar l-Azzjoni Konġunta tal- Kunsill 98/700/ĠAI (ĠU L 107, 6.4.2020, p. 1).

Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1567 tas-26 ta’ Ottubru 2020 dwar l-appoġġ finanzjarju għall-iżvilupp tal-korp permanenti tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta skont l-Artikolu 61 tar-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 358, 28.10.2020, p. 59).

Ir-Regolament (UE) 2021/1134 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta’ Lulju 2021 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (KE) Nru 810/2009, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1860, (UE) 2018/1861, (UE) 2019/817 u (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI, għall-fini tar-riforma tas-Sistema ta’ Informazzjoni dwar il-Viża (ĠU L 248, 13.7.2021, p. 11).

**Artikolu 11 10 02** — Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta’ Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (“eu-LISA”)

| | Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 11 10 02 | 327 416 885 | 304 284 752 | 327 416 885 | 304 284 752 | 327 416 885 | 304 284 752 | 314 316 885 | 291 184 752 | 314 316 885 | 291 184 752 |
| Riżerva | 1 713 000 | 1 713 000 | 1 713 000 | 1 713 000 | 1 713 000 | 1 713 000 | 1 713 000 | 1 713 000 | 1 713 000 | 1 713 000 |
| Total | 329 129 885 | 305 997 752 | 329 129 885 | 305 997 752 | 329 129 885 | 305 997 752 | 316 029 885 | 292 897 752 | 316 029 885 | 292 897 752 |

## Kummenti:

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta’ Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (“eu-LISA”) tipprovdi soluzzjoni fit-tul għall-ġestjoni operazzjonali ta’ sistemi tal-IT fuq skala kbira, li huma strumenti essenzjali fl-implimentazzjoni tal-politiki tal-ażil, tal-ġestjoni tal-fruntieri u tal-migrazzjoni tal-Unjoni. Hija timmaniġġja sistemi tal-IT integrati fuq skala kbira li jżommu s-sigurtà interna fil-pajjiżi ta’ Schengen, tippermetti lill-pajjiżi ta’ Schengen biex jiskambjaw *data* dwar il-viżi, u tiddetermina liema Stati Membru huwa responsabbli biex jeżamina applikazzjoni partikolari għall-ażil. L-eu-LISA għandha wkoll rwol ewlieni fl-implimentazzjoni tal-ETIAS.

| | |
|---|---|
| Kontribuzzjoni totali mill-Unjoni | 319 640 398 |
| *Li l-ammont tagħha ġej mill-irkupru tas-surplus* | 3 610 513 |
| L-ammont imdaħħal fil-baġit | 316 029 885 |

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Novembru 2017 li jistabbilixxi Sistema ta’ Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata data dwar id-dħul u l-ħruġ u data dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta’ infurzar tal-liġi, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta’ Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 327, 9.12.2017, p. 20).

Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Settembru 2018 li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta’ Informazzjoni u ta’ Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li

jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 (ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2018/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Settembru 2018 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794 bl-għan li tiġi stabbilita Sistema Ewropea ta’ Informazzjoni u ta’ Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) (ĠU L 236, 19.9.2018, p. 72).

Ir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta’ Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta’ Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 99).

Regolament (UE) 2018/1860 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 1).

Regolament (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, u li jemenda u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 14).

Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 56).

Ir-Regolament (UE) 2019/816 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni ta' Stati Membri fil-pussess ta' informazzjoni dwar kundanni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (ECRIS-TCN) biex tissupplimenta s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726 (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam ta' fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27).

Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816 (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85).

Ir-Regolament (UE) 2021/1134 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta’ Lulju 2021 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (KE) Nru 810/2009, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1860, (UE) 2018/1861, (UE) 2019/817 u (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI, għall-fini tar-riforma tas-Sistema ta’ Informazzjoni dwar il-Viża (ĠU L 248, 13.7.2021, p. 11).

## Atti ta’ referenza:

Proposta għar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' 'Eurodac'għat-tqabbil ta' marki tas-swaba għall-applikazzjoni effettiva tar-[Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew

persuna mingħajr stat], għall-identifikazzjoni ta' ċittadini li huma residenti b'mod illegali f'pajjiż terz jew persuna mingħajr stat u fuq talbiet għat-tqabbil ta' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u l-Europol għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi (riformulazzjoni) (COM(2016)0272).

Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' data bijometrika għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] u tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar ir-Risistemazzjoni], għall-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż jew persuna apolida b'soġġorn illegali u dwar talbiet għat-tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/818 (COM(2020)0614).

**Kapitolu 12 02** — Fond għas-Sigurtà Interna (FSI)

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 224 642 000 | 238 280 000 | 204 642 000 | 231 613 333 | 224 642 000 | 238 280 000 | 224 642 000 | 238 280 000 | 224 642 000 | 238 280 000 |

## Kummenti:

L-approprjazzjonijiet skont dan il-kapitolu huma maħsuba li jkopru azzjonijiet li jikkontribwixxu għal livell għoli ta' sigurtà fl-Unjoni, b'mod partikolari permezz tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni, il-kriminalità serja u organizzata u ċ-ċiberkriminalità u billi jassisti u jipproteġi lill-vittmi tal-kriminalità.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul ieħor assenjat imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-oġġett jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

Ir-Regolament (UE) 2021/1149 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għas-Sigurtà Interna (ĠU L 251, 15.7.2021, p. 94).

## Atti ta' referenza:

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ippreżentata mill-Kummissjoni fis-17 ta' April 2018, dwar l-Ordnijiet ta' Produzzjoni u ta' Preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika f'materji kriminali (COM(2018) 225 final).

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fis-17 ta' April 2018, li tistabbilixxi regoli armonizzati dwar il-ħatra ta' rappreżentanti legali għall-finijiet tal-ġbir tal-evidenza fi proċeduri kriminali (COM (2018) 226 final).

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fis-16 ta' Diċembru 2020, dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi (COM(2020) 829 final).

**Artikolu 12 02 01** — Fond għas-Sigurtà Interna (FSI)

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 224 642 000 | 122 280 000 | 204 642 000,00 | 115 613 333,30 | 224 642 000,00 | 122 280 000,30 | 224 642 000 | 122 280 000 | 224 642 000 | 122 280 000 |

**Artikolu 12 10 01** — Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol)

| | Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 12 10 01 | 173 043 893 | 173 043 893 | 173 043 893 | 173 043 893 | 173 043 893 | 173 043 893 | 173 043 893 | 173 043 893 | 173 043 893 | 173 043 893 |
| Riżerva | 15 987 411 | 15 987 411 | 15 987 411 | 15 987 411 | 15 987 411 | 15 987 411 | 15 987 411 | 15 987 411 | 15 987 411 | 15 987 411 |
| Total | 189 031 304 | 189 031 304 | 189 031 304 | 189 031 304 | 189 031 304 | 189 031 304 | 189 031 304 | 189 031 304 | 189 031 304 | 189 031 304 |

## Kummenti:

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) hija l-aġenzija tal-infurzar tal-liġi tal-Unjoni, li l-mandat tagħha huwa li tgħin biex l-Ewropa ssir aktar sikura billi tassisti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri. L-Europol toffri appoġġ għal operazzjonijiet ta' infurzar tal-liġi fuq il-post, hija sservi ta' ċentru ta' informazzjoni dwar attivitajiet kriminali kif ukoll ċentru ta' għarfien espert dwar l-infurzar tal-liġi.

| | |
|---|---|
| Kontribuzzjoni totali mill-Unjoni | 192 380 773 |
| *li mill-ammont tagħha ġej mill-irkupru tas-surplus* | 3 349 469 |
| L-ammont imdaħħal fil-baġit | 189 031 304 |

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53).

Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam ta' fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27).

Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816 (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85).

Ir-Regolament (UE) 2021/1134 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (KE) Nru 810/2009, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1860, (UE) 2018/1861, (UE) 2019/817 u (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI, għall-fini tar-riforma tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (ĠU L 248, 13.7.2021, p. 11).

*Atti ta' referenza*

Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fit-23 ta' Settembru 2020, dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' *data* bijometrika għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] u tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar ir-Risistematizzazzjoni], għall-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida b'soġġorn illegali u dwar talbiet għat-tqabbil

ma' *data* tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/818 (COM(2020) 614 final).

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fid-9 ta' Diċembru 2020, li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1862 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali fir-rigward tad-dħul ta' allerti mill-Europol (COM(2020) 791 final).

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fid-9 ta' Diċembru 2020, li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794, fir-rigward tal-kooperazzjoni tal-Europol ma' partijiet privati, tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-Europol b'appoġġ għal investigazzjonijiet kriminali, u tar-rwol tal-Europol fir-riċerka u fl-innovazzjoni (COM(2020) 796 final).

**Artikolu 12 10 02** — Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL)

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 10 072 258 | 10 072 258 | 10 072 258 | 10 072 258 | 10 822 258 | 10 822 258 | 10 072 258 | 10 072 258 | 10 072 258 | 10 072 258 |

## Kummenti:

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għal Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) hija aġenzija tal-Unjoni ddedikata għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-koordinazzjoni tat-taħriġ għall-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi. Is-CEPOL tikkontribwixxi għal Ewropa aktar sikura billi tiffaċilita l-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni tal-għarfien fost l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri, u sa ċertu punt minn pajjiżi terzi, dwar kwistjonijiet li jirriżultaw minn prijoritajiet tal-Unjoni fil-qasam tas-sigurtà; b'mod partikolari, miċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE dwar il-kriminalità serja u organizzata. Is-CEPOL tgħaqqad netwerk ta' istituti ta' taħriġ għal uffiċjali tal-Istati Membri fl-infurzar tal-liġi u tappoġġjahom billi tipprovdilhom taħriġ tal-aħħar kwalità dwar prijoritajiet ta' sigurtà, kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi u skambju ta' informazzjoni. Is-CEPOL taħdem ukoll mal-korpi tal-Unjoni, organizzazzjonijiet internazzjonali u pajjiżi terzi biex tassigura li l-aktar theddidiet serji jiġu indirizzati b'rispons kollettiv.

| | |
|---|---|
| Kontribuzzjoni totali mill-Unjoni | 10 845 030 |
| *li mill-ammont tagħha ġej mill-irkupru tas-surplus* | 772 772 |
| L-ammont imdaħħal fil-baġit | 10 072 258 |

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament (UE) Nru 2015/2219 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) u li jissostitwixxi u jħassar ir-Regolament tal-Kunsill 2005/681/ĠAI (ĠU L 319, 4.12.2015, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam ta' fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27).

Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816 (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85).

**Artikolu 12 10 03** — Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA)

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 16 838 623 | 16 838 623 | 16 838 623 | 16 838 623 | 18 360 084 | 18 360 084 | 16 838 623 | 16 838 623 | 16 838 623 | 16 838 623 |

## Kummenti:

Iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA) jipprovdi lill-Unjoni u lill-Istati Membri b'ħarsa ġenerali fattwali lejn il-problemi tad-droga fl-Ewropa u bażi ta' evidenza soda li jwieżen id-dibattitu dwar id-droga. Illum joffri lil dawk li jfasslu l-politika d-*data* li jeħtieġu biex ifasslu liġijiet u strateġiji infurmati dwar id-droga. Jgħin ukoll lill-professjonisti u l-prattikanti li jaħdmu fil-qasam biex jidentifikaw prattiki tajbin u oqsma ġodda ta' riċerka. Filwaqt li l-EMCDDA huwa ffukat primarjament fuq l-Ewropa, jaħdem ukoll ma' sħab f'reġjuni oħra tad-dinja, bi skambju ta' informazzjoni u għarfien espert. Il-kollaborazzjoni ma' organizzazzjonijiet Ewropej u internazzjonali fil-qasam tad-drogi hija wkoll ċentrali għall-ħidma tiegħu bħala mezz biex jitjieb il-fehim tal-fenomenu globali tad-drogi.

| | |
|---|---|
| Kontribuzzjoni totali mill-Unjoni | 16 946 659 |
| *li mill-ammont tagħha ġej mill-irkupru tas-surplus* | 108 036 |
| L-ammont imdaħħal fil-baġit | 16 838 623 |

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament (KE) Nru 1920/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (riformulazzjoni) (ĠU L 376, 27. 12. 2006, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2017/2101 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1920/2006 rigward l-iskambju ta' informazzjoni dwar, u sistema ta' twissija bikrija u proċedura ta' valutazzjoni tar-riskju għal, sustanzi psikoattivi ġodda (ĠU L 305, 21.11.2017, p. 1).

**Kapitolu 13 02** — Il-Fond Ewropew għad-Difiża (FED) — Mhux riċerka

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 624 924 000 | 376 500 000 | 624 924 000 | 376 500 000 | 655 724 000 | 391 900 000 | 624 924 000 | 376 500 000 | 624 924 000 | 376 500 000 |

## Kummenti:

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru n-nefqa ta' natura operazzjonali, bħal proġetti kooperattivi, marbuta direttament mal-kisba tal-objettivi tal-Fond Ewropew għad-Difiża (EDF) u l-predeċessur tiegħu, il-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża (EDIDP).

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu partikolarment se jappoġġaw l-iżvilupp ta' azzjonijiet – mifhuma bħala l-fażi ta' żvilupp ta' prodotti u teknoloġiji ġodda jew it-titjib ta' dawk eżistenti – fil-qasam tad-difiża. L-għan aħħari kemm tal-FED kif ukoll tal-EDIDP huwa li jitrawmu l-kompetittività u l-innovattività tal-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea u tinkiseb interoperabbiltà akbar bejn il-kapaċitajiet tal-Istati Membri, u b'hekk hu kontribut għall-awtonomija strateġika tal-Unjoni.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul assenjat ieħor imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament (UE) 2021/697 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1092 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 149).

**Artikolu 13 02 01** — Żvilupp ta' kapaċità

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 624 924 000 | 341 500 000 | 624 924 000 | 341 500 000 | 655 724 000 | 356 900 000 | 624 924 000 | 341 500 000 | 624 924 000 | 341 500 000 |

**Kapitolu 13 03** — Il-Fond Ewropew għad-Difiża (FED) — Riċerka

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 311 838 621 | 171 000 000 | 311 838 621 | 171 000 000 | 327 388 621 | 178 775 000 | 311 838 621 | 171 000 000 | 311 838 621 | 171 000 000 |

## Kummenti:

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru n-nefqa ta' natura operazzjonali, bħal proġetti ta' riċerka kollaborattiva, attivitajiet ta' riċerka f'teknoloġiji ta' difiża fixkiela u azzjonijiet ta' appoġġ fis-settur tar-riċerka tad-difiża.

L-objettiv tal-Fond Ewropew għad-Difiża (EDF) għat-tieqa tar-riċerka huwa li jappoġġa r-riċerka kollaborattiva li tista' tagħti spinta sinifikanti lill-prestazzjoni tal-kapaċitajiet tad-difiża futuri madwar l-Unjoni, bil-għan li timmassimizza l-innovazzjoni u tintroduċi prodotti u teknoloġiji ġodda tad-difiża, inkluż dawk fixkiela, u l-aktar użu effiċjenti tal-infiq fir-riċerka dwar id-difiża fl-Ewropa.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni u kwalunkwe dħul assenjat ieħor imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament (UE) 2021/697 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1092 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 149).

**Artikolu 13 03 01** — Riċerka fid-difiża

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 311 838 621 | 171 000 000 | 311 838 621 | 171 000 000 | 327 388 621 | 178 775 000 | 311 838 621 | 171 000 000 | 311 838 621 | 171 000 000 |

**Kapitolu 13 04** — Mobbiltà militari

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 230 067 893 | 96 500 000 | 230 067 893 | 96 500 000 | 264 067 893 | 113 500 000 | 230 067 893 | 96 500 000 | 230 067 893 | 96 500 000 |

## Kummenti:

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru nefqiet li jimmiraw li jiġi adattat in-network TEN-T għar-rekwiżiti tal-mobbiltà militari.

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 (ĠU L 249, 14.7.2021, p. 38).

## Atti ta' referenza:

Rekwiżiti militari għall-Mobbiltà Militari fl-UE u lil hinn minnha (ST 11373/19).

**Artikolu 13 04 01** — Mobbiltà militari

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 230 067 893 | 96 500 000 | 230 067 893 | 96 500 000 | 264 067 893 | 113 500 000 | 230 067 893 | 96 500 000 | 230 067 893 | 96 500 000 |

**Kapitolu 13 20** — Proġetti pilota, azzjonijiet preparatorji, prerogattivi u azzjonijiet oħra

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | | | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

**Artikolu 13 20 02** — Azzjonijiet preparatorji

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | | | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

## Kummenti:

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet preparatorji fil-qasam tal-applikazzjonijiet tat-TFUE u tat-Trattat Euratom, imfassla biex jippreparaw proposti bil-ħsieb li jiġu adottati azzjonijiet futuri.

Il-lista tal-azzjonijiet preparatorji hija stabbilita fl-Anness "Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji" ta' din it-Taqsima, fil-Kapitolu PA 13.

## Bażi ġuridika:

L-Artikolu 58(2)(b) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

**Artikolu 14 01 05** — Nefqa ta' appoġġ għall-Istrument Ewropew għal Kooperazzjoni Internazzjonali fil-qasam tas-Sikurezza Nukleari (INSC)

| Abbozz tal-baġit 2022 | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | Konċiljazzjoni 2022 |
|---|---|---|---|---|
| 1 515 530 | 1 515 530 | 1 515 530 | 1 515 530 | 1 515 530 |

## Kummenti:

Minbarra n-nefqa deskritta fil-livell ta' dan il-kapitolu, din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll, u b'mod aktar speċifiku, li tkopri:

– nefqa fuq persunal estern fil-kwartieri ġenerali (persunal b'kuntratt, persunal lokali jew esperti nazzjonali sekondati) li għandu l-għan li jieħu f'idejh il-kompiti li qabel kienu r-responsabbiltà tal-uffiċċji ta' assistenza teknika issa magħluqin; dan ikopri r-remunerazzjoni tal-persunal ikkonċernat u l-ispiża addizzjonali ta' taħriġ, laqgħat, missjonijiet, teknoloġija tal-informatika, telekomunikazzjoni u spejjeż oħra relatati mal-persunal estern iffinanzjat taħt dan l-artikolu,

– studji, laqgħat, informazzjoni, sensibilizzazzjoni, taħriġ, tħejjija u skambju tat-tagħlimiet miksuba u tal-aqwa prattiki, attivitajiet ta' pubblikazzjoni u kwalunkwe nefqa amministrattiva u ta' assistenza teknika oħra meħtieġa għall-programmazzjoni u l-ġestjoni tal-azzjonijiet, inklużi esperti esterni remunerati,

– nefqa relatata mal-forniment ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni,

– nefqa relatata mal-IT inkluża t-teknoloġija tal-informazzjoni korporattiva.

## Atti ta' referenza:

Ara l-Kapitolu 14 06.

**Kapitolu 14 02** — Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali (NDICI — Ewropa Globali)

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 12 195 697 711 | 7 527 772 259 | 11 695 697 711 | 7 364 438 926 | 12 417 697 711 | 7 638 772 259 | 12 195 697 711 | 7 527 772 259 | 12 385 697 711 | 7 560 772 259 |

## Kummenti:

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba li jkopru nefqa operazzjonali relatata ma' azzjonijiet imwettqa skont ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali (NDICI – Ewropa Globali) li l-objettiv ġenerali tiegħu huwa li jirrispetta u jippromwovi l-valuri u l-interessi tal-Unjoni madwar id-dinja sabiex iwettaq l-objettivi u l-prinċipji tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, kif stipulat fl-Artikolu 3(5) u l-Artikolu 8 u 21 tat-TUE.

F'konformità ma' dak l-objettiv ġenerali ta' hawn fuq, l-objettivi speċifiċi tal-NDICI — Ewropa Globali huma dawn li ġejjin:

(a) li jappoġġa u jippromwovi d-djalogu u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u reġjuni fil-Viċinat, fl-Afrika sub-Saħarjana, fl-Asja u fil-Paċifiku, u fil-Kontinent Amerikan u fil-Karibew;

(b) fil-livell dinji, li jipproteġi, jippromwovi u javvanza d-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, inkluż l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-appoġġ għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, aktar stabbiltà u paċi u li jindirizza sfidi dinjija oħra, inkluż il-migrazzjoni u l-mobbiltà;

(c) li jirrispondi b'ħeffa għal: sitwazzjonijiet ta' kriżi, instabbiltà u kunflitt; sfidi għar-reżiljenza u jorbot l-għajnuna umanitarja u l-azzjoni ta' żvilupp; u l-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-politika estera.

Mill-anqas 93 % tan-nefqa mill-NDICI — Ewropa Globali għandha tissodisfa l-kriterji għall-għajnuna uffiċjali għalliżvilupp, stabbiliti mill-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi.

Barra minn hekk, azzjonijiet taħt l-NDICI — Ewropa Globali mistennija jikkontribwixxu 30 % tal-pakkett finanzjarju kumplessiv tiegħu u 10 % biex jiġu indirizzati l-għeruq tal-migrazzjoni irregolari u tal-ispostament furzat u għall-appoġġ tal-ġestjoni tal-migrazzjoni u tal-governanza.

F’konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul ieħor assenjat, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta’ approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-Kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-oġġett jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

## Bażi ġuridika:

Ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta’ Viċinat, ta’ Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta’ Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, li jemenda u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE u jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1).

**Artikolu 14 02 01** — Programmi ġeografiċi

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 9 278 611 355 | 1 952 206 318 | 9 178 611 355 | 1 918 872 985 | 9 388 611 355 | 2 007 206 318 | 9 278 611 355 | 1 952 206 318 | 9 343 611 355 | 1 952 206 318 |

## Kummenti:

Il-programmi ġeografiċi jistgħu jkopru lill-pajjiżi terzi kollha, għajr il-kandidati u l-kandidati potenzjali kif definiti fir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta’ Qabel l-Adeżjoni (IPA III) u pajjiżi u territorji extra-Ewropej kif definiti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u territorji extra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea, inklużi r-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea fuq naħa, u Greenland u r-Renju tad-Danimarka min-naħa l-oħra. Il-programmi ġeografiċi fiż-żona tal-Viċinat jistgħu jkopru kwalunkwe pajjiż speċifikat fl-Anness 2 tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istrument ta’ Viċinat, ta’ Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta’ Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali. Sabiex jiksbu l-objettivi stipulati f’dak ir-Regolament, il-programmi ġeografiċi għandhom jiġi implimentati permezz ta’ proġetti tal-pajjiż, ta’ diversi pajjiżi, reġjonali, kontinentali u transreġjonali,

imsejsa fuq l-oqsma ta’ kooperazzjoni:

– il-governanza tajba, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, inkluża l-ugwaljanza bejn il-ġeneri,
– il-qerda tal-faqar, il-ġlieda kontra l-inugwaljanzi u d-diskriminazzjoni, u l-promozzjoni tal-iżvilupp tal-bniedem,
– il-migrazzjoni, l-ispostament furzat tal-popolazzjoni u l-mobilità,
– l-ambjent u t-tibdil fil-klima,
– it-tkabbir ekonomiku inklużiv u sostenibbli, kif ukoll impjieg deċenti,
– il-paċi, l-istabbiltà u l-prevenzjoni ta’ kunflitti,
– is-sħubija.

**Partita 14 02 01 10** — Il-Viċinat tan-Nofsinhar

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 1 604 861 026 | 261 992 500 | 1 604 861 026 | 261 992 500 | 1 659 861 026 | 289 492 500 | 1 604 861 026 | 261 992 500 | 1 629 861 026 | 261 992 500 |

## Kummenti:

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tipprovdi appoġġ lill-pajjiżi sħab tan-Nofsinhar tal-viċinat (l-Alġerija, l-Eġittu, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, il-Libja, il-Marokk, it-territorju okkupat tal-Palestina, is-Sirja, it-Tuneżija) u tkopri l-azzjonijiet fl-oqsma ta' kooperazzjoni speċifikati fl-NDICI — Ewropa Globali, inklużi proġetti ta' diversi pajjiżi, reġjonali, u transreġjonali fuq bażi *prorata*. Barra minn hekk, se jiġu koperti l-oqsma ta' kooperazzjoni speċifiċi li ġejjin fir-rigward tal-Viċinat: il-promozzjoni ta' kooperazzjoni politika msaħħa; l-għoti ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' ftehimiet ta' assoċjazzjoni jew ftehimiet oħra eżistenti jew fil-futur kif ukoll ta' aġendi ta' assoċjazzjoni miftiehma b'mod konġunt u prijoritajiet ta' sħubija jew dokumenti ekwivalenti; il-promozzjoni ta' sħubija msaħħa bejn soċjetajiet fl-Unjoni u l-pajjiżi sħab, inkluż permezz ta' kuntatti bejn il-persuni; it-tisħiħ tal-kooperazzjoni reġjonali, b'mod partikolari fil-qafas tal-Unjoni għall-Mediterran u l-kollaborazzjoni mal-Viċinat Ewropew kollu; il-kisba ta' integrazzjoni progressiva fis-suq intern tal-Unjoni u kooperazzjoni settorjali u transsettorjali msaħħa, inkluż permezz ta' approssimazzjoni leġislattiva u konverġenza regolatorja lejn l-istandards tal-Unjoni u standards internazzjonali rilevanti oħra, kif ukoll aċċess aħjar għas-suq inkluż permezz ta' oqsma profondi u komprensivi ta' kummerċ ħieles, il-bini ta' istituzzjonijiet u l-investiment relatati.

Parti mill-approprjazzjoni tista' tintuża wkoll għall-implimentazzjoni tal-approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni stabbilita fl-NDICI — Ewropa Globali.

**Partita 14 02 01 11 —** Il-Viċinat tal-Lvant

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 699 703 445 | 148 288 322 | 699 703 445 | 148 288 322 | 734 703 445 | 165 788 322 | 699 703 445 | 148 288 322 | 709 703 445 | 148 288 322 |

Din l-azzjoni preparatorja rċeviet grad B wara l-valutazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea fl-2020 u bħalissa qed tiġi implimentata. Abbażi tad-djalogu mal-Kummissjoni Ewropea u r-riżultati tal-azzjoni, aħna nfittxu li nkomplu bl-implimentazzjoni tagħha billi nestendu l-għadd ta' benefiċjarji, speċjalment mir-reġjuni b'livell aktar baxx ta' informazzjoni (bħall-Pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant), u t-tipi ta' informazzjoni u interazzjonijiet koperti mill-proġett. Din l-azzjoni preparatorja tfittex li toħloq pjattaforma edukattiva online intraprenditorjali mfassla biex tgħin lill-SMEs Ewropej jadattaw għall-kuntest attwali. Il-pjattaforma se jkun fiha pereżempju l-aħjar prattiki fl-Ewropa, soluzzjonijiet ta' finanzjament tal-UE, taħriġ u moduli interattivi, komunikazzjoni bejn il-pari u konsulenza bla ħlas lill-benefiċjarji. Il-pjattaforma online se tintegra l-moduli ta' taħriġ u konsulenza, l-għarfien espert u l-għarfien użat mill-mekkaniżmi tal-istrumenti tal-SMEs. Dan se jippermetti implimentazzjoni rapida tal-pjattaforma. L-azzjoni preparatorja se tfittex l-identifikazzjoni ta' partijiet ikkonċernati li jagħtu appoġġ lokali maħsuba biex jimmobilizzaw il-pjattaforma b'informazzjoni u kontenut lokali, xi drabi wkoll fil-lingwa lokali.

**Artikolu PP 01 22** — 2022

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 3 852 500 | 1 930 250 | | | 4 843 000 | 1 210 750 |

**Partita PP 01 22 01 —** Proġett pilota — Żvilupp ta' bażi tad-data awtomatizzata sabiex jinġabru u jiġu strutturati metodi li ma jinvolvux l-annimali għall-użu fir-riċerka bijomedika

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 490 500 | 245 250 | | | 490 500 | 122 625 |

## Kummenti:

L-objettiv ġenerali ta' dan il-proġett pilota huwa li joħloq l-ewwel bażi ta' data pubblika tal-UE ta' mudelli bbażati fuq il-bijoloġija umana u metodi li ma jinvolvux l-annimali, li jipprovdi aċċess miftuħ għall-komunità xjentifika, fost l-oħrajn lil evalwaturi tal-proġetti u kumitati għall-analiżi etika.

Fl-UE ta' kull sena jintużaw madwar 10 miljun annimal fi proċeduri għar-riċerka u l-ittestjar , filwaqt li madwar id-dinja jintużaw madwar 200 miljun annimal. Fl-2017, iċ-Ċentru Ewropew għall-Validazzjoni ta' Metodi Alternattivi tal-laboratorju ta' referenza tal-UE (EURL-ECVAM) tad-DĠ JRC tal-Kummissjoni Ewropea, beda sensiela ta' studji biex janalizza mudelli disponibbli u emerġenti li ma jinvolvux l-annimali li qed jintużaw għar-riċerka f'seba' oqsma ta' mard: 1) il-mard tas-sistema respiratorja, 2) il-kanċer tas-sider, 3) l-immuno-onkoloġija, 4) l-immunoġeniċità tal-prodotti mediċinali terapewtiċi avvanzati, 5) id-disturbi newrodeġenerattivi, 6) il-mard kardjovaskulari u 7) l-awtoimmunità. Fl-2020, l-ewwel żewġ studji (dwar il-mard tas-sistema respiratorja u l-kanċer tas-sider) ġew ippubblikati filwaqt li l-oħrajn se jsegwu fl-2021. Minkejja dan l-isforz notevoli, din il-ħidma tinsab fil-periklu li ssir antikwata malajr, peress li ż-żieda rapida fl-għarfien hija akkumpanjata mit-tnaqqis fil-ħajja utli ta' dak l-għarfien. Għalhekk, l-għan ta' dan il-proġett pilota huwa li tiġi żviluppata bażi tad-data awtomatizzata tal-intelliġenza artifiċjali (IA) li tiġbor u tistruttura l-mudelli li ma jinvolvux l-annimali li jintużaw għar-riċerka bijomedika. Il-mudelli li ma jinvolvux l-annimali jikkorrispondu għal metodi in vitro bbażati fuq ċelloli tal-bniedem u tessuti maħdumin jew approċċi in silico li jużaw mudellar u simulazzjoni bil-kompjuter. L-użu tal-IA għall-estrazzjoni mill-ġabra vasta ta' letteratura ppubblikata jippermetti l-ħolqien u ż-żamma ta' sors ta' għarfien aġġornat u tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku li jiġbor flimkien i-mudelli li ma jinvolvux l-annimali applikati għar-riċerka bijomedika. Barra minn hekk, l-approċċ tal-IA se jippermetti l-iżvilupp ta' disinn u implimentazzjoni sostenibbli tal-pjattaforma, li jista' faċilment jinżamm minn parti terza u jkompli jiġi rfinut permezz ta' appoġġ ibbażat fuq il-komunità.

Bil-fehim u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar mudelli li ma jinvolvux l-annimali ta' suċċess fir-riċerka bijomedika, huwa mistenni li t-tranżizzjoni tal-komunità xjentifika lejn metodoloġiji bbażati fuq il-bijoloġija umana tiġi mħeġġa, iffaċilitata u potenzjalment aċċellerata. Fil-fatt, l-użu ta' mudelli u metodi bbażati fuq il-bijoloġija umana huwa vitali biex tittejjeb ir-rilevanza tar-riċerka bijomedika, biex tissaħħaħ il-probabbiltà li r-riżultati jiġu tradotti għall-pazjenti u biex jitħaffef it-trasferiment tar-riżultati tar-riċerka fi prattiki kliniċi u tas-saħħa pubblika.

L-użu tal-IA huwa vitali għall-awtomatizzazzjoni u l-irkupru kosteffettiv tal-ammont enormi ta' data li se jkun meħtieġ biex jiġi żgurat li l-għarfien jibqa' aġġornat u attwali. Fil-fatt, l-applikazzjoni tal-IA diġà wriet il-valur tagħha u spiss tintuża mill-istituzzjonijiet tal-UE bħall-EFSA għall-awtomatizzazzjoni tax-xjenza bbażata fuq l-evidenza.

Objettivi:

Fl-aħħar mill-aħħar, dan il-proġett se jirriżulta fl-iżvilupp tal-ewwel bażi tad-data pubblika tal-UE ta' mudelli li ma jinvolvux l-annimali bbażati fuq il-bijoloġija umana għar-riċerka bijomedika. Dan se jinkiseb permezz tal-objettivi li ġejjin:

- li jingħaqdu r-riżultati tas-seba' studji eżistenti mill-EURL ECVAM tad-DĠ JRC biex tinħoloq bażi tad-data inizjali.

- li dawn ir-riżultati jiġu applikati biex jiġi permess it-taħriġ ta' algoritmu msaħħaħ bl-IA li se jkompli jarrikkixxi l-bażi tad-data u jiżgura li tinżamm aġġornata.

- li jitfasslu aktar integrazzjonijiet biex titwessa' l-bażi tad-data biex tinkludi l-mudelli li ma jinvolvux l-annimali għal mard ieħor tal-bniedem.

- li tiġi żviluppata interfaċċa web faċli għall-utent biex tiffaċilita t-tiftix pubbliku tal-kontenut u tippermetti l-iffiltrar għall-mudelli li ma jinvolvux l-annimali għal mard speċifiku tal-bniedem.

- li jingħataw rakkomandazzjonijiet dwar kif din il-bażi tad-data msaħħa bl-IA tal-mudelli li ma jinvolvux l-annimali tista' tiġi introdotta b'suċċess fost il-komunità xjentifika.

- li jingħataw rakkomandazzjonijiet speċifiċi biex is-sostenibbiltà fit-tul tal-bażi tad-data tiġi żgurata lill-partijiet ikkonċernati kollha (il-komunità xjentifika inġenerali kif ukoll l-Istati Membri u l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-evalwazzjoni tal-proġetti).

## Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

**Partita PP 01 22 02** — Proġett pilota – L-istabbiliment ta' metodoloġiji komuni ġodda, inklużi l-metrika u l-istatistika u l-użu tal-analitika tad-data, li huma aktar adegwati biex janalizzaw id-distakk bejn il-ġeneru fl-investimenti f'impriżi innovattivi fil-livell reġjonali, nazzjonali u Ewropew (b'mod partikolari l-EIC, il-FEI u l-BEI)

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 890 500 | 445 250 | | | 890 500 | 222 625 |

## Kummenti:

Id-data tagħti s-setgħa u tista' tintuża biex issir enfasi fuq l-iżvilupp ta' prodotti finanzjarji li jirrispettaw l-ugwaljanza u d-diversità bejn il-ġeneri, biex jiġi żgurat li l-ekosistema tal-innovazzjoni tagħti s-setgħa lil kapitali ta' riskju mmexxija min-nisa, l-imprendituri nisa u t-timijiet ta' negozji mmexxija min-nisa.

Bħalissa, l-OECD, il-EuroStat u l-EIGE jiġbru data dwar diversi aspetti tal-ġeneru, iżda jeħtieġu ċerta armonizzazzjoni sabiex ikunu strumentali biex tiġi indirizzata d-disparità bejn il-ġeneri. Il-metodoloġiji u l-indikaturi użati għandhom jinġiebu flimkien biex tinħoloq perspettiva aktar olistika u biex tkun tista' tintuża data addizzjonali li tippermetti l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-progress u l-politiki. Barra minn hekk, jeħtieġ li jsiru studji analitiċi aħjar u aktar regolari biex tiġi żgurata r-rilevanza tad-data miġbura (l-aħħar studji analitiċi - il-Kummissjoni Ewropea, 2014; OECD, 2014 - dwar l-intraprenditorija tan-nisa huma bbażati fuq data ta' kważi għaxar snin ilu).

B'mod aktar speċifiku, fir-rigward tad-data dwar l-investiment, bħalissa m'hemmx ħlief sorsi limitati ta' data u dan iwassal biex ripetutament tiġi kkwotata l-istess data mhux ivverifikata, mingħajr kontroll xieraq tal-preġudizzji u l-iżbalji li jista' jkun fiha. Ħafna mid-data eżistenti disponibbli lanqas biss tippermetti tqassim skont il-ġeneru.

Sabiex jinkiseb għarfien aħjar ibbażat fuq data robusta minn sorsi affidabbli, id-data dwar l-investiment min-nisa u minn kumpaniji mmexxija min-nisa għandha tinġabar b'mod aktar sistematiku, strutturat u imparzjali. L-istituzzjonijiet ta' investiment pubbliku (il-Kummissjoni Ewropea, l-EIC, il-BEI, il-FEI, il-banek ta''investiment nazzjonali u reġjonali u l-iskemi ta' investiment) għandhom jiżguraw li din id-data tinġabar u titqiegħed għad-dispożizzjoni (dejjem skont il-prinċipji FAIR) biex jintużaw mill-analisti u minn dawk li jfasslu l-politika. Meta l-ġbir u d-divulgazzjoni tagħha jsiru kundizzjoni biex wieħed jibbenefika mill-istrumenti tagħhom, id-data tkun tista' tinġabar strutturalment. Din id-data mhux biss tippermetti l-

monitoraġġ tal-fenomenu, iżda tikkontribwixxi wkoll għall-politiki tal-investiment u l-iżvilupp ta' strumenti mmirati.

L-indirizzar tad-diskrepanza fl-investiment bejn il-ġeneri mill-perspettiva tal-politika jirrikjedi diversi passi li jridu jiġu sostnuti minn data affidabbli u aġġornata. L-ewwel nett, dawk li jfasslu l-politika għandhom jitqiegħdu fil-kundizzjoni li jidentifikaw, josservaw u jirrikonoxxu l-problema; it-tieni, għandhom jifhmu għaliex teżisti din id-diskrepanza enormi; it-tielet, għandhom ifasslu politiki u strumenti effettivi biex inaqqsuha; imbagħad għandhom ikunu jistgħu jagħmlu monitoraġġ kostanti tal-progress u jevalwaw ir-riżultati sabiex jaġġustaw, jadattaw jew jerġgħu jfasslu l-politiki.

Il-kumplessità tal-kwistjoni tirrikjedi taħlita komprensiva ta' politiki li jindirizzaw b'mod konġunt id-diskrepanza fl-investiment u joħolqu impatt fuq ix-xenarju tal-investiment. Jekk irridu nixprunaw bidla kulturali effettiva u kollettiva, dawn il-politiki għandhom ivarjaw mill-edukazzjoni, il-ħiliet, it-tnaqqis u t-tneħħija tal-ostakli għall-għoti ta' appoġġ dirett u aċċess imparzjali għall-finanzjament. Sabiex wieħed jifhem u jwettaq monitoraġġ tal-impatt, id-data li bħalissa hija maqsuma f'għadd kbir ta' dominji jeħtieġ li tinġabar flimkien.

Il-proġett jirrikjedi li l-Kummissjoni:

- tanalizza l-metodoloġiji eżistenti użati mill-korpi statistiċi differenti fil-ġbir ta' data dwar investimenti f'impriżi mmexxija min-nisa, bil-għan li jinħolqu sorsi ta' data aħjar, jiġu żviluppati KPIs ad hoc u tinħadem statistika fil-kapital ta' riskju u fl-ekosistemi tal-innovazzjoni, bi tqassim tad-data dwar il-ġeneri u d-diversità marbuta mal-ġerarkija u l-prestazzjoni;

- tistabbilixxi sistema ta' monitoraġġ komprensiva tal-mod kif isiru l-investimenti li qed jappoġġjaw impriżi mmexxija min-nisa, b'data dwar il-flussi tat-tranżazzjonijiet, l-ROI u l-prestazzjoni;

- tistabbilixxi metodoloġiji komuni ġodda biex jitkejjel il-progress lejn l-objettivi stabbiliti u jsir monitoraġġ sistematiku tad-data dwar il-finanzjament skont il-ġeneru fil-programmi ta' finanzjament differenti tal-UE;

- tittraċċa u tkejjel il-perċentwali ta' negozji mmexxija min-nisa milħuqin mill-FEI u l-BEI;

- toħloq repożitorju ġdid fil-livell tal-Unjoni għad-data u r-rapporti dwar l-investiment min-nisa u f'kumpaniji u impriżi ta' kapital ta' riskju mmexxija min-nisa.

## Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

**Partita PP 01 22 03 —** Proġett pilota — Osservatorju tal-UE għall-Akkwist tal-Innovazzjoni

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 490 500 | 245 250 | | | 490 500 | 122 625 |

## Kummenti:

L-għan huwa li jitwaqqaf osservatorju li jsegwi l-inizjattivi u l-investimenti tal-Istati Membri dwar l-akkwist tal-innovazzjoni fl-ekonomija diġitali u li jinvolvi lix-xerrejja pubbliċi, lil dawk li jfasslu l-politika u liċ-ċittadini madwar l-Ewropa biex jaqsmu prattiki tajba. L-użu intelliġenti tal-investimenti pubbliċi biex titħaffef l-adozzjoni ta’ soluzzjonijiet innovattivi huwa kruċjali għal irkupru ekonomiku ekoloġiku u diġitali ta’ suċċess. Jeħtieġ li l-Ewropa ssaħħaħ il-ħidma tagħha biex tissalvagwardja l-kompetittività globali tagħha.

Dan il-proġett, bħala kooperazzjoni bejn il-PE u l-KE, jista’ jgħin biex tiżdied il-viżibbiltà politika u l-impetu fl-Istati Membri kollha biex dan iseħħ.

Impenn politiku akbar b’monitoraġġ regolari kontinwu fl-UE kollha jista’ jsaħħaħ l-impatt tal-pjanijiet ta’ rkupru ekonomiku. Jista’ jħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu ambizzjonijiet ogħla għall-modernizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi b’soluzzjonijiet diġitali aktar avvanzati, li simultanjament joħolqu impjiegi ta’ valur għoli, inkluż għal negozji ġodda innovattivi u SMEs.

## Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

**Partita PP 01 22 04 —** Proġett pilota — Monitoraġġ tal-Politiki Ewropej permezz tal-ekosistema tad-data tal-UE

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 1 490 500 | 749 250 | | | 1 490 500 | 372 625 |

## Kummenti:

L-objettiv tal-proġett pilota hu li tiġi żviluppata u implimentata sistema organika ta' dashboards u cockpits biex dawk li jfasslu l-politika u ċ-ċittadini jkunu jistgħu jsegwu l-implimentazzjoni tal-politiki baġitarji tal-UE ewlenin marbuta mal-prijoritajiet tal-Kummissjoni Ewropea u l-implimentazzjoni tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027.

L-użu estensiv tal-analitika għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u l-eżekuzzjoni tal-politiki baġitarji Ewropej bħalissa mhux qed jisfrutta l-potenzjal sħiħ li d-data tista' toffri f'dan il-qasam. Il-monitoraġġ u d-dashboarding bħalissa huma pjuttost imxerrda skont oqsma tematiċi jew assoċjati ma' atturi speċifiċi u għad irid jiġi żviluppat bis-sħiħ qafas globali dettaljat. L-użu ta' tekniki moderni f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġestjoni tad-data u l-intelligence kummerċjali joffri l-potenzjal li jiġi sfruttat l-ammont kbir ta' data disponibbli għall-Kummissjoni u jiġu pprovduti soluzzjonijiet ta' viżwalizzazzjoni u narrazzjoni intuwittivi u utilizzabbli faċilment abbażi ta' ekosistema tad-data xierqa biex jitwieġbu mistoqsijiet bħal:

Kif qed tavvanza l-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku abbażi tad-data disponibbli?;

- Xi progress sar mill-inizjattivi tal-QFP f'ħin speċifiku? L-azzjoni tkun tkopri l-iżvilupp tal-ekosistema tad-data u s-soluzzjonijiet assoċjati biex tiġi proposta tweġiba ta' dan it-tip u mistoqsijiet simili oħrajn bl-istabbiliment ta' dashboards u cockpits li jistgħu jiġu kkonsultati faċilment (sett ta' dashboards interkonnessi) għaċ-ċittadini u dawk li jfasslu l-politika. L-attivitajiet proposti se jiġu integrati fil-qafas ta' prestazzjoni baġitarja tal-UE u se jikkumplementaw u jsawru l-inizjattivi għaddejjin bħalissa tal-Kummissjoni Ewropea, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dan il-qasam, bħal tabelli ta' valutazzjoni tal-politiki tematiċi, repożitorji tal-għarfien u sistemi ta' monitoraġġ.

## Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

**Partita PP 01 22 05** — Proġett pilota — Pont tar-Radar tal-innovazzjoni — Bini ta' rabtiet u żieda fl-attività bejn l-innovaturi tar-Radar tal-Innovazzjoni, l-investituri Ewropej u dawk li jfasslu l-politika.

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 490 500 | 245 250 | | | 490 500 | 122 625 |

## Kummenti:

Eluf ta' innovaturi ffinanzjati mill-UE li qed jiżviluppaw innovazzjonijiet b'potenzjal tas-suq qed jiġu identifikati mill-inizjattiva Radar tal-Innovazzjoni mmexxija mid-data. Proġett pilota jkun jista' jindirizza b'mod sinifikanti l-opportunità viżibli sew li jinħoloq approċċ immexxi mid-data għall-bini ta' rabtiet bejn dawn il-komunitajiet permezz ta': (a) pjattaforma diġitali; u, (b) avvenimenti mmirati (personalment jew b'format virtwali jew ibridu). L-istrument tal-Pont tar-Radar tal-Innovazzjoni jista' jkun marbut direttament maċ-Ċentri ta' Innovazzjoni Diġitali Ewropej. Dan jista' jwassal mhux biss għal żieda li tista' titkejjel fl-interazzjonijiet bejn dawn il-komunitajiet iżda wkoll għal tkabbir fl-injezzjoni ta' kapital ta' tkabbir privat fl-impriżi kummerċjali ta' innovaturi ffinanzjati mill-UE. Dan jibni fuq il-proġett pilota tal-PE "European Startups" li jintemm fl-ewwel kwart tal-2022.

Komunità b'saħħitha u li qed tikber ta' innovaturi ffinanzjati mill-UE li qed jiżviluppaw innovazzjonijiet li huma "lesti għas-suq" qed tirriżulta minn programmi ġestiti mill-KE bħal Orizzont Ewropa, il-programm LIFE u l-Programm Ewropa Diġitali (li kollha kemm huma jużaw il-metodu tar-Radar tal-Innovazzjoni biex jidentifikaw tali potenzjal innovattiv fi stadji bikrija). Madankollu, ħafna f'din il-komunità ma għandhomx rabtiet naturali b'saħħithom mal-investituri Ewropej, li qed ifittxu opportunitajiet ta' investiment f'oqsma ewlenin relatati ma' skoperti relatati mat-Teknoloġija Diġitali, it-Teknoloġija Profonda, il-Blockchain u l-Patt Ekoloġiku. Barra minn hekk, hemm bżonn li jissaħħu r-rabtiet bejn dawn il-komunitajiet u dawk li jfasslu l-politika (UE, Nazzjonali u Reġjonali), minħabba l-kontribut qawwi li dawn l-innovazzjonijiet jistgħu jagħtu għal prijoritajiet ta' politika ewlenin bħat-tibdil fil-klima, l-irkupru tal-COVID u t-tranżizzjoni diġitali.

## Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

**Partita PP 01 22 06** — Proġett pilota — Monitoraġġ tal-SDGs fir-reġjuni tal-UE — It-tneħħija tal-lakuni fid-data

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | | | | | 990 500 | 247 625 |

## Kummenti:

The proposed pilot project aims at engaging EU regions in the monitoring process of the SDGs. Taking into consideration the importance of timely, granular, reliable, relevant and up-to-date data for the success of the 2030 Agenda, the pilot project will provide a framework for regional authorities to monitor the SDGs in their territory. It will support and enhance regional statistical capacities in the collection of data, the monitoring and evaluation process. The data collected and consequently their evaluation will be made available to national and EU authorities for the overall evaluation of the progress towards the achievement of the SDGs. In addition, the project will provide tailored training to regional authorities for the proper

collection and analysis of data to ensure the quality. In order to increase local ownership and increase openness and transparency, the project will make all the data available to the public and will create a platform where citizens can contribute to the definition of the priorities as well as to the monitoring and evaluation process. The data at regional level will be crucial in identifying potential gaps and areas in which action needs to be stepped-up as well-as the underlying reasons of the lack of progress. Conversely, it will pinpoint which factors facilitate the progress towards specific goals. Finally, the project will initiate a dialogue among EU regions on good practises and actions for the implementation of the 2030 Agenda.

The proposed steps to take for the implementation of the pilot project:

1. Determination of the focus level - NUTS 2;

2. Call and selection of the EU regions that will take part in the pilot project - building on the experience gathered by the competent European Commissions DGs, the intention is to have a maximum of ten (10) regions/sub-national authorities participating in the pilot project, representative of different types, according to prior work on the SDG monitoring, geographic location, size, socio-economic conditions and statistical capacity;

3. Setting of the local SDG agenda - common priorities but also adapted to local characteristics;

4. Implementation strategy;

5. Determination of methodology and selection of appropriate indicators - intention to cover all goals and most of the 169 targets - particular importance will be given to indicators that so far have not been used at regional level - the set of indicators will differ between the regions to reflect the local characteristics and needs;

6. Initiation of the monitoring process;

7. Collection of data;

8. Analysis and evaluation;

9. Report of the findings and coordination among regions about the steps ahead;

10. Feed of data to national authorities, the European Commission and communication to the public;

11. Identification of shortcomings in the data;

12. Modifications to enhance the data collection and analysis procedure as well as the quality;

13. Identification of gaps vis-a-vis the progress towards the SDGs

14. Draw up of new action plan to address the gaps.

## Bażi ġuridika:

Pilot project within the meaning of Article 58(2) of Regulation (EU, Euratom) 2018/1046 of the European Parliament and of the Council of 18 July 2018 on the financial rules applicable to the general budget of the Union, amending Regulations (EU) No 1296/2013, (EU) No 1301/2013, (EU) No 1303/2013, (EU) No 1304/2013, (EU) No 1309/2013, (EU) No 1316/2013, (EU) No 223/2014, (EU) No 283/2014, and Decision No 541/2014/EU and repealing Regulation (EU, Euratom) No 966/2012 (OJ L 193, 30.7.2018, p. 1).

**Partita PP 02 15 02** — Proġett pilota — Faqar fil-fjuwil/fl-enerġija — valutazzjoni tal-impatt tal-kriżi u rieżami tal-miżuri eżistenti u oħrajn ġodda possibbli fl-Istati Membri

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

**Partita PP 02 17 01** — Proġett pilota — Is-sensibilizzazzjoni ta' alternattivi għal karozza privata

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 306 478 | p.m. | 306 478 | p.m. | 306 478 | p.m. | 306 478 | p.m. | 306 478 |

**Partita PP 02 17 02** — Proġett pilota — Mobilità sostenibbli kondiviża interkonnessa mat-trasport pubbliku f'żoni rurali Ewropej (l-iżvilupp tal-kunċett ta' "żoni tat-trasport rurali intelliġenti" (SMARTAs))

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

**Partita PP 02 17 03** — Proġett Pilota — Arkitettura tal-ispazju tal-ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (SES)

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 356 897 | p.m. | 356 897 | p.m. | 356 897 | p.m. | 356 897 | p.m. | 356 897 |

**Partita PP 02 17 04** — Proġett Pilota — Inventarju tat-trasport aċċessibbli għall-persuni b'mobilità mnaqqsa

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

**Partita PP 02 18 01** — Proġett pilota — L-imġiba tal-bniedem b'rabta mas-sewqan awtonomu

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

**Partita PP 02 18 02** — Proġett pilota — Kampanja ta' sensibilizzazzjoni pan-Ewropea dwar is-sikurezza stradali

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 237 620 | p.m. | 237 620 | p.m. | 237 620 | p.m. | 237 620 | p.m. | 237 620 |

**Partita PP 02 18 03** — Proġett pilota — OREL — Sistema Ewropea li tillimita l-frodi relatata mal-odometru: proċess rapidu għall-affidabbiltà stradali fl-Unjoni

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

**Partita PP 02 18 04** — Proġett pilota — Studju ta' fattibilità għall-applikazzjoni ta' teknoloġija ta' reġistru distribwit fis-suq tal-enerġija Ewropew

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 290 000 | p.m. | 290 000 | p.m. | 290 000 | p.m. | 290 000 | p.m. | 290 000 |

**Partita PP 02 19 01** — Proġett pilota — TachogrApp: studju ta' fattibbiltà u analiżi tal-kostijiet tal-iżvilupp ta' applikazzjoni ċertifikata biex tintuża bħala takografu

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

**Partita PP 02 19 02** — Proġett pilota — L-avvanz tad-dekarbonizzazzjoni industrijali permezz ta' valutazzjoni tal-użu tal-enerġiji rinnovabbli fil-proċessi industrijali

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

**Partita PP 02 19 03** — Proġett pilota — Patt tas-Sindki bħala strument għall-indirizzar tal-faqar enerġetiku

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 1 134 649 | p.m. | 1 134 649 | p.m. | 1 134 649 | p.m. | 1 134 649 | p.m. | 1 134 649 |

**Partita PP 02 19 04** — Proġett pilota — Kuntest tal-Ipprogrammar madwar l-UE

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 77 201 | p.m. | 77 201 | p.m. | 77 201 | p.m. | 77 201 | p.m. | 77 201 |

**Partita PP 02 19 05** — Proġett pilota — Pjattaforma ta' servizzi diġitali integrati għaċ-ċittadini u n-negozji

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 436 778 | p.m. | 436 778 | p.m. | 436 778 | p.m. | 436 778 | p.m. | 436 778 |

**Partita PP 02 20 01** — Proġett pilota — Mudelli ta' approċċi bbażati fuq l-impatt soċjali għall-akkomodazzjoni soċjali u l-emanċipazzjoni tar-Rom: l-ittestjar tal-użu ta' strumenti finanzjarji innovattivi għal eżiti soċjali aħjar

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 800 000 | p.m. | 800 000 | p.m. | 800 000 | p.m. | 800 000 | p.m. | 800 000 |

**Partita PP 02 20 02** — Proġett pilota — Ekotikkettar għall-avjazzjoni / Proġett ta' dimostrazzjoni għall-introduzzjoni ta' sistema ta' ekotikketta volontarja fil-qasam tal-avjazzjoni

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 96 900 | p.m. | 96 900 | p.m. | 96 900 | p.m. | 96 900 | p.m. | 96 900 |

**Partita PP 02 20 03** — Proġett pilota — Interkonnessjoni tal-mobilità urbana bl-infrastrutturi tat-trasport bl-ajru

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

**Partita PP 02 20 04** — Proġett pilota — Rivitalizzazzjoni tal-ferroviji transfruntieri ta' billejl

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 71 600 | p.m. | 71 600 | p.m. | 71 600 | p.m. | 71 600 | p.m. | 71 600 |

**Partita PP 02 20 05** — Proġett pilota — Kapaċità ta' ekoloġizzazzjoni tal-portijiet marittimi Ewropej

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 75 000 | p.m. | 75 000 | p.m. | 75 000 | p.m. | 75 000 | p.m. | 75 000 |

**Partita PP 02 20 06** — Proġett pilota — Repożitorju tal-komunitajiet tal-enerġija — Monitoraġġ u appoġġ għall-komunitajiet tal-enerġija fl-Unjoni

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 500 000 | p.m. | 500 000 | p.m. | 500 000 | p.m. | 500 000 | p.m. | 500 000 |

**Partita PP 02 20 07** — Proġett pilota — L-involviment tal-kumpaniji fit-tranżizzjoni tal-enerġija

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 437 500 | p.m. | 437 500 | p.m. | 437 500 | p.m. | 437 500 | p.m. | 437 500 |

**Partita PP 02 20 08** — Proġett pilota — Żvilupp ta’ intelliġenza artifiċjali (AI) għad-dijanjożi u t-trattament tal-kanċer pedjatriku

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 1 165 000 | p.m. | 1 165 000 | p.m. | 1 165 000 | p.m. | 1 165 000 | p.m. | 1 165 000 |

**Partita PP 02 20 09** — Proġett pilota — Mobilità urbana intelliġenti li tinvolvi vetturi awtonomi

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 500 000 | p.m. | 500 000 | p.m. | 500 000 | p.m. | 500 000 | p.m. | 500 000 |

**Partita PP 02 20 10** — Proġett pilota — L-iżvilupp ta' aġenda strateġika ta' riċerka, innovazzjoni u implimentazzjoni kif ukoll ta' pjan direzzjonali għal ugwaljanza lingwistika diġitali sħiħa fl-Ewropa sal-2030

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 1 040 000 | p.m. | 1 040 000 | p.m. | 1 040 000 | p.m. | 1 040 000 | p.m. | 1 040 000 |

**Partita PP 02 20 11** — Proġett pilota — Appoġġ għal kooperazzjoni akbar fost l-industrija, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) u l-awtoritajiet tal-Istati Membri għat-tneħħija immedjata ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal fuq l-internet

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 174 050 | p.m. | 174 050 | p.m. | 174 050 | p.m. | 174 050 | p.m. | 174 050 |

**Partita PP 02 21 01** — Proġett pilota — L-ikkompletar tat-tranżizzjoni ekoloġika u t-tranżizzjoni diġitali: Alleanza Diġitali Ekoloġika Ewropea

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 450 000 | p.m. | 450 000 | p.m. | 450 000 | p.m. | 450 000 | p.m. | 450 000 |

**Partita PP 02 21 02** — Proġett pilota — Il-promozzjoni tal-ġestjoni u l-iżvilupp sostenibbli tal-portijiet fil-baċir tar-Renu-Main-Danubju

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 1 200 000 | p.m. | 1 200 000 | p.m. | 1 200 000 | p.m. | 1 200 000 | p.m. | 1 200 000 |

**Partita PP 02 21 03 —** Proġett pilota — It-trawwim tad-diġitalizzazzjoni tas-settur pubbliku u t-tranżizzjoni ekoloġika fl-Ewropa permezz tal-użu ta' pjattaforma innovattiva Ewropea GovTech

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 450 000 | p.m. | 450 000 | p.m. | 450 000 | p.m. | 450 000 | p.m. | 450 000 |

**Partita PP 02 21 04 —** Proġett pilota — RESTwithEU

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 500 000 | p.m. | 500 000 | p.m. | 500 000 | p.m. | 500 000 | p.m. | 500 000 |

**Partita PP 02 21 05 —** Proġett pilota — Mobilità rurali sostenibbli għar-reżiljenza rigward il-COVID-19 u appoġġ għall-ekoturiżmu

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 750 000 | p.m. | 750 000 | 990 500 | 1 245 250 | p.m. | 750 000 | 990 500 | 1 245 250 |

## Kummenti:

Il-proġett pilota attwali huwa inċentrat fuq il-prinċipji tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u jsegwi l-objettivi ta' "ħadd ma jitħalla jibqa' lura" u ta' "tranżizzjoni ġusta", li għandhom jiġu applikati wkoll għall-mobbiltà rurali. Dan il-proġett pilota għandu l-għan fil-fatt, minn naħa, li jnaqqas l-emissjonijiet CO2 mit-trasport b'mod konformi mal-miri stabbiliti mill-Liġi Ewropea dwar il-Klima u, min-naħa l-oħra, jippromwovi konnessjonijiet ta' mobbiltà aħjar f'żoni remoti u rurali kif ukoll il-bini ta' kapaċità, hekk kif iqis u jinkludi b'mod speċifiku persuni li ma jistgħux jew ma jridux ikollhom karozza - eż. nisa, żgħażagħ, anzjani u persuni b'diżabbiltà u soċjalment żvantaġġati - biex titrawwem l-aċċessibbiltà u l-inklużjoni.

Wara sena tal-pandemija tal-COVID-19, bil-konsegwenzi soċjoekonomiċi kollha tagħha minbarra t-telf devastanti ta' ħajjiet, kien hemm impatti ovvji fost ċerti aspetti tas-suq tax-xogħol, b'tranżizzjoni lejn kultura tat-telexogħol. Jekk ċerti aspetti tax-xejriet tat-telexogħol jinżammu, kemm għas-setturi pubbliċi kif ukoll privati, dan jista' joħloq ammont sinifikattiv ta' individwi u familji li jikkunsidraw li jgħixu f'żoni rurali, sabiex jibbenefikaw minn kwalità ta' arja iktar nadifa, kuntratt aktar mill-qrib man-natura u ambjent inqas storbjuż. Jekk tali trasferiment isirx jew le jista' jkun dipendenti ħafna fuq jekk huma jkunux żgurati mobbiltà li ma tkunx neċessarjament dipendenti fuq l-użu ta' karozza privata sabiex ikunu jistgħu jivvjaġġaw għal żona urbana meta x-xogħol jeħtieġ hekk jew biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' kuljum fi ħdan ir-reġjun. Dan, flimkien mal-ħtiġijiet diġà eżistenti għall-popolazzjoni li attwalment qed tgħix fiż-żoni rurali biex ikunu jistgħu jkomplu jwettqu l-attivitajiet ekonomiċi eżistenti tagħhom filwaqt li jnaqqsu l-marka tal-karbonju tagħhom, jeħtieġ aktar soluzzjonijiet sostenibbli fil-livell rurali, permezz tal-użu u l-iżvilupp ulterjuri ta' soluzzjonijiet ta' mobbiltà intelliġenti u kondiviżi. Dawn tal-aħħar jistgħu jkunu estremament utli wkoll fid-dawl tad-domanda dejjem akbar għall-ekoturiżmu rurali, li komponent wieħed tiegħu huwa li jsir użu mill-iktar mezz sostenibbli ta' vjaġġar biex wieħed jasal għad-destinazzjoni u jiċċaqlaq fi ħdan ir-reġjun.

Fid-dawl ta' dan kollu, huwa kruċjali mill-punt tal-politika pubblika li wieħed ikun konxju tax-xenarju attwali u l-opportunità doppja li dan jirrappreżenta kemm fil-mitigazzjoni u anki fit-treġġigħ lura tat-tendenza attwali tal-eżodu rurali, li aggrava l-iżbilanċi territorjali bejn in-nodi urbani u ż-żoni remoti, filwaqt li jiġi żgurat li t-trasport rurali wkoll, li illum il-ġurnata huwa dipendenti ħafna fuq il-fjuwils fossili, jikkontribwixxi għall-isforzi f'waqthom ta' tnaqqis tal-emissjonijiet mitluba mil-Liġi Ewropea dwar il-Klima. F'dan ir-rigward, huwa importanti li jiġi enfasizzat li t-trasport huwa responsabbli għal kwart tal-emissjonijiet totali u huwa fil-fatt is-settur prinċipali li ma rnexxielux inaqqashom fl-aħħar deċennji, u dan irendi t-teħid ta' azzjoni f'kull wieħed mill-komponenti tiegħu kruċjali, u b'mod partikolari billi tiġi preferuta tranżizzjoni modali.

Filwaqt li jibqa' jinżamm il-bżonn ta' għanijiet strutturali u inizjattivi konkreti assoċjati proposti fil-proposta oriġinali (jiġifieri aktar disponibbiltà u konnettività mat-trasport pubbliku u l-linji ta' vjaġġar, kif ukoll soluzzjonijiet kooperattivi koordinati biex tiżdied il-frekwenza tal-passaġġi fir-reġjuni muntanjużi b'densità baxxa ta' rħula, fost oħrajn) u b'mod partikolari li jsir progress fir-rigward tal-opportunitajiet li d-diġitalizzazzjoni u t-tranżizzjoni diġitali mmirata joffru għall-vjaġġi minn bieb għal bieb u mobbiltà sostenibbli u intelliġenti, pereżempju f'termini tal-kondiviżjoni ta' roti elettriċi jew il-car pooling anki fil-livell rurali, huwa possibbli li tali għanijiet jiġu promossi permezz ta' soluzzjonijiet sempliċi u kreattivi, bħall-użu ġeneralizzat tal-hekk imsejħa "Mitfahrerbänke" (bankijiet għall-passiġġieri li jipparteċipaw għall-kondiviżjoni ta' vetturi), sostnuti mill-programm LEADER. Fil-fatt dawn huma bankijiet ddeżinjati u mqiegħda b'mod speċifiku fil-villaġġi biex jiffaċilitaw rotot li rarament jintużaw mit-trasport pubbliku, u joffru soluzzjonijiet ta' mobbiltà li huma kemm strutturali kif ukoll puntwali (pereżempju f'termini tal-ekoturiżmu) u b'hekk jippromwovu l-kultura kondiviża ta' mobbiltà u b'hekk jipproteġu l-ambjent.

Bħala konklużjoni, lil hinn minn ideat għall-elementi addizzjonali possibbli u konkreti, huwa importanti li dan il-proġett jingħata l-kontinwità, peress li l-proċess ta' politika tal-UE fil-qasam tal-mobbiltà sostenibbli f'żoni rurali għadha fi stadju bikri ta' żvilupp. Il-proġett pilota għalhekk se jkompli jiffoka fuq il-bżonnijiet tal-mobbiltà interkonnessa b'proġetti li diġà qed iseħħu, fosthom "rħula intelliġenti", "SMARTA" u oħrajn, u se jiffoka b'mod partikolari fuq il-potenzjal ta' rkupru taż-żoni rurali u remoti fil-perjodu ta' wara l-COVID-19. Kif intqal, għandu jżomm il-mira tiegħu li jfittex kif l-aħjar jorganizza u jiżviluppa ż-żoni rurali bis-soluzzjonijiet ta' mobbiltà tagħhom biex jkun hemm konnessjoni bla xkiel u bl-aktar mod sostenibbli mal-agglomerazzjonijiet urbani l-aktar fil-qrib, kif ukoll mal-irħula ġirien. F'dan is-sens, abbażi tas-suċċess ta' SUMPs fil-kuntest urban, għandha tiġi kkunsidrata ħidma fuq l-istabbiliment tal-ekwivalenza rurali tal-pjanijiet ta' mobbiltà rurali sostenibbli u integrattiva.

Fl-aħħar nett, u fl-istennija tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li ġejja dwar il-viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali, dan il-Proġett Pilota jidħol b'mod ċar fl-ambitu tal-objettivi tal-istrateġija ppreżentata reċentement "Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti" (SSMS), u b'mod partikolari l-Inizjattiva Nru 9 tagħha "Inrendu l-mobbiltà ekwa u ġusta għal kulħadd", li tirrimarka li huwa kruċjali li l-mobbiltà tkun disponibbli, aċċessibbli u għal but ta' kulħadd, u b'mod partikolari li r-reġjuni rurali u remoti jkunu aktar konnessi. Kif ġie spjegat, dan il-proġett pilota għandu rabtiet ċari ma' objettivi Ewropej oħra bħall-konnettività, l-intermodalità (inklużi l-mixi u ċ-ċikliżmu, bħala mezzi attivi storikament radikati fil-mobbiltà rurali), l-iżvilupp reġjonali sostenibbli, il-koeżjoni, l-okkupazzjoni, it-tranżizzjoni ġusta, id-diġitalizzazzjoni, ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, u fil-fatt jistgħu jinstabu possibbiltajiet li jiġu stabbiliti rabtiet ma' proġetti oħra li qed iseħħu bħalissa, u b'mod partikolari bil-għan li tiġi stabbilita sistema Ewropea ta' informazzjoni, ġestjoni u ħlas tat-trasport multimodali, preżenti wkoll fost l-objettivi SSMS.

**Partita PP 02 21 06** — Proġett pilota — Soluzzjonijiet intelliġenti għat-telexogħol fl-industriji mhux diġitalizzati

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 275 000 | p.m. | 275 000 | p.m. | 275 000 | p.m. | 275 000 | p.m. | 275 000 |

**Partita PP 02 21 07** — Proġett Pilota — Kuntratti Intelliġenti — Standards Ewropej għal protokolli ta' tranżazzjonijiet awtomatizzati li jeżegwixxu kuntratti

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 87 500 | p.m. | 87 500 | p.m. | 87 500 | p.m. | 87 500 | p.m. | 87 500 |

**Partita PP 02 21 08** — Proġett Pilota — Żona Ferrovjarja Unika Ewropea — Kuritur Prototip Munich-Verona

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 450 000 | p.m. | 450 000 | 790 500 | 845 250 | p.m. | 450 000 | 790 500 | 647 250 |

**Partita PP 02 21 09** — Proġett Pilota — Proġett IRS Bliet Intelliġenti: kunċett ġdid tal-istazzjon ferrovjarju għal bliet intelliġenti ekoloġiċi u soċjalment inklużivi

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 525 000 | p.m. | 525 000 | p.m. | 525 000 | p.m. | 525 000 | p.m. | 525 000 |

**Partita PP 02 21 10** — Proġett pilota — L-effett ta' vetturi effiċjenti fl-enerġija u li jiġġeneraw l-enerġija solari fuq il-kapaċità tal-grilja u l-infrastruttura tal-iċċarġjar

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 2 625 000 | p.m. | 2 625 000 | p.m. | 2 625 000 | p.m. | 2 625 000 | p.m. | 2 625 000 |

**Artikolu PP 02 22** — 2022

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 2 181 000 | 1 090 500 | | | 2 181 000 | 545 250 |

**Partita PP 02 22 01** — Proġett pilota — Forom ġodda ta' kuntratti fl-ekonomija diġitali

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 590 500 | 295 250 | | | 590 500 | 147 625 |

## Kummenti:

L-objettiv ta' dan il-proġett pilota hu li janalizza forom ġodda ta' kuntratti fl-ekonomija diġitali, bħal pereżempju kuntratti konklużi esklużivament permezz ta' prodotti intelliġenti li joperaw b'mod awtonomu jew permezz ta' assistenza intelliġenti ffaċilitata bil-vuċi. Filwaqt li dawn it-teknoloġiji huma promettenti kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għall-konsumaturi u għan-negozji, forom ġodda ta' kuntratti bbażati fuq l-IA jqajmu l-kwistjoni dwar jekk id-dritt privat nazzjonali u tal-UE huwiex adatt għal dawn is-sitwazzjonijiet. Il-problemi u l-ostakli eżistenti fid-dritt privat nazzjonali u tal-UE għall-użu (transfruntier) ta' dawk il-forom ġodda ta' kuntratti jridu jiġu vvalutati. Kwistjonijiet potenzjali relatati mad-dritt kuntrattwali:

- il-konklużjoni ta' kuntratt (taħt liema kundizzjonijiet u sa liema punt il-kuntratti li fihom huma involuti apparati awtonomi huma vinkolanti għall-partijiet);

- il-konsegwenzi tal-iżbalji (min jerfa' r-responsabilità tal-iżbalji kkawżati minn prodott intelliġenti/trażmissjoni skorretta tal-vuċi);

- l-obbligi ta' informazzjoni imposti fuq in-negozjant.

## Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

**Partita PP 02 22 02** — Proġett Pilota — Manwal komprensiv għall-ħolqien ta' ekosistemi lokali ta' Mobbiltà Urbana tal-Ajru (UAM) fl-Ewropa

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 1 590 500 | 795 250 | | | 1 590 500 | 397 625 |

## Kummenti:

L-objettiv ta' din l-azzjoni pilota hu doppju:

- Il-proposta ta' abbozz ta' strateġija dettaljata tal-UE fuq l-UAM, li jindirizza l-aspetti kollha li se jinfluwenzaw lil dawk il-persuni lokali responsabbli mill-proċess deċiżjonali (fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali): vetturi, ġestjoni tal-ispazju tal-arja, sikurezza, sigurtà, impatt ambjentali, infrastruttura fil-post, network lokali tat-trasport, enerġija, privatezza, impatt lokali ekonomiku, assigurazzjoni, finanzjament, eċċ;

- It-tħejjija ta' materjal ta' gwida ġenerali jew manwal għall-persuni lokali responsabbli mill-proċess deċiżjonali li jipprovdi appoġġ konkret għall-iskjerament lokali tal-UAM inkluż l-iżvilupp taċ-ċertifikazzjoni għall-operaturi ta' ajruporti għall-inġenji tal-ajru li jitilqu mill-art u jinżlu fuq l-art b'mod vertikali.

## Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

**Artikolu PP 03 21** — 2021

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 875 000 | p.m. | 875 000 | 250 000 | 1 000 000 | p.m. | 875 000 | 250 000 | 937 500 |

**Partita PP 03 21 01** — Proġett pilota — Forum Ewropew dwar il-ħela tal-ikel fil-livell tal-konsumatur

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 250 000 | 125 000 | p.m. | p.m. | 250 000 | 62 500 |

## Kummenti:

Dan il-proġett pilota (PP) ikompli l-proġett pilota li għaddej bħalissa tal-Forum Ewropew dwar il-Ħela tal-Ikel għall-Konsumatur li jlaqqa' flimkien esperti ewlenin fil-qasam u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra biex tinġabar data u tiġi żviluppata varjetà ta' soluzzjonijiet prattiċi bbażati fuq l-evidenza biex titnaqqas il-ħela tal-ikel fil-livell tal-unità domestika/tal-konsumatur.

L-ewwel fażi tal-PP (li għaddejja bħalissa) tlaqqa' flimkien esperti mill-Istati Membri li se jiżviluppaw modi biex jintensifikaw l-interventi pluridimensjonali f'varjetà ta' oqsma u se jidentifikaw għodod promozzjonali li jistgħu jiġu applikati biex titnaqqas il-ħela tal-ikel fil-livell tal-konsumatur. Madankollu, l-ewwel fażi tal-PP tipprevedi finanzjament limitat għat-tixrid tas-sejbiet tal-esperti, b'mod partikolari permezz tal-produzzjoni ta' għodod ta' komunikazzjoni relatati. Huwa mistenni li l-esperti jipproduċu materjal sostanzjali ta' sejbiet u rakkomandazzjonijiet siewja dwar kif titnaqqas il-ħela tal-ikel għall-konsumatur fl-Istati Membri.

Ir-riżultati tanġibbli tal-komunikazzjoni mistennija mill-ewwel fażi jinkludu:

– Paġna web bir-riżultati tanġibbli tal-proġett;

– Sommarju eżekuttiv tar-riżultati tanġibbli tal-proġett (għodod, l-aħjar prattiki u rakkomandazzjonijiet għall-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel għall-konsumatur) bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE;

– Tliet fuljetti prodotti b'rakkomandazzjonijiet ewlenin għal udjenzi fil-mira ta' prijorità, tradotti bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE; u

– Avveniment ta' tixrid organizzat fil-Parlament Ewropew.

L-għan tat-tieni fażi tal-PP huwa li tiffaċilita – permezz ta' għodod interattivi online u outputs tal-komunikazzjonijiet oħra – l-adozzjoni tas-sejbiet tal-esperti tal-ħela tal-ikel mill-partijiet ikkonċernati involuti fil-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel għall-konsumatur. B'dan il-mod, l-eżiti tal-Forum jistgħu jgħinu fit-tfassil tal-istrateġiji, l-inizjattivi u l-għodod l-aktar effettivi biex titnaqqas il-ħela tal-ikel għall-konsumatur, imfassla għall-ħtiġijiet tal-udjenzi fil-mira fis-27 Stat Membru.

Abbażi tar-riżultati tanġibbli tal-Forum Ewropew dwar il-Ħela tal-Ikel għall-Konsumatur, ir-riżultati mistennija tat-tieni fażi huma:

– L-iżvilupp ta' għodod interattivi online u materjali oħra ta' komunikazzjoni (eż. videos qosra) biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni mill-partijiet ikkonċernati tar-rakkomandazzjonijiet tal-Forum ibbażati fuq l-evidenza u l-aħjar prattiki lejn it-tnaqqis tal-ħela tal-ikel għall-konsumatur.

– Organizzazzjoni ta' avveniment pubbliku biex jinxterdu r-riżultati li jilħqu komunità usa' tal-partijiet ikkonċernati.

– L-għodda interattiva online (inkluża l-viżwalizzazzjoni tad-data) u materjali oħra ta' komunikazzjoni (eż. filmati) se jarrikkixxu l-paġna web stabbilita fl-ewwel fażi. L-għodod ta' komunikazzjoni online se jkunu faċli għall-utent u mmirati lejn il-gruppi ta' utenti primarji involuti fil-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel (eż. l-awtoritajiet pubbliċi, l-operaturi tan-negozji tal-ikel, l-edukaturi, l-istudenti tal-iskola, il-konsumaturi). Filwaqt li jiffukaw fuq il-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel, dawn jistgħu jkunu marbuta wkoll ma' inizjattivi oħra mmirati lejn il-konsumatur (eż. dwar in-nutrizzjoni, id-donazzjonijiet, u l-azzjonijiet komunitarji, soluzzjonijiet tal-ICT, eċċ...).

It-tieni fażi tal-PP se tkompli tikkontribwixxi għall-isforzi tal-UE biex tindirizza l-isfidi relatati mal-klima u l-ambjent billi tindirizza l-ħela tal-ikel, u b'hekk tallinja mal-viżjoni politika tal-Parlament għall-futur.

**Partita PP 03 22 01** — Proġett pilota — Superviżjoni integrata ta' istituzzjonijiet u attivitajiet finanzjarji deċentralizzati

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 250 000 | 125 000 | | | 250 000 | 62 500 |

## Kummenti:

Bħalissa l-Parlament Ewropew qed jaħdem fuq il-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni dwar il-kriptoassi u l-proġett pilota tad-DLT biex jinħoloq qafas regolatorju ġdid għal dawn it-tipi ġodda ta' assi li huma promettenti ħafna għall-ftuħ ta' sorsi ġodda ta' finanzjament għall-SMEs u jagħtu lill-konsumaturi għażla u opportunitajiet addizzjonali. F'dak il-kuntest, tqajmu l-isfidi tar-regolamentazzjoni u s-superviżjoni tal-mewġa li jmiss ta' teknoloġiji bbażati fuq id-DLT u l-finanzjament deċentralizzat, peress li dawn l-applikazzjonijiet spiss ma jkollhomx emittent identifikabbli. Madankollu, dan jista' potenzjalment jiġi indirizzat mill-hekk imsejħa superviżjoni inkorporata (ara Raphael Auer, E mbedded supervision: how to build regulation into blockchain finance, BIS Working Papers | No 811 | 16 ta' Settembru 2019). Sabiex jinforma u jħejji l-applikazzjoni tal-istrumenti leġiżlattivi l-ġodda għall-finanzi deċentralizzati, l-iskop tal-proġett pilota hu li jittestja proġett pilota sperimentali għal soluzzjoni teknika li tippermetti lis-superviżuri jidħlu f'superviżjoni integrata ta' applikazzjonijiet ta' finanzjament deċentralizzat (Defi) permezz ta' rabta

diretta bejn l-applikazzjonijiet tad-data superviżorja u l-applikazzjonijiet Defi. L-implimentazzjoni tal-proġett pilota ssir mill-Kummissjoni Ewropea f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Forum Ewropew tal-Faċilitaturi tal-Innovazzjoni, li jlaqqa' flimkien sandboxes superviżorji u ċentri ta' innovazzjoni mill-Istati Membri kollha.

## Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

**Partita PP 03 22 02 —** Proġett Pilota — L-appoġġ għall-ekoturiżmu Ewropew fil-kuntest tal-kriżi kkawżata mill-COVID-19

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 975 500 | 487 750 | | | 975 500 | 243 875 |

## Kummenti:

L-ekoturiżmu jinvolvi l-parteċipazzjoni fil-konservazzjoni taż-żoni naturali miżjura, u jipprovdi modi kostruttivi għall-ġestjoni u l-konservazzjoni tajba ta’ dawn iż-żoni naturali. Huwa joffri opportunitajiet għal esperjenzi fin-natura li jipprovdu fehim aħjar ta' dan l-ambjent u l-opportunità li t-turisti jiskopru u jipproteġu n-natura, il-kultura u t-tradizzjonijiet lokali. L-ekoturiżmu u l-prodotti artiġġjanali tradizzjonali jattiraw lil dawk it-turisti li jixtiequ jinteraġixxu mal-ambjent naturali u jespandu l-livell ta' għarfien u fehim tagħhom tal-valuri lokali.

Il-kampanji ta’ informazzjoni għandhom jinkoraġġixxu lit-turisti jqisu l-importanza tal-ekoturiżmu, l-ambjent, l-ilma u l-foresti u jiċċelebraw lill-operaturi li jkollhom l-aħjar metodi ta’ ppjanar f’dawk li huma konservazzjoni u protezzjoni tan-natura kif ukoll żvilupp sostenibbli.

Sabiex jappoġġaw l-iżvilupp ulterjuru tal-ekoturiżmu Ewropew, biex jagħmlu ż-żoni rurali Ewropej aktar attraenti għat-turisti, tali kampanji jeħtieġ li jiġu appoġġati finanzjarjament.

## Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

**Partita PP 03 22 03 —** Proġett Pilota — Żona Unika Ewropea għall-Infurzar Diġitali

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 990 500 | 495 250 | | | 990 500 | 247 625 |

## Kummenti:

Fi ħdan l-Ewropa, japplika qafas wiesa' ta' regoli għat-trasport kummerċjali bit-triq. Dawn ir-regoli jikkonċernaw standards minimi fil-qasam soċjali, tekniku u tas-suq li s-sewwieqa, l-operaturi, il-vetturi u l-merkanzija għandhom jirrispettaw.

L-infurzar effettiv u effiċjenti ta' dawn ir-regoli tal-UE huwa kruċjali għat-titjib tas-sikurezza fit-triq għall-utenti kollha tat-toroq, u jiggarantixxi kundizzjonijiet ta' xogħol adegwati għal dawk li jaqilgħu l-għajxien tagħhom billi jġorru oġġetti jew passiġġieri u jissalvagwardja l-kundizzjonijiet ta' kummerċ ekwu għal dawk li jinvestu fl-istabbiliment ta' kumpanija tat-trasport bit-triq.

Madankollu, minħabba n-natura transfruntiera dejjem akbar tal-operazzjonijiet tat-trasport, l-infurzar tradizzjonali qed jirriżulta limitat u huwa issa meqjus insuffiċjenti, ta' piż u għoli għas-settur sħiħ. It-trasportaturi u s-sewwieqa qed jitilfu flus u opportunitajiet kummerċjali minħabba l-kontrolli twal, aleatorji u mhux neċessarji filwaqt li l-awtoritajiet ta' infurzar m'għandhomx riżorsi umani u finanzjarji suffiċjenti għall-kontroll effettiv ta' konformità mal-qafas kumpless tar-regoli. Barra minn hekk, l-aċċess diffiċli għad-data relatata mas-sewwieqa, operaturi, il-vetturi u l-merkanzija jwassal għal saħansitra aktar restrizzjonijiet għall-awtoritajiet ta' infurzar.

Barra minn hekk, il-pandemija tal-COVID-19 uriet in-nuqqasijiet tal-infurzar tradizzjonali bbażat fuq kontrolli fiżiċi u dokumenti fuq karti. L-għodod transfruntiera ta' infurzar eżistenti fit-trasport tat-triq li jippermettu l-iskambju elettroniku ta' data għal skopijiet ta' kontroll, fosthom ERRU, RESPER, TACHOnet għandhom il-limitazzjonijiet tagħhom u konsegwentement ma jirnexxielhomx jipprovdu titjib sostanzjali f'termini ta' effiċjenza u sostenn għall-awtoritajiet, l-operaturi u s-sewwieqa.

Barra minn hekk, l-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet ġodda fil-qafas tal-Pakkett dwar il-Mobbiltà 1 testendi l-ambitu tal-kontrolli neċessarji u b'hekk hemm bżonn ta' iktar sforzi mill-awtoritajiet ta' infurzar. Titjib ulterjuri tat-takografu intelliġenti u t-tagħmir tal-uffiċjali ta' kontroll b'apparat ta' detezzjoni mill-bogħod biex jikkomunika mat-takografu hekk kif il-vettura tkun għaddejja huwa l-ewwel pass fid-direzzjoni t-tajba. Barra minn hekk, l-armonizzazzjoni tas-sistemi tal-klassifikazzjoni ta' riskju u l-possibbiltà ta' skambju elettroniku ta' dokumenti fuq id-distakk tas-sewwieqa permezz ta-sistema IMI kif ukoll l-inkorporazzjoni tar-Regolament eFTI reċentement adottat se jkunu passi importanti lejn it-titjib tal-effikaċja tal-infurzar fit-triq.

Madankollu, dawn is-sistemi u l-għodod huma insuffiċjenti għal titjib sinifikanti fis-simplifikazzjoni u effiċjenza ta' kontrolli. Barra minn hekk, dawn qed jintużaw mod mhux konness, u dan ma jiggarantixxix l-effetti ta' sinerġija.

Għalhekk, in-neċessità li tinħoloq sistema ta' infurzar modern u konness fil-qasam tat-trasport bit-triq tirriżulta evidenti. B'mod partikolari, fl-Ewropa kollha huma neċessarji kontrolli mmirati bbażati fuq ir-riskju, spezzjonijiet mingħajr kuntatt u mingħajr il-karta bbażati fuq l-aċċess f'ħin reali għal data diġitali fuq is-sewwieqa, l-operaturi, il-vetturi u l-merkanzija. Dan se jagħmel mod li l-kontrolli jkunu anqas onerużi, jieħdu anqas ħin, iqumu inqas u jkunu aktar effiċjenti.

L-ewwel pass biex tinħoloq tali SEDEA ( Żona Unika Ewropea għall-Infurzar Diġitali), jeħtieġ testjar profond fil-post sabiex isiru l-konklużjonijiet korretti dwar kif jistgħu jiġu sostitwiti b'mod gradwali l-kontrolli fiżiċi tradizzjonali aleatorji mat-triq u fil-bini b'kontrolli diġitali u mmirati. Dan il-proġett pilota partikolari għandu l-għan li jipprovdi d-data neċessarja, li se tippermetti lill-KE tfassal strateġija valida fil-qasam tal-infurzar diġitali fil-futur.

KAMP TA' APPLIKAZZJONI:

Il-proġett pilota dwar l-infurzar diġitali għandu jkopri l-konformità mar-regoli tal-UE fuq tliet livelli: bnedmin (sewwieqa u operaturi), vetturi u merkanzija. Dan se jkopri l-kontrolli tar-regoli tal-ħinijiet ta' sewqan u ta' mistrieħ, distakk, kabotaġġ, kull tip ta' liċenzja bħal-liċenza komunitarja, il-liċenzja tas-sewqien, l-attestazzjoni tas-sewwieq u l-karti takografiċi, it-test tal-affidabbiltà stradali, il-piż u d-daqs tal-vetturi, bil-għan li l-kontrolluri jingħataw aċċess għal dan is-sett komprensiv ta' data f'ħin reali. L-għan aħħari huwa li jiġu provduti soluzzjonijiet għas-sostituzzjoni tal-kontrolli fiżiċi mat-triq u fil-bini tal-impriżi tat-trasport bit-triq b'kontrolli remoti/awtomatizzati mingħajr ma jkun hemm bżonn li l-vettura titwaqqaf u/jew mingħajr żjarat fil-bini tal-impriża.

ŻONA ĠEOGRAFIKA:

Perċentwali l-kbira mit-trasport internazzjonali hija kkonċentrata fuq tratti partikolari tal-kuritur SCAN-MED, li trendi viżibbli l-problema ta' kontrolli konvenzjonali mat-triq għat-trasportaturi u l-awtoritajiet ta' infurzar. Konsegwentement, id-diġitalizzazzjoni tad-dokumenti tat-trasport u s-sistemi ta' skambju ta' data bejn l-Istati Membri huma kemm fl-interess tat-trasportaturi kif ukoll tal-awtoritajiet responsabbli mill-infurzar u għalhekk huma relattivament avvanzati fil-kuritur SCAN-MED. Barra minn hekk, it-tratt Awstrijak huwa kważi kompletament aġġornat bl-ITS-G5. Il-Proġett Pilota propost se jaffaċċja kundizzjonijiet favorevoli mill-industrija, l-awtoritajiet ta' infurzar, u se jkun sostnut mill-infrastruttura ITS-G5 diġà eżistenti.

## Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

**Partita PP 03 22 04** — Proġett Pilota — Ir-rwol tal-liġijiet dwar id-drittijiet tal-awtur fl-iffaċilitar tal-edukazzjoni u r-riċerka mill-bogħod

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 690 500 | 345 250 | | | 690 500 | 172 625 |

## Kummenti:

Fl-2016, il-QtĠ-UE ċċarat fid-deċiżjoni VOB tagħha (C-174/15) li s-self ta' kotba elettroniċi huwa permess taħt l-eċċezzjoni ta' self pubbliku minquxa fid-Direttiva 2006/115, iżda problemi prattiċi jipprevjenu lil-libreriji fl-Ewropa milli jużaw din l-eċċezzjoni. Il-proġett pilota jista' jħares lejn liema titjib prattiku huwa meħtieġ sabiex il-libreriji jkunu jistgħu jibbenefikaw b'mod ġenwin mill-eċċezzjoni ta' self pubbliku ta' kotba elettroniċi fil-prattika. Filwaqt li l-Istati Membri kellhom jittrasponu d-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Awtur fis-Suq Uniku Diġitali (id-Direttiva (UE) 2019/790) sa Ġunju 2021, l-immappjar tal-miżuri nazzjonali li għandhom l-għan li jiffaċilitaw l-aċċess mill-bogħod għall-kollezzjonijiet tal-libreriji jgħin biex tiġi sistematizzata l-armonizzazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar id-drittijiet tal-awtur.

Id-Direttiva 2019/790 introduċiet eċċezzjoni għall-UE kollha li tippermetti lil-libreriji jiddiġitalizzaw il-kollezzjonijiet tagħhom, iżda mhux li jagħmluhom disponibbli online. Skont id-Direttiva 2001/21, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu eċċezzjonijiet li jippermettu lil-libreriji jagħmlu disponibbli l-kollezzjonijiet diġitali tagħhom permezz ta' terminals apposta fil-binjiet tal-istituzzjonijiet, u mhux online. Il-proġett pilota jista' jkun ibbażat fuq studju wieħed jew aktar biex jiġi vvalutat jekk il-miżuri nazzjonali li jimplimentaw ir-regoli tal-Unjoni dwar id-drittijiet tal-awtur jissodisfawx kif xieraq l-objettivi li jiġi ffaċilitat l-aċċess pubbliku għall-kultura u l-edukazzjoni filwaqt li jiġu rrispettati l-interessi tad-detenturi tad-drittijiet, u jekk dawn il-miżuri jistgħux jiġu aġġustati, jew permezz ta' miżuri nazzjonali addizzjonali jew permezz ta' xi bidliet immirati fil-qafas legali tal-UE, sabiex l-Istati Membri jkollhom aktar flessibbiltà biex jindirizzaw b'mod effiċjenti l-ħtiġijiet għall-aċċess tal-kollezzjonijiet diġitali tal-libreriji.

It-tagħlim diġitali u s-soluzzjonijiet ta' xogħol kollaborattiv saru ċentrali għall-iskejjel u l-universitajiet. Il-proġett pilota jista' jivvaluta ulterjorment liema kwistjonijiet ta' drittijiet tal-awtur tqajmu fil-kuntest tal-edukazzjoni u r-riċerka mill-bogħod, notevolment fid-dawl tal-ġurisprudenza reċenti tal-UE u dik nazzjonali, u liema soluzzjonijiet legali u tekniċi jistgħu jinstabu biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet dejjem jikbru fil-qasam tal-edukazzjoni u r-riċerka mill-bogħod.

## Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

**Artikolu PP 05 21** — 2021

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | | | | | p.m. | 800 000 | 1 890 500 | 1 272 625 |

## Kummenti:

## Bażi ġuridika:

## Atti ta’ referenza:

**Partita PP 05 21 01** — Proġett pilota — Inizjattiva Integrata għal Rispons Transfruntier għall-Kriżijiet (CB-CRII)

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | | | | | p.m. | 800 000 | 1 890 500 | 1 272 625 |

## Kummenti:

*Ex Partita PP 07 21 01*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

I. Kuntest

Il-kriżi tal-COVID-19 hija sfida kbira ħafna mhux biss għar-relazzjonijiet bejn l-istati, iżda anki għar-relazzjonijiet bejn it-territorji ġirien diviżi mill-fruntieri nazzjonali. Ħolqot pressjoni kbira fuq ir-reġjuni transfruntieri li jirrappreżentaw 40 % tat-territorju tal-Unjoni, kif ukoll fuq il-ħaddiema transfruntieri li jirrappreżentaw 2 miljun ruħ.

Fl-istess ħin, il-kriżi żvelat nuqqas ta’ kooperazzjoni u koordinazzjoni bejn il-fruntieri kif ukoll interdipendenzi qawwija ta’ żoni tal-fruntiera meqjusa bħala żoni funzjonali. Deċiżjoni meħuda fuq naħa waħda tal-fruntiera kellha impatt dirett fuq in-naħa l-oħra tal-fruntiera.

Fil-bidu tal-2020, il-kriżi l-ewwel ipprovokat għeluq mhux ikkoordinat tal-fruntieri, kif ukoll diversi azzjonijiet mhux kooperattivi kemm minn atturi pubbliċi kif ukoll minn dawk privati. Filwaqt li xi Stati Membri ddeċidew li jagħlqu l-fruntieri tagħhom kompletament, oħrajn naqqsu drastikament l-għadd ta’ punti ta’ qsim tal-fruntieri sabiex inaqqsu t-tixrid tal-COVID-19. Għalkemm il-moviment liberu tal-persuni u tal-merkanzija huwa ġebla tax-xewka tas-suq uniku, il-kriżi tal-COVID-19 xekklet l-applikazzjoni ta’ dan il-prinċipju ewlieni. Il-projbizzjonijiet jew il-kontrolli fil-fruntieri jpoġġu lill-ħaddiema transfruntieri, primarjament fis-settur tas-saħħa, iżda wkoll fil-qasam tal-kostruzzjoni, tal-agrikoltura, jew tat-trasport f'sitwazzjoni allarmanti. L-għeluq tal-fruntieri kellu impatt negattiv qawwi fuq iċ-ċittadini transfruntieri, l-ekonomija lokali, in-negozji, it-trasport ta’ merkanzija essenzjali u s-servizzi pubbliċi transfruntieri (l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa). F’xi bliet, reġjuni jew saħansitra fi Stati bħal-Lussemburgu, fejn is-sistema tas-saħħa hija dipendenti ħafna fuq il-ħaddiema transfruntieri, l-interruzzjoni tal-konnessjonijiet transfruntieri tat-trasport pubbliku ħolqot sitwazzjonijiet ikkumplikati. Is-sitwazzjoni kellha wkoll impatt

fuq il-fiduċja bejn is-sħab bejn il-fruntieri li nbniet matul is-snin, u li hija essenzjali għall-kooperazzjoni transfruntiera.

Minkejja ħafna snin ta' kooperazzjoni istituzzjonalizzata (Interreg) u informali bejn ir-reġjuni tal-fruntiera, ir-relazzjonijiet eżistenti mhux dejjem ippermettew rispons effiċjenti u rapidu biex tiġi affrontata tifqigħa ta' kriżi bħal din. L-istrutturi transfruntieri eżistenti bħar-Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali rarament kienu involuti fl-elaborazzjoni jew fl-implimentazzjoni ta' miżuri ta' emerġenza minkejja l-għarfien tagħhom dwar il-funzjonament tal-organizzazzjoni amministrattiva u politika fuq iż-żewġ naħat tal-fruntieri.

Madankollu, il-kriżi tal-COVID-19 ippermettiet ukoll l-iżvilupp ta' forom u inizjattivi ġodda ta' kooperazzjoni transfruntiera, b'mod partikolari fir-rigward tas-settur tal-kura tas-saħħa. Diversi reġjuni ġirien tal-Grand Est (FR) urew solidarjetà billi laqgħu mijiet ta' pazjenti fl-unitajiet tal-kura intensiva tagħhom u koprew l-ispejjeż tat-trasferiment fl-isptarijiet. Fil-konurbazzjoni transfruntiera ta' Gorizia (IT)-Nova Gorica (SI), għalkemm reġgħu ddaħħlu l-kontrolli fil-fruntieri, is-sindki ta' dawn iż-żewġ bliet komplew jikkollaboraw u jiskambjaw informazzjoni dwar din l-emerġenza komuni. Bis-saħħa tal-aġġornamenti ta' kuljum mis-Sindku ta' Gorizia, Nova Gorica kienet għalhekk kapaċi tantiċipa aħjar is-sitwazzjoni u tadotta miżuri aktar rapidi biex iżżomm l-għadd ta' persuni infettati f'Nova Gorica aktar baxx mill-bqija tas-Slovenja. L-isptar transfruntier ta' Cerdanya (ES-FR) ibbenefika pożittivament mill-appartenenza doppja tiegħu għal żewġ sistemi tal-kura tas-saħħa differenti, u dan ippermetta provvista tajba ta' maskri u mediċini u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni ma' sptarijiet akbar fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera (Barċellona u Perpignan), fejn huma disponibbli unitajiet tal-kura intensiva. Madwar Ġinevra, inħolqot vinjetta ġdida għall-ħaddiema tal-kura tas-saħħa transfruntieri u korsiji tat-traffiku ddedikati sabiex jitħaffef il-qsim tal-fruntiera għal dawn il-ħaddiema essenzjali. Dawn il-forom ġodda ta kooperazzjoni wrew il-kreattività u l-kapaċità li tissaħħaħ il-kooperazzjoni transfruntiera.

It-territorji transfruntieri huma laboratorji uniċi ta' koeżjoni territorjali u politiki Ewropej. L-esperjenza tar-reġjuni tal-fruntiera matul il-kriżi tal-COVID-19 li qed tiżviluppa wriet ħtieġa qawwija ta' soluzzjonijiet ġodda li jagħtu s-setgħa lit-territorji transfruntieri fil-ġestjoni ta' tali emerġenzi. Fl-istess ħin, din il-kriżi hija opportunità biex jiġi promoss mudell ġdid ta' "kożvilupp" għar-reġjuni transfruntieri integrati, billi jittejbu l-għodod eżistenti ta' governanza f'diversi livelli u billi jissaħħu u jiġu stabbiliti servizzi pubbliċi transfruntieri ġodda.

II. Għanijiet

L-objettiv ġenerali ta' dan il-proġett pilota huwa li jtejjeb il-ħajja taċ-ċittadini fir-reġjuni tal-fruntiera billi jappoġġa żoni transfruntieri aktar integrati u funzjonali. Ir-reġjuni tal-fruntiera huma eżempju b'saħħtu ħafna u viżibbli tal-effetti immedjati tal-kriżi tal-COVID-19. L-istabbiliment mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri fixkel ekosistema sħiħa. Għalhekk, abbażi ta' analiżi bir-reqqa tal-esperjenza tar-reġjuni tal-fruntiera matul it-tifqigħa tal-COVID-19, dan il-proġett pilota għandu l-għan li jgħin lir-reġjuni tal-fruntiera jaffaċċjaw aħjar kriżijiet futuri u jippromwovu mudell ġdid ta' elaborazzjoni tal-politiki pubbliċi, inklużi s-servizzi pubbliċi, fir-reġjuni tal-fruntieri abbażi tal-kożvilupp u permezz ta' governanza f'diversi livelli mtejba. Il-proġett pilota għalhekk jikkombina approċċ fuq perjodu qasir u medju biex jipprovdi lill-operaturi u lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet b'għodod u metodoloġija konkreti li jistgħu jiġu tradotti direttament f'realtà, tanġibbli għaċ-ċittadini, u applikabbli għall-fruntieri Ewropej kollha.

III. Riżultati mistennija

1. Valutazzjoni fil-fond tal-ġestjoni tal-kriżi tal-COVID-19 fir-reġjuni tal-fruntieri Ewropej kollha.

Din il-valutazzjoni se tagħti stampa komprensiva tar-reazzjoni u n-nuqqas ta' reazzjoni għall-kriżi fir-reġjuni tal-fruntiera u l-konsegwenzi tagħhom. Dan jimplika l-ġbir ta' evidenza u eżempji konkreti dwar id-diffikultajiet li ffaċċjaw ir-reġjuni tal-fruntiera matul il-kriżi, dwar l-impatt fuq setturi differenti u dwar inizjattivi ta' kooperazzjoni li joħorġu mill-kriżi. Għandha tanalizza wkoll ir-rwol tal-istrutturi transfruntieri eżistenti fil-ġestjoni tal-kriżi. Din il-valutazzjoni se tagħti l-kapaċità lill-Unjoni tkejjel b'mod oġġettiv l-

ispejjeż tan-nuqqas ta’ kooperazzjoni. Permezz tal-ġbir ta’ evidenza prattika u statistika (żoni urbani funzjonali transfruntieri, eċċ.), l-analiżi għandha tindika wkoll l-interdipendenza qawwija tat-territorji tal-fruntiera, u għandha tiżvela li miżura mhux koordinata fuq naħa waħda tal-fruntiera għandha impatt fuq in-naħa l-oħra tal-fruntiera. Fl-aħħar nett, għandha tindika n-natura doppja tal-fruntieri: konfini ta’ Stati sovrani li jiggarantixxu s-sigurtà taċ-ċittadini tagħhom stess; u żoni lokali fejn jgħixu n-nies. Dan jirrikjedi l-istabbiliment ta’ governanza soda f'diversi livelli tal-fruntiera, bl-involviment tal-atturi lokali.

2. Pjattaforma li tidentifika s-servizzi pubbliċi transfruntieri, l-ostakli u s-soluzzjonijiet għall-kooperazzjoni transfruntiera.

Il-pjattaforma għandu jkollha aspett operattiv b’saħħtu billi tiġbor informazzjoni dwar is-servizzi pubbliċi f’setturi differenti fir-reġjuni tal-fruntiera (is-settur tas-saħħa, is-settur ġudizzjarju, l-ekonomija, eċċ.). Dan jgħin biex jiġu identifikati l-lakuni, il-ħtiġijiet u l-istrutturi eżistenti biex tiġi ffaċilitata integrazzjoni aħjar tar-reġjuni tal-fruntiera. Din il-pjattaforma għandha tibni fuq il-ħidma li diġà twettqet fuq is-servizzi pubbliċi transfruntieri, b’mod aktar speċifiku fuq is-servizzi pubbliċi transfruntieri li joperaw fil-qasam tal-protezzjoni ċivili u l-ġestjoni tad-diżastri. Fuq l-eżempju tas-settur tas-saħħa, il-pjattaforma tista’ tiġbor ukoll informazzjoni dwar il-kapaċità tas-servizzi pubbliċi eżistenti fis-settur tas-saħħa, billi timmappja l-kuntatti ewlenin bejn il-fruntieri u tipprovdi data dwar l-isptarijiet. Barra minn hekk, din il-pjattaforma online se tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-ostakli u s-soluzzjonijiet eżistenti għall-kooperazzjoni transfruntiera f'oqsma differenti. Għandha tibni fuq l-esperjenza miksuba matul l-implimentazzjoni ta’ inizjattivi oħra bħall-proġett “b-solutions”. Jenħtieġ li jiġu definiti l-kundizzjonijiet biex jiġi żgurat l-aġġornament tal-pjattaforma, abbażi ta' network Ewropew.

3. Pjan ta’ azzjoni biex titħaffef u tiġi sistematizzata s-solidarjetà fir-reġjuni ġirien.

Permezz ta’ dan il-mekkaniżmu, ir-reġjuni tal-fruntiera għandhom ikunu mgħammra aħjar biex jirreaġixxu malajr għal tipi differenti ta' kriżi (pandemija, ambjentali, sigurtà, diżastri naturali, migrazzjoni, attakki terroristiċi, eċċ.) li għandhom impatt fuq il-fruntieri u li jeħtieġu azzjoni koordinata mill-awtoritajiet nazzjonali u lokali.

Abbażi tat-tagħlimiet meħuda mill-kriżi tal-COVID-19, u minn mekkaniżmi transfruntieri eżistenti, proġetti Interreg, li jittrattaw il-protezzjoni ċivili, għandu jiġi żviluppat mudell ta’ protokoll f’każ ta’ kriżi biex jiġi żgurat il-moviment liberu tal-ħaddiema transfruntieri u tal-oġġetti essenzjali, il-protezzjoni soċjali, il-komunikazzjoni armonizzata, eċċ. Dan il-protokoll ta' azzjonijiet li jinvolvu lill-awtoritajiet nazzjonali u lokali għandu jiggwida, pass pass, l-azzjonijiet ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet. Il-protokoll għandu jintegra l-iżvilupp ta' għodod ġodda bħal “laissez-passer” għall-ħaddiema tal-fruntiera li jkunu rikonoxxuti b’mod reċiproku mir-reġjuni ġirien.

4. It-tisħiħ tal-potenzjal tar-reġjuni tal-fruntiera permezz tal-kożvilupp, l-ippjanar spazjali transfruntier u l-governanza f'diversi livelli.

It-tifqigħa tal-COVID-19 uriet li ħafna drabi l-interdipendenza transfruntiera soċjoekonomika ma tiġix indirizzata permezz ta’ kooperazzjoni sistematika u koerenti bejn l-awtoritajiet pubbliċi bejn il-fruntieri. Għalhekk, il-ġestjoni tar-reġjuni transfruntieri tirrikjedi governanza f’diversi livelli, peress li dawn ir-reġjuni huma interkonnessi ħafna u jikkondividu interessi komuni. L-approċċ ta’ kożvilupp għandu jiggwida l-elaborazzjoni ta’ politiki pubbliċi kooperattivi inklużi l-ippjanar spazjali komuni u l-iżvilupp ta’ servizzi pubbliċi f'setturi differenti (is-settur tas-saħħa, il-mobbiltà, l-edukazzjoni, eċċ.), inkluża sistema sostenibbli għall-finanzjament tal-investiment u l-ġestjoni transfruntieri. Dan għandu jinkludi kwistjonijiet bħall-istatus soċjali u fiskali tax-xogħol transfruntier (inkluż it-telexogħol, eċċ.), li kien essenzjali matul il-kriżi. Dan jimplika djalogu b’saħħtu u permanenti bejn dawk li jfasslu l-politika minn livelli differenti ta’ governanza, bl-involviment ta’ istituzzjonijiet transfruntieri. Illum il-ġurnata, hemm ħafna strutturi politiċi fir-reġjuni tal-fruntiera li jħeġġu d-djalogu politiku. Madankollu, it-tifqigħa tal-COVID-19 uriet li l-istrutturi eżistenti kellhom diffikultajiet biex jirreaġixxu malajr. Paradossalment, ir-reġjuni tal-fruntiera li kienu l-aktar integrati kellhom diffikultajiet biex jikkoordinaw rispons konġunt. Ir-reazzjoni naturali ta’ dawn ir-reġjuni

kienet li jagħlqu l-fruntieri filwaqt li rispons effiċjenti kien ikun il-koordinazzjoni. Abbażi tal-eżempju tal-"Kumitat għall-Kooperazzjoni Transfruntiera" Franko-Ġermaniż, maħluq mit-Trattat ta' Aachen, pjattaforma politika simili tista' tiġi replikata fil-fruntieri kollha tal-Unjoni u jista' jkollha tliet kompiti:

1. il-produzzjoni ta' evidenza ta' integrazzjoni u flussi transfruntieri, l-analiżi tar-rwol tal-investiment konġunt u tas-servizzi pubbliċi transfruntieri.

2. ħidma fuq ir-riżoluzzjoni ta' ostakli legali u amministrattivi għall-kooperazzjoni permezz ta' mekkaniżmi differenti (ftehimiet bilaterali, il-Mekkaniżmu Transfruntier Ewropew (ECBM), konvenzjonijiet, eċċ.) li jinvolvu wkoll lill-awtoritajiet lokali u nazzjonali.

3. żvilupp konġunt ta' strateġija komuni għal proġetti prijoritarji inklużi s-servizzi pubbliċi. Din il-pjattaforma politika għandha tirrifletti u taġixxi f'firxa wiesgħa ta' setturi li huma essenzjali għall-iżvilupp taż-żewġ naħat tal-fruntieri.

Fid-dawl tal-kriżi tal-COVID-19, tali pjattaformi politiċi għandhom ikunu responsabbli wkoll minn pjan koordinat għall-ġestjoni transfruntiera f'diversi livelli ta' kriżijiet li jkollhom impatt fuq reġjuni transfruntieri.

**Artikolu PP 05 22** — 2022

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 1 781 000 | 890 500 | | | 790 500 | 197 625 |

**Partita PP 05 22 01** — Proġett pilota — Skema ta' kooperazzjoni trans-Atlantika li twettaq il-Patt Ekoloġiku lokalment

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 790 500 | 395 250 | | | 790 500 | 197 625 |

## Kummenti:

Il-proġett pilota se jinkoraġġixxi l-irkupru ekoloġiku u blu fl-Atlantiku billi joħloq prekursur ta' skema ta' kooperazzjoni fil-livell trans-Atlantiku biex irawwam skambji tal-aħjar prattiki u proġetti konġunti dwar l-irkupru ekoloġiku tas-setturi marittimi li huma importanti għar-reġjuni kostali tal-Atlantiku, inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi u r-reġjuni mhux tal-UE. Dan il-proġett pilota huwa innovattiv bil-kbir peress li se jmur lil hinn mill-proġetti tradizzjonali INTERREG EA li jgħaqqdu biss ir-reġjuni Atlantiċi tal-UE. Dan il-proġett pilota se jinkludi r-reġjuni ultraperiferiċi Atlantiċi tal-UE u r-reġjuni mhux tal-UE u b'hekk jippromwovi l-Patt Ekoloġiku tal-UE lil hinn mill-fruntieri tal-UE. Barra minn hekk, dan se jmur lil hinn mid-Dikjarazzjoni ta' Galway u dik ta' Belém dwar il-Kooperazzjoni fir-Riċerka peress li se jkun għodda biex jittejbu l-istrateġiji ta' żvilupp reġjonali bħall-investiment reġjonali fl-infrastruttura ekoloġika għad-divertiment li għandu x'jaqsam mal-baħar u l-politiki ta' innovazzjoni għall-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu, li huma sfidi ewlenin identifikati fl-RIS3 tal-Atlantiku u fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Istrateġija għall-Atlantiku 2.0.

L-iżvilupp ta' kooperazzjoni trans-Atlantika se jipproduċi l-eżiti li ġejjin:

- it-titjib tat-tfassil tal-politika fil-livell reġjonali;

- l-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs taż-żona tal-Atlantiku;

- it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-partijiet ikkonċernati attivi fis-setturi ewlenin tal-Atlantiku;

- it-tisħiħ tal-koeżjoni territorjali tar-Reġjun tal-Atlantiku u l-approprjazzjoni tal-prinċipji tal-Patt Ekoloġiku u tal-Istrateġija għall-Atlantiku mill-awtoritajiet reġjonali u lokali tal-UE u dawk mhux tal-UE.

Biex jintlaħaq dan l-għan, il-proġett pilota se jappoġġja:

- Tliet workshops transettorjali u trans-Atlantiċi online bil-għan li jiġi ġġenerat l-għarfien, jiġu skambjati l-prattiki dwar kif jista' jissaħħaħ l-iżvilupp sostenibbli tas-settur fl-Atlantiku kollu. Se jrawwem il-fertilizzazzjoni reċiproka ta' proġetti eżistenti, se ssaħħaħ djalogu bejn l-erba' pilastri tal-Istrateġija għall-Atlantiku u se jirrifletti fuq suġġetti trasversali bħall-iżvilupp tal-SMEs u l-intraprendituri żgħażagħ.

- Tliet żjarat ta' studju u tliet sessjonijiet ta' taħriġ dwar il-bini tal-kapaċità mmirati għall-amministrazzjonijiet reġjonali li jkunu jixtiequ jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom u jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom f'livell trans-Atlantiku. L-eżerċizzju tal-bini tal-kapaċità se jinsilet mill-isfidi identifikati fil-workshops u se jkun għodda ppreferuta biex l-amministrazzjonijiet isaħħu l-kooperazzjoni trans-Atlantika tagħhom.

- L-iżvilupp ta' bażi ta' data ta' kuntatti fuq livell trans-Atlantiku biex jitrawmu d-djalogu u l-iskambji tal-aħjar prattiki.

- Attivitajiet ewlenin ta' kapitalizzazzjoni bħall-iżvilupp ta' katalogu tal-aħjar prattiki li jiġbor l-innovazzjonijiet identifikati fil-workshops u fiż-żjarat ta' studju, l-iżvilupp ta' pjan direzzjonali dwar il-kooperazzjoni trans-Atlantika biex jitrawwam l-iżvilupp sostenibbli tat-territorji kostali tal-Atlantiku, u azzjonijiet oħra li jgħinu t-trasferiment tal-aħjar prattiki barra mill-konsorzju u jippermettu l-fertilizzazzjoni reċiproka u l-kapitalizzazzjoni mal-proġetti attwali.

Azzjonijiet strateġiċi bħal dawn għall-Atlantiku jistgħu jiġu żviluppati biss jekk l-atturi ewlenin taż-żona jkunu involuti bħala network ta' awtoritajiet reġjonali u sħab tekniċi ewlenin. L-awtoritajiet reġjonali għandhom rabtiet qawwija mar-raggruppamenti u l-SMEs li joperaw fit-territorji tagħhom. Huma żviluppaw ukoll rabtiet fuq livell trans-Atlantiku, li se jkunu jistgħu jiġu mobilizzati malajr u se jipprovdu lill-proġett pilota network ta' partijiet interessati min-naħa l-oħra tal-Atlantiku.

## Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

**Partita PP 05 22 02** — Proġett pilota — Monitoraġġ tal-SDGs fir-reġjuni tal-UE — It-tneħħija tal-lakuni fid-data

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 990 500 | 495 250 | | | | |

## Kummenti:

Il-proġett pilota propost għandu l-għan li jinvolvi lir-reġjuni tal-UE fil-proċess ta' monitoraġġ tal-SDGs. Filwaqt li jqis l-importanza ta' data f'waqtha, granulari, affidabbli, rilevanti u aġġornata għas-suċċess tal-Aġenda 2030, il-proġett pilota se jipprovdi qafas għall-awtoritajiet reġjonali biex jimmonitorjaw l-SDGs fit-territorju tagħhom. Hu se jappoġġa u jsaħħaħ il-kapaċitajiet statistiċi reġjonali fil-ġbir tad-data u fil-proċess ta' monitoraġġ u evalwazzjoni. Id-data miġbura u konsegwentement l-evalwazzjoni tagħha se tkun disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali u tal-UE għall-evalwazzjoni ġenerali tal-progress lejn il-kisba tal-SDGs. Barra minn hekk, il-proġett se jipprovdi taħriġ imfassal apposta lill-awtoritajiet reġjonali għall-ġbir u l-analiżi xierqa tad-data biex tiġi żgurata l-kwalità. Sabiex tiżdied is-sjieda lokali u jiżdiedu l-ftuħ u t-trasparenza, il-proġett se jagħmel id-data kollha disponibbli għall-pubbliku u se joħloq pjattaforma fejn iċ-ċittadini jistgħu jikkontribwixxu għad-definizzjoni tal-prijoritajiet kif ukoll għall-proċess ta' monitoraġġ u evalwazzjoni. Id-data fil-livell reġjonali se tkun kruċjali fl-identifikazzjoni ta' lakuni potenzjali u oqsma li fihom jeħtieġ li tiżdied l-azzjoni kif ukoll ir-raġunijiet sottostanti għan-nuqqas ta' progress. Min-naħa l-oħra,

se tindika liema fatturi se jiffaċilitaw il-progress lejn għanijiet speċifiċi. Fl-aħħar, il-proġett se jagħti bidu għal djalogu fost ir-reġjuni tal-UE dwar prattiki u azzjonijiet tajbin għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030.

Il-passi proposti li għandhom jittieħdu għall-implimentazzjoni tal-proġett pilota:

1. Id-determinazzjoni tal-livell fokali — NUTS 2;

2. Is-sejħa u l-għażla tar-reġjuni tal-UE li se jieħdu sehem fil-proġett pilota - abbażi tal-esperjenza miksuba mid-Direttorati Ġenerali kompetenti tal-Kummissjoni Ewropea, l-intenzjoni hija li jkun hemm massimu ta' għaxar (10) reġjuni/awtoritajiet sottonazzjonali li jipparteċipaw fil-proġett pilota, rappreżentattivi ta' tipi differenti, skont ħidma preċedenti fuq il-monitoraġġ tal-SDG, il-post ġeografiku, id-daqs, il-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi u l-kapaċità statistika;

3. L-istabbiliment tal-aġenda tal-SDGs lokali - prijoritajiet komuni iżda adattati wkoll għall-karatteristiċi lokali;

4. L-istrateġija tal-implimentazzjoni;

5. Id-determinazzjoni tal-metodoloġija u l-għażla ta' indikaturi adatti - l-intenzjoni li jiġu koperti l-għanijiet kollha u l-biċċa l-kbira tal-169 mira - se tingħata importanza partikolari lill-indikaturi li s'issa għadhom ma ntużawx fil-livell reġjonali - is-sett ta' indikaturi se jkun differenti bejn ir-reġjuni biex jirrifletti l-karatteristiċi u l-ħtiġijiet lokali;

6. Il-bidu tal-proċess ta' monitoraġġ;

7. Il-ġbir tal-informazzjoni;

8. L-analiżi u l-evalwazzjoni;

9. Ir-rapportar tas-sejbiet u l-koordinazzjoni fost ir-reġjuni dwar il-passi li jmiss;

10. L-għoti ta' data lill-awtoritajiet nazzjonali u lill-Kummissjoni Ewropea u l-komunikazzjoni lill-pubbliku;

11. L-identifikazzjoni ta' nuqqasijiet fid-data;

12. Il-modifiki biex itejbu l-ġbir tad-data u l-proċedura ta' analiżi kif ukoll il-kwalità;

13. L-identifikazzjoni ta' lakuni fir-rigward tal-progress lejn l-SDGs

14. It-tfassil ta' pjan ta' azzjoni ġdid biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet.

## Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

**Artikolu PP 07 20** — 2020

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 4 836 000 | p.m. | 4 836 000 | p.m. | 4 836 000 | p.m. | 4 836 000 | p.m. | 4 836 000 |

**Partita PP 07 20 01** — Proġett pilota — Ir-rwol tal-paga minima fl-istabbiliment tal-Garanzija Universali tax-Xogħol

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

**Partita PP 07 21 02** — Proġett pilota — Osservatorju Ewropew tan-Narrattivi biex tiġi miġġielda d-Diżinformazzjoni wara l-COVID-19

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 600 000 | p.m. | 600 000 | 1 190 500 | 1 195 250 | p.m. | 600 000 | 1 190 500 | 897 625 |

**Partita PP 07 21 07** — Proġett pilota — Introjtu Universali Bażiku (BIG) — kards ta' ħlas elettroniku għall-persuni marġinalizzati Strument finanzjarju u politiku innovattiv li jippermetti l-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar estrem li jaċċedu b'mod aktar effikaċi għall-benefiċċji soċjali

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 800 000 | p.m. | 800 000 | 1 990 000 | 1 795 000 | p.m. | 800 000 | 1 990 000 | 1 297 500 |

## Kummenti:

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġetti pilota.

Sitwazzjoni inizjali:

Skont l-Istħarriġ dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni tal-2016[1] tal-FRA, 80 % tar-Rom jinsabu f'riskju ta' faqar (86 % fil-Bulgarija, 58 % fiċ-Ċekja, 70 % fir-Rumanija u 87 % fis-Slovakkja). Din ir-rata hija ogħla mir-rata ġenerali tal-faqar tal-UE li hi ta' 24 % (40 % fil-Bulgarija, 13 % fiċ-Ċekja, 39 % fir-Rumanija, 18 % fis-Slovakkja)[2]. Ir-rata tal-faqar hija partikolarment għolja fost ir-Rom li jgħixu f'komunitajiet emarġinati, b'mod partikolari fis-Slovakkja, fil-Bulgarija, fir-Rumanija, fl-Ungerija u fir-Repubblika Ceka. Barra minn hekk, ir-Rom huma fost dawk l-aktar affettwati mill-faqar fit-tul u mir-riproduzzjoni interġenerazzjonali tal-faqar.

Ċifri mill-istudju konġunt tal-2011 mill-Bank Dinji, il-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti (UNDP) u l-Kummissjoni Ewropea wrew li terz mit-tfal Rom jidħlu jorqdu bil-ġuħ tal-anqas darba f'xahar peress li ma jkunx hemm biżżejjed ikel. L-esperjenzi ta' depravazzjoni fis-snin bikrija tat-tfulija jinfluwenzaw b'mod sinifikanti l-opportunitajiet u l-perkorsi ta' ħajja aktar tard tal-persuni

Il-faqar ma jikkonsistix biss f'nuqqas ta' introjtu jew assi materjali, iżda jimplika wkoll żvantaġġi b'ħafna modi oħra. Il-faqar materjali ta' spiss ikun marbut ma' żvantaġġi (jew esklużjoni) esperjenzati fl-aċċess għall-edukazzjoni, l-impjieg, il-kura soċjali u tas-saħħa, u l-akkomodazzjoni; kif ukoll, bl-istess importanza, fin-networks u r-relazzjonijiet soċali[3]. Barra minn hekk, hemm interdipendenza qawwija bejn il-faqar u s-segregazzjoni spażjali, li tkompli tirrestrinġi aktar l-aċċess għal tali assi materjal, soċjali u ta' ħiliet. Din tirrestrinġi l-opportunitajiet għal għajxien sikur u b'hekk twassal għall-faqar assolut u l-esklużjoni soċjali.

Il-perċezzjonijiet li jimplikaw li individwu huwa responsabbli għall-istat ta' faqar tiegħu u li l-faqar tar-Rom huwa kwistjoni ta' etniċità jew ta' minoranza etnika jonqsu milli jirrikonoxxu li l-faqar huwa fenomenu multidimensjonali kumpless li jirriżulta minn għadd kbir ta' fatturi. Ħafna minn dawn il-fatturi jinsabu lil hinn mill-kontroll ta' persuna, u huma fil-fatt marbuta ma' trasformazzjonijiet usa' fil-politika soċjali u s-sistemi ta' governanza. Huwa madankollu ċar li l-persuni li huma esklużi mis-suq tax-xogħol huma dawk l-aktar mhedda mill-faqar.

Il-politiki ta' protezzjoni soċjali stabbiliti fil-qafas ta' sistemi politiċi ġodda fil-pajjiżi tal-Ewropea Ċentrali u tal-Lvant, li fil-biċċa l-kbira jibbażaw ruħhom fuq l-għoti ta' benefiċċji soċjali soġġetti għal test tal-mezzi, s'issa ma rnexxielhomx joħorġu n-nies foqra fit-tul, inklużi r-Rom, mill-faqar. L-appoġġ mill-Istat jassumi l-forma ta' benefiċċji soċjali, li jservu biex ikopru l-bżonnijiet bażiċi tal-ħajja, il-kura tat-tfal, u l-akkomodazzjoni jew biex isostnu l-attivazzjoni tax-xogħol. Madankollu, hemm limitazzjonijiet sinifikanti tad-disinn tas-sistema, kemm fir-rigward taż-żamma tad-dinjità kif ukoll fir-rigward tal-għoti tal-aċċess għal

firxa usa' ta' assi u l-għoti ta' appoġġ u inċentivi mfassla apposta biex il-persuni joħorġu mill-kundizzjonijiet u l-istili ta' ħajja ta' faqar.

Dan inaqqas l-effikaċja tal-għajnuna u maż-żmien jirriżulta f'dawn is-sintomi aktar viżibbli.

– Komunitajiet li jkunu soċjalment esklużi ta' spiss jidħlu jokkupaw siti battala, li jkunu proprjetà tal-Istat, tal-muniċipalitajiet u aktar rarament art privata, li ma jkunux xierqa għall-użu residenzjali jew ikunu remoti wisq min-network urban. Dan għandu implikazzjonijiet diretti kemm fuq il-kwalità tal-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni kif ukoll fuq l-aċċess għal opportunitajiet vijabbli ta' impjieg. Il-biċċa l-kbira tar-Rom u l-persuni vulnerabbli huma primarjament impjegati f'xogħol temporanju, prekarju u mhux uffiċjali.

– Barra d-dħul mill-impjieg staġonali u l-attivitajiet ta' xogħol spiss mhux irreġistrati, ħafna unitajiet domestiċi Rom jiddependu fuq benefiċċji soċjali soġġetti għal test tal-mezzi pprovduti lill-familji kbar u ċittadini mingħajr mezzi finanzjarji. Minħabba l-kundizzjonijiet ekonomiċi u tal-għajxien ħżiena u n-nuqqas ta' litteriżmu finanzjarju, ir-Rom ta' spiss jonfqu d-dħul tagħhom mix-xogħol u mill-benefiċċji soċjali fl-ewwel ġranet tax-xahar u mbagħad ma jkunux f'pożizzjoni li jipprovdu għall-bżonnijiet bażiċi tagħhom għall-bqija tax-xahar.

– L-għajxien f'kundizzjonijiet ta' faqar fit-tul għandu wkoll effetti psikoloġiċi sinifikanti, u kultant joħloq dipendenzi u vizzji li jżidu l-prekarjetà u l-inkapaċità ta' teħid ta' deċiżjonijiet effikaċi jew pjanijiet fit-tul (jew saħansitra għax-xahar ta' wara).

– Ħafna unitajiet domestiċi Rom ma għandhomx aċċess għas-servizzi finanzjarji, għandhom livelli baxxi ta' tfaddil u għarfien limitat ta' finanzi effikaċi għal unità domestika. Konsegwentement, ir-Rom ta' spiss jiddejnu u jisfaw vittmi tal-użura, u dan iddaħħalhom f'ċirku vizzjuż ta' faqar dejjem akbar.

Sforzi biex tiġi promossa l-inklużjoni tar-Rom mingħajr ma tiġi żgurata sistema ta' distribuzzjoni ta' benefiċċji soċjali li hija "adatta għall-iskop", u mingħajr d-disponibbiltà ta' servizzi finanzjarji, se jinjoraw ostaklu maġġuri li jista' jiġi indirizzat relattivament b'mod effikaċi.

Bħalissa hemm bżonn akut ta' aġġustament ulterjuri u mudelli sperimentali pilota għar-ridistribuzzjoni tal-benefiċċji soċjali u ta' sostenn effikaċi, sabiex jiġu indirizzati l-bżonnijiet ta' persuni vulnerabbli b'mod multidimensjonali. Għandna nibdew b'approċċ li jieħu kont tal-persuna fit-totalità tagħha u li japplika fl-oqsma differenti tal-ħajja.

Il-proġett pilota jipprova jegħleb il-perċezzjonijiet li l-faqar huwa fenomenu tranżitorju jew individwalizzat biss, li jirriżulta min-nuqqasijiet proprja ta' persuna jew grupp. Huwa jibda billi jqis il-faqar u l-emarġinazzjoni bħala fenomeni soċjetali li għandhom jiġu indirizzati minn perspettiva fil-livell ta' sistemi. U bl-intenzjoni li titħares id-dinjità ta' dawk megħjuna. Dan jinkludi wkoll is-suppożizzjoni li l-foqra huma ta' spiss fl-aħjar pożizzjoni li jiddeċiedu fiex jonfqu r-riżorsi tagħhom (din hija sostnuta minn riċerka ekonomika u data longitudinali[4]), iżda anki li għandhom jiġu appoġġjati u awtonomizzati b'għadd ta' modi oħra.

Barra minn hekk, il-kriżi attwali tal-coronavirus jirrappreżenta punt ta' bidla, hekk kif qed juri l-periklu ta' risposti li jesponu jew jipproduċu diviżjoni fis-soċjetà bejn dawk li huma protetti u dawk li mhumiex. Dan jistiednek tħares lejn soluzzjonijiet universali ġodda b'kopertura usa' u aktar kumplessiva kemm fil-mitigazzjoni tal-konsegwenzi tal-kriżi kif ukoll fl-ippjanar għall-ekonomija li qed tinbidel u għal dinja ta' xogħol wara l-kriżi u aktar fit-tul.

Hemm bżonn ta' sperimentazzjoni permezz ta' strumenti finanzjarji u politiċi innovattivi li jkomplu jwittu t-triq għall-għoti ta' benefiċċji soċjali aktar effikaċi u investimenti li jappoġġaw eżiti aqwa għall-persuni marġinalizzati. Il-proġett pilota propost għalhekk se jikkombina l-elementi u jimmira li:

– Jappoġġa sperimentazzjoni tal-politika soċjali, permezz tal-għoti ta' benefiċċji soċjali flimkien ma' pakkett ta' inċentivi progressiv, permezz ta' kards ta' ħlas elettroniku;

– Jappoġġa l-awtonomizzazzjoni, b'mod partikolari permezz ta' strateġiji ta' intraprenditorija u r-radd lura tas-sens ta' dinjità u l-konvinzjoni li għandhom ir-riedni ta' ħajjithom f'idejhom, ħalli jingħeleb l-iżolament soċjali minħabba l-faqar fit-tul;

L-użu tal-inklużjoni finanazjarja sabiex ir-Rom ikollhom aċċess għas-servizzi bażiċi u vitali huwa importanti bħala komponent tal-inklużjoni tar-Rom daqs l-impjieg, l-akkomodazzjoni, is-saħħa jew l-edukazzjoni. L-unitajiet domestiċi li jistgħu jaċċedu u jifhmu servizzi finanzjarji bażiċi u jiġġestixxu kont tat-tfaddil huma aktar probabbli li jużaw il-benefiċċji soċjali b'mod aktar produttiv.

Dawk li jfasslu l-politika f'kooperazzjoni mal-ġestjoni ta' proġett jistgħu jorbtu l-inklużjoni finanzjarja u s-sostenn għall-iżvilupp personali u intraprenditorjali mar-riżultati f'termini ta' żvilupp uman.

Il-proġett pilota:

L-għan ta' dan il-proġett pilota propost huwa li, filwaqt li jirrispetta l-kompetenzi u r-responsabbiltajiet tal-Istati Membri fid-definizzjoni u l-organizzazzjoni tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali tagħhom, inkluż il-mod li bih jitqassmu l-benefiċċji, jittestja mekkaniżmu alternattiv ta' għoti ta' benefiċċji soċjali, imħallsa kull ġimgħa permezz ta' kards ta' ħlas elettroniku, flimkien mal-awtonomizzazzjoni kontinwa permezz tal-intraprenditorija u x-xogħol ta' kowċjar dwar l-awtożvilupp u taħriġ dwar il-litteriżmu finanzjarju.

L-iskema BIG hija prevista bħala l-kombinazzjoni tal-benefiċċji soċjali eżistenti, b’allowances li jkopru l-ispejjeż assoċjati mal-parteċipazzjoni f’attivitajiet ta’ bini tal-kapaċità, u inċentivi lill-benefiċjarji biex jilħqu l-għanijiet stipulati fil-pjan ta’ azzjoni individwali/tal-familja tagħhom. Din l-iskema se tiġi kkombinata ma' miżuri, li jgħinu jibnu l-kapaċità tal-individwi biex jintegraw (mill-ġdid) fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà. Dan jista' jservi bħala l-ewwel pass biex l-individwi u l-familji jergħu jieħdu r-riedni ta' ħajjithom f'idejhom u joħorġu b'mod progressiv miċ-ċrieki tal-faqar.

Il-proposta se tappoġġa direttament sperimentazzjoni tal-politika peremzz tal-ittestjar ta' approċċ alternattiv għall-fehim u l-indirizzar tal-faqar:

– Sigurtà – l-għajxien b'sens ta' faqar u deprivazzjoni jqiegħed pressjoni psikoloġika u jirrestrinġi l-ftuħ mentali tal-persuni li jgħixu f'kundizzjonijiet ta' deprivazzjoni, u b'hekk ma jħallihomx jagħmlu pjanijiet fit-tul jew jieħdu deċiżjonijiet aħjar fil-preżent.

– Firxa ta' assi estiża – l-issottolinjar tal-faqar bħala aktar minn kwistjoni materjali jew ta' distribuzzjoni (faqar f'termini ta' flus), il-kunsiderazzjoni tar-relazzjoni mal-iżolazzjoni soċjali u l-aċċess għal gamma ta' "assi" (materjali, ta' ħiliet, soċjali u ta' ċittadinanza) sabiex l-unitajiet domestiċi jkunu jistgħu jsegwu strateġiji tal-għajxien ġodda u aktar vijabbli.

– "Human venturing" – l-investiment fil-persuni bħala approċċ alternattiv għad-distribuzzjoni tas-servizzi soċjali, li jista' jservi bħala "kapital ta' riskju għall-persuni"; u jirrappreżenta mod ġdid għall-investiment fil-kapaċitajiet umani (hekk kif nagħmlu għall-kumpaniji) u jmur lil hinn mill-ambjenti soċjokulturali.

Fir-rigward tal-ewwel, l-isperimentazzjoni tal-politika hija sottolinjata minn riċerka f'diversi pajjiżi li turi li l-foqra li jirċievu benefiċċji soċjali inkondizzjonalment ma jeħlux il-flus fuq xewqat iżda bi bżonnijiet.

Fir-rigward tat-tieni, din se tgħin lill-benefiċjarji, b'mod partikolari l-vulnerabbli u l-komunitajiet soċjalment esklużi, biex isostnu strateġiji ta' għajxien differenti sabiex joħorġu miċ-ċirku vizzjuż tal-faqar u d-dejn. Se toħloq ukoll kundizzjonijiet għall-iżvilupp ekonomiku u għat-titjib tal-istandards tal-għajxien ta' dawk l-iktar foqra.

Se jintużaw strumenti innovattivi biex jiġi appoġġat il-finanzjament ta' forniment usa' ta' għoti ta' benefiċċji, permezz tat-taħlita ta' riżorsi pubbliċi u privati (b'mod partikolari filantropiċi) għal eżiti aħjar.

Dan il-proġett pilota huwa parti mill-isforzi tal-Unjoni Ewropea biex:

– tappoġġja l-innovazzjoni soċjali u approċċi ġodda u olistiċi għall-għoti tas-servizzi soċjali, l-awtonomizzazzjoni tal-gruppi żvantaġġati u t-twettiq ta' soluzzjonijiet trasformattivi għal sfidi soċjali ewlenin, b'mod partikolari l-inklużjoni tar-Rom.

– tistimola kollaborazzjonijiet transsettorjali u sħubijiet ta' impatt soċjali (involviment pubbliku-privat u ċiviku) bħala mezz ġdid għall-ħolqien tal-valur pubbliku.

– tittestja l-użu ta' strumenti ġodda u ta' appoġġ imħallat (strumenti finanzjarji, għotjiet u tisħiħ tal-kapaċità) għal proġetti b'esternalitajiet soċjali għolja.

– fuq perjodu ta' żmien itwal, tappoġġja l-iżvilupp tas-suq tal-investimenti soċjali u l-interventi bbażati fuq l-impatt soċjali permezz tal-ittestjar jew l-irfinar ta' mudelli li jistgħu jiġu estiżi għall-Ewropa kollha.

Attivitajiet:

Il-proġett pilota se jesplora kif approċċi innovattivi u orjentati lejn l-impatt jistgħu jtejbu l-effikaċja tal-politiki soċjali attwalment ibbażati fuq il-ħlas ta' benefiċċji soċjali bl-aċċertament tas-sorsi tad-dħul billi ngħaddu għal sistema bbażata fuq l-attivazzjoni intelliġenti. Dan l-approċċ jista' wkoll inaqqas l-ispejjeż amministrattivi assoċjati mas-sistema attwali ta' għoti tal-benefiċċji soċjali lill-komunitajiet marġinalizzati tar-Rom; u jżid l-effikaċja fl-infiq pubbliku fuq perjodu ta' żmien twil.

Il-proġett pilota se jittestja u jiżviluppa soluzzjonijiet innovattivi, b'approċċ multinazzjonali u pan-Ewropew, li jista' jerġa' jiġi replikat u adattat sabiex iwassal għal eżiti sostenibbli u mtejba u benesseri soċjali fl-Unjoni.

Il-proġett pilota se jkun jinkludi l-elementi li ġejjin:

Mekkaniżmu ta' għoti msaħħaħ tal-benefiċċji soċjali, li għandu jiġi implimentat mill-Istati Membri b'konċentrazzjoni kbira tar-Rom; 500 benefiċjarju għal kull Stat Membru.

Għal dak li jirrigwarda l-benefiċċji soċjali eżistenti

– imħallsa lil kull individwu (kull ġimgħa): kull raġel u kull mara jirċievu l-benefiċċji soċjali, imħallsa direttament lilhom u mhux lil "unità domestika". Il-ħlas individwali huwa prinċipju femminista vitali, li ġie abbużat b'mod sistematiku fis-sistemi kollha tas-sigurtà soċjali matul l-aħħar seklu.

– mhux kundizzjonali; il-benefiċjarji mhumiex obbligati li jonfqu l-flus b'xi mod speċifiku. Madankollu, il-kundizzjonijiet preeżistenti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dawk marbuta mal-attendenza obbligatorja tat-tfal l-iskola jeħtieġ li jiġu rispettati bħala prerekwiżit għal allowances addizzjonali.

– mhux revokabbli: il-benefiċċji soċjali ma jiġu revokati għal ebda raġuni matul il-perjodu tal-proġett. L-allowances lil hinn minn dan l-ammont ikunu marbuta ma' elementi u attivitajiet speċifiċi fi gradazzjoni ( per eżempju, b'rabta mal-attendenza fil-kindergarten jew attività soċjali u tax-xogħol) u jingħata appoġġ pass pass fit-triq lil hinn mil-faqar d-dipendenza.

– mogħtija permezz ta' kards ta' ħlas elettroniku marbuta ma kont bankarju irħis jew bla ħlas.

Bini tal-kapaċità u l-abbiltà permezz tal-awtonomizzazzjoni u l-ikkowċjar dwar l-awtożvilupp, it-taħriġ fuq il-post tax-xogħol u korsijiet dwar il-litteriżmu ekonomiku u finanzjarju. Barra mill-bżonn li jittejjeb il-litteriżmu finanzjarju tal-familji, il-proġett se jkollu l-għan ukoll li jippromwovi approċċ li jorbot l-allowances mal-parteċipazzjoni f'miżuri ta' inklużjoni attiva li jwasslu b'mod effettiv għall-impjieg u l-awtonomizzazzjoni.

Il-provediment ta' mikrokrediti għal proġetti personali mmirati lejn it-titjib tal-kundizzjonijiet tal-għajxien (fakultattiv).

L-involviment tal-partijiet ikkonċernati kollha (l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, l-istituzzjonijiet finanzjarji, l-impjegaturi, l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, eċċ.).

Filwaqt li jikkontribwixxi għall-objettivi tal-Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, dan il-proġett pilota se jkun ukoll allinjat mill-qrib mal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għal Ewropa Soċjali b'Saħħitha għal Tranżizzjonijiet Ġusti, is-Semestru Ewropew kif ukoll l-implimentazzjoni tal-inizjattiva tal-UE għall-ugwaljanza u l-inklużjoni tar-Rom, u jipprovdilhom input.

Jista' jsir fil-qafas ta' mekkaniżmi ta' subappalt b'implikazzjoni soċjali.

Wara li jiġi ttestjat f'diversi siti b'komunitajiet sinifikanti tar-Rom, il-mudell jista' jispira riformi tas-sistemi soċjali fil-Bulgarija, iċ-Ċekja, ir-Rumanija, l-Ungerija, is-Slovakkja u pajjiżi oħra.

Il-baġit miżjud għat-tieni sena tal-implimentazzjoni tal-proġett pilota se jippermetti l-implimentazzjoni tal-attivitajiet kollha tal-proġett pilota fi tliet Stati Membri magħżula minn dawk b'sehem kbir ta' komunitajiet Rom, jiġifieri r-Rumanija, il-Bulgarija u s-Slovakkja. Dan jippermetti wkoll li jitqiegħdu pedamenti b'saħħithom għal attivitajiet possibbli ta' espansjoni tal-proġett pilota.

Il-ħtieġa li jiġi implimentat il-proġett pilota ġiet enfasizzata mill-impatt sproporzjonat tal-pandemija fuq il-Komunitajiet Rom. It-tifqigħa tal-Coronavirus wessgħet l-esklużjoni, il-faqar u d-diskriminazzjoni li ilhom jeżistu kontra xi wħud mill-gruppi żvantaġġati u mċaħħda mid-drittijiet fl-UE, inkluża l-akbar minoranza etnika tagħha, ir-Rom.[5] L-offerta ta' impjiegi okkażjonali f'xogħol prekarju, fejn huma involuti r-Rom, naqset u ħallew bla xogħol. In-natura informali tal-impjiegi tagħmilha impossibbli li jintalbu l-benefiċċji speċjali mmirati lejn iż-żamma tal-impjieg għax dawk il-benefiċċji huma marbuta mal-impjieg formali.[6] Bl-istess mod, is-sistemi ta' protezzjoni soċjali li jipprovdu protezzjoni addizzjonali matul il-pandemija ma jkoprux l-impjiegi informali. Dan imbagħad wassal għal żieda fil-livell diġà għoli b'mod allarmanti ta' faqar u marġinalizzazzjoni tar-Rom. In-nuqqas ta' kapaċità ta' teħid ta' deċiżjonijiet fit-tul kif ukoll il-litteriżmu finanzjarju insuffiċjenti ġew enfasizzati b'mod partikolari matul il-pandemija għax ir-Rom ma għandhomx biżżejjed tfaddil biex jegħlbu t-tnaqqis fid-dħul li jirriżulta min-nuqqas ta' impjieg informali. Il-pandemija żvelat ukoll l-inadegwatezza tal-istrutturi sanitarji fil-komunitajiet Rom emarġinati. Barra minn hekk, l-aċċess għat-tagħlim mill-bogħod minħabba n-nuqqas ta' teknoloġiji diġitali fil-komunitajiet Rom emarġinati ntlaqat serjament mill-pandemija.

Il-pandemija wriet in-nuqqasijiet tal-mod tradizzjonali tal-għoti tal-benefiċċji soċjali. Dan ikompli jiġġustifika l-ħtieġa ta' sperimentazzjoni soċjali prevista fil-proġett pilota. L-approċċi innovattivi għall-għoti tal-benefiċċji soċjali permezz tal-kard ta' ħlas elettroniku flimkien mal-attivitajiet immirati lejn il-bini tal-kapaċità, il-korsijiet ta' litteriżmu finanzjarju kif ukoll is-self mikro possibbli se jwittu t-triq lil hinn mill-faqar. Dan jgħin biex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni serja żvelata b'mod sħiħ mill-pandemija. Dan jikkontribwixxi għall-mira tal-Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali biex 15-il miljun persuna jinħarġu mill-faqar, inklużi 5 miljun tifel u tifla. Il-proġett pilota jikkontribwixxi wkoll għall-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom kif ukoll ir-Rakkomandazzjoni għall-Garanzija għat-Tfal.

Skont il-valutazzjoni tal-benefiċjarju magħżul permezz tad-Deċiżjoni ta' Finanzjament C(2021)3754, l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-proġett deskritt hawn fuq tkun teħtieġ baġit ta' mill-inqas EUR 4 miljun, għal tul ta' żmien stmat ta' sentejn u nofs. Il-baġit miżjud propost (EUR 2 miljun addizzjonali f'impenji għall-2022) għat-tieni sena tal-implimentazzjoni tal-proġett pilota għalhekk se jippermetti l-implimentazzjoni tal-attivitajiet kollha tal-proġett pilota fi tliet Stati Membri magħżula minn dawk b'sehem kbir ta' komunitajiet Rom, jiġifieri r-Rumanija, il-Bulgarija u s-Slovakkja. Dan jippermetti wkoll li jitqiegħdu pedamenti b'saħħithom għal attivitajiet possibbli ta' espansjoni tal-proġett pilota.

Referenzi:

[1] https://fra.europa.eu/en/publication/2016/second-european-union-minorities-and-discrimination-survey-roma-selected-findings

[2] Eurostat 2016

It-teorija ta' Michael Burawoy li tgħid li l-istruttura tal-proċess tax-xogħol, permezz tal-awtonomija relattiva u l-mekkaniżmi ewlenin tagħha, tiġġenera kunsens; preżentata fi: Poverty, segregation and social exclusion of Roma communities in Slovakia (Il-faqar, is-segregazzjoni u l-esklużjoni soċjali tal-komunitajiet Rom fis-Slovakkja), https://www.ceeol.com/search/article-detail?id=737888

[4] Esther Duflo, Good Economics for Hard Times (Ekonomija tajba għal żminijiet iebsa) (Public Affairs: New York) 277-323

[5] https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/overview_of_covid19_and_roma_-_impact_-_measures_-_priorities_for_funding_-_23_04_2020.docx.pdf

[6] https://fra.europa.eu/en/publication/2020/covid19-rights-impact-september-1#TabPubKeyfindings1

**Partita PP 07 21 08 —** Proġett pilota— Ir-rappreżentanza tal-midja u l-inklużjoni għar-rifuġjati u l-migranti

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 250 000 | p.m. | 250 000 | 490 500 | 495 250 | p.m. | 250 000 | 490 500 | 372 625 |

## Kummenti:

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Il-preżenza, ir-rappreżentanza u l-viżibbiltà fil-midja ta' gruppi vulnerabbli bħall-migranti u r-rifuġjati jibqgħu marġinali ħafna fil-midja ewlenija madwar l-Ewropa. Il-movimenti tal-migrazzjoni u r-rifuġjati huma kwistjonijiet dinjin, li l-impatt tagħhom jaffettwa l-Ewropa fil-livell lokali, nazzjonali u dak tal-Unjoni. Qabel il-ġestjoni tal-kriżi tal-migrazzjoni tal-2015, il-migranti u r-rifuġjati kienu fil-parti l-kbira assenti mill-midja ewlenija. Id-diżinformazzjoni u l-istigmatizzazzjoni qed iseħħu f'diskorsi nazzjonali, pjuttost milli fil-livell tal-Unjoni, iżda l-impatt fuqhom jinħass fuq skala ħafna akbar. Wara l-2015, il-midja bdiet tisfrutta l-kwistjonijiet tal-migrazzjoni biex ixxewwex favur retorika negattiva, anti-Ewropea u nazzjonalista fl-Istati Membri tal-Unjoni, u ħolqot preċedenti perikolużi billi biddlet l-opinjoni pubblika, u affettwat ukoll riżultati elettorali, u saħansitra l-isfidi għas-solidarjetà tal-Unjoni.

L-informazzjoni dwar ir-rappreżentanza tal-migranti u r-rifuġjati fil-midja mhijiex abbundanti, iżda hemm eżempji numerużi miġbura fil-letteratura u li huma kkaratterizzati fiha. L-Ewrobarometru Speċjali tal-Kummissjoni 2018 - 469: l-integrazzjoni tal-immigranti fl-Unjoni Ewropea tikkonfronta l-opinjoni pubblika b'fatti u figuri li jġibu ċarezza għall-immaġini falza u l-perċezzjonijiet foloz imxerrda madwar l-Unjoni fir-rigward tal-migrazzjoni. Ir-rifuġjati u l-migranti minn sfondi differenti rarament jiġu intervistati jew jiġu kkwotati fl-istejjer tal-midja. Jiġu indikati, imma rarament jinstemgħu. Jittieħdu deċiżjonijiet għalihom, imma rarament jiġu involuti. Fil-midja jiġu mpinġija fil-parti l-kbira b'mod stigmatizzanti: bħala barranin perikolużi, bħala vittmi, bħala kriminali, bħala dawk li kapaċi jieħdu l-impjiegi tiegħek – il-perspettivi u l-vuċijiet tal-migranti u r-rifuġjati kienu fil-parti l-kbira nieqsa mill-midja ewlenija.

Dan il-proġett pilota għandu l-għan li jindirizza dawn il-kwistjonijiet rikorrenti billi jippromwovi l-midja inklużiva fl-Ewropa u jinvesti fiha; din il-midja inklużiva tqis dawn il-vuċijiet. Huwa għandu l-għan li jbiddel in-narrattivi attwali tal-midja u li jkisser l-istigmi dwar il-post u r-rwol tar-rifuġjati fis-soċjetajiet u l-komunitajiet Ewropej. Huwa se jgħin biex il-vuċijiet tagħhom jiġu integrati fid-diskorsi komuni tal-midja u fuq il-pjattaformi diġitali. Se jiżgura li l-perspettivi u l-viżjonijiet mhux Ewroċentriċi ta' persuni barra mill-Ewropa iżda li huma rilevanti għall-idea tagħha, jippenetraw id-diskorsi tal-midja Ewropej u jsiru parti integrali minnhom. Huwa se jikkontribwixxi għall-valuri tan-nondiskriminazzjoni, id-diversità, l-inklużjoni ekwa għall-persuni ġodda — rifuġjati u migranti — fil-midja Ewropea. Se jgħin biex tiġi indirizzata d-diżinformazzjoni u l-polarizzazzjoni tad-diskorsi tal-midja, permezz tal-kooperazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet. Il-proġett pilota se jinvolvi liċ-ċittadini tal-Unjoni, lil dawk li jfasslu l-politika fil-livell lokali, nazzjonali u Ewropew, il-midja (pubblika, nazzjonali u internazzjonali), il-migranti u r-rifuġjati, il-pjattaformi professjonali u ċiviċi u lil dawk ikkonċernati li huma impenjati fis-suġġett.

L-estensjoni tal-proġett pilota b'sena tiżgura l-kontinwità u ż-żieda fl-eżiti tiegħu (eż. prattiki tajbin, trasferiment tal-għarfien, rakkomandazzjonijiet) għall-benefiċċju ta' parteċipanti ġodda kif ukoll ta' gruppi esklużi oħra permezz ta' investiment fil-ħiliet u l-kompetenzi fil-ġurnaliżmu kritiku, il-produzzjoni ta' kontenut medjatiku dwar id-diversità, kif ukoll il-konsum infurmat. Sabiex l-effett jinħass fl-Ewropa kollha, fit-tieni sena l-proġett pilota se jkun qed jespandi n-network tiegħu u jippermetti kollaborazzjonijiet transfruntiera fil-midja f'aktar Stati Membri tal-UE.

Azzjonijiet ewlenin:

(1) Elaborazzjoni u studju tal-prattiki tajba eżistenti (il-politiki, il-bażi ġuridika, l-istrumenti, il-programmi, l-għodod, eċċ.) relatati mal-midja inklużiva u tixrid tagħhom mal-Unjoni kollha permezz ta' konferenza tal-esperti, attivitajiet li jinkludu diversi partijiet ikkonċernati u pubblikazzjonijiet (online u offline).

(2) L-iżvilupp ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-integrazzjoni ta' narrattivi tal-midja inklużiva u komunikazzjoni tul il-programmi tal-Unjoni.

Espansjoni u konsolidazzjoni tal-prattiki tajba u l-komunità tal-għarfien eżistenti fl-Istati Membri kollha tal-Unjoni sabiex jiġu integrati mudelli medjatiċi inklużivi u etiċi ta' suċċess, bl-involviment tal-midja, ix-xandara pubbliċi, l-Unjoni Ewropea tax-Xandir eċċ.

(4) Skambju tal-għarfien professjonali u tagħlim bejn il-pari għall-ġurnalisti f'rappurtar sensittiv.

(5) L-istabbiliment ta' prattiki ġodda ta' kollaborazzjoni, tagħlim bejn il-pari u taħriġ professjonali għar-rifuġjati u l-migranti ġodda) biex jitrawmu l-approċċi, l-għarfien, il-ħiliet u l-konsum kritiku tagħhom tal-midja u l-internet; huma jingħataw ħiliet u għodod biex jinbidel il-mod kif l-aħbarijiet jinħolqu u jitferrxu.

(6) Żieda fuq l-għodod eżistenti u żvilupp ta' oħrajn ġodda biex tiġi trattata d-diżinformazzjoni li jkollha fil-mira r-rifuġjati u l-migranti, u sforzi favur kooperazzjoni akbar bejn il-verifikaturi tal-fatti u r-riċerkaturi dwar kif għandhom jiġu ffurmati n-narrattivi pożittivi dwar il-migrazzjoni. Ħidma mill-qrib mal-Osservatorju Ewropew tal-Media Diġitali (EDMO) fl-analiżi tal-fenomenu tad-diżinformazzjoni u l-iżvilupp tas-soluzzjonijiet.

**Partita PP 07 21 09** — Proġett pilota — Assemblej temporanji taċ-ċittadini: nittrasformaw il-kunsens soċjetali f'mod ta' azzjoni u nistabbilixxu l-aħjar prattiki biex iċ-ċittadini jipparteċipaw aktar fil-ħajja pubblika tal-UE

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 450 000 | p.m. | 450 000 | 1 990 000 | 1 445 000 | p.m. | 450 000 | 1 990 000 | 947 500 |

## Kummenti:

L-għadd ta' kriżijiet sinifikanti li għaddiet minnhom l-Unjoni jindikaw li l-UE teħtieġ li tinvolvi liċ-ċittadini aktar mill-qrib f'eżerċizzju minn isfel għal fuq. L-assemblej taċ-ċittadini jirrappreżentaw eżerċizzji ta' demokrazija deliberattiva li jlaqqgħu flimkien sezzjoni trażversali tas-soċjetà biex jiddibattu u jagħtu pariri dwar sfidi soċjetali speċifiċi. Għalkemm fil-passat seħħew djalogi maċ-ċittadini tal-UE, l-assemblej temporanji jirrappreżentaw opportunità rari għaċ-ċittadini biex jieħdu r-riedni minn idejn ir-rappreżentanti tagħhom u jsolvu l-kwistjonijiet huma stess. Jekk jitwettqu b'mod korrett, iċ-ċittadini jistgħu jittrasformaw il-kunsens dwar kwistjonijiet importanti għal kunsens dwar mod kif jaġixxu aħjar.

Ir-riżultati pożittivi jgħinu biex iqarrbu liċ-ċittadini lejn l-UE.

Dan għandu jkun partikolarment il-każ għaż-żgħażagħ madwar l-UE. Huwa kruċjali li dawn isiru parti mill-konverżazzjoni dwar il-futur tal-Ewropa: huma se jgħixu l-konsegwenzi tad-deċiżjonijiet li se nieħdu fis-snin li ġejjin.

**Partita PP 07 21 14** — Proġett pilota — Nibnu l-Ewropa flimkien mal-Entitajiet Lokali (BELE)

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 180 000 | p.m. | 180 000 | 1 190 500 | 775 250 | p.m. | 180 000 | 1 190 500 | 477 625 |

## Kummenti:

Dan il-proġett se joffri finanzjament li jiffaċilita l-identifikazzjoni ta' kunsillieri, kemm nisa kif ukoll irġiel, fil-gvern lokali li se jkunu responsabbli għat-tixrid mhux biss tal-programmi u tal-proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea f'dik il-muniċipalità, iżda wkoll għall-komunikazzjoni maċ-ċittadini fil-muniċipalità tagħhom dwar l-inizjattivi u l-miżuri ta' politika ġenerali mwettqa mill-Unjoni, permezz ta' dikjarazzjonijiet perjodiċi lill-midja lokali, ta' dibattiti u seminars.

L-istrateġija għandha tkun orjentata lejn il-kooperazzjoni man-network Europe Direct bl-użu ta' strumenti ospitati mill-awtoritajiet lokali u l-gvernijiet reġjonali u marbuta ma' attivitajiet oħra li għaddejjin bħalissa biex jissaħħaħ ir-rwol tal-istrutturi u l-għodod eżistenti.

Il-bini ta' pjattaforma interattiva għas-sħubija, il-konnessjoni u l-fidelizzazzjoni ta' dawn ir-rappreżentanti lokali se jkun ta' għajnuna kbira.

**Artikolu PP 07 22** — 2022

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 8 451 500 | 4 229 750 | | | 8 451 500 | 2 112 875 |

**Partita PP 07 22 01** — Proġett pilota — Ħolqien ta' Ċentru tal-Patrimonju Ewropew b'appoġġ għal segwitu olistiku u kosteffikaċi tas-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 2 990 000 | 1 495 000 | | | 2 990 000 | 747 500 |

## Kummenti:

Il-wirt kulturali tal-Ewropa fid-diversità kollha tiegħu għandu valuri multipli enormi għaċ-ċittadini tal-Ewropa u l-komunitajiet tagħhom u l-ambjent tal-għajxien, kemm urban kif ukoll rurali. Bħala tali, jikkostitwixxi assi kruċjali għall-futur tal-Ewropa. Jgħaqqad il-passat, il-preżent u l-futur tagħna, billi jgħaqqad flimkien il-persuni, inklużi ż-żgħażagħ, lil hinn mill-fruntieri, il-kulturi u l-ġenerazzjonijiet, u jsaħħaħ is-sens ta' kburija u appartenenza tagħna (kemm fil-livell lokali kif ukoll f'dak Ewropew). Irawwem ukoll il-koeżjoni u l-inklużjoni soċjali u jikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli speċjalment billi jaqdi rwol ewlieni fl-azzjoni klimatika kif ukoll fit-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali tal-istil ta' ħajja tagħna. Is-suċċess tas-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali fl-2018, bil-mobilizzazzjoni bla preċedent ta' atturi tal-patrimonju – kemm pubbliċi kif ukoll privati – fil-livelli kollha u madwar il-kontinent kollu, inklużi l-istati membri kandidati, wera biċ-ċar il-potenzjal tal-wirt kulturali li jżid is-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini dwar il-proġett Ewropew u l-involviment tiegħu abbażi ta' storja u valuri kondiviżi, speċjalment fost il-ġenerazzjonijiet ta' età iżgħar.

L-objettiv tal-proġett pilota propost huwa li jsostni b'mod xieraq u effettiv il-legat tas-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali 2018 billi jappoġġja t-twaqqif ta' Ċentru tal-Patrimonju Ewropew, bħala pjattaforma awtonoma ta' promozzjoni u għarfien li tlaqqa' flimkien il-partijiet ikkonċernati kollha involuti f'dan il-qasam. Ikun qed jaħdem taħt l-awspiċi tal-grupp ta' esperti tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-wirt kulturali biex tkun żgurata azzjoni koerenti u konġunta mal-KE (DĠ EAC) għall-benefiċċju ta' djalogu u azzjoni kontinwi u msaħħa min-naħa tal-istituzzjonijiet tal-UE u l-partijiet ikkonċernati kollha. Ikun qed ifittex ukoll li jsaħħaħ l-impenn taċ-ċittadini (speċjalment il-ġenerazzjoni żagħżugħa) favur il-wirt kulturali Ewropew. Dan isir billi ż-żgħażagħ jiġu integrati fl-attivitajiet kollha tal-pjattaforma.

Ix-xenarju tal-partijiet ikkonċernati eżistenti fil-qasam tal-patrimonju huwa estremament rikk u varjat iżda għadu frammentat u għalhekk jirrikjedi koordinazzjoni aktar b'saħħitha. Kulħadd b'hekk jibbenefika bil-kbir minn ċentru permanenti u dinamiku li jrawwem, fuq bażi kontinwa u b'mod flessibbli u kosteffettiv, sinerġiji bejn diversi proġetti (li ħafna minnhom huma ffinanzjati mill-programmi tal-UE), diversi programmi ta' politika (tal-UE) li għandhom impatt dirett jew indirett fuq il-wirt kulturali, u diversi inizjattivi relatati mal-patrimonju u l-aħjar prattiki żviluppati mill-partijiet ikkonċernati f'kull livell ta' governanza (lokali, reġjonali, nazzjonali, Ewropea u internazzjonali). Tali Ċentru tal-Patrimonju Ewropew għandu jservi l-interessi u jirrifletti t-tħassib tal-"ekosistema tal-wirt kulturali" kollha li tkopri l-wirt kulturali tanġibbli, intanġibbli u diġitali, iżda joħloq ukoll sinerġiji mal-oqsma ta' politika rilevanti l-oħra kollha bħall-ambjent, l-azzjoni klimatika, l-iżvilupp urban u rurali, ir-riċerka, l-innovazzjoni, l-edukazzjoni kif ukoll ir-relazzjonijiet esterni.

L-għan ewlieni ta' tali pjattaforma jkun li jinġabru flimkien l-ilħna, il-forzi u r-riżorsi – kemm pubbliċi kif ukoll privati – għall-benefiċċju ta' approċċ olistiku u integrat għall-politiki dwar il-wirt kulturali fil-livelli kollha, b'mod partikolari fil-livell tal-UE, u jiġi żgurat li l-politiki u l-prijoritajiet rilevanti kollha tal-UE u dawk nazzjonali jinkorporaw kif xieraq id-dimensjoni tal-wirt kulturali. F'dan il-proċess, għandha tirrispetta l-prijoritajiet trasversali li ġejjin:

- l-inklużività, id-diversità u l-ugwaljanza, partikolarment billi ż-żgħażagħ jiġu indirizzati permezz ta' kampanji ta' komunikazzjoni, proġetti ta' involviment u emanċipazzjoni kif ukoll opportunitajiet ta' taħriġ;

- it-trasformazzjoni ekoloġika u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, partikolarment billi jiġu mobilizzati l-partijiet ikkonċernati fil-qasam tal-wirt kulturali biex jiġu indirizzati l-aktar temi urġenti tat-tibdil fil-klima u l-wirt kulturali, kemm bħala theddida għall-wirt kulturali kif ukoll bħala opportunità biex jiġu żviluppati miżuri ta' adattament u mitigazzjoni.

Jistgħu jiġu żviluppati l-attivitajiet addizzjonali li ġejjin (lista mhux eżawrjenti):

– pjattaforma interattiva online ta' promozzjoni u għarfien li tiġbor dokumenti rilevanti ta' politika u proġetti u aħbarijiet mill-partijiet ikkonċernati fil-qasam tal-wirt kulturali f'kull livell ta' governanza;

– kampanji ta' komunikazzjoni sinifikattivi u immaġinattivi (online u offline), inklużi kampanji mmirati lejn iż-żgħażagħ;

– riċerka u analiżi ta' xejriet u fenomeni emerġenti fir-rigward tal-wirt kulturali biex jiġi appoġġjat it-tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza;

– attivitajiet ta' bini ta' kapaċità fir-rigward, fost l-oħrajn, tal-politiki, il-programmi, l-opportunitajiet ta' finanzjament tal-UE kif ukoll it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali;

– proġetti konġunti biex jinħolqu sinerġiji aħjar, fost l-oħrajn bejn il-programm Ewropa Kreattiva (inkluż iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew), il-programm Erasmus+, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u l-programm Orizzont Ewropa.

Biex jiffunzjona bl-aktar mod effiċjenti u kosteffettiv, iċ-Ċentru tal-Patrimonju Ewropew propost għandu jiġi stabbilit b'dan li ġej:

- approċċ minn isfel għal fuq: iċ-Ċentru jitwaqqaf u jitmexxa minn organizzazzjoni ewlenija tas-soċjetà ċivili li tirrappreżenta l-ekosistema tal-wirt kulturali tal-Ewropa;

- parteċipanti fil-mira: it-tlaqqigħ flimkien u l-mobilizzazzjoni tal-aktar spettru wiesa' possibbli ta' partijiet ikkonċernati, kemm pubbliċi kif ukoll privati, bħala riflessjoni tar-rikkezza u l-varjetà tal-ekosistema tal-wirt kulturali tal-Ewropa;

- sħubija: il-ħolqien ta' pontijiet u sinerġiji bejn id-diversi inizjattivi Ewropej eżistenti, inklużi gruppi ta' ħidma, networks u fora ta' esperti, relatati mal-wirt kulturali;

- koerenza: taħt l-awspiċi tal-grupp ta' esperti tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-wirt kulturali, jissaħħaħ approċċ olistiku u integrat għall-wirt kulturali min-naħa tal-istituzzjonijiet kollha tal-UE u s-sħab Ewropej u internazzjonali ewlenin tagħhom (kemm intergovernattivi kif ukoll nongovernattivi);

- integrazzjoni: l-iżvilupp ta' sinerġiji ma' pjattaformi simili li huma attivi f'oqsma ta' politika relatati, bħall-arkitettura, l-ippjanar urban, l-ambjent, l-azzjoni klimatika, il-koeżjoni, l-SDGs, l-enerġija, l-edukazzjoni, it-turiżmu, l-iżvilupp u d-diplomazija kulturali;

- appoġġ finanzjarju adegwat biex jiġu żgurati koordinazzjoni u sensibilizzazzjoni effiċjenti u kosteffettivi.

## Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

**Partita PP 07 22 02 —** Proġett pilota — Festival Ewropew tal-Ġurnaliżmu u l-Litteriżmu Medjatiku

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 990 500 | 495 250 | | | 990 500 | 247 625 |

## Kummenti:

It-teknoloġiji l-ġodda qegħdin jibdlu b'mod drammatiku u kostanti d-dinamika tat-tiswir tal-opinjonijiet u l-pajsaġġ tal-midja. Filwaqt li dawn jippermettu li informazzjoni ta' interess pubbliku tiġi distribwita b'mod faċli lil udjenzi usa', filwaqt li jrawmu l-pluralità u l-mod kif l-informazzjoni tiġi maħluqa, imfittxija u distribwita online, jistgħu wkoll iżidu l-polarizzazzjoni li fiha persuna tkun esposta għall-aħbarijiet, is-sorsi u l-ideat li jikkorrispondu għall-preferenzi li tkun esprimiet. Dan, flimkien mal-pjattaformi xprunati mill-profitt, li jikkondividu data għal raġunijiet purament kummerċjali, jista' jimmina b'mod sinifikanti l-potenzjal li wieħed isir jaf u jiddibatti fehmiet opposti u, bħala tali, jista' joħloq riskju għall-ġurnaliżmu etiku, il-pluraliżmu tal-midja u d-demokrazija Ewropea nfisha.

Fl-istess ħin, ġurnalisti u atturi oħra tal-midja fl-Unjoni Ewropea jħabbtu wiċċhom ma' vjolenza, theddid, fastidju jew umiljazzjoni fil-pubbliku prinċipalment minħabba l-attivitajiet investigattivi tagħhom biex jipproteġu l-interess pubbliku minn użu ħażin tal-poter, korruzzjoni, ksur tad-drittijiet tal-bniedem jew attivitajiet kriminali, u skont il-Pjattaforma tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Protezzjoni tal-Ġurnaliżmu u s-Sikurezza tal-Ġurnalisti, aktar minn nofs il-każijiet ta' abbużi kontra professjonisti tal-midja jitwettqu minn atturi statali.

Rajna mewġa ta' diżinformazzjoni u propaganda li xterdet malajr permezz tal-internet u mezzi oħra tax-xandir. Fid-dawl tal-konsegwenzi soċjali u politiċi, huwa aktar kruċjali minn qatt qabel li ċ-ċittadini tagħna jużaw il-midja u l-midja soċjali b'mod kritiku. Hemm bżonn isir investiment f'riżorsi finanzjarji adegwati fil-litteriżmu medjatiku u dak diġitali u fl-iżvilupp ta' strateġiji komuni fil-livell tal-UE, flimkien ma' ġurnalisti, akkademiċi u organizzazzjonijiet internazzjonali u tas-soċjetà ċivili, sabiex iċ-ċittadini u l-utenti tal-internet jingħataw is-setgħa jirrikonoxxu u jkunu konxji minn sorsi ta' informazzjoni dubjużi u jidentifikaw u jesponu kontenut u propaganda li jkunu deliberatament foloz.

Il-proposta ta "Festival Ewropew tal-Ġurnaliżmu u l-Litteriżmu Medjatiku" hija mmirata biex issaħħaħ id-djalogu, il-kooperazzjoni u s-sħubija fl-UE, fost il-ġurnalisti, l-istabbilimenti tal-midja inklużi l-midja tas-servizz pubbliku, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-professjonisti tal-litteriżmu medjatiku, b'enfasi fuq il-mistoqsijiet kruċjali ta' żminijietna u b'attenzjoni speċjali għaż-żgħażagħ, inklużi l-istudenti tal-ġurnaliżmu, iċ-ċittadini u l-midja soċjali: nindirizzaw id-diżinformazzjoni fl-era tal-post-verità.

Kull sena, ġurnalisti mill-Ewropa kollha jiġu mistiedna jissottomettu kontribuzzjonijiet preliminari online, fuq pjattaforma ddedikata, u jressqu proposti konkreti għat-titjib tal-leġiżlazzjoni u l-kundizzjonijiet tax-xogħol għas-settur kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali. Taħt l-awspiċji ta' dan l-avveniment, il-professjonisti tal-midja jistgħu jelaboraw proposti ġodda, jissorveljaw l-implimentazzjoni tar-regoli eżistenti u jistabbilixxu riżultati tanġibbli f'oqsma bħall-protezzjoni u s-sikurezza tal-ġurnalisti, is-sigurtà soċjali, mudell ta' negozju ġdid għall-midja, ir-rwol u l-impatt tad-diġitalizzazzjoni fuq is-settur tal-midja, ir-rwol tal-midja fl-indirizzar tad-diżinformazzjoni jew iż-żieda fil-litteriżmu medjatiku. L-avveniment imbagħad jiġbor flimkien professjonisti tal-midja minn sfondi differenti, jiġifieri korporazzjonijiet kbar tal-midja, freelancers, ġurnalisti investigattivi indipendenti, mezzi tax-xandir lokali, kif ukoll rappreżentanti ta' assoċjazzjonijiet tal-istampa u NGOs li jippromwovu l-libertà tal-midja, filwaqt li jiġu mistiedna rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali u Ewropej bħala kelliema jew osservaturi . Dan il-format mhux biss itejjeb l-għarfien tal-ġurnalisti dwar il-miżuri eżistenti u l-aħjar prattiki, iżda jippermetti wkoll lill-awtoritajiet nazzjonali u Ewropej jingħaqdu flimkien u jifhmu aħjar il-ħtiġijiet tas-settur fl-għamla ta' djalogu strutturat annwali. Kull sena, l-avveniment joħroġ lista ta' rakkomandazzjonijiet ta' politika, fid-dawl tal-kontribuzzjonijiet ippreżentati minn ġurnalisti mill-Ewropa kollha flimkien mal-konklużjonijiet tal-konferenza. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet imbagħad għandhom jikkostitwixxu l-bażi għal azzjonijiet ta' politika fil-qasam tal-libertà tal-midja inklużi fil-programmi ta' ħidma tal-Kummissjoni Ewropea kif ukoll

tal-awtoritajiet Ewropej u nazzjonali.

Il-"Festival Ewropew tal-Ġurnaliżmu u l-Litteriżmu Medjatiku" għandu jsir għodda b'saħħitha biex titqajjem kuxjenza dwar ix-xogħol siewi iżda dejjem aktar diffiċli tal-ġurnalisti u l-ksur tal-libertà tal-istampa fl-UE. Biex jintlaħaq dan il-għan, il-festival ikun wieħed itineranti, li jsir fi Stat Membru differenti kull sena, skont l-aktar sitwazzjoni allarmanti f'dak li għandu x'jaqsam mal-libertà tal-istampa, iż-żieda fid-diżinformazzjoni – anke fir-rigward tal-kriżi tal-pandemija u l-klima – u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ġurnalisti. Fir-rigward tal-implimentazzjoni, il-Kummissjoni Ewropea tkun qed tniedi sejħa għall-offerti annwali indirizzata lil professjonisti tal-midja, organizzazzjonijiet tal-midja, NGOs u sħab akkademiċi rilevanti, sabiex tiġi żgurata l-organizzazzjoni tal-avveniment.

Bil-għan li tiżdied l-inklużività u titħeġġeġ il-parteċipazzjoni fl-avveniment, l-entità inkarigata mill-organizzazzjoni tiddedika parti mill-baġit biex tissussidja l-ispejjeż assoċjati mal-parteċipazzjoni ta' ġurnalisti u rappreżentanti ta' assoċjazzjonijiet tal-midja b'mezzi finanzjarji limitati bħal rappreżentanti ta' midja żgħar u lokali jew freelancers.

## Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

**Partita PP 07 22 03** — Proġett pilota — Għadd tal-Persuni bla Dar fl-Ewropa

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 990 500 | 495 250 | | | 990 500 | 247 625 |

## Kummenti:

Huwa stmat li l-għadd ta’ persuni mingħajr dar żdied b’70 % fl-Ewropa f’dawn l-aħħar għaxar snin u dan in-numru x’aktarx se jiggrava b’riżultat tal-Kriżi tal-Covid. Madankollu fil-livell tal-UE ma hemm l-ebda data affidabbli dwar il-problema tal-persuni mingħajr dar ibbażata fuq kriterji jew indikaturi komuni. Dan huwa

rikonoxxut mill-Parlament Ewropew, mill-Kummissjoni Ewropea u mill-esperti bħala ostaklu importanti għal rispons politiku effettiv.

Data komparabbli u miġbura regolarment dwar il-problema tal-persuni mingħajr dar tippermetti lill-Kummissjoni Ewropea tappoġġa aħjar lill-Istati Membri biex jagħmlu progress lejn it-tmiem tal-problema tal-persuni mingħajr dar sal-2030, objettiv li l-Istati Membri kollha, l-istituzzjonijiet tal-UE u l-partijiet ikkonċernati rilevanti tas-soċjetà ċivili impenjaw ruħhom għalih fid-Dikjarazzjoni ta' Lisbona, u jwettqu l-Prinċipju 19 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali dwar "l-akkomodazzjoni u l-assistenza għall-persuni mingħajr dar". Data komparabbli miġbura fil-livell lokali tappoġġa azzjoni bbażata fuq l-evidenza u mmirata aħjar permezz tal- "Pjattaforma Ewropea għall-ġlieda kontra l-kondizzjoni ta' persuni mingħajr dar" li twaqqfet bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

Għalhekk, il-proġett pilota għandu l-għan li jistimula l-ġbir regolari ta' data dwar il-kondizzjoni ta' persuni mingħajr dar fil-livell lokali. L-awtoritajiet lokali jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jindirizzaw il-kondizzjoni ta' persuni mingħajr dar flimkien mas-servizzi soċjali u l-atturi tas-soċjetà ċivili, u jeħtieġu data affidabbli fuqiex jibbażaw il-politiki tagħhom. Il-proġett pilota jibni fuq metodoloġiji robusti u effettivi eżistenti, bħall-għadd abbażi ta' punt fiż-żmien, il-punt ta' prevalenza, u l-istħarriġ. Għandha tiġi esplorata l-komplementarjetà mal-ħidma tal-EUROSTAT dwar id-dimensjonijiet differenti tal-kondizzjoni ta' persuni mingħajr dar inklużi l-irqad fit-toroq, il-persuni li joqogħdu f'postijiet ta' kenn għall-persuni mingħajr dar, il-persuni li waslu biex jiġu rilaxxati minn istituzzjoni mingħajr garanzija ta' akkomodazzjoni, u l-persuni li jkollhom jorqdu fuq is-sufan mal-familja jew il-ħbieb ("sofa surfers").

Il-proġett pilota jippromwovi metodoloġija komuni fost l-awtoritajiet lokali interessati u jikkoordina l-għadd komuni Ewropew ta' persuni mingħajr dar fl-istess żmien/fl-istess perjodu. L-għan ikun li dan l-għadd jiġi ripetut fuq bażi regolari, u li jiżdied in-numru ta' bliet li jipparteċipaw maż-żmien. Ir-riżultati jipprovdu informazzjoni lill-awtoritajiet lokali, nazzjonali u Ewropej u lil dawk li jfasslu l-politika dwar l-evoluzzjoni tan-natura u l-ambitu tal-kondizzjoni ta' persuni mingħajr dar, u d-dimensjonijiet u l-profili differenti tal-kondizzjoni ta' persuni mingħajr dar. Dan jgħin ukoll biex tinħoloq sensibilizzazzjoni pubblika u politika dwar il-kondizzjoni ta' persuni mingħajr dar u jikkontribwixxi biex tinħoloq ir-rieda li din tissolva. Filwaqt li jibni fuq metodoloġiji differenti, il-proġett għandu l-għan li jagħmel id-data kumparabbli sabiex jinsiltu t-tagħlimiet dwar ix-xejriet fil-livell tal-UE.

Dan il-proġett pilota jkun l-ewwel azzjoni konkreta mnedija mill-PE u l-Kummissjoni wara t-tnedija tal-Pjattaforma Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Kondizzjoni ta' Persuni Mingħajr Dar f'Lisbona f'Ġunju 2021.

## Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

**Partita PP 07 22 04 —** Proġett pilota —approċċ ġdid għas-sostenibbiltà permezz tal-isport fl-Ewropa

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 1 490 500 | 749 250 | | | 1 490 500 | 372 625 |

## Kummenti:

Sabiex l-isport jimmassimizza r-rilevanza tiegħu u jassumi r-responsabbiltà tiegħu fil-ħolqien ta' Ewropa aktar sostenibbli, teżisti l-ħtieġa ta' kunċett innovattiv li jikkontribwixxi għaċ-ċittadini u l-pjaneta tagħna. Dan il-proġett se juża s-setgħa li għandu l-isport biex jagħmel iċ-ċittadini Ewropej konxji tal-importanza tas-

sostenibbiltà u jgħinhom jifhmu kif jistgħu jikkontribwixxu għall-koeżjoni soċjali u l-ħarsien tal-ambjent. Barra minn hekk, din l-inizjattiva tkun konformi mal-objettivi tal-Bauhaus Ewropew il-Ġdid.

L-għanijiet tal-proġett propost huma li:

1. iqajjem kuxjenza, jispira mġiba u jiggwida l-ħsieb fis-soċjetà Ewropea dwar kif l-isport jista' jippermetti u jaċċelera t-trasformazzjoni soċjali u ambjentali;

2. iħajjar liċ-ċittadini tal-UE jipparteċipaw attivament f'miżuri sostenibbli permezz tas-setgħa komunikattiva tal-isport, l-avvenimenti sportivi l-kbar u ambaxxaturi ewlenin.

L-azzjoni għandha tiffoka fuq eżempji ta' mġiba u prattiki ta' ispirazzjoni fil-livell lokali li jistgħu jiġu mmultiplikati u fuq metodi li jinvolvu liċ-ċittadini u lill-partijiet ikkonċernati fl-isport fil-komunitajiet biex joħolqu prattiki sportivi sostenibbli b'mod konġunt u jikkooperaw dwarhom.

## Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

**Partita PP 07 22 05** — Proġett pilota — Appoġġ għall-mezzi tax-xandir lokali u reġjonali fid-dawl tad-"deżerti tal-aħbarijiet" emerġenti

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 1 990 000 | 995 000 | | | 1 990 000 | 497 500 |

## Kummenti:

Il-mezzi tax-xandir lokali u reġjonali jiżvolġu rwol importanti għall-komunitajiet tagħhom. Mhux biss jipprovdu informazzjoni li ma tinsab imkien ieħor u jżommu responsabbli l-poter lokali, iżda jaġixxu wkoll bħala forza vinkolanti u abilitanti għall-komunitajiet u l-udjenzi tagħhom. Mingħajr midja lokali b'saħħitha, id-diżinformazzjoni u l-istejjer foloz – amplifikati mill-midja soċjali – jistgħu jinxterdu b'mod aktar faċli fil-livell reġjonali. B'hekk, l-aħbarijiet lokali għandhom rwol uniku u imprezzabbli fis-soċjetajiet demokratiċi.

Madankollu, f'diversi partijiet tal-Unjoni Ewropea, teżisti inċertezza dwar is-suċċess fl-operat u – f'xi każijiet – l-eżistenza nfisha tal-mezzi tax-xandir lokali. Qabel il-pandemija, l-udjenzi tagħhom diġà kienu qed jaqilbu dejjem aktar lejn l-ambjenti tal-midja diġitali u mobbli, inkluża l-midja soċjali. Sadanittant, ir-reklamar qiegħed jiċċaqlaq primarjament lejn pjattaformi online dominati prinċipalment mill-Istati Uniti. Il-mudell kummerċjali tradizzjonali ta' dawn il-mezzi tax-xandir, li qed jiffaċċjaw diffikultajiet ta' monetizzazzjoni online u qed jitħabtu minħabba tnaqqis fid-dħul mir-reklamar, safa mminat kompletament. Dan irriżulta fi kmamar tal-aħbarijiet dejjjem iżgħar, kmamar tal-aħbarijiet "fantażma", konsolidazzjonijiet u anke fallimenti li min-naħa tagħhom mhux biss naqqsu l-pluraliżmu tal-midja, iżda f'xi każijiet saħansitra wasslu għal "deżerti tal-aħbarijiet" fil-livell lokali u b'hekk imminaw il-proċessi demokratiċi fil-livell lokali. Il-konsegwenzi tat-tifqigħa tal-COVID-19 u, konsegwentement, it-telf ta' dħul f'daqqa mir-reklamar, qed iżidu mal-isfidi li għandha quddiemha l-midja lokali. Hemm riskju kbir ħafna li parti kruċjali mill-infrastruttura demokratika tagħna tiddgħajjef ulterjorment.

L-għan tal-proġett pilota hu li l-ekosistema tal-midja lokali u reġjonali fl-Istati Membri tiġi mmappjata billi jiġu identifikati "deżerti tal-aħbarijiet" eżistenti u emerġenti u nuqqas notevoli ta' pluraliżmu medjatiku, u b'hekk jinħoloq repożitorju aħjar ta' għarfien f'livell li għalih hemm data insuffiċjenti ("deżerti tal-aħbarijiet", aċċess għal aħbarijiet lokali); u li tali midja lokali, reġjonali u komunitarja tingħata appoġġ

imfassal apposta li jkun marbut direttament ma' sitwazzjonijiet bħal "deżerti tal-aħbarijiet", kmamar tal-aħbarijiet "fantażma" jew nuqqas notevoli ta' pluraliżmu medjatiku f'inħawi fejn jeżisti l-bżonn.

Sabiex tiġi evitata l-formazzjoni ta' "deżerti tal-aħbarijiet" u jingħata kontribut biex tiġi restawrata n-nisġa medjatika lokali u reġjonali f'inħawi fejn l-offerta ta' aħbarijiet ta' kwalità hija insuffiċjenti u, għaldaqstant, teżisti theddida għal aċċess effettiv għal kontenut varjat ta' kwalità, il-proġett pilota għandu l-għan li:

– jappoġġja l-immappjar tal-ekosistema medjatika lokali u reġjonali fl-Istati Membri sabiex jiġu identifikati d-"deżerti tal-aħbarijiet" u l-inħawi li huma f'riskju li jsiru tali;

– jipprovdi appoġġ immirat u mfassal apposta għall-midja lokali, reġjonali u komunitarja indipendenti f'"deżerti tal-aħbarijiet" li diġà jeżistu jew li dalwaqt se jsiru tali. L-appoġġ għandu jiffoka fuq – jew jinkludi – l-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda bħalma huma l-intelliġenza artifiċjali, id-data u oħrajn simili mill-midja lokali, reġjonali u komunitarja, li s-settur għadu mhux mgħammar b'mod komprensiv għalihom.

## Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

**Artikolu PP 08 22** — 2022

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 1 490 500 | 749 250 | | | 1 490 500 | 372 625 |

**Partita PP 08 22 01** — Proġett pilota — Il-ħolqien ta’ librerija miftuħa li jkun fiha katalogu diġitali ikkontrollat u li qed jikber kontinwament ta’ senjaturi akustiċi individwali mill-ambjent akustiku ta' taħt il-baħar f’ibħra baxxi

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 1 490 500 | 749 250 | | | 1 490 500 | 372 625 |

## Kummenti:

L-ambjent akustiku ta' taħt l-ilma għandu firxa wiesgħa ta’ informazzjoni dwar l-attività ġeoloġika, bijoloġika u umana prevalenti fl-ambjent tal-baħar. Fil-kuntest tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MSFD), fejn id-Deskrittur 11 jiffoka speċifikament fuq l-istorbju taħt l-ilma, ir-riċerka u l-monitoraġġ tal-ħoss taħt l-ilma żdiedu b’mod konsiderevoli matul l-aħħar ftit snin u diversi proġetti ta’ riċerka diġà qed jirreġistraw il-ħsejjes taħt l-ilma fl-ibħra Ewropej. Il-kapaċità li jiġu ffiltrati l-komponenti individwali (id-detezzjoni u l-identifikazzjoni ta’ ċerti tipi ta’ bastimenti, organiżmi tal-baħar, attivitajiet tal-bniedem offshore, eċċ.) minn dawn ir-reġistrazzjonijiet kumplessi tal-ħoss taħt l-ilma u li jsiru miftuħa u faċilment disponibbli, tiftaħ għadd kbir ta’ għażliet possibbli ta’ valorizzazzjoni (li jvarjaw minn monitoraġġ ambjentali awtomatizzat għal applikazzjonijiet tas-sigurtà offshore).

Applikazzjoni speċifika tinsab fl-iżvilupp ta’ għodod li jappoġġaw l-MSFD, u b’mod aktar speċifiku d-deskrittur 11. L-għarfien preċiż tas-senjatura akustika ta’ sorsi kemm bijotiċi kif ukoll abijotiċi, huwa meħtieġ biex il-ħsejjes imkejla jkunu jistgħu jiġu konnessi mas-sors u biex jiġu identifikati l-preżenzi bijotiċi u abijotiċi f’żona. Dan jirrikjedi libreriji b’sinjali ta’ referenza tal-ħoss taħt l-ilma, li bħalissa qed jibdew jiġu żviluppati biss għal ambjenti tal-ilma fond u fejn ftit li xejn jeżisti jew ma jeżisti xejn għal ibħra baxxi. L-ambjent akustiku ta’ taħt l-ilma f’ibħra baxxi huwa tipikament aktar kumpless mill-ambjenti tal-

baħar fond peress li huma kkaratterizzati minn ħafna riflessjonijiet u sorsi akustiċi. Speċjalment f'żoni b'impatt qawwi u dinamiċi ħafna, b'attivitajiet intensivi tal-bniedem.

Il-proġett pilota se jibni u jittestja prototip ta' librerija ta' referenza miftuħa għal senjaturi akustiċi ta' taħt l-ilma tal-baħar iffukati fuq żoni tal-baħar baxxi u dinamiċi ħafna. Dan jinkludi:

- l-istabbiliment ta' bażi tad-data ta' ħsejjes taħt l-ilma flimkien ma' kwalunkwe informazzjoni magħrufa dwar is-sors tagħhom; Peress li d-disponibbiltà tal-bażijiet tad-data għall-ħsejjes f'ibħra baxxi hija limitata, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li jkun jista' jsir disponibbli biżżejjed kejl biex jinbena, jimtela u jiġi evalwat il-prototip. Fejn possibbli se tinbena fuq settijiet ta' data eżistenti, fejn se jitwettqu reġistrazzjoni u pproċessar ibbażati fuq ix-xjenza ta' sinjali akustiċi addizzjonali sabiex tinkiseb kopertura rappreżentattiva u biex ikunu jistgħu jsiru r-rabtiet meħtieġa ma' flussi ta' data (miftuħa) relatati li jistgħu jsaħħu l-interpretazzjoni.

- l-użu ta' din il-bażi ta' data għat-taħriġ tal-algoritmu tal-intelliġenza artifiċjali għall-attribuzzjoni tas-sors; Ir-riċerka, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' metodoloġiji avvanzati għall-użu ta' intelliġenza artifiċjali u networks newrali biex jinbena qafas għall-klassifikazzjoni tas-sors tal-ħoss, u l-iżvilupp sussegwenti ta' pakketti b'sors miftuħ għall-klassifikazzjoni tas-sinjali awtomatizzati. L-ittestjar tal-proċeduri f'każ ta' użu f'ibħra baxxi.

- id-disponibbiltà għall-pubbliku tal-bażijiet tad-data u s-software; Għalkemm l-użu tal-bażi tad-data se jkun iffukat prinċipalment fuq skopijiet professjonali, inizjattiva bħal din għandha wkoll potenzjal kbir biex tinvolvi s-soċjetà usa' fir-R&I (eż. l-għarfien dwar ix-xjenza mill-pubbliku/l-għarfien dwar l-oċeani), u torbot mal-ambizzjonijiet tal-Politika tal-UE dwar ix-Xjenza Miftuħa, kif inkorporat fil-Programm Orizzont Ewropa kollu.

## Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

**Partita PP 09 18 01 —** Proġett pilota — Il-monitoraġġ tal-friefet fl-Unjoni u indikaturi rilevanti

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

## Kummenti:

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

**Partita PP 09 21 02 —** Proġett pilota — "Best Belt" — aktar saħħa għall-"Green Belt"

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 1 990 000 | 995 000 | p.m. | p.m. | 1 990 000 | 497 500 |

## Kummenti:

Fejn darba l-Purtiera tal-Ħadid kienet tifred lill-pajjiżi minn xulxin, in-natura issa tgħaqqadhom f'kontinwità unika ta' ħabitats naturali li jkopru t-tul kollu tal-kontinent Ewropew.

L-hekk imsejjaħ "Green Belt" Ewropew jgħaddi tul/minn 16-il pajjiż tal-UE, ħames pajjiżi kandidati, pajjiż kandidat potenzjali wieħed u żewġ pajjiżi terzi. Dan hu l-itwal network ekoloġiku tal-Ewropa, u huwa xempju ta' infrastruttura ekoloġika li għandu jiġi protett u kkonservat għall-ġenerazzjonijiet tal-futur.

Abbażi tas-suċċess tal-inizjattiva BEST (skema volontarja għall-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi fit-Territorji extra-Ewropej), nissuġġerixxu li tiġi implimenta skema simili għal tali servizzi tul il-"Green Belt" Ewropew għall-voluntiera żgħażagħ jew għal dawk li jkunu qed ifittxu impjieg.

Għalhekk il-proġett għandu jissejjaħ BEST BELT (Biodiversity and Ecosystem Services and Training along the European Green Belt (Bijodiversità, Servizzi Ekosistemiċi u Taħriġ tul il-"Green Belt" Ewropew)).

L-azzjonijiet jistgħu jkunu bbażati fuq:

Taħriġ u edukazzjoni fil-qasam tal-bijodiversità u s-servizzi ekosistemiċi għal voluntiera żgħażagħ/dawk li jkunu qed ifittxu impjieg:

Il-voluntiera u l-persuni li jkunu qed ifittxu impjieg mill-Ewropa kollha u mill-pajjiżi parteċipanti għandu jkollhom il-possibbiltà li japplikaw għal proġetti differenti tul il-"Green Belt" Ewropew permezz ta' pjattaforma offruta mill-Kummissjoni Ewropea. Dawn il-proġetti jistgħu jitwettqu minn NGOs, universitajiet, kumpaniji, u awtoritajiet statali jew reġjonali. Qabel ma jibdew jaħdmu fuq il-post, il-voluntiera/dawk li jkunu qed ifittxu impjieg għandhom jirċievu taħriġ dwar il-bijodiversità u s-servizzi ekosistemiċi u għandhom ikunu mħejjija għax-xogħol li se jkunu qed jagħmlu fuq il-post. Barra minn hekk, moduli dwar ix-xogħol f'ambjent multikulturali kif ukoll korsijiet dwar il-fastidju għandhom ikunu parti mit-taħriġ qabel jibdew jaħdmu fuq il-post. Dan ikabbar l-għarfien u n-networks tagħhom.

Servizzi ekosistemiċi u għall-bijodiversità flimkien mal-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu:

Ix-xogħol imwettaq fl-ambitu tal-"Green Belt" Ewropew għandu jintuża biex jiġu esplorati s-sinerġiji involuti fil-provvista ta' servizzi ekosistemiċi u għall-bijodiversità flimkien ma' miżuri ta' mitigazzjoni u adattament għat-tibdil fil-klima. Attivitajiet għad-deżinjazzjoni u l-ġestjoni ta' żoni protetti għandhom jitwettqu wkoll fuq il-post. Flimkien mal-esperti, għal kull proġett għandhom jiġu stabbiliti għanijiet speċifiċi li jidentifikaw ix-xogħol meħtieġ fuq il-post.

Attivitajiet ta' bini ta' kapaċità u komunikazzjoni bl-involviment ta' organizzazzjonijiet fir-reġjun:

Dan il-proġett għandu jinvolvi wkoll lill-komunitajiet lokali u lil atturi differenti f'dan il-qasam. Ix-xogħol li jsir fuq il-post għandu jiġi spjegat lill-komunitajiet, u l-awtoritajiet lokali għandhom ukoll jingħataw taħriġ dwar ir-rabtiet bejn kwistjonijiet ambjentali interkonnessi (il-bijodiversità, it-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni tal-art) u proċessi relatati.

L-eżempji tal-aħjar prattika għandhom jiġu kondiviżi fost il-proġetti fuq il-"Green Belt" u kull sena għandha ssir kompetizzjoni bejn il-proġetti għal ideat/xogħol innovattivi.

Għal aktar sensibilizzazzjoni, l-Istati Membri, l-NGOs, l-organizzazzjonijiet reġjonali u organizzazzjonijiet internazzjonali għandhom ikunu involuti wkoll f'approċċ li jinvolvi lid-diversi partijiet ikkonċernati. L-approċċ żviluppat mill-IUCN għal-Lista l-Ħadra jista' jintuża bħala punt tat-tluq għall-pjan ta' azzjoni.

Sensibilizzazzjoni dwar l-importanza tal-bijodiversità:

Bil-ħolqien ta' konnessjoni bejn l-attivitajiet għall-preservazzjoni u r-restawr tal-ekosistemi u l-informazzjoni mogħtija lit-turisti li jkunu qed jagħmlu l-Itinerarju tal-Purtiera tal-Ħadid, l-edukazzjoni dwar kwistjonijiet ambjentali tista' tinfirex faċilment u b'livell aċċesibbli. Livelli differenti ta' għarfien, adattati pereżempju għall-familji, jistgħu jagħmlu l-Itinerarju tal-Purtiera tal-Ħadid aktar attraenti, u b'hekk jiġi promoss it-turiżmu sostenibbli.

**Artikolu PP 09 22** — 2022

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 1 631 000 | 815 500 | | | 1 631 000 | 407 750 |

**Partita PP 09 22 01** — Proġett pilota — Fond għar-rabta bejn il-bijodiversità u l-klima

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 250 000 | 125 000 | | | 250 000 | 62 500 |

## Kummenti:

It-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità huma interkonnessi b'rabta qawwija. It-tibdil fil-klima għandu impatt fuq l-ekosistemi u jibdel il-ħabitats tal-ispeċijiet, li għandu impatt fuq il-kapaċità tagħhom li jibqgħu ħajjin. Aktar ma t-temperaturi jogħlew, inqas l-ispeċijiet ikunu jistgħu jgħixu. Min-naħa l-oħra, kundizzjoni ta' saħħa fqira tal-ekosistemi taggrava l-effetti tat-tibdil fil-klima, billi l-ekosistemi b'saħħithom itaffu l-impatti tat-tibdil fil-klima. Madankollu, it-tibdil fil-klima jingħata ħafna aktar attenzjoni fid-dibattiti pubbliċi meta mqabbel mal-bijodiversità.

Il-pressjonijiet ekonomiċi fuq l-użu tar-riżorsi naturali huma kbar u qed jikbru, u t-tkabbir ekonomiku għadu ma nkisibx mingħajr ma jkun hemm telf tal-bijodiversità. Bħalissa, qed nitilfu l-bijodiversità b'rata allarmanti u hemm ħtieġa urġenti li tittieħed azzjoni.

Neħtieġu aktar żoni protetti. Skont l-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità, għandna nipproteġu mill-inqas 30 % taż-żoni tal-art u tal-baħar tagħna. Iż-żoni mhux mittiefsa tant huma skarsi, li anke jekk nipproteġuhom kollha, ma jkunux biżżejjed. Issa, bin-negozjati li għaddejjin dwar il-konvenzjoni tal-bijodiversità, għandna ngħaddu mill-prinċipju tan-"No-net-Loss" tal-bijodiversità għall-prinċipju "net-plus". Dan ifisser li anke l-prinċipju tal-kumpens għandu jkun aktar ambizzjuż minn qabel. Meta żona ta' art ġdida tittieħed għall-użu, żona tal-istess daqs jew akbar għandha tiġi rrestawrata jew għandha tiġi kkumpensata bil-protezzjoni ta' żona ġdida.

L-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità għall-2030 tiffoka fuq l-użu sostenibbli, iżda għandha tingħata aktar attenzjoni lill-miri vinkolanti għall-konservazzjoni, ir-restawr u l-użu.

Permezz tal-kumpensi għall-emissjonijiet tal-karbonju, huwa possibbli li l-klima tintrabat aħjar mal-bijodiversità. Dan jista' jsir, pereżempju, billi l-kumpensi volontarji għall-karbonju, eż. dawk li tista' tixtri meta tixtri biljett tal-ajru jew dawk li l-kumpaniji qed jużaw biex jikkumpensaw għall-emissjonijiet tagħhom sabiex jiddikjaraw li huma newtrali f'termini tal-emissjonijiet tal-karbonju, jiġu konnessi mal-konservazzjoni u r-restawr tal-bijodiversità. Dan jista' jsir billi l-pagamenti jiġu diretti lejn fondi li bihom jinxtraw żoni li għandhom jiġu kkonservati jew restawrati, jew għall-konservazzjoni ta' foresti antiki u r-restawr jew il-konservazzjoni tal-foresti li diġà tqaċċtu u tat-torbieri, biex dawn jerġgħu jsiru selvaġġi fid-deċennji u s-sekli li ġejjin.

Bħalissa, jeżistu ħafna skemi volontarji ta' kumpens, iżda m'hemm l-ebda garanzija tal-impatt tagħhom ikun reali u hemm ir-riskju ta' greenwashing.

Il-proġett pilota propost jiskopri kif it-tpattijiet u l-kumpensi għall-klima, u forsi anki l-ETS fil-futur, jistgħu jkunu marbuta biex ikunu ta' benefiċċju dirett għall-konservazzjoni u r-restawr tal-bijodiversità.

## Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-

Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

**Partita PP 09 22 02** — Proġett pilota — Mudell Kummerċjali tal-Elettriku tal-Port

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 390 500 | 195 250 | | | 390 500 | 97 625 |

## Kummenti:

Hekk kif it-traffiku marittimu jiżdied, għalkemm joffri tkabbir internazzjonali promettenti għal portijiet, dan joħloq tħassib dwar il-piż ambjentali fuq il-komunitajiet lokali u reġjonali. Fi sforz biex jittaffa dan l-impatt ambjentali, ħafna awtoritajiet tal-port adottaw strateġija ġdida li tipprevedi port awtosuffiċjenti f'termini ta' awtonomija enerġetika u produzzjoni b'emissjonijiet żero, bl-użu ta' teknoloġiji ġodda li se jgħinu fil-ġestjoni tar-riżorsi b'mod aktar sostenibbli u kosteffettiv. Fil-fatt, l-użu ta' Sorsi ta' Enerġija Rinnovabbli (SER) biex ikopru l-ħtiġijiet tal-enerġija tal-attivitajiet portwarji flimkien mad-disponibbiltà ta' servizzi ta' ċċarġjar elettriku għal bastimenti ibridi u kompletament elettriċi u l-operat ta' bastimenti li jużaw l-elettriku pprovdut mill-portijiet waqt li jkunu rmiġġati (Provvista tal-Elettriku mix-Xatt) huma kkunsidrati bħala wħud mill-aktar karatteristiċi innovattivi u ta' impatt ta' port modern. L-implimentazzjoni ta' tali azzjonijiet tista' tnaqqas drastikament l-emissjonijiet tal-bastimenti u l-istorbju fiż-żoni tal-portijiet, u hija speċjalment kritika għal portijiet li qed jespandu kontinwament.

F'dan ir-rigward, it-titjib u l-ottimizzazzjoni tan-network tal-enerġija tal-port u l-qafas operazzjonali korrispondenti jistgħu jtejbu b'mod sinifikanti l-prestazzjoni ambjentali tal-port billi jittrasformawh f'pilastru aktar ekoloġiku u teknoloġikament avvanzat tal-industrija marittima. L-introduzzjoni ta' applikazzjonijiet tekniċi integrati relatati mal-grilja tal-enerġija tal-port, il-ħżin tal-enerġija, il-monitoraġġ u l-ġestjoni tal-enerġija huma mistennija li jipprovdu soluzzjoni olistika sostenibbli li taġġorna l-profil futur tal-enerġija tal-port, filwaqt li tipprovdi wkoll lill-industrija tat-tbaħħir b'aċċess għal sorsi ta' enerġija aktar sostenibbli u aktar ekoloġiċi.

Il-portijiet li jadottaw tali strateġija u jimplimentaw tali investimenti qed isiru ċentri tal-enerġija de facto

– fil-ġestjoni tal-fluss tal-enerġija minn:

o il-grilja elettrika lokali

o is-SER għal bastimenti (enerġija mir-riħ, mill-mewġ u mix-xemx)

o sorsi tal-enerġija li jżommu f'wiċċ l-ilma (barkuni li jipprovdu enerġija addizzjonali lill-port, enerġija mill-gass)

o skart (enerġija mill-iskart),

– fil-ġestjoni tal-ħżin tal-enerġija fil-batteriji u mezzi oħra ta' ħżin

– fil-ħżin tal-idroġenu ekoloġiku (prodott mis-SER) għall-użu fiċ-ċelloli tal-fjuwil

– fil-ġestjoni tal-fluss tal-enerġija minn:

o ir-rekwiżiti tal-enerġija tal-port proprju

o bastimenti fl-irmiġġ (provvista tal-elettriku mix-xatt)

o l-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi jew ibridi

– fiż-żamma ta' "kooperazzjoni elettrika" tal-port u l-grilji lokali billi jiġu integrati t-tnejn li huma għal raġunijiet anke ta' livellament fiż-żminijiet bl-akbar domanda.

Ċertament hemm kwistjonijiet tekniċi li għandhom jiġu indirizzati dwar il-kapaċità u t-teknoloġiji tal-grilja iżda l-problemi mhumiex biss tekniċi. Wara l-passi tal-implimentazzjoni tal-elettrifikazzjoni sħiħa tal-

portijiet u l-ġestjoni tal-enerġija, il-portijiet qed iħabbtu wiċċhom ma' diversi sfidi kummerċjali u finanzjarji relatati. Fil-fatt, hemm diversi mudelli operattivi alternattivi ta' portijiet bħala atturi ewlenin tal-enerġija; b'mod indikattiv:

– Operatur ta' network ta' distribuzzjoni magħluq: il-port jaġixxi bħala l-uniku operatur ta' grilja ta' distribuzzjoni żgħira magħluqa li tkun responsabbli biss għad-distribuzzjoni tal-enerġija mill-fornituri tal-enerġija lill-bastimenti klijenti. F'dan il-każ il-port jista' jitlob tariffa għall-użu tal-grilja tal-port mill-operaturi tal-bastimenti. Dan jista' jkun il-każ għall-bastimenti tal-linja (bastimenti tal-kontejners, bastimenti Ro-Ro, bastimenti Ro-Ro tal-passiġġieri) jew bastimenti tal-kruċiera li jidħlu regolarment f'portijiet speċifiċi. Kull maniġer tal-bastiment jista' jagħżel il-fornitur tal-enerġija tiegħu stess li miegħu jista' jkollu kuntratt fit-tul għax-xiri tal-enerġija.

– Fornitur tal-enerġija: il-port jista' jittratta t-tranżazzjonijiet tal-enerġija, iwettaq kummerċ tal-enerġija (xiri u bejgħ), jagħmel kuntratti fuq medda qasira u twila ta' żmien mal-produtturi u l-bastimenti klijenti. Dan jista' jkun il-każ għal bastimenti noleġġati (tankers, bastimenti ta' tagħbija bl-ingrossa, eċċ.) li jistgħu jidħlu f'port b'mod ċirkostanzjali. Il-maniġer tal-bastiment ma jkollux għalfejn jiffirma kuntratt fit-tul ma' fornitur tal-elettriku iżda minflok jagħżel li jixtri l-elettriku direttament mill-port jew mill-fornitur tal-port.

– Produttur tal-enerġija: il-port jista' jipproduċi l-enerġija speċjalment permezz ta' unitajiet ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli jew ta' ħażna tal-enerġija bil-għan li jforni l-bastimenti biha.

Peress li hemm separazzjoni fis-suq tal-enerġija, dawn l-iskemi operattivi alternattivi mhux dejjem ikunu kompatibbli ma' xulxin u, għalhekk, il-portijiet se jkunu obbligati jagħżlu liema skema hija l-aktar ta' benefiċċju skont il-mudell tan-negozju tagħhom. Bħalissa l-mod kif dan jiġi ttrattat, huwa billi port janalizza r-riskji tan-negozju, jagħmel pjan tan-negozju xieraq, iżda eventwalment jagħżel waħda mill-istruttura kummerċjali tal-mudell tal-ipprezzar abbażi ta' modus operandi subottimali (jiġifieri, ma jkoprix il-każijiet kollha).

Fi żmien meta s-SER u l-Provvista tal-Elettriku mix-Xatt huma essenzjalment miżuri meħtieġa għall-ekoloġizzazzjoni tal-attivitajiet portwarji u meta għal dan il-għan huma meħtieġa investimenti sinifikanti, mudell ta' pprezzar, li mhuwiex flessibbli minħabba r-rekwiżiti regolatorji attwali għall-enerġija, joħloq ostaklu addizzjonali għall-adozzjoni ta' tali teknoloġiji ta' benefiċċju u joħloq ostaklu sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-miri tal-Patt Ekoloġiku fil-portijiet u t-tbaħħir.

Għalhekk, għandu jiġi stabbilit qafas regolatorju speċjalment għall-portijiet li jegħleb dawn l-ostakli u jippermetti lill-portijiet (li probabbilment huma n-nodi tan-network bl-ogħla kostijiet esterni kkonċentrati) biex jimmaniġġjaw b'mod flessibbli s-sistema tal-enerġija tagħhom. Barra minn hekk, se joħloq network ta' portijiet li jkun ħieles minn ostakli u konġestjonijiet u kapaċi jċaqlaq il-merkanzija, is-servizzi, il-kapital u n-nies mingħajr xkiel. Fl-aħħar nett, se joħloq opportunitajiet kummerċjali ġodda għall-kumpaniji li joperaw, u b'hekk jitrawmu l-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-portijiet, u l-integrazzjoni aħjar tal-portijiet fin-networks tat-trasport u tal-enerġija u fil-katina tal-valur internazzjonali.

**Partita PP 09 22 03** — Proġett pilota — Studju għall-Monitoraġġ ta’ Kadenza Għolja għall-Patt Ekoloġiku tal-UE

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 990 500 | 495 250 | | | 990 500 | 247 625 |

## Kummenti:

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew stabbilixxa għanijiet ambizzjużi għall-partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati biex jieħdu azzjoni biex jiġġieldu t-tibdil fil-klima. L-implimentazzjoni tiegħu se teħtieġ abbundanza ta’ riżorsi, inkluża data vijabbli u azzjonabbli biex il-gvernijiet ikunu jistgħu jidentifikaw ir-riskji, ifasslu r-reazzjoni politika u l-allokazzjoni tar-riżorsi, u jimmonitorjaw il-progress fil-livell lokali, nazzjonali u reġjonali. L-immaġni bis-satellita tipprovdi lil dawk li jfasslu l-politika b’viżjoni unika tad-Dinja u l-ħtiġijiet

tagħha. Il-programm Copernicus se jkun fil-qalba tal-istrateġija ta' monitoraġġ tal-Patt Ekoloġiku tal-UE. Barra minn hekk, l-UE għandha l-Missjonijiet ta' Kontribuzzjoni Copernicus li jimlew il-lakuni għad-domanda ta' riżoluzzjoni għolja u kopertura taż-żona meħtieġa għall-iżvilupp tal-politika ambjentali u klimatika. L-użu tal-Missjonijiet ta' Kontribuzzjoni b'kapaċità ta' monitoraġġ għandu jiġi kkunsidrat jekk tkun meħtieġa kadenzja temporali ogħla jew riżoluzzjoni spazjali, biex jiżdiedu l-kapaċitajiet ta' monitoraġġ tal-missjonijiet Sentinel.

It-teknoloġija spazjali ġdida tista' twassal informazzjoni f'ħin reali u dettaljata dwar żoni kbar li tippermetti lill-partijiet ikkonċernati jirċievu twissijiet f'ħin reali u jieħdu azzjoni fil-ħin. Tali settijiet ta' data jistgħu jkollhom kadenza aktar frekwenti, riżoluzzjoni akbar u jkollhom aċċess għal aktar data tal-passat biex jagħtu informazzjoni dwar ix-xejriet attwali u jistgħu jkunu akkumpanjati b'analitika sofistikata. Fl-istess ħin, dan jippermetti komplementarjetà sħiħa ta' missjonijiet ġodda ta' monitoraġġ tal-ispazju għall-missjonijiet Sentinel. Is-Sentinels jservu ta' referenza radjometrika biex jiġi żgurat li jkun hemm interoperabilità bla xkiel. Dan huwa essenzjali wkoll biex jinżammu l-kompatibbiltà 'l quddiem, il-komparabbiltà u l-kontinwità, speċjalment meta l-missjonijiet satellitari Sentinel li jevolvew fil-futur isiru operattivi.

L-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri jiddependu fuq Copernicus għal settijiet ta' data bbażati fl-ispazju biex jittraċċaw id-deforestazzjoni, it-telf tal-bijodiversità, id-degradazzjoni tal-ħamrija u l-użu tal-art agrikola. Madankollu, il-komplementarjetajiet mal-kontribuzzjoni tad-data satellitari ta' monitoraġġ ma ġewx esplorati biżżejjed, u dan potenzjalment iħalli l-programmi tal-UE mingħajr settijiet jew kapaċitajiet kompleti ta' data (bħall-analitika). Għalhekk, proġett pilota huwa meħtieġ biex tiġi prodotta analiżi tan-nuqqasijiet fejn id-data kummerċjali u l-kapaċitajiet ta' Copernicus jistgħu jkunu komplementari, u biex jintwera l-valur miżjud potenzjali ta' settijiet ta' data dettaljati u kważi f'ħin reali.

Dan l-istudju se jsir fuq perjodu ta' sena, bl-intenzjoni li jinbeda kwalunkwe proġett pilota ta' dimostrazzjoni fis-sena fiskali li jmiss.

## Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

## TITOLU PA — AZZJONIJIET PREPARATORJI

**Partita PA 01 16 01** — Azzjoni preparatorja — Teknoloġiji ta' għarfien miftuħ: immappjar u validazzjoni tal-għarfien

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

**Partita PA 01 16 02** — Azzjoni Preparatorja — REIsearch (Qafas ta' Riċerka, Eċċellenza u Innovazzjoni) — It-titjib tal-kompetittività taż-Żona Ewropea tar-Riċerka permezz taż-żieda tal-komunikazzjoni fost ir-riċerkaturi, iċ-ċittadini, l-industrija u dawk li jfasslu l-politika

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 499 232 | p.m. | 499 232 | p.m. | 499 232 | p.m. | 499 232 | p.m. | 499 232 |

**Partita PA 01 17 01** — Azzjoni preparatorja — Netwerk ta' hubs diġitali

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

**Partita PA 01 17 02** — Azzjoni preparatorja — Trasformazzjoni diġitali tal-industrija Ewropea

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

**Partita PA 01 18 01** — Azzjoni preparatorja — Il-ħolqien ta' Akkademja Diġitali Ewropea

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

**Partita PA 01 19 01** — Azzjoni preparatorja — Tħejjija għall-programm il-ġdid Govsatcom tal-UE

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 5 543 659 | p.m. | 5 543 659 | p.m. | 5 543 659 | p.m. | 5 543 659 | p.m. | 5 543 659 |

**Partita PA 01 19 02** — Azzjoni preparatorja — Applikazzjoni ta' rekwiżiti ta' aċċessibilità għall-internet fl-għodod u l-pjattaformi tal-ħolqien ta' siti web b'mod prestabbilit (Web Access By Default)

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

**Partita PA 01 20 01** — Azzjoni preparatorja — L-arti u t-teknoloġija diġitali: Il-ħelsien tal-kreattività diġitali għall-industrija, ir-reġjuni u s-soċjetà Ewropej

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 990 000 | p.m. | 990 000 | 2 500 000 | 2 240 000 | p.m. | 990 000 | 2 500 000 | 1 615 000 |

## Kummenti:

Il-kapaċità tal-Ewropa li tikkompeti fis-suq globali tiddependi mill-kapaċità tagħha li ssarraf l-għarfien xjentifiku u teknoloġiku fi prodotti u servizzi innovattivi. Il-premessa hi li kollaborazzjoni akbar bejn l-arti u t-teknoloġija (diġitali) mhux biss tqanqal l-innovazzjoni, u b'hekk issaħħaħ il-kompetittività tal-Ewropa, iżda tgħin ukoll biex tiġi rilaxxata l-kreattività fis-soċjetà u r-reġjuni Ewropej. Diversi konklużjonijiet tal-presidenzi dwar "tranżizzjonijiet mill-kultura għan-negozju" stiednu lill-istituzzjonijiet Ewropej jikkunsidraw isaħħu l-kollaborazzjoni bejn l-arti u t-teknoloġija għal esplorazzjoni olistika tal-opportunitajiet li tegħleb il-konfini tradizzjonali bejn is-setturi u d-dixxiplini jew il-qasma bejn il-kultura u l-inġinerija. Il-Kummissjoni (DĠ CONNECT) irreaġixxiet billi nediet il-programm S+T+ARTS = STARTS li hu ffukat fuq il-promozzjoni tal-innovazzjoni fl-industrija, bl-arti bħala l-katalist għal ħsieb u esplorazzjoni mhux konvenzjonali.

L-għan ta' din l-azzjoni hu li tistimula l-ħolqien ta' ċentri fl-Ewropa kollha li jistgħu jservu bħala spazji fejn l-inġiniera fl-industrija (l-industrija diġitali u setturi oħra) jkunu jistgħu jaħdmu flimkien ma' artisti u kreattivi oħra. Tali ċentri jistgħu jkunu binjiet fiżiċi jew jikkonsistu f'sett ta' attivitajiet f'reġjun li jistimula kollaborazzjonijiet bejn l-arti u t-teknoloġija għat-tisħiħ tal-innovazzjoni fl-ekonomija lokali u l-iżvilupp urban/reġjonali. L-azzjoni tinvolvi lis-settur privat (l-industrija, il-fondazzjonijiet) u s-settur pubbliku (kunsilli lokali, inizjattivi ta' finanzjament strutturali) fit-twaqqif jew il-ħolqien ta' ċentri lokali bħal dawn.

Applikanti fil-mira: istituzzjonijiet tal-arti, fondazzjonijiet, industrija diġitali u industrija f'diversi setturi interessati fil-kollegament diġitali u artistiku f'attivitajiet ta' innovazzjoni, atturi reġjonali fil-qasam tal-innovazzjoni.

Deskrizzjoni tal-attivitajiet: residenzi ta' artisti f'istituzzjonijiet tal-industrija u t-teknoloġija (permezz ta' finanzjament minn partijiet terzi) li jaħdmu fuq proġetti konkreti fuq skala żgħira, wirjiet, workshops, disseminazzjoni, attivitajiet edukattivi.

**Partita PA 01 21 01** — Azzjoni preparatorja — Avvanzar tal-evidenza għall-politika fil-livell tal-Unjoni, reġjonali u lokali

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 850 000 | p.m. | 850 000 | p.m. | 850 000 | p.m. | 850 000 | p.m. | 850 000 |

**Partita PA 01 21 02** — Azzjoni preparatorja - Inżidu l-aċċess għall-għodod edukattivi f'żoni u komunitajiet b'livell baxx ta' konnettività jew aċċess għat-teknoloġiji

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

**Artikolu PA 01 22** — 2022

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 5 525 000 | 2 762 500 | | | 5 525 000 | 1 381 250 |

**Partita PA 01 22 01** — Azzjoni preparatorja — L-arti u t-teknoloġija diġitali: nilliberaw l-kreattività għall-ġestjoni tal-ilma fl-Ewropa

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 2 000 000 | 1 000 000 | | | 2 000 000 | 500 000 |

## Kummenti:

L-Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli tan-NU –SDG – jinkludu għanijiet speċifiċi dwar l-ilma, b'mod partikolari l-SDG 6 – "l-iżgurar tal-aċċess għall-ilma u s-sanità għal kulħadd" u l-SDG 14 "Il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-oċeani, l-ibħra u r-riżorsi tal-baħar għall-iżvilupp sostenibbli". Għanijiet oħra bħall-SDG 11 – "L-ibliet u l-insedjamenti umani jsiru inklużivi, sikuri, reżiljenti u sostenibbli" jenfasizzaw il-ħtieġa ta' approċċ ta' sistema li jindirizza l-kwistjonijiet imqajma mill-SDG b'mod olistiku lil hinn mill-effiċjenza tar-riżorsi.

Wara l-ewwel proġett pilota, din l-azzjoni se tenfasizza r-rabtiet ma’ riżorsi oħra (inkluż b’mod partikolari l-enerġija) u se tqiegħed il-ġestjoni sostenibbli tal-ilma f’kuntest usa’. Il-forum ekonomiku dinji ħareġ riflessjoni dwar "l-ilma u r-raba' rivoluzzjoni industrijali", li tindika konverġenza tad-dominji diġitali, fiżiċi u bijoloġiċi. Hu jsemmi t-teknoloġiji diġitali bħal "L-Internet tal-Oġġetti", ir-realtà virtwali/awmentata u l-intelliġenza artifiċjali li qed iwasslu għal bidliet tal-proċessi fin-negozju u s-soċjetà, u li b'mod aktar importanti qed iwasslu wkoll għal bidliet soċjali fil-valuri, l-imġiba u l-identità. Tabilħaqq, ħafna mill-għanijiet identifikati fl-SDG tal-NU jindirizzaw iż-żieda tas-sensibilizzazzjoni tal-problemi u jippromwovu mġiba responsabbli u jedukaw dwar l-importanza tal-effiċjenza tal-użu tar-riżorsi.

Il-premessa ewlenija ta’ din is-sejħa hija li approċċ konġunt tat-teknoloġija diġitali mal-arti se jgħin biex iġib bidliet fil-mentalità tagħna, fuq livell kummerċjali, soċjetali u individwali. L-arti u l-kapaċità tagħha li tippreżenta d-data u toħloq esperjenzi ġodda (mhux l-inqas b’teknoloġiji diġitali ġodda bħal AR/VR) jistgħu jwasslu għal bidla radikali fil-mod kif l-informazzjoni tista’ twassal għal bidliet fil-valuri u l-imġiba. Aspett importanti ieħor huwa l-involviment tal-komunità fejn it-teknoloġija diġitali u l-arti jistgħu jaqdu rwol ugwalment importanti biex jippermettu l-ġbir kollettiv u parteċipattiv tad-data. Fl-aħħar mill-aħħar, l-arti tista’ tixpruna soluzzjonijiet kreattivi għall-għanijiet tal-SDG billi tqajjem mistoqsijiet dwar xejriet stabbiliti u telgħeb il-limiti tat-teknoloġija. Fost l-oħrajn, l-azzjoni se tibni fuq il-programm S+T+ARTS - innovazzjoni fir-rabta bejn ix-Xjenza, it-Teknoloġija, u l-ARTI. Bi STARTS, DĠ CONNECT — ippromwova l-arti bħala element produttiv fl-għajnuna lit-teknoloġiji diġitali li jagħmlu differenza għall-bnedmin u l-ambjent.

L-applikanti fil-mira: Organizzazzjonijiet li jaħdmu fl-interfaċċja tal-arti mat-teknoloġija u l-ekoloġija, istituzzjonijiet tat-teknoloġija u utenti finali li lesti jingħaqdu ma’ artisti, istituzzjonijiet tal-arti, fondazzjonijiet.

Deskrizzjoni tal-attivitajiet: Ir-residenzi tal-artisti f’istituzzjonijiet tal-industrija u t-teknoloġija u attivitajiet konkreti fuq skala żgħira li jindikaw mogħdijiet ġodda għall-politika u s-soċjetà (permezz ta’ finanzjament minn partijiet terzi), wirjiet, disseminazzjoni, azzjonijiet ta’ sensibilizzazzjoni, attivitajiet edukattivi...

## Bażi ġuridika:

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE) ) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

**Partita PA 01 22 02** — Azzjoni preparatorja — Negozji Ġodda Ewropej 2.0 — Nieħdu l-ekonomija tan-negozji l-ġodda tal-Ewropa għal-livell li jmiss permezz ta’ għarfien, riċerka u avvenimenti mmexxija mid-data

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 1 000 000 | 500 000 | | | 1 000 000 | 250 000 |

## Kummenti:

Il-pjattaforma tappoġġa t-tfassil tal-politika mmexxi mid-data - fil-livelli reġjonali, nazzjonali u Ewropej - billi tipprovdi għarfien affidabbli fil-livell makro dwar il-potenzjal tat-tkabbir ta’ diversi ekosistemi ta’ negozji ġodda. Hija diġà infurmat u se tkun għodda importanti biex timmonitorja l-progress lejn, pereżempju, il-miri stabbiliti fil-Komunikazzjoni reċenti dwar il-Kumpass Diġitali u l-impatt tal-Istandard tal-UE għan-Negozji l-Ġodda li jaqa' taħt il-kompetenzi nazzjonali adottat minn 25 Stat Membru tal-UE sal-lum. Proġett ta’ segwitu "Negozji Ġodda Ewropej 2.0" jappoġġa l-konsolidazzjoni tal-pjattaforma u t-tranżizzjoni tagħha biex issir riżorsa awtosuffiċjenti disponibbli għal dawk li jfasslu l-politika u għal detenturi oħra ta’ ekosistema tat-teknoloġija privata u pubblika fuq perjodu ta’ żmien medju u itwal.

In-negozji l-ġodda u dawk li qed jespandu huma kruċjali għall-futur tal-ekonomija u s-soċjetà tal-Ewropa. Dawn saru kontributur sinifikanti ta' impjiegi ġodda u ta' kwalità u huma bil-bosta l-aktar mutur tal-impjiegi veloċi u reżiljenti, bi tkabbir ta' 10 % sena wara sena. Fil-preżent, żewġ miljun ruħ huma impjegati f'negozji ġodda tat-teknoloġija madwar l-Ewropa u dan hu mistenni li jiżdied għal 3.2 miljuni sal-2025. In-negozji l-ġodda u dawk li qed jespandu għandhom kapaċità ppruvata li jiżviluppaw innovazzjonijiet rivoluzzjonarji bi tweġiba għall-ħtiġijiet tad-dinja reali, joħolqu impjiegi ġodda u jibnu sinerġiji mal-industriji tradizzjonali l-kbar Ewropej. Ir-rwol li jista' jkollhom in-negozji ġodda fl-irkupru mill-kriżi li għaddejja bħalissa – u fl-aċċelerazzjoni tat-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali – ma jistax jiġi sottovalutat.

## Bażi ġuridika:

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE) ) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

**Partita PA 01 22 03** — Azzjoni preparatorja – Pjattaforma Ewropea Ġdida għall-Ġestjoni tal-Għarfien dwar il-Bauhaus

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 2 000 000 | 1 000 000 | | | 2 000 000 | 500 000 |

## Kummenti:

L-inizjattiva tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (NEB), imħabbra mill-President von der Leyen fid-diskors tagħha dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2020, hija proġett ambjentali, ekonomiku, soċjali u kulturali, li għandu l-għan li jgħaqqad is-sostenibbiltà, l-investiment, l-affordabbiltà, l-aċċessibbiltà u d-disinn sabiex jgħin fit-twettiq tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-għan ġenerali tiegħu li l-Unjoni Ewropea ssir l-ewwel blokk newtrali għall-klima fid-dinja sal-2050.

Valuri u idea: Il-valuri ewlenin tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida huma s-sostenibbiltà, l-estetika u l-inklużività. L-ambizzjoni tagħha hija li tiżviluppa qafas interdixxiplinari biex tappoġġa, tiffaċilita u taċċelera t-trasformazzjoni ekoloġika billi tgħaqqad is-sostenibbiltà, l-innovazzjoni, iċ-ċirkolarità u l-kwalità tal-esperjenza, inkluża l-estetika. Dan il-qafas se jħaddan sferi industrijali, edukattivi, artistiċi u kulturali li joħolqu pontijiet bejn ix-xjenza, ir-riċerka, it-teknoloġija u l-intrapriżi, minn naħa waħda, u l-kultura, l-arkitettura, l-arti u d-disinn, min-naħa l-oħra. Se jgħin ukoll biex jippromwovi l-inklużjoni soċjali, inklużi l-affordabbiltà u l-aċċessibbiltà. Fil-qosor, l-NEB hija dwar is-sejbien ta' soluzzjonijiet innovattivi, kreattivi u xierqa għal problemi kumplessi tas-soċjetà (fil-bini u lil hinn) permezz ta' kokreazzjoni.

Skeda ta' żmien: Il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida se tiżvolġi fi tliet fażijiet: kodisinn (minn Ottubru 2020 sas-sajf 2021), twassil (minn Settembru 2021 'il quddiem) u tixrid (minn Jannar 2023 'il quddiem). Il-fażijiet se

joperaw parzjalment b'mod parallel, peress li l-individwi u l-komunitajiet interessati fl-ewwel ideat x'aktarx li jsiru sħab biex iwettqu u jespandu l-inizjattiva.

Ġestjoni: L-NEB hija ġestita mit-tim ewlieni tal-proġett fiċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka taħt it-tmexxija tal-kabinett tal-President. Il-ħidma hija kkoordinata maż-żewġ Kummissarji Ewlenin: Mariya Gabriel u Elisa Ferreira u appoġġata min-Network ta' Tmexxija b'Direttorati Ġenerali u kabinetti ewlenin (EAC, RTD, ENER, CLIMA, ENV, GROW, CNNECT, REGIO, EMPL, SecGen, Com). Barra minn hekk, ir-Roundtable Esterna ta' Livell Għoli tal-Esperti tipprovdi parir informali dwar l-inizjattiva.

Minħabba n-natura interdixxiplinari/orizzontali tal-inizjattiva NEB u l-kumplessità tal-interkonnessjonijiet bejn l-istrutturi, l-oqfsa, ir-regolamenti u l-istrumenti finanzjarji eżistenti, huwa importanti li l-istandards u l-gwida jiġu ssimplifikati fi pjattaforma waħda u li dawn isiru disponibbli għas-sħab potenzjali u għall-benefiċjarji tal-proġetti tal-NEB.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, nipproponu li titnieda azzjoni preparatorja (AP) Pjattaforma Ewropea Ġdida għall-Ġestjoni tal-Għarfien dwar il-Bauhaus. L-għan ta' din l-AP ikun li l-istandards u l-gwida jiġu ssimplifikati madwar it-tliet dimensjonijiet tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (is-sostenibbiltà, l-estetika, l-inklużività) u l-informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament tal-proġetti NEB. Dan jippermetti lis-sħab potenzjali u lill-benefiċjarji jallinjaw mal-istandards tal-NEB filwaqt li jfasslu u jimplimentaw il-proġetti ta' trasformazzjoni tagħhom u jgħinhom iqabblu l-ideat tal-proġetti mal-finanzjament disponibbli.

Jittieħdu l-passi li ġejjin sabiex jintlaħaq l-għan tal-AP:

1. jiġu identifikati u kklassifikati r-rekwiżiti u l-istandards, il-linji gwida, il-kodiċijiet ta' prattiki relatati mat-tliet dimensjonijiet tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (sostenibbiltà, estetika, inklużività) u l-opportunitajiet ta' finanzjament eżistenti sabiex jinstabu sinerġiji u lakuni u jiġu definiti ħtiġijiet ulterjuri; jiġu identifikati sħab potenzjali u ssir komunikazzjoni magħhom sabiex jiġu stabbiliti l-fora tal-partijiet ikkonċernati tal-NEB;

2. tiġi stabbilita Pjattaforma għall-Ġestjoni tal-Għarfien tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida mfassla b'mod iċċentrat fuq l-utent li – min-naħa waħda – se xxerred l-informazzjoni miġbura dwar l-istandards, il-gwida u l-opportunitajiet ta' finanzjament tal-proġetti fost is-sħab identifikati tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida u pubbliku usa' u – min-naħa l-oħra – se sservi bħala depożitarju ta' ideat u pjattaforma għad-diskussjoni, l-iskambju tal-aħjar prattiki għall-partijiet interessati;

3. tiġi żviluppata metodoloġija għall-awtovalutazzjoni tal-proġetti u jitfassal sett ta' għodod prattiċi ddedikati biex jiggwidaw it-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' proġetti individwali ta' trasformazzjoni lokali. Sabiex kull rekwiżit jiġi allinjat mal-prinċipji tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (mill-integrazzjoni tal-inklużjoni, is-sostenibbiltà u l-kwalità tal-valuri tal-esperjenza sal-approċċ multidixxiplinari u kollaborattiv) se jiġu stabbiliti għadd ta' indikaturi u l-kriterji ta' valutazzjoni relatati magħhom biex jassistu fl-identifikazzjoni u l-valutazzjoni xierqa tal-proġetti tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida.

**Partita PA 01 22 04** — Azzjoni preparatorja — L-Osservatorju u l-Forum tal-UE dwar il-Blockchain

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 525 000 | 262 500 | | | 525 000 | 131 250 |

## Kummenti:

L-Osservatorju u l-Forum tal-UE għandu l-għan li jimmobilizza l-partijiet ikkonċernati tal-blockchain li jinvolvu kumpaniji privati, korpi pubbliċi, akkademiċi, is-soċjetà ċivili u individwi f'diskussjonijiet tekniċi u ta' politika dwar l-iżvilupp futur tal-blockchain. Huwa wkoll bażi ta' għarfien affidabbli dwar l-ekosistema tal-blockchain tal-UE inklużi (i) il-pubblikazzjoni ta' analiżi bir-reqqa ta' kwistjonijiet tematiċi, ix-xejriet teknoloġiċi u politiċi; (ii) l-immappjar tal-proġetti tal-blockchain fl-UE u fid-dinja kollha; u (iii) sessjonijiet ta' ħidma dwar suġġetti fejn azzjoni fil-livell tal-UE tkun meħtieġa jew ikollha impatt.

It-teknoloġiji tal-blockchain u tar-reġistru distribwit (DLTs) bħala "teknoloġija ta' fiduċja" jistgħu jipprovdu tweġibiet għal diversi sfidi identifikati matul l-integrazzjoni ta' servizzi diġitali differenti, jiżguraw is-sigurtà ċibernetika u soċjali, u jtejbu l-effiċjenza tal-ekonomija u s-soċjetà, li jvarjaw mill-ġestjoni tal-iskambju tal-identità u tad-dokumenti sal-awtoeżekuzzjoni tal-kuntratti, l-ipproċessar tal-flussi tal-informazzjoni u l-iżgurar taż-żamma ta' repożitorji u reġistri. L-Ewropa tinsab f'pożizzjoni tajba biex tmexxi l-iżvilupp ta' servizzi u applikazzjonijiet pubbliċi, kummerċjali u industrijali ġodda fdati bbażati fuq il-blockchain u d-DLTs. L-Ewropa għandha akkademiċi, intraprendituri innovattivi, negozji ġodda u kumpaniji kbar ħerqana li jużaw teknoloġiji bħal dawn fis-setturi tagħhom.

Filwaqt li l-blockchain u d-DLTs qed jiġu dejjem aktar adottati f'oqsma differenti, ġie enfasizzat dejjem aktar li żieda soda u b'saħħitha fit-teknoloġija hija mxekkla minn informazzjoni u għarfien frammentati kif ukoll minn diskrepanzi bejn it-tfassil tal-politika u l-għarfien espert dwar it-teknoloġija. Sabiex jiġu sfruttati l-vantaġġi li ġġib magħha t-teknoloġija, huwa meħtieġ approċċ koerenti u bbilanċjat biex tiżdied l-ekosistema tal-blockchain fis-settur pubbliku u privat kollu billi tiġi xolta d-disparità fl-informazzjoni u fl-għarfien, billi jingħaqdu l-proġetti eżistenti fl-Ewropa, u jiġu mobilizzati l-partijiet ikkonċernati.

L-Osservatorju u l-Forum bena komunità bi kredibbiltà qawwija madwar l-avvenimenti u r-rapporti tematiċi tiegħu u sar attur rikonoxxut fl-Ewropa u fix-xena internazzjonali mit-tnedija tiegħu fi Frar 2018 taħt il-proġett pilota preċedenti tal-PE (2017/2018).

## Bażi ġuridika:

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE) ) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

**Partita PA 02 17 01** — Azzjoni preparatorja — Tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar l-azzjoni għall-klima bejn il-gżejjer fi ħdan u barra l-Unjoni permezz tal-ħolqien ta' identità insulari tal-Patt Globali tas-Sindki

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

**Partita PA 02 18 01** — Azzjoni preparatorja — Nistabbilixxu appoġġ komprensiv għal reġjuni fi tranżizzjoni intensivi fil-faħam u l-karbonju

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 6 100 000 | p.m. | 6 100 000 | p.m. | 6 100 000 | p.m. | 6 100 000 | p.m. | 6 100 000 |

**Partita PA 02 18 02** — Azzjoni preparatorja — Settijiet ta' għodda għal parteċipanti fid-djalogu tal-pjattaforma dwar il-Faħam biex jiġu żviluppati u akkumpanjati strateġiji ta' tranżizzjoni lokali

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

**Partita PA 02 19 01** — Azzjoni preparatorja — Strument informattiv faċli li jintuża dwar l-iskemi ta' regolamentazzjoni tal-aċċess għaż-żoni urbani u reġjonali tal-vetturi

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 1 191 232 | p.m. | 1 191 232 | p.m. | 1 191 232 | p.m. | 1 191 232 | p.m. | 1 191 232 |

**Partita PA 02 20 01** — Azzjoni preparatorja — Tagħlim għall-awtoritajiet u l-komunitajiet tal-gżejjer biex jitgħallmu kif isiru l-offerti għal proġett tal-enerġija rinnovabbli

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 538 644 | p.m. | 538 644 | p.m. | 538 644 | p.m. | 538 644 | p.m. | 538 644 |

**Partita PA 02 20 02** — Azzjoni preparatorja — Tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar l-azzjoni għall-klima bejn l-irħula fl-Unjoni u lil hinn permezz tal-ħolqien ta' identità rurali tal-Patt tas-Sindki

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 1 000 000 | p.m. | 1 000 000 | p.m. | 1 000 000 | p.m. | 1 000 000 | p.m. | 1 000 000 |

**Partita PA 02 20 03** — Azzjoni preparatorja — Intelliġenza Artifiċjali u Big Data fit-trasformazzjoni diġitali tal-amministrazzjonijiet pubbliċi fl-Ewropa: pjattaforma tal-Ewropea tar-reġjuni

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 255 000 | p.m. | 255 000 | p.m. | 255 000 | p.m. | 255 000 | p.m. | 255 000 |

**Partita PA 02 20 04** — Azzjoni preparatorja — Amministrazzjoni lokali intelliġenti li tuża l-Internet tal-Oġġetti, l-intelliġenza artifiċjali, ir-realtà virtwali u l-għodod ta' tagħlim awtomatiku biex tkun eqreb lejn iċ-ċittadin

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 300 000 | p.m. | 300 000 | p.m. | 300 000 | p.m. | 300 000 | p.m. | 300 000 |

**Artikolu PA 02 22** — 2022

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 2 900 000 | 1 450 000 | | | 2 900 000 | 725 000 |

**Partita PA 02 22 01** — Azzjoni preparatorja — Skambju tas-Sikurezza tat-Toroq tal-UE +

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 900 000 | 450 000 | | | 900 000 | 225 000 |

## Kummenti:

EURSE (II) se jikkonsolida l-ħidma dwar l-iskambju tal-għarfien u l-aħjar prattika tal-proġett pilota u jespandi l-ambitu għal numru aktar ta' Stati Membri. Programm fit-tul jiżgura appoġġ kontinwu minn pari, li huwa essenzjali biex jinkisbu kemm miri nazzjonali kif ukoll Ewropej ħalli jitnaqqsu l-imwiet u l-korrimenti serji kkawżati minn inċidenti fit-toroq, kif ukoll livell għoli ta' viżibbiltà u sjieda għas-sikurezza tat-toroq fl-Istati Membri. Dan jipprovdi għodda u soluzzjonijiet ġodda bbażati fuq il-prattika internazzjonali tajba u jistabbilixxi sħubija konsistenti bejn il-pajjiżi. Azzjoni mmirata fuq suġġetti ewlenin se tgħin fit-tnaqqis tad-differenza sinifikanti fil-prestazzjoni relatata mas-sikurezza tat-toroq bejn l-Istati Membri.

L-azzjoni preparatorja se żżid in-numru ta' parteċipanti tal-proġett tal-Iskambju tas-Sikurezza tat-Toroq tal-UE u se tidentifika l-pajjiżi parteċipanti abbażi tal-potenzjal tagħhom li jiksbu titjib sinifikanti fis-sikurezza tat-toroq. Esperti fil-qasam tal-ġemellaġġ se jintgħażlu abbażi tal-esperjenza sostanzjata tagħhom fl-implimentazzjoni ta' miżuri effettivi ta' sikurezza tat-toroq fis-setturi ta' interess. L-azzjoni preparatorja se tistabbilixxi mekkaniżmu ġdid għall-iskambju u s-segwitu sistematiku bil-ħsieb li l-professjonisti fl-Istati Membri parteċipanti jkollhom l-għarfien u l-għodod neċessarji biex jintroduċu riformi fit-tul fis-sikurezza tat-toroq, b'mod konformi mal-pjanijiet nazzjonali ta' reżiljenza u rkupru. L-attivitajiet previsti jinkludu

gruppi ta' ħidma tematiċi online, żjarat ta' studji fil-post, kif ukoll segwitu sistematiku u konferenza finali biex jiġu kondiviżi l-għarfien u l-esperjenza ma' udjenza usa'.

## Bażi ġuridika:

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE) ) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

**Partita PA 02 22 02** — Azzjoni preparatorja — Data Spazjali tal-UE għal bastimenti awtonomi fil-passaġġi fuq l-ilma interni

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 2 000 000 | 1 000 000 | | | 2 000 000 | 500 000 |

## Kummenti:

It-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni qed jinbidel u jibbenefika minn teknoloġiji emerġenti li jwasslu għal settur aktar sikur, diġitali u aktar sostenibbli. L-operazzjonijiet tal-bastimenti awtonomi se jiftħu opportunitajiet ġodda ta' negozju, kif ukoll sfidi ġodda, li jappoġġaw id-diġitalizzazzjoni u l-isfidi tas-sostenibbiltà tal-UE. Id-data Spazjali tal-UE minn Galileo, EGNOS u Copernicus se tkun faċilitatur ewlieni ta' din it-trasformazzjoni, billi tiffaċilita informazzjoni affidabbli u robusta dwar il-pożizzjonament u immaġnijiet armonizzati tal-kanali navigabbli u tal-ambjent, meħtieġa għal operazzjonijiet awtonomi sikuri u ekoloġiċi.

Il-ħtieġa għal pożizzjonament preċiż ħafna u reżiljenti hija miftiehma għal operazzjonijiet bħal: navigazzjoni f'kanali navigabbli dojoq, passaġġi minn pontijiet, magħlaq tal-passaġġi fuq l-ilma interni, irmiġġ awtomatiku u operazzjonijiet ta' rmiġġ simultanji. Awtomazzjoni ulterjuri (mingħajr l-intervent tal-bniedem) tilqa' karatteristiċi addizzjonali li se jiġu pprovduti minn differenzjaturi ta' Galileo, li għadhom ma ġewx ingranati, bħall-awtentikazzjoni u l-integrità fil-pożizzjoni.

Id-definizzjoni ta' operazzjoni awtonoma tista' sserraħ fuq immaġnijiet robusti taż-żona li għandha tiġi nnavigata. Illum, l-operaturi u l-manifatturi jiddependu fuq diversi sorsi ta' data bħal din li twassal għal approċċ mhux armonizzat. Madankollu, l-immaġnijiet ta' Copernicus se jiżguraw approċċ omoġenju tal-UE, li jappoġġa l-integrazzjoni sikura ta' operazzjonijiet awtonomi simultanji kif ukoll l-integrazzjoni mat-traffiku bl-ekwipaġġ. L-azzjoni preparatorja għandha tiffoka fuq:

- Attendenza fi gruppi ta' ħidma eżistenti li jindirizzaw soluzzjonijiet għal bastimenti awtonomi, inklużi pjattaformi pubbliċi/privati differenti u intervistar ta' partijiet ikkonċernati industrijali ewlenin, bħal assoċjazzjonijiet tat-tbaħħir, operaturi tal-portijiet, awtoritajiet rilevanti tat-Trasport Marittimu u tal-Passaġġi fuq l-Ilma Interni;

- Kontribuzzjoni għall-ħidma ta' standardizzazzjoni fi ħdan is-CESNI (Comité Européen pour l'Élaboration de Standards dans le Domaine de Navigation Intérieure).

- Identifikazzjoni tar-rekwiżiti tal-utent għan-navigazzjoni sikura fil-passaġġi fuq l-ilma interni fejn bastimenti awtonomi, ppilotati mill-bogħod u ppilotati manwalment se jeżistu flimkien.

- Definizzjoni tal-kunċett ta' operazzjonijiet u l-ħtiġijiet tal-prestazzjoni tal-pożizzjonament għal operazzjonijiet differenti ta' bastimenti awtonomi.

- L-identifikazzjoni tal-isfidi ewlenin li jridu jingħelbu biex jiġi żgurat tħaddim sikur u pożizzjonament reżiljenti.

- Identifikazzjoni u analiżi tal-ostakli tekniċi u regolatorji (eż. nuqqas ta' standards u regolamentazzjoni), katina tal-valur tal-industrija u mudelli kummerċjali ġodda li jistgħu jitfaċċaw fin-navigazzjoni tal-passaġġi fuq l-ilma interni filwaqt li jittieħed vantaġġ mis-sinerġiji tridimensjonali bejn in-navigazzjoni bis-satellita, l-immaġni u t-telekomunikazzjoni.

- Identifikazzjoni tal-azzjonijiet possibbli fil-livell tal-Istati Membri, reġjonali u lokali biex tingħata spinta lill-iżvilupp tan-negozju, u jiġu appoġġati l-SMEs/negozji ġodda biex jipprovdu soluzzjonijiet ibbażati fuq l-ispazju tal-UE biex iwettqu l-kapaċità futura tal-bastimenti awtonomi tal-UE għall-passaġġi fuq l-ilma interni.

- Prototipar ta' tagħmir abbord li juża differenzjaturi ta' Galileo biex jindirizza l-ħtiġijiet ewlenin mhux koperti s'issa minn tagħmir eżistenti, b'enfasi fuq l-użu tal-awtentikazzjoni ta' Galileo għall-prevenzjoni ta' spoofing jew l-użu ta' sinjali foloz u għall-prevenzjoni tal-inċidenti. Prototipi ta' tagħmir żviluppati fi ħdan dan il-proġett pilota għandhom ikunu bbażati, meta jkunu disponibbli, fuq komponenti kummerċjali eżistenti kummerċjalment disponibbli.

- Disinn ta' każ ta' sikurezza b'immaġnijiet ta' Copernicus biex jiġu definiti l-passaġġi fuq l-ilma li għandhom jiġu ttestjati.

- Analiżi ta' kemm hemm bżonn li tiġi trażmessa informazzjoni biex ikun hemm mapep għan-navigazzjoni interna elettroniċi aġġornati u l-veloċità minima ta' komunikazzjoni biex tiggarantixxi operazzjoni sikura. Barra minn hekk, jiġi stabbilit jekk il-bastiment ikollux bżonn iniżżel l-informazzjoni tal-kanal navigabbli fil-port jew jekk jistax jagħmel dan waqt in-navigazzjoni.

- L-implimentazzjoni ta' diversi dimostrazzjonijiet tul passaġġi tal-ilma interni magħżula fejn huwa mistenni li fil-futur il-bastimenti awtonomi se jeżistu flimkien ma' bastimenti ppilotati manwalment. L-għan huwa li tintwera l-fattibbiltà u l-valur miżjud f'konformità mal-linji gwida tal-KE dwar Vapuri Marittimi Awtonomi tal-Wiċċ (MASS)

Il-bastimenti fid-dimostrazzjoni għandhom ikunu mgħammra mill-inqas bi:

o Riċevituri GNSS ta' livell għoli li jinkludu l-awtentikazzjoni ta' Galileo u l-EGNOS.

o Mezzi ta' komunikazzjoni b'bandwidth għolja:

- biex iniżżlu l-informazzjoni minn Copernicus relatata mal-kanal navigabbli;

- biex iniżżlu l-informazzjoni tal-kontorn tal-buq tal-bastimenti kollha li jinnavigaw fl-istess passaġġ fuq l-ilma intern;

- biex jibagħtu liċ-ċentru ta' monitoraġġ l-informazzjoni kollha tas-sensuri;

- biex jirċievu miċ-ċentru ta' monitoraġġ l-inputs tal-kontroll f'każ li jkun hemm il-ħtieġa li l-bastiment jitħaddem mill-bogħod.

o Kontribut għall-abbozzar ta' standard ġdid għar-rekwiżiti minimi għad-Data Spazjali tal-UE biex tiġi garantita navigazzjoni awtonoma sikura tal-bastimenti fil-passaġġi fuq l-ilma interni b'appoġġ għal inizjattivi regolatorji futuri.

## Bażi ġuridika:

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE) ) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

**Partita PA 03 12 01** — Azzjoni preparatorja — Innovazzjoni fl-Euromed: imprendituri għall-bidla

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

**Partita PA 03 15 01** — Azzjoni Preparatorja — Prodott tat-turiżmu Ewropew transnazzjonali marbut mal-kultura

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

**Partita PA 03 17 01** — Azzjoni Preparatorja — Il-Belt Kapitali Ewropea tat-Turiżmu

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

**Partita PA 03 18 01** — Azzjoni Preparatorja — Ewropa kulturali: promozzjoni tat-teżori Ewropej

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 600 000 | p.m. | 600 000 | p.m. | 600 000 | p.m. | 600 000 | p.m. | 600 000 |

**Partita PA 03 18 02** — Azzjoni preparatorja — Turiżmu li Jgħaqqad id-Dinja

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 450 000 | p.m. | 450 000 | p.m. | 450 000 | p.m. | 450 000 | p.m. | 450 000 |

**Partita PA 03 18 03** — Azzjoni preparatorja — Bini ta' kapaċitajiet intraprenditorjali għall-migranti żgħażagħ

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

**Partita PA 03 18 04** — Azzjoni preparatorja — Tħaffif tal-modernizzazzjoni industrijali bit-titjib tal-appoġġ għall-faċilitajiet ta' dimostrazzjoni pan-Ewropea – l-istampar 3D

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 239 707 | p.m. | 239 707 | p.m. | 239 707 | p.m. | 239 707 | p.m. | 239 707 |

**Partita PA 03 18 05** — Azzjoni preparatorja — Cir©Lean: Netwerk favorevoli għan-negozju biex l-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) fl-Unjoni jużaw l-opportunitajiet kummerċjali tal-ekonomija ċirkolari

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 476 540 | p.m. | 476 540 | p.m. | 476 540 | p.m. | 476 540 | p.m. | 476 540 |

**Partita PA 03 19 01** — Azzjoni preparatorja — Tnaqqis tal-qgħad fost iż-żgħażagħ — twaqqif ta' kooperattivi biex jissaħħu l-opportunitajiet ta' xogħol fl-Unjoni

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 249 069 | p.m. | 249 069 | p.m. | 249 069 | p.m. | 249 069 | p.m. | 249 069 |

**Partita PA 03 20 01** — Azzjoni preparatorja — Erasmus għal Imprendituri Żgħażagħ Global / Achieve Leadership in Entrepreneurship and Cooperation Opportunities

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 937 324 | p.m. | 937 324 | p.m. | 937 324 | p.m. | 937 324 | p.m. | 937 324 |

**Partita PA 03 20 02** — Azzjoni preparatorja — Ittestjar indipendenti tal-emissjonijiet f'sewqan reali (RDE) fit-triq biex jiġu żgurati informazzjoni wiesgħa u trasparenza għal sorveljanza aħjar tas-suq

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 399 872 | p.m. | 399 872 | p.m. | 399 872 | p.m. | 399 872 | p.m. | 399 872 |

**Partita PA 03 20 03** — Azzjoni preparatorja — Analiżi tal-konsegwenzi ta' sjieda komuni minn investituri istituzzjonali

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

**Partita PA 03 20 04** — Azzjoni preparatorja — Osservatorju tal-UE għar-Reati Fiskali u Finanzjarji – Bini ta' kapaċità b'appoġġ għat-tfassil tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tat-tassazzjoni

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 900 000 | p.m. | 900 000 | 1 200 000 | 1 500 000 | p.m. | 900 000 | 1 200 000 | 1 200 000 |

**Partita PA 03 20 05** — Azzjoni preparatorja — Valutazzjoni tal-allegati differenzi fil-kwalità tal-prodotti mibjugħin fis-suq intern

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 450 000 | p.m. | 450 000 | p.m. | 450 000 | p.m. | 450 000 | p.m. | 450 000 |

**Artikolu PA 03 21** — 2021

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

**Partita PA 03 21 02** — Proġett pilota — L-iżvilupp ta' metodi ta' sturdament li ma jikkawżawx avverżjoni għall-majjali

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

**Artikolu PA 03 22** — 2022

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 12 900 000 | 6 450 000 | | | 12 900 000 | 3 225 000 |

**Partita PA 03 22 01** — Azzjoni preparatorja — Analiżi tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-binjiet tal-UE

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 1 500 000 | 750 000 | | | 1 500 000 | 375 000 |

## Kummenti:

Il-binjiet huwa responsabbli għal madwar 40 % tal-konsum tal-enerġija tal-UE u għal 36 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra (GHG) minħabba l-konsum tal-enerġija tagħhom. Madankollu, matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tagħhom huma jikkunsmaw iktar enerġija minn hekk. Huwa stmat li l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-binjiet bħalissa jammontaw għal xi ħaġa eqreb għal 50 % tat-total tal-UE, iżda ma hemm l-ebda ċifra preċiża fil-livell tal-UE.

Għalhekk, il-kunċett tal-karbonju tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu ta' binja għandu jintuża biex jiġi kkunsidrat bis-sħiħ l-ammont totali ta' emissjonijiet tal-karbonju operattivi u inkorporati matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħha. Dan jinkludi erba' fażijiet ewlenin: Il-produzzjoni, il-proċess tal-kostruzzjoni, l-operat u t-tmiem tal-ħajja.

Hemm data disponibbli dwar l-emissjonijiet mill-industriji relatati mal-kostruzzjoni (eż. il-manifattura tal-azzar u tal-ħġieġ), madankollu, din hija biss parti waħda mill-istampa u approċċi oħrajn huma rilevanti wkoll biex jinftiehmu bis-sħiħ l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra tal-binjiet. Eżempji jinkludu l-estrazzjoni urbana u l-użu mill-ġdid ta' prodotti tal-kostruzzjoni, użu aktar effiċjenti tal-ispazji mibnija, azzjoni biex tittawwal il-ħajja operattiva tal-binjiet, u l-aħjar użu tal-materjali b'livell baxx ta' karbonju. Mingħajr ma wieħed jifhem l-iskala preċiża tal-kwistjoni fl-ekosistema kollha tal-kostruzzjoni, huwa diffiċli li jitfasslu risponsi ta' politika effettivi li kieku jiksbu tnaqqis massimu ta' gassijiet b'effett ta' serra b'mod kosteffettiv.

Hemm diversi sorsi ta' data potenzjali li jistgħu jippermettu li studju jikkalkula stima tal-emissjonijiet inkorporati tal-binjiet fil-livell tal-UE. Tipikament, kalkolu bħal dan ikun jeħtieġ stimi tal-volum tax-xogħol ta' kostruzzjoni mwettaq, liema materjali ġew manifatturati u użati fil-kostruzzjoni, liema tipi ta' binjiet inbnew/ġew rinnovati, l-erja tal-art u l-għoli/il-volumi mibnija, u kemm bogħod il-materjali ġew ittrasportati lejn is-sit. Iżda s-sorsi ta' tali data huma differenti, u ħadd ma wettaq tali kalkoli fil-livell tal-UE jew fil-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri. L-użu ta' tipoloġiji ta' binjiet ta' referenza jkun ta' għajnuna kbira għal dawn il-kalkoli, u jippermetti wkoll l-immudellar ta' xenarji li huma bbażati fuq binjiet tipiċi.

L-għan: din l-Azzjoni Preparatorja għandha l-għan li tfassal u tpoġġi fil-prattika metodoloġija biex tinġabar data ġdida u eżistenti dwar l-emissjonijiet inkorporati tal-istokk tal-bini tal-UE.

Il-proġett se jagħmel użu mit-tipoloġiji tal-binjiet ta' referenza biex jimmudella:

- Stampa sħiħa tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra attwali tal-istokk tal-bini tal-UE u

- L-impatt tax-xenarji ta' żieda fl-attività, bħal rati aċċellerati ta' rinnovazzjoni u l-adozzjoni ta' approċċi aktar ċirkolari fil-kostruzzjoni.

Il-proġett se jagħmel użu minn diversi sorsi ta' data disponibbli minn inizjattivi nazzjonali eżistenti, u jivvaluta l-utilità ta' sorsi oħrajn ta' data. Eżempji ta' sorsi bħal dawn jistgħu jinkludu l-Osservatorju tal-Istokkijiet tal-Bini tal-UE, l-Osservatorju Ewropew tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Eurostat, data nazzjonali (pereżempju dwar l-output tad-djar u tal-kostruzzjoni), informazzjoni li tinsab fiċ-Ċertifikati tal-Prestazzjoni tal-Enerġija (eż. karatteristiċi tal-kostruzzjoni, dati tal-kostruzzjoni/rinnovazzjoni, erja/dimensjonijiet tal-art tal-bini), u xogħol ta' riċerka inkluż stħarriġ ġdid fejn meħtieġ.

Eżitu mistenni:

- Id-data miġbura dwar l-emissjonijiet inkorporati tal-istokk tal-bini tal-UE se tipprovdi bażi għal interventi futuri, inkluża l-leġiżlazzjoni, fl-oqsma tal-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, il-politiki dwar l-enerġija u l-klima, kif ukoll il-ħolqien ta' riżorsa prezzjuża għal aktar riċerka.

- Il-proġett se jiżviluppa metodoloġija biex jintegra u jagħmel użu mis-sorsi ta' data eżistenti dwar il-karbonju inkorporat fil-binjiet, jidentifika l-lakuni u jiġbor sorsi ġodda ta' data, u jippermetti l-komparabbiltà u l-interoperabbiltà tad-data tant meħtieġa.

- B'hekk jipprovdi data ġdida dwar l-emissjonijiet GHG inkorporati fid-diversi fażijiet taċ-ċiklu tal-ħajja tal-binjiet, għal kull Stat Membru fl-istokk tal-bini kollu tal-UE.

Kontribut għal-leġiżlazzjoni tal-UE:

- L-Azzjoni Preparatorja tikkontribwixxi bil-kbir għall-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-objettivi tiegħu li jnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet b’effett ta' serra fis-settur tal-bini.

- Din l-Azzjoni Preparatorja tikkontribwixxi għall-azzjoni tal-"Mewġa ta' Rinnovazzjoni" "bl-iżvilupp ta' pjan direzzjonali tal-prestazzjoni tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu għall-2050 għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju mill-binjiet u l-avvanz fil-valutazzjoni komparattiva nazzjonali flimkien mal-Istati Membri", li huwa mistenni sal-2023.

- Ir-Regolament dwar il-Prodotti tal-Kostruzzjoni, id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart, u d-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija jibbenefikaw mir-riżultati ta' din l-Azzjoni Preparatorja.

- Fil-futur tista' tiġi prevista leġiżlazzjoni ġdida biex tindirizza b'mod speċifiku l-emissjonijiet kollha tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-binjiet tal-UE.

## Bażi ġuridika:

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE) ) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

**Partita PA 03 22 02** — Azzjoni preparatorja — L-iżvilupp ta' sistema għall-kejl awtomatizzat tat-tul tad-dnub u tal-leżjonijiet fi dnub il-ħnieżer fil-katina tat-tbiċċir

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 1 500 000 | 750 000 | | | 1 500 000 | 375 000 |

## Kummenti:

Minkejja l-isforzi sostanzjali tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Parlament Ewropew biex ixerrdu l-informazzjoni u l-aħjar prattika dwar iż-żamma tal-ħnieżer b'denbhom intatt, il-qtugħ regolari tad-denb għadu prattikat fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE, bi ksur tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/120/KE (id-Direttiva dwar il-Ħnieżer). Sabiex isir progress lejn il-konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Ħnieżer, huwa ta’ importanza kruċjali li jiġu mmonitorjati b’mod affidabbli u kosteffettiv il-livelli tal-qtugħ tad-dnub u tal-leżjonijiet fid-dnub fl-irziezet tal-ħnieżer kollha. Tali data tkun estremament utli għal finijiet konsultattivi, ta' valutazzjoni komparattiva u ta' infurzar potenzjali. Id-detezzjoni awtomatika tat-tul ta' dnub il-ħnieżer u tal-leżjonijiet fil-biċċerija tipprovdi l-aktar għodda promettenti għall-monitoraġġ uniformi u ġust tal-kundizzjoni tad-dnub fil-biċċeriji u fl-Istati Membri kollha. Diversi biċċeriji u Stati Membri huma interessati li jadottaw sistemi awtomatizzati biex ikunu jistgħu jkejlu t-tul ta' dnub il-ħnieżer u l-ħsara waqt il-qatla, iżda r-redditu fuq l-investiment s’issa għadu ma ġiex meqjus bħala għoli biżżejjed, speċjalment peress li ma hemm l-ebda sistema lesta għal applikazzjoni kummerċjali.

Din l-azzjoni preparatorja tikkonsisti fi sforz konġunt bejn ir-riċerkaturi, il-gvernijiet, is-sħab tal-industrija u l-NGOs fl-Istati Membri kollha biex tinħoloq sistema vvalidata, armonizzata u ġusta ta' valutazzjoni tat-tul tad-denb u tal-feriti permezz tal-kejl awtomatiku tal-leżjonijiet fil-biċċerija. Il-proġetti jikkonsistu fil-pakketti ta' ħidma li ġejjin: a) l-iżvilupp, il-kalibrazzjoni u l-ittestjar ta' sistema awtomatizzata bbażata fuq l-analiżi ta' filmati mill-kamera fil-biċċeriji kkaratterizzati minn kundizzjonijiet u livelli ta' qtugħ differenti; b) l-iżvilupp tas-software biex is-sistema tiġi konnessa mas-sistema tal-ICT tal-biċċeriji parteċipanti, u l-konverżjoni awtomatika tad-data f'rapporti; c) il-validazzjoni tas-sistema u tqabbil tal-eżiti ma' sorsi oħra ta' data, bħal valutazzjonijiet viżivi minn assessuri mħarrġa; d) il-valutazzjoni tal-funzjonalità u l-impatt tas-sistema (inklużi l-ispejjeż) billi r-riżultati jiġu diskussi mal-partijiet ikkonċernati rilevanti u e) l-ittestjar tas-sistema fil-prattika, l-ewwel nett bħala għajnuna għall-bdiewa biex ikomplu jirfinaw il-ġestjoni tal-azjendi agrikoli tagħhom biex jipprevjenu l-gdim tad-dnub u jevitaw il-qtugħ regolari tad-dnub.

## Bażi ġuridika:

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE) ) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

**Partita PA 03 22 03** — Azzjoni preparatorja — L-iżvilupp ta' għodod għad-diġitalizzazzjoni tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 900 000 | 450 000 | | | 900 000 | 225 000 |

## Kummenti:

L-objettiv tal-azzjoni preparatorja (AP) huwa li tappoġġa l-isfruttament ta' teknoloġiji ġodda biex jittejbu l-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq, anke bil-ħsieb li jingħelbu l-isfidi maħluqa mit-teknoloġiji l-ġodda u l-kummerċ elettroniku. Filwaqt li tibni fuq il-proġett pilota "Valutazzjoni tal-isfidi u l-opportunitajiet relatati mal-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq b'rabta mat-teknoloġiji l-ġodda u l-katina tal-provvista diġitali" u l-istudju finali tiegħu, l-għan tal-AP huwa li tgħin fl-iżvilupp ta' teknoloġiji, inkluża l-intelliġenza artifiċjali, li għandhom l-ogħla potenzjal li jappoġġaw lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq fil-kompiti ta' kuljum tagħhom. Eżempju wieħed huwa l-iżvilupp ta' għodda ta' kontroll tal-konformità tat-trekkjar tal-prodotti, li tippermetti lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jiksbu b'mod diġitali l-informazzjoni dwar il-prodott meħtieġa biex iwettqu l-ispezzjonijiet tagħhom billi jużaw sistema ta' skennjar li taqra l-ID tal-prodott. L-azzjoni preparatorja tista' tgħin ukoll il-finanzjament tal-iżvilupp ta' sistemi ta' sorveljanza tal-kummerċ elettroniku.

## Bażi ġuridika:

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE) ) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

**Partita PA 03 22 04 —** Preparatory action — Establishing basis for a tourism common policy

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 4 000 000 | 2 000 000 | | | 4 000 000 | 1 000 000 |

## Kummenti:

L-ambitu ta' din l-azzjoni preparatorja huwa li tħejji proposti bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' azzjonijiet futuri għall-ħolqien tal-bażi għal politika komuni futura għat-turiżmu, li tibni fuq il-ħidma li qed issir fil-kuntest tal-proġett pilota għall-kwalità tal-akkomodazzjoni turistika.

Trid tiġi żviluppata politika komprensiva Ewropea għat-turiżmu li tappoġġja l-ħolqien tal-Unjoni Ewropea tat-Turiżmu; Din il-politika għandha tiffaċilita t-turiżmu biex ikun hemm allinjament mal-Aġenda Diġitali u mal-Patt Ekoloġiku.

Biex tinħoloq il-bażi għal politika komuni għat-turiżmu, l-azzjoni preparatorja għandha tesplora għażliet biex jiġu żviluppati strumenti differenti bħal dawn li ġejjin: Il-bażi tad-data għal dawk li jfasslu l-politika, il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, l-appoġġ tekniku u amministrattiv għall-SMEs tat-turiżmu, id-diversifikazzjoni tal-prodott tat-turiżmu Ewropew bħat-turiżmu kulturali u sostenibbli, l-agroturiżmu, it-turiżmu tal-fawna selvaġġa, l-ekoturiżmu, ir-regoli komuni għat-turiżmu eċċessiv, mekkaniżmu għall-ġestjoni tal-kriżijiet, l-armonizzazzjoni tar-regoli u l-leġiżlazzjoni nazzjonali għall-attivitajiet kollha tat-turiżmu inklużi l-ħiliet u l-kwalifiki, skema Ewropea ta' garanzija tal-ivvjaġġar, il-promozzjoni tal-marka Ewropea f'pajjiżi terzi

L-azzjonijiet proposti huma:

- l-iżvilupp ta' aġenda tat-turiżmu bbażata fuq it-tagħlimiet meħuda minn nuqqasijiet skoperti mill-pandemija tal-COVID-19

- l-istabbiliment ta' kodiċi ta' prattiki tajba relatati mas-sistemi ta' klassifikazzjoni tal-istilel tal-lukandi

- żieda fis-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi dwar l-inkonsistenzi bejn is-sistemi ta' klassifikazzjoni tal-istilel tal-lukandi u bejn il-klassifikazzjoni tal-istilel u l-kwalità tas-servizzi

- qafas komuni għall-pjattaformi ta' akkomodazzjoni online relatat mal-volum u l-format tal-informazzjoni pprovduta mill-partijiet ikkonċernati

- qafas komuni għall-pjattaformi ta' akkomodazzjoni online sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jikkombinaw il-klassifikazzjonijiet u r-reċensjonijiet u jqabblu l-lukandi differenti

- għodda online biex tikkombina l-kritika tal-klijenti u l-klassifikazzjonijiet tal-istilel

- l-istabbiliment ta' qafas komuni ta' kriterji u proċeduri għal sistema ta' klassifikazzjoni tal-istilel tal-lukandi fil-livell tal-UE

- il-ħolqien ta' pjattaforma b'diversi partijiet ikkonċernati biex il-konsumaturi jkunu jistgħu jevalwaw il-kwalità tas-servizzi offruti abbażi tal-iskemi ta' kritika u ta' klassifikazzjoni tal-konsumaturi.

## Bażi ġuridika:

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE) ) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

**Partita PA 03 22 05** — Azzjoni preparatorja — L-operat tat-Tourism of Tomorrow Lab (Laboratorju tat-Turżmu ta' Għada - To of To Lab)

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 3 000 000 | 1 500 000 | | | 3 000 000 | 750 000 |

## Kummenti:

It-Tourism of Tomorrow Lab għandu l-għan li joħloq ċentru Ewropew ta' informazzjoni imprenditorjali għat-turiżmu. Dan huwa sħubija pubblika-privata tar-reġjuni, id-destinazzjonijiet, il-fornituri ta' servizzi ta' vjaġġar teknoloġiji, l-aġenziji ta' vjaġġar u aġenti oħra. Dan huwa pjattaforma ta' kooperazzjoni bejn id-destinazzjonijiet u għall-aġenti tat-turiżmu Ewropew mal-fornituri tad-data (big data, intermedjarji).

Hekk kif tfaċċat il-pandemija, dan il-proġett sar saħansitra aktar neċessarju fis-sitwazzjoni tal-ġestjoni tal-impatti tal-pandemija u l-irkupru tat-turiżmu kif ukoll tal-ippjanifikar tal-irkupru tat-turiżmu wara l-pandemija. Permezz tal-għodod xierqa sabiex jiġi evalwat l-impatt tal-COVID-19 fuq is-settur tat-turiżmu, id-destinazzjonijiet jistgħu jippreparaw ruħhom għax-xenarji possibbli mistennija. Ladarba d-destinazzjonijiet jifhmu s-sitwazzjonijiet differenti fil-ġejjieni, ikun utli li tiġi ttestjata l-evoluzzjoni tas-swieq prinċipali ta' oriġini tat-turiżmu u jiġu identifikati fi żmien utli s-sinjali ta' riattivazzjoni fuq livell dinji, nazzjonali, reġjonali u saħansitra lokali.

Il-proċess deċiżjonali diġà jintegra d-data tradizzjonali, għalkemm b'mod limitat ħafna (għal dijanjożi inizjali, għal azzjoni speċifika ta' politika jew għal analiżi finali). Il-big data, madankollu, tinvolvi spejjeż għolja għal ħafna mis-soluzzjonijiet disponibbli, teħtieġ infrastruttura teknika u tim tekniku b'kwalifiki għolja, mhux biss biex jinġema' l-ammont kbir tad-data biex din tkun tista' tinqara, iżda wkoll analisti tad-data li jkunu jistgħu jagħtu sens għal din id-data. Il-big data hija frammentata u teħtieġ ħidma normattiva kunsiderevoli ta' kunċettwalizzazzjoni u kejl.

Il-biċċa l-kbira tad-DMOs huma involuti f'relazzjoni (kummerċjali) mal-atturi tal-big data. It-Tourism of Tomorrow Lab se jikkomplementa u jsaħħaħ dawn ir-relazzjonijiet. Qed jiġu implimentati ħafna soluzzjonijiet tal-big data, iżda minħabba l-ispiża għolja tagħhom, dawn huma biss esperjenza "ta' darba", u ħafna drabi mhumiex użati biex isolvu problema reali jew biex jagħmlu mistoqsija speċifika.

Din l-azzjoni preparatorja se tappoġġa l-aggregazzjoni tad-data frammentata biex tipproduċi informazzjoni affidabbli b'mod koerenti, sabiex din id-data tkun tista' tintuża għat-tfassil ta' politika bbażat fuq evidenza.

Inkwantu tali, it-To of To Lab se jipprovdi servizzi bħala dipartiment komuni ta' data għal kull destinazzjoni involuta b'mod kooperattiv. Se joffri spazju għall-kompetizzjoni kooperattiva. Mhux se jkun maħżen ta' data fejn id-destinazzjonijiet ikunu jistgħu jiksbu kwalunkwe big data jew data tradizzjonali, iżda post fejn id-data tradizzjonali u l-big data jagħmlu sens flimkien sabiex jiġu solvuti problemi reali, jkun hemm adattament għall-patt ekoloġiku tal-UE, il-liġi tal-klima tal-UE u jingħata kontribut għall-kisba tan-newtralità għall-klima sal-2050.

Barra minn hekk, ir-rapport dwar l-istabbiliment ta' strateġija tal-UE għal turiżmu sostenibbli adottat f'Marzu 2021 mill-Parlament Ewropew appella għal Aġenzija Ewropea għat-Turiżmu fit-tul jew bħala soluzzjoni għal żmien qasir - il-ħolqien ta' dipartiment tat-turiżmu f'waħda mill-aġenziji eżekuttivi eżistenti. L-għan, fost oħrajn, huwa li l-UE u l-Istati membri tagħha jiġu provduti bid-data li ikunu jistgħu implimentaw strateġiji informati. Din l-azzjoni preparatorja hija l-ewwel fażi għall-implimentazzjoni ta' dan l-objettiv tal-Parlament Ewropew. Hija wkoll konformi mal-Istrateġija Ewropea għad-data u l-appell biex il-Kummissjoni tinkorpora t-turiżmu fil-qafas ta' governanza għall-ispazji komuni tad-data.

Għalhekk, l-azzjoni preparatorja se tikkonsisti f'li trendi possibbli t-tnedija operazzjonali tat-To of To permezz:

1. Ir-reklutaġġ tat-tim;

2. Il-ġabra tal-utenti - investituri u atturi pubbliċi u privati oħra fid-DMOs u atturi involuti fit-teknoloġiji tal-ivvjaġġar.

3. L-iżgurar tal-konnessjoni sistematika mal-entitajiet statistiċi uffiċjali biex il-metodoloġija To of To Lab tiddaħħal fil-prinċipji ta' kejl tat-turiżmu sostenibbli u fl-ETIS, diġà stabbiliti sew.

4. Il-ħolqien ta' metodoloġija komuni li tfittex il-koerenza u tappoġġa d-destinazzjonijiet fil-monitoraġġ tal-SDG u l-Patt Ekoloġiku;

5. L-implimentazzjoni tal-metodoloġija permezz ta' eżerċizzju pilota li jinvolvi d-destinazzjonijiet u li juża data reali.

## Bażi ġuridika:

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE) ) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

**Partita PA 03 22 06 —** Preparatory action — Transparency in public procurement

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 2 000 000 | 1 000 000 | | | 2 000 000 | 500 000 |

## Kummenti:

Ammont sinifikanti ta' investiment pubbliku jintefaq permezz tal-akkwist pubbliku, u l-akkwist elettroniku kien ta' benefiċċju fil-ġlieda kontra l-frodi, u dan irriżulta fi ffrankar għall-partijiet kollha, żieda fit-trasparenza u proċessi simplifikati u mqassra. F'dan il-kuntest, il-ħolqien ta' qafas Ewropew għat-tisħiħ tat-trasparenza fl-akkwist pubbliku jkun pass kruċjali 'l quddiem. Qafas bħal dan jista' jiġi implimentat permezz tas-sit web Tenders Electronic Daily (TED), li diġà jippermetti aċċess għal avviżi ta' akkwist pubbliku u jista' jsir għodda siewja biex tiġi analizzata u murija data dwar l-akkwist (eż. valuri ta' kuntratti mogħtija għal kull pajjiż, għal kull kumpanija, skont is-settur ta' attività, eċċ.; l-għadd ta' offerti għal kull proċedura; informazzjoni dwar is-sottokuntrattar, jiġifieri lejn pajjiżi terzi).

L-azzjoni preparatorja għandha tiffoka fuq it-titjib tan-normalizzazzjoni, l-aċċessibbiltà u t-trasparenza tad-data:

- irkupra, ipproċessa u aħżen kif xieraq id-data li tinsab fl-avviżi ppubblikati, għal tiftix u ġenerazzjoni mtejba ta' rapportar predefinit u personalizzat;

- implimenta viżwalizzazzjoni faċli għall-utent, ċara u evidenti tad-data rilevanti fit-TED, bl-użu ta' grafika, għodod dinamiċi u traduzzjoni awtomatika;

- awtomatizza iktar l-iskambju u l-validazzjoni tad-data bejn l-awtoritajiet nazzjonali u t-TED sabiex tillimita d-diskrepanzi u l-iżbalji, tnaqqas il-burokrazija u tiffaċilita l-użu mill-ġdid;

- ipprivileġġa l-użu ta' informazzjoni normalizzata, jiġifieri listi predefiniti ta' valuri aktar milli deskrizzjonijiet ta' test liberu, u ippromwovi l-użu ta' identifikaturi ewlenin, eż. xerrej, bejjiegħ;

- iġbor għarfien espert biex issib mudelli u iddefinixxi regoli li għandhom jintużaw fil-bini ta' sistemi ta' esperti awtomatizzati għall-identifikazzjoni ta' ksur/frodi abbażi ta' data tat-TED;

- iġbor l-aħjar prattiki rigward l-iskambju awtomatizzat tad-data fil-fluss tax-xogħol tal-akkwist fl-Istati Membri u bejniethom;

- ippromwovi proġetti innovattivi biex iżżid il-kompletezza, il-preċiżjoni, l-aċċessibbiltà u l-leġġibbiltà tad-data tat-TED.

## Bażi ġuridika:

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE) ) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

**Partita PA 07 20 02** — Azzjoni preparatorja — Programmi sportivi tal-massa u innovazzjoni fl-infrastruttura

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 1 182 364 | p.m. | 1 182 364 | 2 000 000 | 2 182 364 | p.m. | 1 182 364 | 2 000 000 | 1 682 364 |

## Kummenti:

L-isport tal-massa huwa qasam tradizzjonali u li jevolvi bil-mod. Is-soċjetà inġenerali u l-ħtiġijiet u l-preferenzi tal-individwi fir-rigward tal-isport, madankollu, jinbidlu aktar malajr. Fil-fatt, iċ-ċifri tal-parteċipazzjoni jitfgħu dawl fuq diskrepanza dejjem akbar bejn l-offerta ta' opportunitajiet għall-isport permezz ta' organizzazzjonijiet sportivi tradizzjonali u d-domanda għall-isport mill-individwi. Il-mod kif inhuma organizzati l-assoċjazzjonijiet u l-klabbs sportivi u l-fatt li huma nieqsa mill-innovazzjoni ma jħalluhomx jindirizzaw din il-lakuna. Dan il-proġett jisfida lill-partijiet li jinsabu barra mill-istruttura sportiva tradizzjonali biex jipproponu soluzzjonijiet innovattivi ħalli l-offerta sportiva tkun allinjata mad-domanda tal-individwi fil-livelli kollha, u biex tiġi provduta ekosistema ta' innovazzjoni sportiva biex isir possibbli li jiġu offruti lill-pubbliku ġenerali, aktar malajr, modi ġodda ta' kif jista' jintlagħab l-isport.

Sabiex tinħoloq ekosistema innovattiva li tiffunzjona għall-organizzazzjonijiet tal-isport tal-massa, hemm bżonn ta' żewġ affarijiet: programmi rikreattivi (soft programmes) ġodda li joffru l-isport b'modi ġodda u infrastruttura sportiva flessibbli li tkun kapaċi tospita sports differenti f'post wieħed.

Din l-azzjoni preparatorja tidentifika u tittestja diversi innovazzjonijiet promettenti fiż-żewġ kategoriji. Biex dan jirnexxi, ikunu qed jiġu organizzati sfidi għall-innovazzjoni li jagħżlu u jippremjaw innovazzjonijiet promettenti min-naħa ta' kwalunkwe parti interessata (istituzzjonijiet, kumpaniji, negozji ġodda, individwi jew partijiet oħra), li jistgħu jiġu introdotti u ttestjati fuq perjodu sostanzjali (minimu ta' sitt xhur). Il-finanzjament jiġi investit fi programmi rikreattivi u f'infrastruttura sportiva (żgħira) ġdida.

L-eżiti mistennija minn din l-azzjoni preparatorja għandhom jinkludu:

– l-iżvilupp ta' forom ġodda ta' prattiki kif ukoll programmi rikreattivi li jippromwovuha;

– integrazzjoni aħjar ta' modi ġodda ta' kif wieħed jipprattika l-isport u l-attività fiżika fl-offerta ta' federazzjonijiet u organizzazzjonijiet sportivi tradizzjonali;

– żieda fil-parteċipazzjoni tal-ġenerazzjonijiet żgħażagħ fl-isport;

– l-iżvilupp ta' faċilitajiet sportivi ħfief, li jikkomplementaw direttament ir-riżultati preċedenti mistennija.

L-organizzazzjoni applikanti trid tkun ibbażata f'wieħed mill-Istati Membri tal-UE.

**Partita PA 07 21 01** — Azzjoni preparatorja — Pjattaformi medjatiċi Ewropej

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 4 784 000 | p.m. | 4 784 000 | 6 000 000 | 7 784 000 | p.m. | 4 784 000 | 6 000 000 | 6 284 000 |

## Kummenti:

Bil-għan li tikkontribwixxi għas-sovranità diġitali tal-Ewropa u għall-Isfera Pubblika Ewropea, din l-azzjoni preparatorja tadatta mezzi teknoloġiċi eżitenti u tiżviluppa aktar soluzzjonijiet biex toħloq pjattaforma li kapaċi ttejjeb l-aċċess taċ-ċittadini Ewropej għal-informazzjoni ta' fiduċja mill-Ewropa kollha.

Tali pjattaforma ssostni proġetti editorjali u medjatiċi kollaborattivi, bl-involviment ta' xandara u pubblikaturi mill-Ewropa kollha, biex jintlaħqu udjenzi akbar. L-istrumenti tekniċi pprovduti mill-pjattaformi jikkombinaw soluzzjonijiet teknoloġiċi eżistenti u jinkludu moduli ta' traduzzjoni (traduzzjoni awtomatika ta' testi, traskrizzjoni awtomatika tat-taħdit u interpretazzjoni awtomatika), teknoloġiji bbażati fuq l-intelliġenza artifiċjali, magni tat-tiftix, algoritmi trasparenti u/jew rakkomandazzjonijiet dwar il-kontenut. Din il-pjattaforma tagħti liċ-ċittadini informazzjoni kuntestwalizzata mill-Ewropa kollha, li jistgħu jaċċedu għaliha permezz ta' offerti online magħrufa sew, u b'hekk jiġi żgurat perċentwal ta' pubbliku mdaqqas u tiġi sostnuta l-kooperazzjoni pan-Ewropea fir-rapportar oriġinali.

Sistema ta' identifikazzjoni tipprovdi liċ-ċittadini aċċess minn kwalunkwe apparat kif ukoll personalizzazzjoni tal-esperjenza tagħhom. Ix-xandara u l-pubblikaturi jikkooperaw mal-iżviluppaturi teknoloġiċi li jadattaw it-teknoloġija eżistenti biex jiżguraw soluzzjonijiet li jistgħu jintużaw faċilment. Is-soluzzjonijiet tekniċi jistgħu jiġu applikati għal ġeneri oħra ta' kontenut (eż. edukazzjoni, sport, divertiment) u jiġu integrati fl-applikazzjonijiet diġitali differenti (eż. (Re) Players apps, apps tal-aħbarijiet) tax-xandara. Is-soluzzjonijiet tekniċi jikkombinaw teknoloġiji eżistenti bbażati fuq l-IA u b'sors miftuħ u japplikaw trasparenza massima fir-rigward tal-algoritmi. L-utenti jiġu infurmati dwar għaliex ikunu qed jaraw dak li jaraw.

Fl-ewwel sena tal-azzjoni preparatorja, il-faċilitajiet tat-traduzzjoni jkunu lesti għal massimu ta' bejn tmienja u għaxar lingwi (Ingliż, Ġermaniż, Franċiż, Taljan, Spanjol u minn tlieta sa ħames lingwi Ewropej oħra, li jirrappreżentaw ir-reġjuni ġeografiċi differenti). Regoli trasparenti u miftiehma li jkopru l-aspetti editorjali u legali kif ukoll il-flussi tax-xogħol tekniċi jipprovdu bażi ta' kooperazzjoni ċara.

Matul it-tieni sena tal-azzjoni preparatorja, il-bażi tas-sħab tiġi estiża u l-għadd ta' lingwi jiżdied għal – tal-anqas – 15-il lingwa uffiċjali Ewropea. Il-proġett huwa bbażat fuq valuri komuni, ir-rispett tad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, u jiggarantixxi ambjent sikur għaċ-ċittadini Ewropej. Il-proġett jista' jkun ikkomplementat minn proġetti oħra offruti mix-xandara (eż. kullani ta' dokumentarji, programmi speċifiċi għal pubbliku ta' età żgħira). Partijiet ikkonċernati oħrajn, eż. mużewijiet u libreriji, ikunu mistiedna jipparteċipaw jekk ikunu jħaddnu l-istess valuri.

**Partita PA 07 21 03** — Azzjoni Preparatorja — Il-kitba fil-kuntest Ewropew

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 1 800 000 | p.m. | 1 800 000 | 3 000 000 | 3 300 000 | p.m. | 1 800 000 | 3 000 000 | 2 550 000 |

**Artikolu PA 07 22** — 2022

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 9 000 000 | 4 500 000 | | | 9 000 000 | 2 250 000 |

**Partita PA 07 22 01** — Azzjoni preparatorja — Sfera pubblika Ewropea: offerta medjatika online ġdida għaż-żgħażagħ Ewropej

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 9 000 000 | 4 500 000 | | | 9 000 000 | 2 250 000 |

## Kummenti:

Din l-azzjoni preparatorja tindirizza l-lakuna eżistenti fl-ikkomunikar tal-Ewropa lill-ġenerazzjonijiet żgħażagħ Ewropej, billi toħloq sfera medjatika pubblika verament transnazzjonali u tagħti stampa aħjar tas-sens ta' għaqda, li qiegħed fil-qofol tal-identità Ewropea u huwa rifless f'kultura komuni, stil ta' ħajja simili u valuri kondiviżi. Il-politika eżistenti hija mmirata primarjament lejn it-tisħiħ u t-trasformazzjoni diġitali ta' settur medjatiku li qed jitħabat u li ġie affettwat b'mod sever mill-pandemija. Madankollu, l-appoġġ għat-tkabbir ta' spazji medjatiċi li jiġġeneraw skambju pubbliku fil-livell Ewropew huwa limitat, minkejja l-importanza tiegħu u n-nuqqas ta' inizjattivi vijabbli ttestjati.

Bil-għan li jinbeda djalogu ġdid dwar l-Ewropa permezz ta' temi u suġġetti rilevanti u li ż-żgħażagħ Ewropej jiġu attirati lejn l-ideat u l-valuri Ewropej, u anke sabiex tingħata s-setgħa lil ċittadini tassew Ewropej permezz tal-pjattaformi diġitali, l-azzjoni preparatorja ssostni u twessa' approċċ radikalment ġdid li jipprovdi informazzjoni affidabbli u spazju sikur ta' dibattitu liż-żgħażagħ permezz tal-midja soċjali, is-sors ewlieni ta' informazzjoni u komunikazzjoni tagħhom.

L-indħil barrani fuq il-midja soċjali sar theddida reali għad-demokrazija u l-koeżjoni tal-Ewropa. In-narrattiva dwar l-UE u l-Ewropa għandha tkun immexxija mill-Ewropej u mhux mgħoddija lil sorsi barranin li jkollhom kull intenzjoni li jdgħajfu l-koeżjoni Ewropea. Il-kontenut u l-pjattaformi ffinanzjati bħala parti minn din l-azzjoni preparatorja għandhom l-għan li jagħtu kontribut importanti għall-proċess tat-twettiq tas-"sovranità diġitali" tal-Ewropa li, għaliha, l-infrastruttura diġitali neċessarja u l-kapaċità għall-ħolqien ta' kontenut medjatiku impenjattiv u affidabbli huma importanti bl-istess mod.

L-azzjoni preparatorja hi bbażata fuq proġett pilota li jistabbilixxi kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet tal-midja Ewropej biex jinħoloq kontenut ta' suċċess għall-midja soċjali u kunċetti innovattivi ta' filosofija editorjali kollaborattiva pan-Ewropea. Il-proġett pilota inizjalment kien immirat biex jiġi implimentat f'mhux inqas minn ħames lingwi tal-UE; l-azzjoni preparatorja tiżgura t-twessigħ tal-proġett għal għadd akbar ta' lingwi tal-Unjoni, pass kruċjali biex jintlaħaq sehem aktar rappreżentattiv ta' żgħażagħ Ewropej. Flimkien mal-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea, l-Att dwar is-Servizzi Diġitali għandu l-għan li jrażżan it-tixrid ta' kontenut illegali u ħsara lis-soċjetà online. Filwaqt li l-kontenut illegali jeħtieġ li jiġi identifikat, evidenzjat u mneħħi, huwa kruċjali li fl-istess ħin jiġi miġġieled b'informazzjoni affidabbli u ta' min joqgħod fuqha. Din l-azzjoni preparatorja tikkontribwixxi ħafna għal dan il-għan billi tiffoka fuq il-pjattaformi tal-midja soċjali, li jikkostitwixxu ambjent fejn id-diżinformazzjoni hija partikolarment prevalenti. Il-kontenut jittratta suġġetti li huma ta' interess jew tħassib ċert għaż-żgħażagħ Ewropej, bħall-edukazzjoni u l-ħiliet, il-pandemija tal-COVID-19, il-ġeneru u d-diversità jew is-sostenibbiltà u t-tibdil fil-klima, u se jitqiegħed f'kuntest sabiex ikun konvinċenti u attraenti għall-grupp fil-mira. Il-perspettiva Ewropea tinħoloq billi jitqabblu l-esperjenzi reġjonali u l-fehmiet personali dwar kwistjonijiet ta' importanza pan-Ewropea. L-għan hu li jiġu indirizzati suġġetti rilevanti ta' importanza pan-Ewropea u li fl-istess ħin jinħoloq forum għall-perspettivi lokali, li jippermetti lill-utenti żgħażagħ jidentifikaw b'mod qawwi mal-kontenut. L-azzjoni preparatorja tiddedika attenzjoni partikolari biex jiġu indirizzati udjenzi li mhumiex kożmopolitani, kif ukoll żgħażagħ Ewropej b'inqas opportunitajiet, bil-lingwa materna tagħhom.

Din l-inizjattiva pan-Ewropea u multilingwi ambizzjuża toħloq dibattiti miftuħin, reali, profondi u kostruttiv,i kemm offline kif ukoll online, dwar il-ħajja tal-lum u tal-futur fl-Ewropa fost iż-żgħażagħ Ewropej, bl-użu ta' formati innovattivi fuq pjattaformi diġitali, u bl-iskop aħħari li jinħoloq għarfien akbar dwar il-viżjonijiet u r-realtajiet tal-Ewropa u jkun hemm impenn akbar min-naħa taċ-ċittadini lejn il-valuri u l-ideat Ewropej, sabiex sussegwentement jikkontribwixxu favur soċjetà ċivili aktar attiva. Il-pjan ta' azzjoni għall-appoġġ tal-irkupru u t-trasformazzjoni tas-settur medjatiku u s-settur awdjoviżiv għandu wkoll l-għan li jippromwovi ġurnaliżmu kollaborattiv u transfruntier, abbażi tal-kondiviżjoni u n-networking tal-aħjar prattiki f'dan il-qasam. Din l-azzjoni preparatorja hija ta' benefiċċju kbir għal dan l-objettiv, billi tappoġġja dawn l-aħjar prattiki b'rabta mal-kooperazzjoni transfruntiera u anke mal-innovazzjoni fis-settur tal-midja.

Din l-azzjoni preparatorja, li hi allinjata ma' għadd kbir ta' objettivi tal-UE u tibni fuq inizjattivi eżistenti, timla l-lakuna ta' appoġġ deċiżiv għas-sfera pubblika Ewropea billi tmexxi l-innovazzjoni fl-ispazju medjatiku Ewropew biex tistimula dibattitu fit-tul dwar futur komuni fost iż-żgħażagħ Ewropej.

## Bażi ġuridika:

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE) ) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

**Artikolu PA 09 22** — 2022

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 4 500 000 | 2 250 000 | | | 4 500 000 | 1 125 000 |

**Partita PA 09 22 01** — Azzjoni preparatorja — Punt Ċentrali ta' Koordinament tal-UE għall-Fjuwils Sostenibbli għall-Avjazzjoni (SAF)

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 2 000 000 | 1 000 000 | | | 2 000 000 | 500 000 |

## Kummenti:

L-għan primarju ta' Punt Ċentrali ta' Koordinament tal-UE jkun li jappoġġja l-produtturi li jkunu jixtiequ jiċċertifikaw Fjuwils Sostenibbli għall-Avjazzjoni (SAF) abbażi tal-istandards ta' speċifikazzjoni fil-qasam tal-fjuwils, biex b'hekk tinħoloq kapaċità unika u indipendenti fil-livell Ewropew. Dan ineħħi wkoll l-ostakli tekniċi għaż-żieda fl-użu tal-SAF.

Ikunu koperti d-definizzjoni, il-validazzjoni u l-isperimentazzjoni tal-kunċett applikabbli fl-Ewropa billi jiġu stabbiliti l-kapaċitajiet u l-għodod Ewropej neċessarji.

## Bażi ġuridika:

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE) ) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

**Partita PA 09 22 02** — Azzjoni preparatorja — EU Grassland Watch

| Abbozz tal-baġit 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2022 | | Il-pożizzjoni tal-Parlament 2022 | | Abbozz tal-Baġit Rivedut 2022 | | Konċiljazzjoni 2022 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| | | | | 2 500 000 | 1 250 000 | | | 2 500 000 | 625 000 |

## Kummenti:

Il-bwar naturali u seminaturali huma fost l-aktar ekosistemi rikki Ewropej f'termini tad-diversità tal-ispeċijiet tal-pjanti, tal-insetti u tal-għasafar. Ħafna siti tan-Natura 2000 madwar l-UE ġew legalment iddeżinjati biex iżommu u jirrestawraw din il-bijodiversità straordinarja tal-bwar u s-servizzi tal-ekosistema li joħorġu minnhom. Il-bwar ta' spiss jiddependu fuq reġimi ta' ġestjoni ddedikati bħall-ħsad jew ir-ragħa. Minkejja livell għoli ta' protezzjoni fuq il-karta u diversi inizjattivi ta' konservazzjoni u restawr li rnexxew

fil-livell lokali, il-bijodiversità tal-bwar tan-Natura 2000 sofriet aktar tnaqqis matul dawn l-aħħar ftit deċennji. Biex dan jinbidel, huwa kruċjali li jinżammu l-prattiki meħtieġa tal-ħsad u tar-ragħa, b'input baxx ta' fertilizzanti, fuq skala ta' pajsaġġ, bħala parti minn sistema ta' biedja sostenibbli u ekonomikament vijabbli.

L-evoluzzjoni tal-kopertura tal-bwar fi ħdan in-Natura 2000 f'ċerti partijiet tal-UE qed tiġi mmonitorjata dejjem aħjar. Din l-informazzjoni għadha eteroġenja ħafna u spiss ma tkunx aċċessibbli faċilment għall-pubbliku. Barra minn hekk, id-data dwar l-effettività relattiva tal-ġestjoni tas-siti tan-Natura 2000 hija fil-biċċa l-kbira nieqsa. Il-kapaċitajiet ta' osservazzjoni tad-dinja msaħħa tal-UE permezz tal-programm COPERNICUS tagħha joffru potenzjal ta' osservazzjoni mingħajr preċedent għall-immappjar u l-monitoraġġ tal-kopertura tal-art bi preċiżjoni għolja. Il-katalgu attwali ta' Copernicus ta' prodotti tal-kopertura tal-art għan-network Natura 2000 jiġi aġġornat biss darba kull 6 snin u joffri informazzjoni l-aktar ġenerika dwar il-kopertura tal-art li fil-biċċa l-kbira tintuża mill-esperti. Bħala tali, il-potenzjal li jiġu applikati dawn il-kapaċitajiet ta' osservazzjoni għall-monitoraġġ u l-ġestjoni tal-bwar għadu mhux sfruttat bis-sħiħ.

L-ewwel fażi: Proġett pilota "Copernicus għan-network Natura 2000"

Lejn l-aħħar tal-2019, tnieda l-proġett pilota "Copernicus għan-network Natura 2000" (COP4N2K) biex it-teknoloġija Copernicus tintuża biex jiġu mmonitorjati aħjar is-siti tan-Natura 2000. Dan il-proġett ħoloq sistema mudell awtomatizzata għat-traċċar tal-evoluzzjoni tal-kopertura tal-bwar fin-network Natura 2000 tal-Ewropa fuq bażi annwali, li pproduċiet mapep dettaljati tal-kopertura tal-art mill-1992 (meta ġiet adottata d-Direttiva dwar il-Ħabitats). Qed isiru sforzi biex jiġi żgurat li udjenza kbira, inklużi l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri, il-maniġers taż-żoni protetti, l-utenti tal-art u l-pubbliku ġenerali, ikunu jistgħu jaċċessaw u jifhmu x-xejriet u l-indikaturi pprovduti korrispondenti relatati mal-bwar. Id-data kollha qed issir pubblika permezz tal-Viewer online dedikat "EU Grassland Watch".

It-tieni fażi: Azzjoni preparatorja "EU Grassland Watch"

L-ewwel fażi tal-proġett pilota se tintemm tard fl-2021 b'riżultati promettenti. Evalwazzjoni interim għamlitha ċara li se tkun meħtieġa t-tieni fażi ta' appoġġ tal-UE għall-proġett pilota biex jiġi żgurat segwitu f'waqtu għall-implimentazzjoni u l-aċċessibbiltà sħaħ. L-azzjoni preparatorja se tiffoka fuq erba' punti ewlenin li jeħtieġu żvilupp ulterjuri sinifikanti:

1) ir-riżorsi disponibbli fl-ewwel fażi koprew biss nofs is-siti kollha tan-Natura 2000 b'okkorrenza sinifikanti ta' bwar. It-tkabbir se jippermetti li titlesta l-istampa (storika) tal-bwar tan-Natura 2000 tal-UE.

2) il-kwalità tal-mapep disponibbli se tibbenefika minn titjib riċenti fl-identifikazzjoni ta' tipi differenti ta' bwar u riżoluzzjonijiet spazjali ogħla.

3) l-informazzjoni dwar il-kopertura attwali tal-bwar se tiġi rfinuta aktar fil-livell tas-sit billi ssir rabta ma' bażijiet ta' data amministrattivi eżistenti, bħas-Sistemi ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art (LPIS) nazzjonali. Dan se jgħin biex jinforma l-ġestjoni xierqa tas-sit.

4) il-proġett se jgħin biex iqarreb l-informazzjoni ġeospazjali dwar il-bwar lejn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u partijiet ikkonċernati ewlenin oħra permezz ta' (1) sit web pubbliku interattiv u aġġornat regolarment; u (2) sensiela ta' interazzjonijiet diretti (eż. taħriġ dwar il-webinar, żjarat fuq il-post, eċċ.) ma' atturi magħżula fil-livelli nazzjonali jew reġjonali. Dawn l-inizjattivi jistgħu jimlew il-lakuni teknoloġiċi billi jgħinu lill-partijiet ikkonċernati jifhmu l-benefiċċju ta' dawn l-għodod u jużaw l-informazzjoni disponibbli, u min-naħa tagħhom jaqsmu l-ħtiġijiet prattiċi tagħhom biex jinfurmaw l-iżviluppi futuri.

L-"EU Grassland Watch" li tiffunzjona bis-sħiħ tista' tgħin lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jimmonitorjaw aħjar il-bijodiversità, il-pressjonijiet li tiffaċċja u s-sostenibbiltà tal-bwar protetti tan-Natura 2000. Iż-żieda fit-trasparenza u l-aċċessibbiltà mhux biss se tgħin biex jiġu evitati impatti negattivi futuri, iżda wkoll biex jitreġġa' lura t-tnaqqis storiku billi jiġu identifikati żoni ta' prijorità għar-restawr tal-bwar.

**Bażi ġuridika:**

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE) ) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

---